Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 23 ta' Novembru 2022**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0425(COD)**

**15111/1/21**
**REV 1**

**ENER 562**
**ENV 1016**
**CLIMA 457**
**IND 389**
**RECH 570**
**COMPET 917**
**ECOFIN 1261**
**CODEC 1670**
**IA 211**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 803 final/2 |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 803 final/2.

---

Mehmuż: COM(2021) 803 final/2

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.11.2022
COM(2021) 803 final/2

2021/0425 (COD)

CORRIGENDUM

This document corrects document COM (2021) 803 final of 15.12.21

Concerns all language versions.

The text shall read as follows:

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu**

{SEC(2021) 431} - {SWD(2021) 455} - {SWD(2021) 456} - {SWD(2021) 457} - {SWD(2021) 458}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

1.1 Introduzzjoni

L-Unjoni Ewropea fasslet għan ambizzjuż li tkun l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050. Biex jilħqu dan l-għan, l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew qablu, fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mill-anqas 55% sal-2030. Biex tilħaq dawn il-miri, u fl-istess waqt tgħin għall-kompetittività, għat-tkabbir u għall-impjiegi, is-sistema tal-enerġija teħtieġ bidla sistemika: Irridu nnaqqsu l-użu tal-fjuwils fossili – inkluż il-gass fossili – u nżidu s-sorsi rinnovabbli. Għaldaqstant, illum jeħtieġ infasslu tranżizzjoni ambizzjuża tas-settur tal-gass lejn il-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju.

Il-gass fossili jikkostitwixxi madwar 95% tal-fjuwils gassużi kkonsmati llum fl-UE. Il-fjuwils gassużi jirrappreżentaw madwar 22% tal-konsum totali tal-enerġija tal-UE ta' żmienna (fosthom madwar 20% tal-produzzjoni tal-elettriku tal-UE u 39% tal-produzzjoni tas-sħana). Skont ix-xenarji rilevanti użati fil-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika, is-sehem tal-fjuwils gassużi fil-konsum tal-enerġija totali tal-UE fl-2050 ikun madwar 20%. Il-fjuwils gassużi se jkollhom sehem importanti fit-taħlita enerġetika sal-2050, u dan jeħtieġ id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-gass bi tfassil progressiv tas-swieq kompetittivi tal-gass dekarbonizzat. Minkejja l-kontribut żgħir tagħhom fit-taħlita enerġetika attwali tal-UE, il-bijogass, il-bijometan, l-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, u l-metan sintetiku (ilkoll flimkien imsejħa "gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju") jirrappreżentaw madwar żewġ terzi (2/3) tal-fjuwils gassużi fit-taħlita enerġetika tal-2050, filwaqt li l-gass fossili bis-CCS/U (qbid, ħżin u użu tal-karbonju) jirrappreżenta l-kumplament. Din l-inizjattiva hi wkoll parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55%". Din tkopri t-tfassil tas-suq tal-gassijiet, inkluż l-idroġenu. Din se tneħħi l-ostakli regolatorji eżistenti u toħloq il-kundizzjonijiet biex dan iseħħ b'mod kosteffettiv. Hi parti importanti mit-tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija integrata li tnaqqas kemm jista' jkun il-kostijiet tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika, b'mod partikolari għall-konsumaturi u tipprovdi opportunitajiet ġodda biex jorħsu l-kontijiet tal-enerġija u għal parteċipazzjoni attiva fis-suq.

L-idroġenu mistenni jintuża l-aktar fl-oqsma li ma jippermettux l-elettrifikazzjoni, inkluż fl-industrija intensiva fl-enerġija tal-lum (bħar-raffineriji, il-fertilizzanti, u l-produzzjoni tal-azzar) u ċerti setturi tat-trasport heavy-duty (bħat-trasport marittimu, l-avjazzjoni, u l-vetturi tqal fuq distanzi twal). L-iżvilupp ta' infrastruttura apposta għall-idroġenu hu meħtieġ biex jinħataf il-potenzjal kollu tal-idroġenu għal dawn l-applikazzjonijiet speċifiċi tal-użu finali. Il-promozzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju għandha l-objettiv li dawn is-setturi jiġu dekarbonizzati, tiżdied il-flessibbiltà tas-sistema tal-elettriku permezz tat-teknoloġiji power-to-X, tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista billi tonqos id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-gass naturali, u ikun permess il-ħżin (u l-produzzjoni) tal-elettriku. B'hekk ikun jistgħu jingħaqdu flimkien bosta setturi tal-ekonomija, flimkien ma' forom oħra ta' ħżin u flessibbiltà, bħall-batteriji u r-rispons għad-domanda. Bl-istess mod, dan se jappoġġa l-awtoproduzzjoni u l-użu intelliġenti tal-provvista tal-enerġija distribwita, u jgħin għal awtonomizzazzjoni akbar fost il-konsumaturi. Il-konsumaturi jeħtieġu wkoll informazzjoni ċara u aċċessibbli faċilment biex tgħinhom jibdlu x-xejriet tal-konsum tal-enerġija u jaqilbu għal soluzzjonijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, bħalma jistgħu jagħmlu fis-suq tal-elettriku.

Bil-mira li jinkiseb idroġenu rinnovabbli massimu mill-2030 'il quddiem, fl-immedjat u fi żmien medju, jistgħu jintużaw forom oħra ta' gassijiet b'livell baxx tal-karbonju b'mod

partikolari l-idroġenu b'livell baxx tal-karbonju, biex qabelxejn inaqqsu malajr l-emissjonijiet tal-produzzjoni eżistenti tal-idroġenu u jappoġġaw l-adozzjoni paralleli u futura tal-idroġenu rinnovabbli. Bi qbil mal-istrateġija tal-UE għall-idroġenu, il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli fl-UE jenħtieġ li tilħaq il-miljun tunnellata sal-2024 u tasal sa 10 miljuni sal-2030. Minn hemm 'il quddiem, l-idroġenu rinnovabbli jenħtieġ li jiġi varat fuq skala kbira u jieħu post l-idroġenu b'livell baxx tal-karbonju.

Għal żvilupp effiċjenti u sostenibbli tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, u anki tas-suq tal-idroġenu jeħtieġ jiġi adattat il-qafas tas-suq. Dan għax il-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju llum qed iġarrbu ostakli regolatorji biex jaċċessaw is-suq u l-grilja, u dan ipoġġihom fi żvantaġġ komparattiv meta mqabbla mal-gass naturali. Barra minn hekk, biex jiġi stabbilit suq tal-gass dekarbonizzat u dan jgħin fit-tranżizzjoni tal-enerġija, jeħtieġ ikollna ishma ferm akbar ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli f'sistema tal-enerġija integrata bil-parteċipazzjoni attiva tal-konsumaturi fis-swieq kompetittivi. Jenħtieġ li dan jippermetti lill-konsumaturi jgawdu minn prezzijiet affordabbli, standards tajba tas-servizz, u għażla effettiva ta' offerti li jirriflettu l-iżviluppi teknoloġiċi.

Aktarx li b'mod paralleli se jiġu varati bosta gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, u dawn mistennija jiżviluppaw b'ritmu differenti madwar l-UE:

- infrastruttura bbażata fuq l-idroġenu se tikkumplimenta b'mod progressiv in-network tal-gass naturali;
- infrastruttura tal-gass li tbiddel b'mod progressiv il-gassijiet fossili b'sorsi oħra tal-metan.

Barra minn hekk, l-avvenimenti li żiedu l-prezzijiet tal-enerġija fakkruna li r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija Ewropea qed kulma jmur issir aktar importanti hekk kif is-sistema tal-enerġija tal-UE tintegra aktar enerġija rinnovabbli deċentralizzata u tneħħi gradwalment il-fjuwils fossili. Is-sigurtà tal-provvista u l-arranġamenti ta' tħejjija għar-riskji tas-settur tal-gass iridu jkunu adattati għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (Sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ)[1] tisħaq fuq l-interazzjoni bejn is-sigurtà tal-provvista, l-użu ottimali tal-kapaċitajiet tal-ħżin, u l-volatilità tal-prezzijiet tal-enerġija.

1.2 Objettivi tal-proposta

Din l-inizjattiva għandha l-għan li tiffaċilita l-penetrazzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju fis-sistema tal-enerġija, u b'hekk issir il-bidla mill-gass naturali u dawn il-gassijiet ġodda jkunu jistgħu jaqdu r-rwol meħtieġ tagħhom favur l-għan tan-newtralità klimatika fl-UE fl-2050.

F'dan il-kuntest, l-inizjattiva tindirizza l-oqsma li ġejjin:

**Livell baxx ta' involviment u protezzjoni tal-klijenti fis-suq bl-imnut tal-gass ekoloġiku.** Biex il-gassijiet ġodda jaqdu rwol sħiħ fit-tranżizzjoni tal-enerġija, ir-regoli tas-suq bl-imnut jenħtieġ li jagħtu s-setgħa lill-klijenti biex jagħmlu għażliet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju. Bħalissa dan mhuwiex il-każ. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda sistema komuni ta' terminoloġija u ta' ċertifikazzjoni tal-UE għall-fjuwils u l-gassijiet b'livell baxx tal-karbonju. Apparti dan, is-swieq tal-gass bl-imnut juru konċentrazzjoni tas-suq u livelli baxxi ta' parteċipazzjoni ġdida u innovazzjoni. Dan ixekkel lill-klijenti milli jgawdu mill-kompetizzjoni billi jagħmlu għażliet b'livell baxx tal-karbonju.

[1] COM(2021) 660 final.

Biex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet ta' enerġija sostenibbli, il-klijenti jeħtieġu informazzjoni biżżejjed dwar il-konsum u l-oriġini tal-enerġija tagħhom, u għodod effiċjenti biex jipparteċipaw fis-suq. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iħarsu lill-klijenti vulnerabbli u foqra fl-enerġija. Is-suq tal-gass dekarbonizzat jenħtieġ li ma jiġix żviluppat jekk dawn il-klijenti ma jkunux jistgħu jgawdu minnu bis-sħiħ.

**Infrastruttura tal-idroġenu u swieq tal-idroġenu**. Il-qafas regolatorju attwali għall-vetturi tal-enerġija gassuża ma jindirizzax l-użu tal-idroġenu bħala vettur tal-enerġija indipendenti b'networks apposta tal-idroġenu. Fil-livell tal-UE, ma jeżistux regoli dwar l-investimenti fin-networks ibbażati fuq it-tariffi, jew fuq is-sjieda u l-operazzjoni ta' networks apposta tal-idroġenu. Barra minn hekk, ma jeżistux regoli armonizzati dwar il-kwalità tal-idroġenu (pur). Għalhekk, jeżistu ostakli għall-iżvilupp ta' infrastruttura kosteffettiva u transfruntiera tal-idroġenu u ta' suq tal-idroġenu kompetittiv, li huma prerekwiżit biex ikunu jistgħu jiġu adottati l-produzzjoni u l-konsum tal-idroġenu. Din il-proposta għandha l-għan li tindirizza dawn in-nuqqasijiet. Tinkludi proposta għal sistema ta' terminoloġija u ta' ċertifikazzjoni tal-idroġenu b'livell baxx tal-karbonju u tal-fjuwils b'livell baxx karbonju.

**Gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju fl-infrastruttura u fis-swieq eżistenti tal-gass, u s-sigurtà fl-enerġija**. Illum, il-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju jirrappreżentaw sehem żgħir fit-taħlita enerġetika tal-UE. Biex jinħataf il-potenzjal tagħhom, prerekwiżit ewlieni hu l-aċċess għas-suq tal-gass bl-ingrossa, jiġifieri l-punti tal-kummerċ virtwali. Il-każ kummerċjali jissaħħaħ ukoll billi jitneħħew il-kostijiet tal-kummerċ transfruntier ta' dawk il-gassijiet u teħfief il-konnessjoni tal-faċilitajiet tal-produzzjoni. Id-differenzi fil-parametri tal-kwalità tal-gass u fil-volum tal-idroġenu mħallat fis-sistema tal-gass naturali jistgħu jaffettwaw id-disinn tal-infrastruttura tal-gass, l-applikazzjonijiet tal-utenti finali u l-interoperabbiltà transfruntiera tas-sistema, u b'hekk ikun hemm ir-riskju ta' frammentazzjoni tas-suq intern. Madankollu, ir-regoli attwali dwar il-kwalità tal-gass mhumiex adattati biex jindirizzaw l-iżviluppi futuri. Dwar l-LNG, jekk jiġu indirizzati l-ostakli residwi rigward l-aċċess għat-terminals tal-LNG jista' jinfetaħ il-bieb għall-importazzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju minn barra l-pajjiż u dan jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tas-suq tal-gass tal-UE. Finalment, biex titħares u tissaħħaħ ir-reżiljenza fit-tranżizzjoni hemm bżonn arranġamenti xierqa tas-sigurtà tal-provvista.

**Ippjanar tan-network** Kif deskritt fl-Istrateġija għall-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija tal-Kummissjoni, l-ippjanar u l-operazzjoni ikkoordinati tas-sistema tal-enerġija tal-UE kollha, fost bosta vetturi tal-enerġija, infrastrutturi, u setturi tal-konsum huma prerekwiżit biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-2050. L-iskemi tal-ippjanar tan-network u l-prattiki attwali mhumiex biżżejjed għax hemm diskrepanzi bejn il-pjan tal-iżvilupp tan-networks ta' għaxar snin ("TYNDP") għall-UE kollha u l-pjanijiet nazzjonali tal-iżvilupp tan-networks ("NDP"). B'konnessjoni aħjar bejn it-TYNDP u l-NDP ikun jista' jsir skambju tal-informazzjoni tranżnazzjonali dwar l-użu tas-sistemi tat-trażmissjoni.

**Sigurtà tal-provvista u ħżin** Bħala rispons għaż-żidiet sinifikanti fil-prezzijiet madwar l-UE kollha fil-ħarifa 2021, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tikkunsidra malajr il-miżuri għal żmien medju u fit-tul li jżidu r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-UE, fosthom miżuri li jsaħħu s-sigurtà tal-provvista. Biex tikkontribwixxi għal rispons fil-ħin għal din il-kriżi u għal kriżijiet possibbli ġodda fil-livell tal-Unjoni, din il-proposta tinkludi miżuri speċifiċi li jtejbu l-kooperazzjoni u r-reżiljenza, notevolment biex tiżgura użu, ħżin u arranġamenti ta' solidarjetà operazzjonali aktar effettivi u kkoordinati. Il-miżuri għandhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza fil-ħin tas-sistema tal-enerġija tal-UE kontra x-xokkijiet futuri. Dawn ikopru l-miżuri f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) 2017/1938 dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass. Biex ikun żgurat rispons koerenti, il-miżuri dwar is-sigurtà tal-provvista huma parti minn din il-proposta leġiżlattiva u mhux qed isiru bħala proposta leġiżlattiva

separata. Kif tindika l-Komunikazzjoni dwar il-prezzijiet tal-enerġija tat-13 ta' Ottubru 2021 imsejħa "L-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija: sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ", il-koordinazzjoni tas-sigurtà tal-provvista bejn il-fruntieri hi kruċjali għar-reżiljenza kontra x-xokkijiet futuri.

Il-miżuri proposti jeżiġu li l-Istati Membri jagħmlu b'mod espliċitu l-ħażniet parti mill-valutazzjonijiet tar-riskji tas-sigurtà tal-provvista fil-livell reġjonali, inkluż tar-riskji marbuta mal-kontroll tal-ħażniet mill-entitajiet ta' pajjiżi terzi. Fil-każ tar-riskji mhux indirizzati, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw il-miżuri tal-ħażna permezz tal-kooperazzjoni reġjonali. Il-proposta tiddefinixxi l-kundizzjonijiet abilitanti ħalli jinkiseb akkwist konġunt volontarju tal-istokkijiet strateġiċi tal-gass li jridu jintużaw f'każ ta' emerġenza. Iddaħħlu miżuri wkoll li jtejbu t-trasparenza u l-aċċess għall-ħażniet, jindirizzaw ir-riskji marbuta maċ-ċibersigurtà tal-gass, u jiffaċilitaw l-arranġamenti ta' solidarjetà bilaterali bejn l-Istati Membri f'każ ta' kriżi. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jipproċedu bl-arranġamenti ta' solidarjetà mingħajr ma jistennew, biex anke fi kriżi severa, l-unitajiet domestiċi jirċievu l-gass li jeħtieġu.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-inizjattiva proposta hi marbuta ferm u tikkumplimenta l-proposti leġiżlattivi mressqa fil-kuntest tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55%" biex jitwettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż:

**Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli ("RED II") riveduta**, li hi l-istrument ewlieni li jittratta l-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Din għandha l-għan li tħaffef il-penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inkluż tal-gassijiet rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija. L-emenda proposta tagħha żżid il-mira tas-sorsi rinnovabbli fit-taħlita enerġetika tal-UE għal 40% u tippromwovi l-adozzjoni tal-fjuwils rinnovabbli, bħall-idroġenu rinnovabbli, fl-industrija u fit-trasport, b'miri addizzjonali. Rigward din l-inizjattiva, ir-RED II tiddefinixxi l-idroġenu rinnovabbli bħala "fjuwil rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika" u "fjuwil tal-bijomassa" li jiksbu tnaqqis ta' 70% tal-gassijiet serra meta mqabbla mal-fjuwils fossili, li jistabbilixxu sottomiri speċifiċi għall-konsum tal-idroġenu rinnovabbli (50% tal-konsum tal-idroġenu totali għall-enerġija u għall-finijiet ta' feedstock fl-industrija sal-2030, u 2,6% tal-enerġija fornuta lis-settur tat-trasport).

**Id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija ("EED") u d-Direttiva relatata dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija ("EPBD")** inkluż il-proposti tal-emendi tagħhom jinteraġġixxu ma' din l-inizjattiva għax jolqtu l-livell u l-istruttura tad-domanda għall-gass. Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jistgħu jtaffu l-faqar enerġetiku u jnaqqsu l-vulnerabbiltà tal-konsumaturi. Peress li bħalissa l-fjuwils gassużi qed jiddominaw il-provvista tat-tisħin u tat-tkessiħ Ewropea u l-impjanti tal-koġenerazzjoni, l-użu effiċjenti tagħhom jibqa' fil-qalba tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika. Id-Direttiva tal-Gass u r-Regolament tal-Gass huma koerenti mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel": suq tal-UE miftuħ u kompetittiv bi prezzijiet li jirriflettu l-kostijiet tal-produzzjoni tal-vetturi tal-enerġija, il-kostijiet tal-karbonju, u l-kostijiet u l-benefiċċji esterni jipprovdi b'mod effiċjenti idroġenu nadif u sikur lill-utenti finali li japprezzawh l-aktar.

**Ir-Regolament TEN-E**, kif propost mill-Kummissjoni f'Diċembru 2020, għandu l-għan li jappoġġa aħjar il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija transfruntiera tal-Ewropa għall-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan jintroduċi l-infrastruttura tal-idroġenu bħala kategorija tal-infrastruttura ġdida għall-Iżvilupp tan-Network Ewropew. Din l-inizjattiva tikkumplimenta r-Regolament TEN-E propost għax tiffoka fuq l-allinjament tal-pjanijiet nazzjonali mar-rekwiżiti tal-pjan tal-iżvilupp tan-networks ta' għaxar snin għall-Ewropa kollha.

Kif tħabbar l-istrateġija tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan, il-Kummissjoni se tipproponi **leġiżlazzjoni biex jonqsu l-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija**. Din l-inizjattiva se jkollha l-għan li ttejjeb l-informazzjoni għall-emissjonijiet kollha relatati mal-metan. Din l-inizjattiva hija kumplimentari għax għandha l-għan li tiffaċilita l-penetrazzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, u b'hekk tippermetti tranżizzjoni mill-gass naturali.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

**L-Iskema għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet ("ETS")** tgħolli l-prezz tal-użu tal-fjuwils fossili rigward il-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju u b'hekk trawwem id-domanda għal dawk il-gassijiet u l-investimenti fit-teknoloġija tal-produzzjoni relatata. Il-Kummissjoni ppproponiet it-tisħiħ, inkluż ir-rinforzi u l-estensjonijiet fis-settur tal-avjazzjoni, tat-trasport marittimu u bit-triq, u tal-bini. Din l-Iskema tinkludi l-faċilitajiet kollha tal-produzzjoni tal-idroġenu, u l-elettrolizzaturi b'kapaċità tal-produzzjoni li taqbeż il-25 tunnellata/jum. Il-Fond għall-Innovazzjoni, stabbilit mid-Direttiva dwar is-Sistema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) għall-perjodu 2021-2030, hu wieħed mill-istrumenti ta' finanzjament li jappoġġa t-tranżizzjoni lejn Ewropa newtrali għall-klima sal-2050. Il-Fond għall-Innovazzjoni, stabbilit mid-Direttiva tal-EU ETS għall-perjodu 2021-2030, hu wieħed mill-istrumenti ta' finanzjament li jappoġġa t-tranżizzjoni lejn Ewropa newtrali għall-klima sal-2050.

**Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija** tistinka biex tallinja t-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija mal-politiki tal-UE dwar l-enerġija u l-klima, tippromwovi t-teknoloġiji nodfa u tneħħi l-eżenzjonijiet skaduti u r-rati mnaqqsa li bħalissa qed iħeġġu l-użu tal-fjuwils fossili. Skont id-Direttiva riveduta, il-prodotti koperti mid-Direttiva huma raggruppati u klassifikati skont il-prestazzjoni ambjentali tagħhom. Skont dan, ir-reviżjoni tistabbilixxi livelli minimi preferenzjali ta' tassazzjoni ta' EUR 0,15/GJ għall-fjuwils tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju (meta mqabbla ma' EUR 10,75/GJ għall-fjuwils fossili) użati bħala fjuwils tal-magni. Għall-fjuwils tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju użati bħala fjuwils għat-tisħin, ir-reviżjoni tistabbilixxi livelli minimi preferenzjali ta' tassazzjoni ta' EUR 0,15/GJ (meta mqabbla ma' EUR 0,6/GJ għall-gass naturali).

**Ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi (AFIR) rivedut** li se jħassar id-Direttiva 2014/94/UE dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi (AFID), kif propost mill-Kummissjoni f'Lulju 2021, għandu l-għan li jindirizza l-emissjonijiet dejjem jiżdiedu fit-trasport bit-triq biex jappoġġa t-tranżizzjoni lejn flotta tal-karozzi b'emissjonijiet kważi żero sal-2050. Ir-Regolament jeżiġi li l-Istati Membri jespandu n-network tal-infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-rifورniment f'konformità mal-bejgħ tal-karozzi b'emissjonijiet żero, u biex jinstallaw punti tal-iċċarġjar u tar-rifornimet f'intervalli regolari fl-awtostradi ewlenin. Ir-reviżjoni tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi se tkun teħtieġ stazzjon tar-rifornimet (minimu ta' 2 t/jum, 700 bar) kull 150 km tul in-network ewlieni tat-TEN-T u f'kull nodu urban sal-2030; dan jikkawża madwar 700 HRS tul in-nodi tat-trasport, u 88 HRS fin-nodi urbani.

**L-Emenda tar-Regolament li jistabbilixxi l-istandards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-karozzi u l-vannijiet** għandha l-għan li mill-2025 'il quddiem tiżgura tranżizzjoni ċara lejn it-trasport b'emissjonijiet żero. Ir-Regolament jiddefinixxi b'mod partikolari l-vetturi b'emissjonijiet żero bħala vetturi elettriċi bil-batterija, vetturi li jaħdmu biċ-ċellula tal-fjuwil u vetturi oħra li jaħdmu bl-idroġenu, u jistabbilixxi mira ta' medja ta' emissjonijiet żero għall-flotot tal-vetturi l-ġodda sal-2030.

**Il-proposta FuelEU Maritime** għandha l-għan li fit-taħlita tal-fjuwil tat-trasport marittimu internazzjonali żżid is-sehem tal-fjuwils alternattivi sostenibbli b'livell baxx tal-karbonju u b'newtralità karbonika inkluż: il-bijofjuwils likwidi, il-likwidi elettroniċi, il-gass dekarbonizzat (inkluż il-bijo-LNG u l-gass elettroniku), l-idroġenu dekarbonizzat u l-fjuwils dekarbonizzati derivati mill-idroġenu (inkluż il-metan, u l-ammonjaka). Jenħtieġ li l-enfasi fuq il-fjuwils u t-teknoloġiji tal-elettriku tippermetti tnaqqis sinifikanti u malajr fl-emissjonijiet, bl-użu sħiħ tat-teknoloġiji u tal-infrastruttura eżistenti flimkien ma' inċentivi oħra pprovduti mill-miżuri l-oħra li jridu jiġu proposti. Dan se jiffaċilita wkoll id-definizzjoni tal-perkorsi tad-dekarbonizzazzjoni għar-raggruppament marittimu kollu.

Ħafna mill-**proposta ReFuel EU Aviation**, maħsuba biex tavvanza l-potenzjal tal-fjuwils sostenibbli tal-avjazzjoni u tnaqqas l-impronta tal-GHG tal-avjazzjoni, għadha mhix sfruttata. Biex inaqqas ġmielu l-emissjonijiet tiegħu, is-settur tal-avjazzjoni se jkun jeħtieġlu jnaqqas id-dipendenza attwali tiegħu fuq il-fjuwil fossili tal-ġettijiet u jiddependi dejjem iżjed fuq l-użu tal-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF) fis-snin li ġejjin. Il-proposta tistabbilixxi sehem minimu ta' 0,7% tal-"fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi" fil-fjuwils tal-avjazzjoni fornuti lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru, fejn il-"fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi" huma fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, kif definit fid-Direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-objettivi ta' din l-inizjattiva ma jistgħux jintlaħqu fil-livell nazzjonali. Il-miżuri ppjanati ta' din l-inizjattiva għandhom l-għan li javvanzaw l-erba' objettivi stabbiliti fl-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u fl-istess ħin jgħinu għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE. Il-miżuri ppjanati jridu jiġu adottati abbażi tal-Artikolu 194(2) tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 114(1) tat-TFUE. Fil-qasam tal-enerġija, l-UE għandha kompetenza kondiviża skont l-Artikolu 4(2)(i) tat-TFUE.

Din l-inizjattiva tibni wkoll fuq sett komprensiv ta' atti leġiżlattivi li ġew adottati u aġġornati tul l-aħħar żewġ deċennji. Bl-objettiv li jinħoloq suq intern tal-enerġija, l-UE adottat erba' pakketti leġiżlattivi konsekuttivi bejn l-1996 u l-2019, bil-għan ġenerali li tintegra s-swieq u tilliberalizza s-swieq nazzjonali tal-elettriku u tal-gass. Dawn id-dispożizzjonijiet ikopru firxa wiesgħa ta' aspetti, mill-aċċess għas-suq sat-trasparenza, id-drittijiet tal-konsumaturi, iż-żieda tal-likwidità tas-swieq tal-gass, u l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Bħalissa fil-livell tal-UE l-ebda regola ma tirregola n-networks dedikati tal-idroġenu jew is-swieq tal-idroġenu, u l-idroġenu b'livell baxx tal-karbonju u l-fjuwils b'livell baxx tal-karbonju. Minħabba l-isforzi attwali fil-livell tal-UE u nazzjonali biex jiġi promoss l-użu tal-idroġenu rinnovabbli bħala sostitut għall-fjuwils fossili, l-Istati Membri huma inċentivati jadottaw regoli dwar it-trasport tal-idroġenu permezz ta' infrastruttura dedikata fil-livell nazzjonali. Dan joħloq ir-riskju ta' xenarju regolatorju frammentat madwar l-UE, li jista' jxekkel l-integrazzjoni tan-networks u s-swieq nazzjonali tal-idroġenu, u b'hekk iwaqqaf jew jiskoraġġixxi l-kummerċ transfruntier tal-idroġenu.

Jekk ir-regoli dwar l-infrastruttura tal-idroġenu jiġu armonizzati fi stadju aktar tard (jiġifieri wara li tkun daħlet fis-seħħ il-leġiżlazzjoni nazzjonali), jiżdiedu l-piżijiet amministrattivi tal-Istati Membri, u jiżdiedu l-kostijiet regolatorji u l-inċertezza lill-kumpaniji, l-aktar rigward l-investimenti fit-tul fil-produzzjoni tal-idroġenu u l-infrastruttura tat-trasport.

Il-ħolqien ta' qafas regolatorju fil-livell tal-UE dwar in-networks u s-swieq dedikati tal-idroġenu jrawwem l-integrazzjoni u l-interkonnessjoni tas-swieq u n-networks nazzjonali tal-

idroġenu. Ir-regoli fil-livell tal-UE dwar l-ippjanar, il-finanzjament u l-operazzjoni ta' dawn in-networks dedikati tal-idroġenu joħolqu prevedibbiltà fit-tul lill-investituri potenzjali f'din it-tip ta' infrastruttura fit-tul, b'mod partikolari għal interkonnessjonijiet transfruntieri (li inkella jaf ikunu soġġetti għal liġijiet nazzjonali potenzjalment diverġenti).

Fil-każ tal-bijometan, mingħajr inizjattiva fil-livell tal-UE, aktarx li sal-2030 tkun għadha teżisti frammentazzjoni regolatorja fir-rigward tal-aċċess għas-swieq bl-ingrossa, tal-obbligi tal-konnessjoni, u tal-miżuri tal-koordinazzjoni bejn l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni (TSO) u l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni (DSO). Bl-istess mod, mingħajr xi armonizzazzjoni fil-livell tal-UE, il-produtturi tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju se jkunu qed iġarrbu konnessjonijiet u kostijiet ta' injezzjoni differenti ħafna madwar l-UE, li jikkawżaw ambjent inekwu.

Mingħajr aktar leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE, l-Istati Membri jkomplu japplikaw standards tal-kwalità tal-gass u regoli differenti dwar il-livelli tat-taħlit tal-idroġenu, u dan bir-riskju ta' restrizzjonijiet fuq il-flussi transfruntieri u ta' segmentazzjoni tas-suq. L-istandards tal-kwalità tal-gass ikomplu jiġu definiti l-aktar bil-parametri tal-kwalità tal-gass naturali, li jillimita l-integrazzjoni tal-gassijiet rinnovabbli fin-network.

Dawn l-aspetti kollha aktarx inaqqsu l-kummerċ transfruntier tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju li abbli jitpaċew b'żieda fl-importazzjonijiet tal-gass naturali. Għalkemm l-użu tat-terminals tal-LNG u l-importazzjonijiet jista' jibqa' ristrett għall-gass naturali, ma jkun meħtieġ l-ebda adattament tat-terminals tal-LNG jekk ikun hemm disponibbli bijometan jew metan sintetiku kompetittivi mingħand sorsi minn barra mill-UE.

L-ippjanar tan-network nazzjonali se jkun jeħtieġ jiġi żviluppat biss fl-Istati Membri fejn ikunu qed joperaw l-Operaturi Indipendenti tat-Trażmissjoni (ITO) u l-Operaturi Indipendenti tas-Sistemi (ISO). Filwaqt li l-maġġoranza tal-Istati Membri għandhom pjan uniku tal-iżvilupp tal-gass nazzjonali biex l-operaturi tal-gass ikunu jistgħu jikkoperaw bejniethom, il-kooperazzjoni transsettorjali xorta għadha limitata.

It-tħejjija kkoordinata tal-UE f'każ ta' emerġenza għas-settur tal-gass attwali wriet li hi aktar effiċjenti minn azzjoni fil-livell nazzjonali biss.

- **Proporzjonalità**

L-inizjattiva tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Hi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-intervent ta' politika hu proporzjonali għad-dimensjoni u n-natura tal-problemi definiti u għall-kisba tal-objettivi stabbiliti.

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv ġenerali segwit li teħfief id-dekarbonizzazzjoni tal-fjuwils gassużi b'mod kompetittiv, bl-anqas kostijiet ekonomiċi u b'mod li tkun żgurata s-sigurtà tal-enerġija u li l-konsumaturi jitqiegħdu fil-qalba nett tas-swieq tal-enerġija. Is-sett ta' għażliet ppreferuti hu meqjus proporzjonat u jibni kemm jista' jkun fuq l-approċċi eżistenti. Il-bilanċ bejn l-obbligi u l-kunsiderazzjoni tal-kapaċitajiet differenti ta' azzjoni fost l-Istati Membri u l-entitajiet privati hu meqjus xieraq minħabba l-ħtieġa imperattiva li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050.

- **Għażla tal-istrument**

Abbażi tal-evalwazzjoni ġenerali tal-qafas regolatorju attwali għas-suq tal-gass, l-istrumenti magħżula huma Direttivali tirriformula d-Direttiva 2009/73/KE, u Regolament li jirriformula r-Regolament Nru 715/2009. L-għażla ta' riformulazzjoni ta' dawn l-atti legali eżistenti se ssaħħaħ iċ-ċarezza legali. Ir-rikors għal att emendatorju jaf ma kienx adegwat biex jiġi indirizzat sett wiesa' ta' dispożizzjonijiet ġodda. Għalhekk, l-għażla tal-istrumenti titlob

reviżjoni tar-regoli diġà adottati u implimentati, bħala evoluzzjoni naturali tal-leġiżlazzjoni attwali, fid-dawl ta' dawn il-bidliet. Jeħtieġ jiġu emendati wkoll aktar atti permezz tar-Regolament tal-Gass fosthom: ir-Regolament SoS (UE) 2017/1938, ir-Regolament ACER (UE) 2019/942 u r-Regolament REMIT (UE) Nru 1227/2011.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Id-dħul fis-seħħ tat-Tielet pakkett dwar l-Enerġija kkontribwixxa b'mod pożittiv għall-kompetizzjoni u l-prestazzjoni tas-swieq interni tal-enerġija. Madankollu, il-qafas regolatorju attwali għall-gass jiffoka fuq il-gass naturali mill-fjuwils fossili u ma jantiċipax għalkollox l-emerġenza ta' alternattivi għall-gassijiet tal-metan (inkluż il-gass naturali u l-bijometan), bħalma hu l-idroġenu.

Jeħtieġ isir rieżami tal-qafas regolatorju attwali għas-suq tal-gass u dan diġà ħabbritu l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima. Peress li fl-Istati Membri tal-UE hemm potenzjal differenti għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, qafas tas-suq adegwat jista' jgħin biex l-idroġenu jsir tassew vettur tal-enerġija u abilitant tal-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija.

Abbażi ta' dan, ġew identifikati erba' xpruni ewlenin skont il-Qasam Problematiku I tal-Valutazzjoni tal-Impatt: (i) id-dekarbonizzazzjoni se twassal biex tinħoloq katina tal-valur tal-idroġenu Ewropea li tiddependi fuq suq tal-idroġenu transfruntier; (ii) in-nuqqas tal-investimenti fl-infrastruttura tal-idroġenu jxekklu l-iżvilupp tas-suq; (iii) l-infrastruttura tal-idroġenu aktarx tikkostitwixxi monopolju naturali, li joħloq strutturi tas-suq nonkompetittivi; (iv) ir-regoli diverġenti dwar il-kwalità tal-idroġenu jistgħu jtellfu l-flussi transfruntieri u jikkawżaw kostijiet addizzjonali.

Ir-regoli eżistenti dwar il-gass, li jiffokaw fuq il-gass naturali mill-fjuwils fossili importat l-aktar minn barra l-UE, ma jindirizzawx il-karatteristiċi speċifiċi tal-produzzjoni deċentralizzata tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju fl-UE. Barra minn hekk, il-volumi dejjem jikbru tal-bijometan, tal-idroġenu iżda anke tal-LNG jaffettwaw il-kwalità tal-gass u għalhekk jaffettwaw ukoll id-disinn tal-infrastruttura tal-gass u l-apparati tal-utenti finali. B'mod partikolari, il-Valutazzjoni tal-Impatt tagħraf ħames xpruni ewlenin relatati ma' dan il-Qasam Problematiku: (i) l-aċċess ristrett għas-suq u għall-grilja għall-produtturi lokali tal-bijometan konnessi mal-grilji tad-distribuzzjoni, id-diverġenza tar-regoli b'rabta mal-obbligu tal-konnessjoni, u l-kostijiet tal-konnessjoni tal-grilja għall-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, u t-tariffi ta' dħul/ħruġ intra-UE li jxekklu l-istabbiliment ta' suq intern tal-gass tal-UE integrat għalkollox, likwidu u interoperabbli; (ii) id-differenzi fil-kwalità tal-gass u l-livelli tat-taħlit tal-idroġenu jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-flussi transfruntieri u l-utenti finali, filwaqt li r-regoli attwali dwar il-kwalità tal-gass mhumiex adattati biex ilaħħqu mal-iżviluppi futuri; (iii) it-terminals tal-LNG mgħammra biex jirċievu l-aktar il-gass naturali, u l-aċċess limitat tal-gassijiet ġodda għat-terminals tal-LNG; (iv) il-kuntratti għal provvista fit-tul tal-gass naturali b'emissjonijiet mhux imnaqqsa jistgħu jikkawżaw intrappolament tal-gass naturali u jfixklu l-provvista tal-gassijiet rinnovabbli lejn l-2050; (v) l-arranġamenti attwali tas-sigurtà tal-enerġija jindirizzaw biss ir-riskji relatati mal-provvista tal-gass naturali, u mhux tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju.

Rigward l-ippjanar tan-network, il-kooperazzjoni bejn it-TSOs u r-regolaturi jeħtieġ tkompli tevolvi. Il-penetrazzjoni dejjem akbar tas-sorsi intermittenti tal-enerġija teħtieġ integrazzjoni

aħjar tas-sistema kollha tal-enerġija u interkonnessjoni aħjar tal-infrastruttura, abbażi ta' approċċ aktar ħolistiku u inklużiv. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tiddeskrivi tliet xpruni ewlenin rigward dan il-Qasam Problematiku: (i) l-ippjanar tan-network ivarja bejn l-Istati Membri u t-TSOs, u ppjanar separat għall-elettriku u għall-gass; (ii) l-ebda trasparenza dwar il-potenzjal tal-infrastruttura eżistenti li tadatta għal skop differenti jew id-dekummissjonar; (iii) id-DSOs mhumiex espliċitament inklużi fl-ippjanar tat-TSO. Barra minn hekk, bi strateġija aktar armonizzata tal-iżvilupp tas-sistema, ikomplu jiżdiedu l-interkonnessjonijiet bejn is-sistemi tal-elettriku u tal-gass inkluż l-idroġenu.

L-evalwazzjoni wriet li jeħtieġ titjieb il-kompetizzjoni biex ikun żgurat li l-konsumaturi tal-UE jgawdu l-benefiċċji kollha tal-integrazzjoni tas-suq. Minbarra dan, il-konsumaturi għadhom jiċċaħħdu mill-għodod meħtieġa biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv fis-suq. Id-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi fil-leġiżlazzjoni analizzata juru li huma adegwati għall-iskop parzjalment biss. B'mod partikolari, il-protezzjoni tal-klijenti vulnerabbli għadha mhix uniformi bejn l-Istati Membri u l-faqar enerġetiku għadu sinifikanti madwar l-UE. B'mod konkordanti, il-Qasam Problematiku IV identifika tliet xpruni ewlenin tal-problema: (i) il-potenzjal mhux sfruttat tal-kompetizzjoni fis-swieq bl-imnut; (ii) in-nuqqas ta' awtonomizzazzjoni biżżejjed tal-klijenti fejn jidħol il-qlib, għodod għat-tqabbil tal-prezzijiet, informazzjoni dwar il-fatturazzjoni, il-komunitajiet tal-enerġija, u l-aċċess għad-*data*; u (iii) il-protezzjoni inadegwata tal-konsumaturi b'mod partikolari għal dawk vulnerabbli u foqra fl-enerġija.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Bi qbil mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni komprensiva u inklużiva mal-partijiet ikkonċernati abbażi ta' strateġija ta' konsultazzjoni li inkludiet firxa ta' metodi u għodod. Din l-istrateġija kellha l-għan li tiżgura li tiġi kkunsidrata l-evidenza rilevanti kollha, inkluż id-*data* dwar il-kostijiet, l-impatt fuq is-soċjetà, u l-benefiċċji tal-inizjattiva. Intużaw diversi għodod għall-konsultazzjoni: konsultazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu (Pjan direzzjonali), konsultazzjoni pubblika online bi kwestjonarju, preżentazzjoni tal-Kummissjoni u rispons mingħand il-partijiet ikkonċernati, inkluż tal-Forum Regolatorju dwar il-Gass, diskussjonijiet mal-Istati Membri, mal-membri tal-Parlament Ewropew u mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati waqt sessjoni ta' ħidma maġġuri.

Il-Kummissjoni rċeviet 263 kontribut waqt il-konsultazzjoni pubblika miftuħa. B'mod ġenerali, ir-rispondenti kkonfermaw li d-Direttiva tal-Gass u r-Regolament tal-Gass jeħtieġ jiġu riveduti biex jgħinu fil-kisba tal-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni. Barra minn hekk, aktar minn 60% tar-rispondenti qed jistennew li l-bidla teknoloġika u regolatorja meħtieġa biex is-suq tal-gass jiġi dekarbonizzat ikollha l-potenzjal li toħloq impjiegi ġodda sal-2030.

**Rigward l-iżvilupp tal-infrastruttura u s-swieq tal-idroġenu**, il-maġġoranza tar-rispondenti jaqblu li r-regolazzjoni tiddaħħal fi stadju bikri biex jitrawmu suq u infrastruttura tal-idroġenu kompetittivi u li jiffunzjonaw tajjeb. Ir-rispondenti tkellmu favur qafas leġiżlattiv tal-UE li jiddefinixxi l-prinċipji regolatorji ewlenin u li jħaddem approċċ bi gradi. Maġġoranza kbira tagħhom tappoġġa pereżempju l-aċċess tal-partijiet terzi, ir-regoli dwar l-aċċess għall-pipelines tal-idroġenu, it-terminals tal-importazzjoni u l-ħażna, u taqbel ma-separazzjoni tal-attivitajiet tan-networks. Ħafna mir-rispondenti jidhrilhom li hu importanti li r-rwol tal-partijiet privati fl-iżvilupp tal-infrastruttura tal-idroġenu jiġi definit minn kmieni. Il-maġġoranza kbira tar-rispondenti jidhrilhom ukoll li n-networks privati eżistenti u futuri jistgħu jiġu eżentati (temporarjament) minn ċerti rekwiżiti regolatorji iżda jeħtieġ tkun żgurata l-konverġenza b'qafas regolatorju uniku. Il-maġġoranza assoluta tar-rispondenti jidhrilhom li

d-drittijiet u r-rekwiżiti abilitanti għal infrastruttura ġdida tal-idroġenu jenħtieġ li jkunu simili għal dawk li japplikaw illum għall-pipelines tal-gass tal-metan.

**Rigward il-promozzjoni tal-aċċess tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju għas-suq u għall-infrastruttura tal-gass eżistenti**, il-partijiet ikkonċernati jaqblu fuq il-ħtieġa ta' reviżjoni tal-qafas regolatorju attwali biex jgħin fil-kisba tal-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni. Maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati jidhrilha li hu importanti li jkun żgurat aċċess sħiħ għas-suq u li teħfief l-injezzjoni tal-gassijiet RES&LC fil-grilja tal-gass. Ħafna rispondenti jaqblu ma' obbligu li l-operaturi tan-network jgħaqqdu lill-produtturi tal-gassijiet RES&LC u jintroduċu tnaqqis fl-imposta tal-injezzjoni. Il-maġġoranza tar-rispondenti jaqblu wkoll mat-titjib tal-qafas ta' trasparenza għat-terminals tal-LNG. Hemm ukoll appoġġ qawwi għall-applikazzjoni armonizzata tal-istandards tal-kwalità tal-gass madwar l-UE, għal koordinazzjoni transfruntiera msaħħa u aktar trasparenza. Ir-rispondenti għandhom fehmiet diverġenti dwar it-taħlit tal-idroġenu, iżda l-maġġoranza taqbel li dan jista' jkun l-ewwel pass kosteffiċjenti u malajr, minkejja l-kostijiet tekniċi għaljin għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Ftit huma l-partijiet ikkonċernati li jaqblu mat-tneħħija tat-tariffi transfruntieri intra-UE. Il-maġġoranza tar-rispondenti jidhrilhom li l-isfidi għas-sigurtà speċifiċi għall-gass u l-miżuri dwar iċ-ċibersigurtà huma importanti.

**Rigward l-ippjanar tan-network integrat**, il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati jaqblu li l-ħin tal-pjan tal-iżvilupp tan-network (NDP) ikun allinjat mat-TYNDP, u ma' pjan tal-gass uniku irrispettivament mill-mudell ta' separazzjoni magħżul. Maġġoranza tar-rispondenti appoġġat ferm iżjed lil xenarju konġunt tal-elettriku u tal-gass. Bosta partijiet ikkonċernati jidhrilhom li l-proġetti tal-idroġenu għandhom jiddaħħlu fl-NDP. Ħafna mill-partijiet ikkonċernati jaqblu mar-rwol li d-DSOs jipprovdu u jaqsmu l-informazzjoni, u diversi rispondenti jaqblu wkoll li d-DSOs jipprovdu l-pjan tagħhom stess li jinkludi l-ottimizzazzjoni tas-sistema f'setturi differenti. Ir-rispondenti ppreferew ukoll pjan konġunt tal-gass u tal-elettriku għax-xenarji konġunti bi pjanijiet separati. Diversi partijiet ikkonċernati indikaw li pjan konġunt tal-metan u tal-idroġenu, bi pjan separat tal-elettriku, ikun l-għażla ppreferuta.

**Rigward l-impenn u l-protezzjoni tal-klijenti fis-suq bl-imnut tal-gass ekoloġiku**, il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati appellaw għal ambizzjonijiet akbar fid-dispożizzjonijiet relatati maċ-ċittadini u l-konsumaturi, simili għal dawk tas-suq tal-elettriku. Barra minn hekk, d-dispożizzjonijiet dwar il-faqar enerġetiku jenħtieġ li jiżguraw li l-konsumaturi ma jġarrbux il-kost għall-qlib lejn alternattivi bbażati fuq il-gass. Ir-rappreżentanti tas-settur privat jappoġġaw il-pjanijiet ta' tneħħija gradwali tal-prezzijiet regolati, filwaqt li xi organizzazzjonijiet tal-konsumaturi jippreferu li jibqgħu ħalli jitħarsu l-konsumaturi vulnerabbli u foqra fl-enerġija. Kważi nofs ir-rispondenti qed jappellaw għal tisħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar il-komparabbiltà tal-offerti u l-aċċessibbiltà tad-*data*, it-trasparenza, is-sistemi tal-metraġġ intelliġenti u l-qlib. L-ebda rispondent ma appoġġa l-approċċ nonregolatorju.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-inizjattiva proposta u l-Valutazzjoni tal-Impatt sottostanti tagħha ssejsu fuq l-evidenza mill-kontribut tal-partijiet ikkonċernati waqt il-konsultazzjonijiet estensivi mwettqa f'dan ir-rigward, u minn analiżi tal-letteratura, u mmudellar. L-analiżi tal-letteratura inkludiet ir-riżultati ta' serje ta' studji topiċi dwar l-elementi ewlenin bħar-rwol tal-infrastruttura, tas-suq u tal-produzzjoni tal-idroġenu u tal-gass dekarbonizzat, li saru għall-Valutazzjoni tal-Impatt jew li għenu fl-ambitu tagħha, u l-valutazzjonijiet li saru għal inizjattivi rilevanti oħra tal-Kummissjoni. Fil-Valutazzjoni tqiesu wkoll il-konklużjonijiet adottati fil-qafas ta' diversi fora tal-partijiet ikkonċernati, l-aktar importanti dik dwar ir-Regolament tal-Gass (il-Forum ta'

Madrid), u dik dwar ir-Regolament tal-Elettriku (il-Forum ta' Firenze). Ġew ikkunsidrati wkoll id-diskussjonijiet mal-Istati Membri, mal-membri tal-Parlament Ewropew, mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, mal-ACER u d-diskussjonijiet ma' partijiet ikkonċernati oħra.

- **Valutazzjoni tal-Impatt**

Skont il-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-Kummissjoni wettqet Valutazzjoni tal-Impatt ta' diversi alternattivi ta' politika. Din il-ħidma ġiet sostnuta b'konsultazzjoni fi ħdan il-Kummissjoni permezz ta' Grupp Interservizzi ta' Tmexxija.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt ġiet ippreżentata lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) u diskussa miegħu. Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ħareġ "opinjoni pożittiva b'xi riżervi". Ir-riżervi ġew indirizzati b'mod partikolari billi: (i) il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni ġew integrati fid-deskrizzjoni tal-problema, (ii) ġie spjegat ir-rwol tal-inizjattiva bħala parti mill-qafas abilitanti tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55%", (iii) ġie ċċarat ix-xenarju bażi tal-impatt tal-alternattivi ta' politika, (iv) saret aktar distinzjoni bejn l-atturi differenti, b'mod partikolari bejn il-produtturi u l-konsumaturi tal-gass naturali u tal-idroġenu, (v) saret valutazzjoni ta' kif l-inizjattiva tista' tħalli impatti differenti għall-SMEs meta mqabbla ma' kumpaniji (akbar) oħra, (vi) il-fehmiet kuntrarji u tal-minoritajiet ġew riflessi aħjar fir-rapport kollu, inkluż fid-definizzjoni tal-problema, fit-tfassil tal-alternattivi, l-analiżi tal-impatti, u d-deċiżjoni dwar l-għażla ppreferuta, (vii) ittejbet in-narrattiva tar-rapport, u (viii) imtlew it-tabelli tal-kostijiet u l-benefiċċji bil-format xieraq.

Tul il-ħidma tal-Valutazzjoni tal-Impatt ġiet ikkunsidrata firxa ta' miżuri f'erba' Oqsma Problematiċi biex jiġu indirizzati l-problemi identifikati u l-ixpruni ewlenin tal-problemi biex jintlaħqu l-objettivi tal-inizjattiva: Wara valutazzjoni tal-effettività, tal-effiċjenza, tal-koerenza u tal-proporzjonalità tagħhom, pakkett partikolari ta' għażliet ippreferuti nstab l-aktar wieħed adattat biex jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti.

**Qasam Problematiku I: Infrastruttura tal-idroġenu u swieq tal-idroġenu**

Il-Qasam Problematiku I jqis dawn l-alternattivi ta' politika, li: issir sejħa għall-offerti għall-operazzjoni tan-network tal-idroġenu (Alternattiva 1); jiddaħħlu l-prinċipji regolatorji ewlenin ispirati minn dawk applikabbli bħalissa għas-suq tal-gass naturali iżda adattati għall-fażi tal-iżvilupp tas-swieq tal-idroġenu (Alternattiva 2); u jiġi stabbilit reġim regolatorju żviluppat għalkollox għall-idroġenu (simili għal dak applikabbli bħalissa għas-settur tal-gass naturali) mingħajr il-ħtieġa ta' tranżizzjoni lejn suq tal-idroġenu aktar matur (Alternattiva 3). L-għażla ppreferuta hi li l-prinċipji regolatorji ewlenin jiddaħħlu mill-bidu filwaqt li tingħata ċ-ċarezza fuq ir-reġim regolatorju (futur) finali. (Alternattiva 2b "Prinċipji regolatorji ewlenin b'viżjoni). Filwaqt li din l-għażla tipprovdi bosta benefiċċji ewlenin, fosthom li trawwem l-integrazzjoni tas-suq, tagħti ċ-ċarezza lill-investituri, tevita li jfeġġu strutturi tas-suq nonkompetittivi u li jinħolqu kostijiet tal-aġġustamenti *ex post* tar-regoli ladarba s-suq ikun matur, tħalli l-flessibbiltà biex ir-regolazzjoni tkun tista' titfassal skont it-tkabbir gradat tas-settur tal-idroġenu.

**Qasam Problematiku II: Gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-infrastruttura u s-swieq tal-gass eżistenti, u s-sigurtà tal-enerġija**

Il-Qasam Problematiku II jinkludi alternattivi li jippromwovu aċċess għal gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju (RES&LC) għas-suq u l-infrastruttura tal-gass eżistenti. Kull alternattiva tinkludi wkoll livell progressiv ta' intervent biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar is-sigurtà tal-enerġija, b'mod partikolari biex l-għodod, l-istandards u l-proċeduri eżistenti jiġu estiżi għall-gassijiet RES&LC, is-solidarjetà effettiva u l-indirizzar tar-riskji marbuta maċ-ċibersigurtà tas-settur tal-gass. L-Alternattiva 3 "Nippermettu u nippromwovu

aċċess sħiħ għas-suq tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju" hija l-għażla ppreferuta għall-Qasam Problematiku II. Din l-alternattiva tinkludi miżuri li jappoġġaw l-aċċess tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju għas-suq bl-ingrossa, għat-terminals tal-LNG, u għall-grilja tat-trażmissjoni (irrispettivament mill-post tal-konnessjoni), inkluż skonti tat-tariffi għall-injezzjoni fil-grilja u t-trasport transfruntier. Il-kwalità tal-gass tiġi regolata b'approċċ armonizzat tal-UE għall-punti tal-interkonnessjoni transfruntiera filwaqt li l-flessibbiltà titħalla f'idejn l-Istati Membri. Il-limitu massimu permess għat-taħlit tal-idroġenu hu 5% għall-punti transfruntieri kollha – livell kosteffiċjenti mil-lat ta' kostijiet għall-adattament u t-tnaqqis tal-emissjonijiet.

Nippermettu u nippromwovu aċċess sħiħ għas-suq tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju: Il-miżuri previsti huma konsistenti mal-isforzi tal-Unjoni kontra t-tibdil fil-klima u huma meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-benefiċċju ewlieni hu li l-miżuri jnaqqsu l-kostijiet tal-produzzjoni għall-produtturi tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, iżidu l-kompetizzjoni, il-likwidità u l-kummerċ għall-gassijiet rinnovabbli, u jħeġġu t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. B'hekk, il-klijenti u l-kontribwenti se jibbenefikaw peress li l-appoġġ jista' jitnaqqas. Dan se jillimita wkoll ir-riskji għas-sigurtà tal-enerġija u jiffranka l-ħin u r-riżorsi, jnaqqas l-inċertezzi, itejjeb l-effiċjenza tal-miżuri ta' emerġenza, u jsaħħaħ ir-rekwiżiti speċifiċi għas-sigurtà għall-kumpaniji tal-gass.

**Qasam Problematiku III: L-ippjanar tan-network**

Il-Qasam Problematiku III jikkunsidra alternattivi rigward l-ippjanar tan-network integrat. L-għażla ppreferuta għall-Qasam Problematiku III hi l-Alternattiva 2 "Ippjanar Nazzjonali bbażat fuq ix-Xenarji Ewropej". Din l-alternattiva tipprevedi ppjanar nazzjonali iżda teżiġi li dan ikun ibbażat fuq xenarji konġunti għall-gass u l-elettriku, ikun allinjat mat-TYNDP u marbut mal-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima rilevanti. Din tinkludi lill-atturi rilevanti kollha (DSOs) u tippermetti l-identifikazzjoni tal-pipelines li jistgħu jintużaw għal xi skop differenti mill-metan għall-$H_2$ fil-livell ta' dettall li ma jinkisibx faċilment fil-livell Ewropew.

L-Istabbiliment tal-Ippjanar Nazzjonali abbażi tax-Xenarji Ewropej: Il-benefiċċju ewlieni hu li din se xxejjen ir-riskji li t-TSOs tal-elettriku u tal-gass jippjanaw l-evoluzzjoni tas-sistemi tagħhom abbażi ta' suppożizzjonijiet inkompatibbli. B'hekk ikunu jistgħu jsiru integrazzjoni tas-settur u pjan tas-sistema kunċettwali, u fl-istess ħin jibqa' l-benefiċċji ta' pjanijiet tal-iżvilupp tan-network speċifiċi għas-settur u aktar dettaljati. Din tiżgura viżjoni komuni għall-partijiet ikkonċernati differenti, u b'hekk l-ippjanar tan-network jikkunsidra l-istrateġiji tad-dekarbonizzazzjoni fil-livell nazzjonali u tal-UE, u jnaqqas ir-riskju ta' intrappolamenti potenzjali jew ta' assi mhux irkuprabbli.

**Qasam Problematiku IV: Livell baxx ta' impenn u protezzjoni tal-klijenti fis-suq bl-imnut tal-gass ekoloġiku**

Il-Qasam Problematiku IV jinkludi alternattivi li jissuġġerixxu approċċ nonregolatorju fl-indirizzar tal-kompetizzjoni u fl-involviment tal-konsumaturi jew li minflok jeżiġu li jiġu indirizzati l-ixpruni ewlenin tal-problema permezz ta' leġiżlazzjoni ġdida, li tkun tirrifletti l-aktar dak li diġà ġie stabbilit fis-settur tal-elettriku. Fid-dawl tal-analiżi, l-għażla ppreferuta hija l-Alternattiva 2 "Leġiżlazzjoni flessibbli", li tirrifletti d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-awtonomizzazzjoni tal-konsumaturi tas-suq tal-elettriku. Din l-alternattiva aktarx li tkun l-aktar effettiva, effiċjenti, u konsistenti ma' Oqsma Problematiċi oħra.

Il-benefiċċju ewlieni hu li toffri potenzjal ta' ffrankar sinifikanti, tgħin lill-fornituri ġodda u lill-fornituri tas-servizzi biex jidħlu fis-suq, jiżviluppaw prodotti innovattivi, u dan jirriżulta f'aktar kompetizzjoni, impenn tal-konsumaturi u benefiċċji ekonomiċi. Dan jippermetti wkoll

liċ-ċittadini u lill-komunitajiet iżidu l-aċċettazzjoni soċjali, jimmobilizzaw il-kapital privat u jiffaċilitaw l-użu tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju. It-tnaqqis fir-riskju ta' investimenti żejda se jħalli impatt ambjentali pożittiv.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposti għall-emendar tal-leġiżlazzjoni eżistenti tfasslu f'konformità mal-aktar alternattivi ta' politika kosteffettivi li ġew skrutinizzati fil-Valutazzjoni tal-Impatt. Uħud mill-għażliet ippreferuti mistennija jżidu l-kostijiet amministrattivi, ta' implimentazzjoni u ta' infurzar lill-korpi regolatorji u l-operaturi tas-suq. Pereżempju, il-miżuri proposti jaf jiksbu skambji amministrattivi ogħla bejn l-NRAs u l-konsenjaturi tal-gass naturali, sforzi ta' koordinazzjoni akbar bejn id-DSOs u t-TSOs, u aktar sforzi regolatorji u ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali. Madankollu, bil-qafas emendat mistennija wkoll tnaqqis fil-kostijiet regolatorji u aktar effiċjenza.

Minbarra dawn, il-Valutazzjoni tal-Impatt turi li l-miżuri proposti joffru l-aktar alternattivi regolatorji kosteffettivi biex jintlaħaq l-objettiv ġenerali tal-inizjattiva, jiġifieri li jinħolqu r-regoli dwar it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-provvista u l-ħżin tal-gassijiet tal-metan u tal-idroġenu li jistgħu jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u li jiżguraw enerġija sigura u affordabbli.

Il-kostijiet regolatorji għall-immedjat maħluqa mill-miżuri ppreferuti jridu jiġu vvalutati skont il-kostijiet u l-isforzi li jkunu meħtieġa aktar fit-tul minħabba integrazzjoni u dekarbonizzazzjoni tardiva tas-sistema tal-enerġija. Il-benefiċċji li l-alternattivi mistennija jiksbu mil-lat ta' appoġġ għas-sorsi rinnovabbli, l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija, il-protezzjoni tal-konsumaturi u s-sigurtà tal-enerġija se jisbqu bil-kbir il-kostijiet amministrattivi u ta' implimentazzjoni immedjati.

Il-proposta tkompli tgħin għas-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju attwali għax tarmonizza d-dispożizzjonijiet dwar l-infrastruttura u s-suq tal-gass bl-arkitettura ġdida u regolatorja konċepita mill-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għas-settur tal-elettriku. Allinjament akbar bejn is-setturi mistenni jkun ta' ġid għal ħafna oqsma regolatorji, b'mod partikolari għall-protezzjoni u l-awtonomizzazzjoni tal-konsumaturi, il-governanza u s-sorveljanza regolatorja. Kontributi simili huma previsti wkoll waqt l-introduzzjoni bikrija ta' qafas regolatorju għall-infrastrutturi u s-swieq tal-idroġenu. Filwaqt li r-regoli aktarx iżidu l-kostijiet amministrattivi immedjati u l-piżijiet regolatorji għall-awtoritajiet nazzjonali u l-operaturi tas-suq, armonizzazzjoni bikrija tal-prinċipji regolatorji għall-idroġenu mistennija tnaqqas ġmielhom il-kostijiet tal-konformità futuri u tevita r-riskju ta' diverġenzi regolatorji u kostijiet tal-implimentazzjoni kbar.

- **Drittijiet fundamentali**

Is-salvagwardja tal-valuri tal-UE u tad-drittijiet fundamentali u s-sigurtà taċ-ċittadini fl-iżvilupp ta' ambjent ekoloġiku tal-enerġija diġitali għandha importanza assoluta. Il-miżuri ta' politika proposti dwar il-ġestjoni tad-*data* tfasslu b'dan il-ħsieb, u għandhom l-għan li jiżguraw aċċess u użu mifruxin tat-teknoloġiji diġitali u tas-servizzi mmexxija mid-*data* u fl-istess ħin li jkun żgurat livell għoli tad-dritt għall-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-*data* personali, kif minquxin fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatt baġitarju fuq il-baġit tal-UE assoċjat mal-proposta skont dan il-pakkett jikkonċerna r-riżorsi umani tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) u tad-Direttorat Ġenerali (DĠ) tal-Kummissjoni Ewropea għall-Enerġija li huma deskritti fid-

Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva mehmuża mal-proposta tal-Kummissjoni għal riformulazzjoni tar-[Regolament tal-Gass]. Essenzjalment, il-kompiti l-ġodda li trid twettaq l-ACER b'mod partikolari rigward ir-regoli li jgħinu fl-iżvilupp ta' settur tal-idroġenu kompetittiv, iżda wkoll iż-żieda fil-kumplessità tas-swieq tal-gass minħabba sehem dejjem akbar ta' gassijiet oħra għajr il-gass naturali, jeħtieġu l-introduzzjoni gradwali ta' 21 FTE addizzjonali fl-ACER mill-2023 'il quddiem. Biex jiġu implimentati r-regoli proposti għal settur ġdid u promettenti, biex jiġu integrati tipi ġodda ta' gassijiet fis-suq u fl-infrastruttura tal-gass, u biex jiġu infurzati d-dispożizzjonijiet imsaħħa dwar il-konsumaturi, jeħtieġ jissaħħu wkoll ir-riżorsi umani tad-DĠ Enerġija b'5 FTEs addizzjonali.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-monitoraġġ tal-progress se jsir b'approċċ b'żewġ livelli ta' rapportar annwali mill-ACER u evalwazzjoni tal-Kummissjoni.

Il-mandat tal-ACER għal monitoraġġ u rapportar annwali dwar il-prestazzjoni tas-suq, fir-rapport annwali tagħha dwar il-monitoraġġ tas-suq (l-obbligu fir-Regolament (KE) Nru 715/2009) se jibqa', u l-ambitu tiegħu se jiġi estiż għall-idroġenu. Fi żmien sena mill-adozzjoni tal-proposti, il-Kummissjoni se tistieden lill-ACER biex tirrieżamina u taġġorna l-indikaturi ta' monitoraġġ attwali tagħha (bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati affettwati) biex tiżgura r-rilevanza kontinwa tagħhom għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-objettivi sottostanti ta' dawn il-proposti. L-ACER se tkompli tiddependi fuq is-sorsi tad-*data* diġà stabbiliti u użati għat-tħejjija tar-rapport dwar il-monitoraġġ tas-suq, estiża bid-*data* rilevanti dwar l-idroġenu.

Ir-rappurtar annwali tal-ACER se jieħu post l-obbligi tar-rappurtar tal-Kummissjoni li bħalissa għadhom jeżistu skont id-Direttiva tal-Gass. Il-proposti dettaljati se jiżguraw li l-monitoraġġ tal-ACER jikkumplimenta lil eżerċizzji oħra tal-monitoraġġ (l-aktar il-monitoraġġ skont il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni dwar il-Klima) u b'hekk jevitaw id-duplikazzjoni.

Il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni sħiħa tal-impatt tal-inizjattivi proposti, inkluż l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza kontinwa u r-rilevanza tal-proposti, tul perjodu ta' żmien partikolari wara d-dħul fis-seħħ tal-miżuri adottati (b'mod indikattiv, ħames snin). Sal-31 ta' Diċembru 2030, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina din id-Direttiva u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-Direttivi)**

Wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ta' Il-Kummissjoni vs il-Belġju (il-kawża C-543/17), l-Istati Membri jridu jakkumpanjaw in-notifiki tal-miżuri tat-traspożizzjoni nazzjonali tagħhom b'informazzjoni ċara u preċiża biżżejjed li tindika liema dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali qed jittrasponu liema dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Din trid tingħata għal kull obbligu, mhux biss fil-"livell tal-Artikolu". Jekk l-Istati Membri jikkonformaw ma' dan l-obbligu, fil-prinċipju ma jkollhomx bżonn jibagħtu id-dokumenti ta' spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni lill-Kummissjoni.

Ir-Regolament se jiġi implimentat b'mod dirett u uniformi fl-Istati Membri, u għalhekk ma jeħtieġx Dokument ta' Spjegazzjoni.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Id-**Direttiva riveduta** proposta tikkonsisti f'għaxar Kapitoli li jinkludu 90 Artikolu.

**Kapitolu 1 – Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet**

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi s-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-provvista u l-ħżin tal-gassijiet li jużaw is-sistema tal-gass naturali, u r-regoli dwar it-trasport, il-provvista u l-ħżin tal-idroġenu li jużaw is-sistema tal-idroġenu. Il-Kapitolu jiddefinixxi wkoll it-termini ewlenin użati fid-Direttiva proposta.

**Kapitolu 2 – Regoli ġenerali dwar l-organizzazzjoni tas-swieq**

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi r-regoli li jiżguraw swieq tal-gass kompetittivi, bil-konsumaturi fiċ-ċentru, flessibbli u nondiskriminatorji. Jinkludi d-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għas-suq, bħall-għażla ħielsa tal-fornitur, il-prezzijiet tal-provvista bbażati fuq is-suq, l-obbligi tas-servizz pubbliku, is-sostenibbiltà, iċ-ċertifikazzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali, u r-regoli tekniċi.

**Kapitolu 3 – Protezzjoni u awtonomizzazzjoni tal-konsumaturi u swieq bl-imnut**

Dan il-Kapitolu jipprovdi b'mod partikolari sett ta' drittijiet għall-konsumaturi: Jelabora dwar id-drittijiet kuntrattwali bażiċi, id-drittijiet u t-tariffi għall-qlib, u r-regoli dwar l-għodod għat-tqabbil, il-klijenti attivi, u l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini. Jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-fatturazzjoni, il-metraġġ intelliġenti u konvenzjonali, u l-ġestjoni tad-*data*.

Fih ukoll dispożizzjonijiet dwar il-punti uniċi ta' kuntatt, id-dritt għal soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti, il-klijenti vulnerabbli, u s-swieq bl-imnut.

**Kapitolu 4 – Aċċess lill-partijiet terzi għall-infrastruttura**

Dan il-Kapitolu hu maqsum fi tliet taqsimiet li jkopru dan li ġej: l-aċċess għall-infrastruttura tal-gass naturali, l-aċċess għall-infrastruttura tal-idroġenu, u r-rifjut tal-aċċess u l-konnessjoni.

**Kapitolu 5 – Regoli applikabbli għat-trażmissjoni, il-ħżin u l-operaturi tas-sistemi tal-gass naturali**

Dan il-Kapitolu jelabora l-kompiti tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, tal-ħżin u tal-LNG, il-kunfidenzjalità u s-setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

**Kapitolu 6 – Operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni tal-gass naturali**

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi d-deżinjazzjoni tal-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni, il-kompiti tagħhom, is-setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-konnessjoni tal-faċilitajiet ġodda tal-produzzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju mas-sistema tad-distribuzzjoni, is-separazzjoni tal-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni, l-obbligi ta' kunfidenzjalità tal-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni, id-dispożizzjonijiet dwar is-sistemi magħluqa tad-distribuzzjoni, u l-operatur ikkombinat.

**Kapitolu 7 – Regoli applikabbli għan-networks dedikati tal-idroġenu**

Dan il-Kapitolu jipprovdi b'mod partikolari l-kompiti tan-networks tal-idroġenu, l-operaturi tal-ħżin u tat-terminals, id-dispożizzjonijiet dwar in-networks tal-idroġenu eżistenti, in-networks tal-idroġenu ġeografikament limitati, l-interkonnetturi mal-pajjiżi terzi, u l-kunfidenzjalità għall-operaturi.

**Kapitolu 8 – Ippjanar tan-network integrat**

Dan il-Kapitolu jelabora dwar l-iżvilupp tan-network u s-setgħat biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' investiment, dwar ir-rappurtar tal-iżvilupp tan-network tal-idroġenu, u dwar il-finanzjament tal-infrastruttura tal-idroġenu transfruntiera.

**Kapitolu 9 – Separazzjoni u ċertifikazzjoni tal-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni**

Dan il-Kapitolu hu maqsum f'sitt taqsimiet biex ikopri dan: is-separazzjoni tas-sjieda, l-operaturi indipendenti tas-sistema, l-operaturi indipendenti tat-trażmissjoni, is-separazzjoni tal-operaturi tan-networks tal-idroġenu dedikati, u d-deżinjazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni tal-operaturi tas-sistemi tal-gass naturali u tal-idroġenu, u s-separazzjoni u t-trasparenza tal-kontijiet.

**Kapitolu 10 – Awtoritajiet regolatorji**

Dan il-Kapitolu jiffoka fuq id-deżinjazzjoni u l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji, fuq l-objettivi ġenerali tal-awtorità regolatorja, fuq id-dmirijiet u s-setgħat tagħhom, fuq ir-reġim regolatorju għall-kwistjonijiet transfruntieri, fuq il-konformità mal-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida, u fuq iż-żamma tar-rekords.

**Kapitolu 11 – Dispożizzjonijiet finali**

L-aħħar Kapitolu jiffoka fuq id-dispożizzjonijiet finali u jinkludi Artikoli b'mod partikolari dwar il-miżuri ta' salvagwardja, l-ambjent ekwu, il-ftehimiet tekniċi, id-derogi, il-proċedura ta' awtonomizzazzjoni, l-eżerċizzju tad-delega, il-proċedura ta' kumitat, ir-rappurtar, ir-revoka, it-traspożizzjoni, id-dħul fis-seħħ, u d-destinatarji.

L-Anness 1 hu dwar ir-rekwiżiti minimi għall-fatturazzjoni u l-informazzjoni dwar il-fatturazzjoni.

L-Anness 2 jittratta l-metraġġ intelliġenti tal-gass naturali.

L-Anness 3 fih tabella ta' korrelazzjoni.

Ir-**Regolament rivedut** propost jikkonsisti f'ħames Kapitoli li jinkludu 69 Artikolu.

**Kapitolu 1 – Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet**

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi s-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli fejn jidħlu l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija, il-qafas tal-klima u l-enerġija, u l-konsumaturi. Jiddefinixxi wkoll it-termini ewlenin użati fir-Regolament propost.

**Kapitolu 2 – Regoli ġenerali għall-organizzazzjoni tas-swieq u l-aċċess għall-infrastruttura**

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali, u s-separazzjoni tal-bażijiet tal-assi regolati, is-servizzi ta' aċċess lill-partijiet terzi, il-valutazzjoni tas-suq tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, il-prinċipji tal-mekkaniżmi għall-allokazzjoni tal-kapaċità u l-proċeduri għall-ġestjoni tal-konġestjoni, il-kummerċ tad-drittijiet tal-kapaċità, ir-regoli tal-ibbilanċjar u l-imposti tal-iżbilanċ, iċ-ċertifikazzjoni, u l-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni.

**Kapitolu 3 – Aċċess għan-network**

Dan il-Kapitolu jelabora dwar it-tariffi tal-aċċess għan-networks, u l-iskonti.

**Kapitolu 4 – L-operazzjoni tas-sistemi tat-trażmissjoni, tal-ħżin, tal-LNG u tat-terminals tal-idroġenu**

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dwar il-kapaċità kostanti tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, il-koordinazzjoni transfruntiera tal-kwalità tal-gass, it-taħlitiet tal-idroġenu, in-network Ewropew tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, il-monitoraġġ tal-ACER, l-awtoritajiet regolatorji, il-konsultazzjonijiet, il-kostijiet, il-kooperazzjoni reġjonali, it-TYNDP, ir-rekwiżiti tat-trasparenza, u ż-żamma tar-rekords.

**Kapitolu 5 – Operazzjoni tas-sistemi tad-distribuzzjoni**

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi r-regoli dwar il-kapaċità kostanti tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, il-kooperazzjoni bejn id-DSOs u t-TSOs, ir-rekwiżit tat-trasparenza, l-entità Ewropea għall-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni. Il-Kapitolu jinkludi l-proċeduri u l-kompiti.

**Kapitolu 6 – Aċċess għan-networks dedikati tal-idroġenu**

Dan il-Kapitolu jiffoka fuq il-koordinazzjoni transfruntiera tal-kwalità tal-idroġenu, in-Network Ewropew tal-Operaturi tan-Network tal-Idroġenu, il-kompiti tiegħu, it-TYNDP tal-idroġenu, il-kostijiet, u l-konsultazzjoni, il-monitoraġġ tal-ACER, il-kooperazzjoni reġjonali, u r-rekwiżiti tat-trasparenza.

**Kapitolu 7 – Kodiċijiet tan-network u linji gwida**

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-adozzjoni tal-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida, l-istabbiliment tal-kodiċijiet tan-network, l-emendi tal-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida, id-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu miżuri aktar dettaljati, l-għoti tal-informazzjoni u l-kunfidenzjalità, u l-penali. It-tliet regoli huma adattati għall-idroġenu.

**Kapitolu 8 – Dispożizzjonijiet finali**

Dan il-Kapitolu jiffoka fuq id-dispożizzjonijiet finali u jinkludi Artikoli b'mod partikolari dwar infrastruttura ġdida tal-gass naturali u tal-idroġenu, il-proċedura ta' kumitat, l-eżenzjonijiet, id-derogi, l-eżerċizzju ta' delega, l-emendi għar-Regolamenti, l-emenda għal estensjoni tar-Regolament dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass għall-gassijiet RES&LC u biex ikun jinkludi miżuri dwar iċ-ċibersigurtà, is-solidarjetà u l-ħżin, ir-revoka, u d-dħul fis-seħħ.

L-Anness 1 fih il-Linji Gwida.

L-Anness 2 fih Tabella ta' Korrelazzjoni.

↓ 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

2021/0425 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~ ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ⌫ , u b'mod partikolari ~~l-Artikolu 47(2), u l-Artikoli 55 u 95~~ ⌦ l-Artikolu 194(2) ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

---

⇩ ġdid

(1) Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] ġiet emendata b'mod sostanzjali diversi drabi[5]. Peress li jridu jsiru iżjed emendi, dik id-Direttiva jenħtieġ li tiġi riformulata fl-interess taċ-ċarezza.

---

↓ 2009/72/KE Premessa 1 (adattat)

(2) Is-suq intern fil-qasam tal-gass naturali, li ġie implimentat progressivament ~~fil-Komunità~~ ⌦ madwar l-Unjoni ⌫ mill-1999 'il quddiem, għandu l-għan li jipprovdi għażla reali lill-konsumaturi kollha fl-Unjoni Ewropea, kemm liċ-ċittadini u anki lin-negozji, opportunitajiet ġodda ta' negozju u aktar kummerċ transfruntier, biex titjieb l-

2 ĠU […], […], p. […].
3 ĠU […], […], p. […].
4 Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).
5 Ara l-Anness III, il-Parti A.

effiċjenza, jinkisbu prezzijiet kompetittivi u standards ogħla ta' servizz, u biex dan jgħin fis-sigurtà tal-provvista u s-sostenibbiltà.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 2 (adattat)

(3) Id-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-gass naturali~~[6] ⌦ u d-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⌫ ~~għamlet~~ taw kontribut sinifikanti biex jissawwar dan is-suq intern tal-gass naturali.

---

⇩ ġdid

(4) Bħala parti mill-Pakkett "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha" li pproponiet il-Kummissjoni fit-30 ta' Novembru 2016, ir-Regolament (UE) 2019/943[7] u d-Direttiva (UE) 2019/944[8] xprunaw pass ieħor 'il quddiem fl-iżvilupp tas-suq intern tal-elettriku li jpoġġi liċ-ċittadini fil-qalba tiegħu, u għenu fl-objettivi tal-Unjoni li twettaq tranżizzjoni lejn sistema ta' enerġija nadifa u tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Is-suq intern tal-gass naturali jenħtieġ li jinbena fuq dawk l-istess prinċipji u, b'mod partikolari, jiżgura livell ugwali ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

(5) L-Unjoni għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Għalhekk, adottat sett ta' inizjattivi biex tilħaq dak il-għan, fosthom l-istrateġija għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u l-istrateġija għall-idroġenu li ppubblikat il-Kummissjoni f'Lulju 2020 u li jistabbilixxu kif jenħtieġ li jiġu aġġornati s-swieq tal-enerġija, inkluż id-dekarbonizzazzjoni tas-swieq tal-gass, u r-Regolament (UE) 2018/1999 u r-Regolament (UE) 2021/1119. Din id-Direttiva jenħtieġ li tikkontribwixxi biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, filwaqt li tiżgura s-sigurtà tal-provvista u suq intern tal-gassijiet li jiffunzjona tajjeb, inkluż tal-idroġenu.

(6) Din id-Direttiva għandha l-għan li tiffaċilita l-penetrazzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju fis-sistema tal-enerġija, biex tkun tista' ssir il-bidla mill-gassijiet fossili, u biex dawn il-gassijiet ġodda jkunu jistgħu jaqdu rwol importanti fil-kisba tal-objettivi klimatiċi tal-UE sal-2030 u tan-newtralità klimatika sal-2050. Id-Direttiva għandha l-għan ukoll li tistabbilixxi qafas regolatorju li jippermetti u jinċentiva lill-parteċipanti kollha fis-suq biex waqt li jkunu qed jippjanaw l-attivitajiet tagħhom iqisu r-rwol tranżizzjonali tal-gassijiet fossili ħalli jevitaw l-effetti ta' intrappolament u jiżguraw it-tneħħija gradwali u fil-ħin tal-gassijiet fossili, b'mod partikolari fis-setturi industrijali rilevanti kollha u għal skopijiet ta' tisħin.

(7) L-istrateġija tal-UE għall-idroġenu tagħraf li, billi l-Istati Membri tal-UE għandhom potenzjal differenti fil-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli, suq tal-UE miftuħ u kompetittiv b'kummerċ transfruntier mingħajr xkiel jipprovdi benefiċċji importanti għall-kompetizzjoni, l-affordabbiltà u s-sigurtà tal-provvista. Barra minn hekk, din

---

6 ~~ĠU L 176, 15.7.2003, p. 57.~~

7 Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54).

8 Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

tenfasizza li t-tranżizzjoni lejn suq likwidu b'kummerċ tal-idroġenu bbażat fuq il-komoditajiet tiffaċilita d-dħul ta' produtturi ġodda u tgħin għal integrazzjoni aktar profonda ma' vetturi oħra tal-enerġija. Din tipprovdi sinjali ta' prezzijiet vijabbli biex isiru l-investimenti u jittieħdu deċiżjonijiet operattivi. Għaldaqstant, ir-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li jħeġġu l-ftuħ ta' swieq tal-idroġenu, kummerċ tal-idroġenu bbażat fuq il-komoditajiet, u ċentri tal-kummerċ tal-fjuwil likwidu, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ li jxejnu kull ostaklu żejjed f'dan ir-rigward. Filwaqt li jagħrfu d-differenzi inerenti, ir-regoli eżistenti li ppermettew operazzjonijiet kummerċjali effiċjenti u żviluppati għas-swieq u l-kummerċ tal-elettriku u tal-gass jenħtieġ li jsiru applikabbli għas-swieq tal-idroġenu tal-Unjoni sa fejn ikun xieraq u fi żmien xieraq.

(8) F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Idroġenu, l-idroġenu rinnovabbli mistenni jidħol fuq skala kbira mill-2030 'il quddiem għall-fini tad-dekarbonizzazzjoni ta' ċerti setturi, li jvarjaw mill-avjazzjoni u t-tbaħħir għal setturi industrijali li diffiċli jiġu dekarbonizzati. Il-klijenti finali kollha konnessi mas-sistemi tal-idroġenu se jgawdu ċerti drittijiet bażiċi tal-konsumaturi applikabbli għall-klijenti finali konnessi mas-sistema tal-gass naturali bħalma hu d-dritt li jaqilbu l-fornitur u jkollhom informazzjoni eżatta dwar il-fatturazzjoni. Meta l-klijenti jkunu konnessi man-network tal-idroġenu, fosthom il-klijenti industrijali, dawn igawdu l-istess drittijiet ta' protezzjoni tal-konsumaturi applikabbli għall-klijenti tal-gass naturali. Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-konsumaturi mfassla biex iħeġġu l-parteċipazzjoni tal-unitajiet domestiċi fis-suq, fosthom l-għodod għat-tqabbil tal-prezzijiet, il-klijenti attivi u l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini ma japplikawx għas-sistema tal-idroġenu.

(9) Bi qbil mal-Istrateġija tal-UE għall-Idroġenu, il-prijorità għall-UE hi li tiżviluppa idroġenu rinnovabbli magħmul l-iżjed bl-enerġija mir-riħ u mix-xemx. L-idroġenu rinnovabbli hu l-aktar alternattiva kompatibbli mal-għan fit-tul tal-UE ta' newtralità klimatika u tniġġis żero, u l-aktar alternattiva koerenti ma' sistema tal-enerġija integrata. Iżda l-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (LCFS) bħall-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (LCH) jistgħu jaqdu rwol fit-tranżizzjoni tal-enerġija, b'mod partikolari fl-immedjat u fi żmien medju biex l-emissjonijiet tal-fjuwils eżistenti jitnaqqsu malajr, u jiġi appoġġat l-użu ta' fjuwils rinnovabbli bħall-idroġenu rinnovabbli. Biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni, jeħtieġ tiġi stabbilita mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, għall-idroġenu b'livell baxx tal-karbonju u għall-fjuwils sintetiċi gassużi. Din il-mira jenħtieġ li ssir aktar stretta għall-idroġenu ġġenerat f'installazzjonijiet li jibdew joperaw fl-1 ta' Jannar 2031 jew wara, biex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi u jiġi stimulat aħjar il-progress dinamiku lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-produzzjoni tal-idroġenu. L-istrateġija tal-UE għall-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija enfasizzat il-ħtieġa li tintuża sistema ta' ċertifikazzjoni għall-UE kollha li tkopri wkoll il-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ħalli l-Istati Membri jkunu jistgħu jqabbluhom ma' alternattivi oħra tad-dekarbonizzazzjoni u jikkunsidrawhom fit-taħlita tal-enerġija tagħhom bħala soluzzjoni vijabbli. Biex ikun żgurat li l-LCF ikollhom l-istess impatt ta' dekarbonizzazzjoni meta mqabbla ma' sorsi alternattivi tal-enerġija rinnovabbli, hu importanti li dawn jiġu ċċertifikati billi jitħaddem approċċ metodoloġiku simili bbażat fuq valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-emissjonijiet totali tagħhom tal-gassijiet serra ("GHG"). B'hekk tkun tista' tiddaħħal sistema ta' ċertifikazzjoni komprensiva għall-UE kollha li tkopri t-taħlita tal-enerġija kollha tal-Unjoni. Meta jitqies li l-LCF u l-LCH mhumiex fjuwils rinnovabbli, it-terminoloġija u ċ-ċertifikazzjoni tagħhom ma setgħux jiddaħħlu fil-proposta għar-reviżjoni tad-

Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]. Għalhekk, l-inklużjoni tagħhom f'din id-Direttiva timla din il-lakuna.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 3

(10) Il-libertajiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattat – bħall-moviment liberu tal-merkanzija, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi – jinkisbu biss f'suq miftuħ għalkollox, li jippermetti lill-konsumaturi kollha jagħżlu liberament il-fornituri tagħhom, u lill-fornituri kollha jfornu liberament lill-klijenti tagħhom.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 4

~~(4) Madankollu, bħalissa, jeżistu ostakli għall-bejgħ ta' gass taħt termini ugwali u mingħajr diskriminazzjoni jew żvantaġġi fil-Komunità. B'mod partikolari, aċċess mhux diskriminatorju għan-network, u livell ugwalment effettiv ta' superviżjoni regolatorja f'kull Stat Membru, għad ma jeżistux.~~

---

🡻 2009/73/KE Premessa 5

~~(5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2007 intitolata "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa" enfasizzat l-importanza li jitlesta s-suq intern tal-gass naturali, kif ukoll li jinħoloq ambjent ekwu għall-kumpaniji kollha tal-gass naturali stabbiliti fil-Komunità. Il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2007 intitolata: "Prospetti għas-suq intern tal-gass u tal-elettriku" u "Inkjesta taħt l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 dwar is-Setturi Ewropej tal-Gass u tal-Elettriku (Rapport Finali)" urewli r-regoli u l-miżuri preżenti ma jipprovdux il-qafas meħtieġ biex jinkiseb l-objettiv ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb.~~

---

🡻 2009/73/KE Premessa 48 (adattat)
⇨ ġdid

(11) L-interessi tal-konsumatur jenħtieġ li jkunu fiċ-ċentru ta' din id-Direttiva, u l-kwalità tas-servizz jenħtieġ li tkun responsabbiltà ċentrali tal-impriżi tal-gass naturali. Id-drittijiet eżistenti tal-konsumaturi ⇨ u d-drittijiet tal-aċċess għas-servizzi essenzjali, inkluż għall-enerġija, u s-salvagwardja mill-faqar enerġetiku, kif dikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ⇦ jeħtieġ jissaħħu u jkunu garantiti, u jenħtieġ li jinkludu trasparenza akbar. Il-protezzjoni tal-konsumatur jenħtieġ li tiżgura li l-klijenti kollha fil-kompetenza usa' ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ jibbenefikaw minn suq ⌦ tal-gass ⌫ kompetittiv. Id-drittijiet tal-konsumaturi jenħtieġ li jiġu infurzati mill-Istati Membri, jew meta Stat Membru hekk jistipula, mill-awtoritajiet regolatorji.

---

9 Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

⇩ ġdid

(12) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jqis l-enerġija fost is-servizzi essenzjali li kulħadd għandu jkollu aċċess għalihom u jitlob miżuri ta' appoġġ għal dawk fil-bżonn (il-prinċipju 20). L-Għan 7 tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU (SDG7) jitlob ukoll li jkun żgurat aċċess għal enerġija affordabbli, affidabbli, sostenibbli u moderna lil kulħadd.

---

🡇 2009/73/KE Premessa 47 (adattat)

(13) ~~Ir-~~Rrekwiżiti tas-servizz pubbliku u l-istandards minimi komuni li jitnisslu minnhom jeħtieġ li jissaħħu aktar biex ikun żgurat li l-konsumaturi kollha, speċjalment dawk vulnerabbli, jkunu jistgħu jgawdu mill-kompetizzjoni u minn prezzijiet ġusti. Ir-rekwiżiti tas-servizz pubbliku jeħtieġ li jiġu definiti fil-livell nazzjonali, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali; ~~il-liġi Komunitarja għandha,~~ madankollu, ⌦ id-dritt tal-Unjoni jeħtieġ li ⌫ jiġi rispettat mill-Istati Membri. ~~Iċ-ċittadini tal-Unjoni u, meta l-Istati Membri jqisu li jkun xieraq, l-impriżi ż-żgħar, għandhom ikunu jistgħu jgawdu minn obbligi ta' servizz pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista u tariffi raġonevoli.~~

---

⇩ ġdid

(14) L-Istati Membri jeħtieġ li jkollhom diskrezzjoni wiesgħa biex jimponu obbligi ta' servizz pubbliku fuq l-impriżi tal-gass fl-isforzi tagħhom biex jilħqu objettivi ta' interess ekonomiku ġenerali. Madankollu, obbligi ta' servizz pubbliku fil-forma ta' ffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-gass naturali huma miżura li toħloq distorsjoni fundamentali li spiss twassal għal akkumulazzjoni ta' defiċits tariffarji, limitazzjoni fl-għażla tal-konsumaturi, inqas inċentivi għall-investimenti fl-iffrankar enerġetiku u fl-effiċjenza enerġetika, standards ta' servizz aktar baxxi, livelli aktar baxxi ta' involviment u sodisfazzjon tal-konsumaturi, restrizzjoni tal-kompetizzjoni, u inqas prodotti u servizzi innovattivi fis-suq. Minħabba f'hekk, l-Istati Membri jeħtieġ li japplikaw għodod oħra ta' politika, b'mod partikolari miżuri ta' politika soċjali mmirati, biex jiżguraw l-affordabbiltà tal-provvista tal-gass naturali liċ-ċittadini tagħhom. L-interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet tal-provvista tal-gass naturali jeħtieġ li jsiru biss bħala obbligi ta' servizz pubbliku u jeħtieġ li jkunu soġġetti għal kundizzjonijiet speċifiċi. Suq bl-imnut tal-gass naturali liberalizzat għalkollox u li jiffunzjona tajjeb jistimula l-kompetizzjoni fost il-fornituri eżistenti abbażi tal-prezzijiet u mhux tal-prezzijiet, u jipprovdi inċentivi lill-parteċipanti ġodda fis-suq, u b'hekk jitjiebu l-għażla u s-sodisfazzjon tal-konsumaturi.

(15) L-obbligi ta' servizz pubbliku fil-forma ta' ffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-gass naturali jeħtieġ li jintużaw mingħajr ma jisbqu l-prinċipju ta' swieq miftuħa f'ċirkostanzi u b'benefiċjarji definiti b'mod ċar, u jeħtieġ li jkunu limitati fiż-żmien. Biex jittaffew l-effetti distorsivi tal-obbligi ta' servizz pubbliku fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-gass naturali, l-Istati Membri li japplikaw dawn l-interventi jeħtieġ li jdaħħlu fis-seħħ miżuri addizzjonali, inkluż miżuri għall-prevenzjoni ta' distorsjonijiet tal-iffissar tal-prezzijiet fis-suq bl-ingrossa. L-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw li l-benefiċjarji kollha tal-prezzijiet regolati jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-

sħiħ mill-offerti disponibbli fis-suq kompetittiv meta jagħżlu li jagħmlu dan. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġu infurmati direttament u regolarment dwar l-offerti u l-iffrankar disponibbli fis-suq kompetittiv, u jenħtieġ li jingħataw assistenza biex jirrispondu għall-offerti bbażati fuq is-suq u jibbenefikaw minnhom.

(16) Jenħtieġ li l-interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-gass naturali ma jikkawżawx sussidjar inkroċjat dirett bejn kategoriji differenti ta' klijenti. Skont dak il-prinċipju, is-sistemi tal-prezzijiet ma għandhomx iġiegħlu b'mod espliċitu lil ċerti kategoriji ta' klijenti jġarrbu l-kost tal-interventi fil-prezzijiet li jolqtu lil kategoriji oħra ta' klijenti.

---

| ➔ 2009/73/KE Premessa 49 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(17) Jenħtieġ li tkun disponibbli informazzjoni ċara u komprensiva lill-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom relatati mas-settur tal-enerġija. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż l-Istati Membri, awtoritajiet regolatorji ~~nazzjonali~~ , organizzazzjonijiet tal-konsumatur u impriżi tal-gass naturali, ~~għandha tistabbilixxi~~ ⌦ stabbiliet ⌫ lista tal-kontroll aċċessibbli u faċli għall-konsumaturi tal-enerġija b'informazzjoni prattika dwar id-drittijiet tagħhom. Din il-lista tal-kontroll għall-konsumaturi tal-enerġija jenħtieġ li ⇨ tinżamm aġġornata, ⇦ tingħata lill-konsumaturi kollha u tkun disponibbli għall-pubbliku.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(18) L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-fatt li biex tirnexxi t-tranżizzjoni jeħtieġ isir investiment aktar sod fl-edukazzjoni u fil-ħiliet tal-ħaddiema fl-industrija tal-gass, inkluż b'rabta mal-iżvilupp tal-infrastruttura. Din ir-referenza tkun konformi mal-proposta għal reviżjoni tal-EED (2021/0203 (COD).

(19) Ir-regoli tas-suq jenħtieġ li jħarsu u jagħtu s-setgħa lill-klijenti biex jagħmlu għażliet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, ħalli l-gassijiet rinnovabbli ġodda u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jiġu inkorporati għalkollox fit-tranżizzjoni tal-enerġija.

(20) Il-gass naturali għad għandu rwol ewlieni fil-provvista tal-enerġija, peress li l-konsum tal-enerġija tal-unitajiet domestiċi mill-gass naturali għadu iżjed minn tal-elettriku. Għalkemm l-elettrifikazzjoni hija element ewlieni tat-tranżizzjoni ekoloġika, fil-futur xorta se jkun hemm konsum tal-gass naturali mill-unitajiet domestiċi, inkluż volumi dejjem akbar tal-gass rinnovabbli.

(21) Peress li s-settur tal-gass naturali, inkluż is-suq bl-imnut tal-gass naturali ma kienx parti mill-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha, id-dispożizzjonijiet relatati dwar l-involviment u l-protezzjoni tal-konsumaturi ma ġewx adattati skont il-ħtiġijiet tat-tranżizzjoni tal-enerġija, u minflok jirriflettu s-sitwazzjoni kif kienet iżjed minn għaxar snin ilu meta kien ġie adottat it-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija.

(22) Is-suq tal-gass naturali qed iġarrab nuqqas ta' sodisfazzjon u involviment mill-klijenti u adozzjoni bil-mod tal-gassijiet ġodda rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, li lkoll jirriflettu kompetizzjoni limitata f'ħafna Stati Membri. Għall-kuntrarju tal-prezzijiet li

qed jonqsu fis-swieq bl-ingrossa, il-prezzijiet tal-gass naturali għall-klijenti domestiċi żdiedu fl-aħħar għaxar snin u dan wassal biex il-konsumaturi domestiċi jħallsu darbtejn jew tliet darbiet aktar mill-klijenti industrijali għall-konsum tal-gass naturali tagħhom.

(23) Bħal fil-każ tas-settur tal-elettriku, il-flessibbiltajiet tas-suq u qafas legali adegwat tad-drittijiet tal-konsumatur tal-Unjoni fis-settur tal-gass naturali huma essenzjali biex ikun żgurat li l-konsumaturi jkunu jistgħu jipparteċipaw fit-tranżizzjoni tal-enerġija u jgawdu prezzijiet affordabbli, standards tajbin tas-servizz, u għażla effettiva ta' offerti li jirriflettu l-iżviluppi teknoloġiċi.

(24) Il-qlib mill-gassijiet fossili għal alternattivi rinnovabbli se jitwettaq fil-prattika jekk l-enerġija minn sorsi rinnovabbli ssir għażla attraenti u nondiskriminatorja tal-konsumaturi abbażi ta' informazzjoni tassew trasparenti li taqsam b'mod ġust il-kostijiet tat-tranżizzjoni bejn il-gruppi differenti ta' konsumaturi u atturi tas-suq.

(25) Biex jiġu indirizzati l-lakuni attwali fis-suq tal-gass bl-imnut, jeħtieġ jiġu indirizzati l-ostakli eżistenti tal-kompetizzjoni u tekniċi għat-tfaċċar ta' servizzi ġodda, livelli aħjar ta' servizz, u prezzijiet orħos għall-konsumaturi, filwaqt li tkun żgurata l-protezzjoni tal-konsumaturi vulnerabbli u fil-faqar enerġetiku.

(26) Biex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni u ta' awtonomizzazzjoni lill-konsumaturi b'mod konsistenti fost is-setturi kollha tal-enerġija, il-qafas leġiżlattiv tal-leġiżlazzjoni tas-suq tal-gass dekarbonizzat jenħtieġ li jkun jirrifletti d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni, u meta rilevanti tal-awtonomizzazzjoni, tal-konsumaturi tas-suq tal-elettriku.

(27) Biex ikun koerenti u effettiv, dan l-approċċ ta' rifless jenħtieġ li jinkludi d-dispożizzjonijiet kollha dwar il-protezzjoni u l-awtonomizzazzjoni tal-konsumaturi, kull meta jkun fattibbli u adattabbli għas-suq tal-gass. Dan jenħtieġ li jmur minn drittijiet kuntrattwali bażiċi għal regoli tal-informazzjoni dwar il-fatturazzjoni, il-qlib tal-fornitur tal-enerġija, id-disponibbiltà ta' għodod tat-tqabbil affidabbli, il-protezzjoni tal-konsumaturi vulnerabbli u fil-faqar enerġetiku, li tkun żgurata protezzjoni adegwata tad-*data* fl-arloġġi intelliġenti u l-ġestjoni tad-*data*, u regoli effiċjenti dwar soluzzjoni alternattiva tat-tilwim.

(28) Fit-twettiq tal-konsistenza tad-dispożizzjonijiet fis-setturi kollha, il-piżijiet għall-amministrazzjonijiet nazzjonali u n-negozji jenħtieġ li jkunu limitati u proporzjonati billi jibnu wkoll fuq l-esperjenza b'rabta mal-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha.

(29) Il-modernizzazzjoni tas-settur tal-gass mistennija twassal għal benefiċċji ekonomiċi sostanzjali mil-lat ta' titjib tal-kompetizzjoni fis-suq bl-imnut, u mil-lat tal-benefiċċji soċjali u distribuzzjonali tagħha u ta' awtonomizzazzjoni tal-konsumaturi, inkluż tisħiħ fid-drittijiet kuntrattwali u informazzjoni disponibbli aħjar dwar il-konsum u s-sorsi tal-enerġija li jwasslu għal għażliet aktar ekoloġiċi. Il-komunitajiet ta' interess tal-enerġija jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-użu tal-gass rinnovabbli.

(30) Il-qlib hu indikatur importanti tal-involviment tal-konsumaturi, u għodda importanti li tixpruna l-kompetizzjoni fis-suq tal-gass naturali. Ir-rati tal-qlib għadhom inkonsistenti fost l-Istati Membri u l-konsumaturi mhumiex jitħeġġu jaqilbu minħabba t-tariffi tal-ħruġ u tat-terminazzjoni. Minkejja li t-tneħħija ta' dawn it-tariffi tista' tillimita l-għażla tal-konsumaturi billi telimina l-prodotti bbażati fuq l-ippremjar tal-lealtà tal-konsumaturi, aktar restrizzjonijiet tal-użu tagħhom jenħtieġ li jtejbu l-benesseri tal-konsumaturi, l-involviment tagħhom u l-kompetizzjoni fis-suq.

(31) Tnaqqis fil-ħinijiet għall-qlib aktarx li jħeġġeġ lill-klijenti jfittxu offerti aħjar tal-enerġija, u jaqilbu l-fornitur. Biż-żieda fl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni, sas-sena 2026, jenħtieġ li l-proċess tekniku tal-qlib għar-reġistrazzjoni ta' fornitur ġdid f'punt ta' metraġġ għand l-operatur tas-suq ikun tipikament possibbli li jitlesta fi żmien 24 siegħa fi kull jum tax-xogħol. Li jkun żgurat li sa dik id-data, il-proċess tekniku tal-qlib jista' jsir fi żmien 24 siegħa, inaqqas il-ħin tal-qlib u b'hekk jgħin biex jiżdiedu l-involviment tal-konsumaturi u l-kompetizzjoni fis-suq bl-imnut.

(32) Diversi fatturi jxekklu lill-konsumaturi milli jaċċessaw, jifhmu u jieħdu azzjoni rigward id-diversi sorsi ta' informazzjoni tas-suq disponibbli għalihom. B'hekk jirriżulta li l-paragunabbiltà tal-offerti jenħtieġ li tittejjeb, u l-ostakli għall-qlib jenħtieġ li jitnaqqsu kemm jista' jkun fil-prattika mingħajr ma tiġi limitata bla bżonn l-għażla tal-konsumaturi.

(33) L-għodod tat-tqabbil indipendenti, inkluż is-siti web, huma mezz effettiv biex il-klijenti iżgħar ikunu jistgħu jivvalutaw il-vantaġġi tal-offerti differenti tal-enerġija disponibbli fis-suq. Dawn jenħtieġ li jimmiraw li jinkludu l-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' offerti disponibbli, u jkopru kemm jista' jkun mis-suq skont kemm ikun fattibbli biex il-klijent jingħata ħarsa ġenerali rappreżentattiva. Hu kruċjali li l-klijenti iżgħar ikollhom aċċess għal mill-anqas għodda waħda tat-tqabbil u li l-informazzjoni mogħtija fuq dawn l-għodod tkun affidabbli, imparzjali u trasparenti. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu għodda tat-tqabbil li titħaddem minn awtorità nazzjonali jew kumpanija privata.

(34) Il-klijenti finali jenħtieġ li jkunu jistgħu wkoll jikkunsmaw, jaħżnu u jbigħu l-gass rinnovabbli awtoġenerat u jipparteċipaw fis-swieq kollha tal-gass naturali billi jipprovdu servizzi anċillari lis-sistema, pereżempju permezz tal-ħżin tal-enerġija. L-Istati Membri jenħtieġ li jkun jista' jkollhom dispożizzjonijiet differenti fil-liġi nazzjonali tagħhom rigward it-taxxi u l-imposti għall-klijenti attivi individwali u li jaġixxu b'mod konġunt.

(35) Filwaqt li jingħaraf ir-rwol li jistgħu jaqdu fid-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija, ċerti kategoriji ta' inizjattivi tal-enerġija taċ-ċittadini jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti fis-suq tal-gass naturali fil-livell tal-Unjoni bħala "komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini". Dawn il-komunitajiet jenħtieġ li jiffaċilitaw l-użu tal-gass rinnovabbli fis-sistema tal-gass naturali. Biex jingħataw qafas abilitanti u trattament ġust, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ambjent ekwu u katalogu definit sew ta' drittijiet u obbligi li jirriflettu b'mod ġenerali l-istruttura tas-sħubija, ir-rekwiżiti ta' governanza u l-fini tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini fid-Direttiva (UE) 2019/944.

(36) Id-dispożizzjonijiet dwar il-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini ma jipprekludux l-eżistenza ta' inizjattivi oħra taċ-ċittadini bħall-Komunitajiet tal-Enerġija Rinnovabbli fid-Direttiva (UE) 2018/2001 jew dawk li jinħolqu minn ftehimiet tad-dritt privat. Is-sħubija fil-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini jenħtieġ li tkun miftuħa għall-kategoriji kollha tal-entitajiet. Iżda s-setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'komunità tal-enerġija taċ-ċittadini jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk il-membri jew l-azzjonisti li mhumiex involuti f'attività kummerċjali fuq skala kbira u li għalihom is-settur tal-enerġija mhuwiex qasam primarju ta' attività ekonomika. Dan ifisser li l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini u l-membri jew l-azzjonisti individwali jeħtieġ li jkunu indipendenti finanzjarjament u ekonomikament mill-entitajiet involuti f'dawk l-attivitajiet, minkejja l-possibbiltà li l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini jiddelegaw il-ġestjoni tal-installazzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tagħhom, inkluż l-installazzjoni, l-operazzjoni, it-trattament tad-*data* u l-manutenzjoni.

(37) Il-kontijiet u l-informazzjoni dwar il-fatturazzjoni huma mezz importanti għall-informazzjoni u l-awtonomizzazzjoni tal-klijenti finali. Il-kontijiet tal-enerġija jibqgħu l-aktar tħassib komuni u l-aktar sors komuni tal-ilmenti tal-konsumaturi, fattur li jikkontribwixxi għal-livelli persistentement baxxi ta' sodisfazzjon u involviment tal-konsumaturi fis-settur tal-gass. Id-dispożizzjonijiet tal-informazzjoni dwar il-kontijiet fis-settur tal-gass għadhom ukoll lura fejn jidħlu d-drittijiet tal-konsumaturi fis-settur tal-elettriku. Għalhekk dawn jeħtieġ jiġu allinjati, u jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-kontijiet u l-informazzjoni dwar il-kontijiet fis-settur tal-gass, ħalli l-konsumaturi jkollhom aċċess għal informazzjoni trasparenti u li tinftiehem faċilment. Il-kontijiet jenħtieġ li jagħtu informazzjoni lill-konsumaturi finali dwar il-konsum u l-kostijiet tagħhom, ħalli jiffaċilitaw it-tqabbil tal-offerti u l-qlib tal-fornitur, u informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi (fosthom dwar is-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim). Barra minn hekk, il-kontijiet jenħtieġ li jkunu għodda biex il-konsumaturi jinvolvu ruħhom b'mod attiv fis-suq, ħalli l-konsumaturi jkunu jistgħu jimmaniġġjaw ix-xejriet tal-konsum tagħhom u jagħmlu għażliet aktar ekoloġiċi.

(38) L-għoti regolari ta' informazzjoni eżatta dwar il-fatturazzjoni abbażi tal-konsum reali tal-gass, iffaċilitat mill-metraġġ intelliġenti, hu importanti biex jgħin lill-klijenti jikkontrollaw il-konsum u l-kostijiet tal-gass tagħhom. Iżda l-klijenti, b'mod partikolari l-klijenti domestiċi, jenħtieġ li jkollhom aċċess għal arranġamenti flessibbli għall-ħlas effettiv tal-kontijiet tagħhom.

---

| ⬇ 2009/73/KE Premessa 47 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(39) Aspett prinċipali tal-provvista lill-klijenti hu l-aċċess għal *data* oġġettiva u trasparenti dwar il-konsum. Għaldaqstant, il-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom aċċess għad-*data* tal-konsum tagħhom u l-prezzijiet assoċjati u l-kostijiet tas-servizzi biex ikunu jistgħu jistiednu lill-kompetituri biex jagħmlu offerta bbażata fuq ~~din id-data~~ ⌦ dik l-informazzjoni ⌫ . Il-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom ukoll id-dritt li jiġu infurmati sew dwar il-konsum tal-enerġija tagħhom. Il-ħlasijiet bil-quddiem jenħtieġ li ⇨ ma jqegħdux żvantaġġ sproporzjonat fuq l-utenti tagħhom, filwaqt li ⇦ ~~għandhom jirriflettu l-konsum probabbli tal-gass naturali u~~ s-sistemi differenti tal-ħlas jenħtieġ li jkunu nondiskriminatorji. L-informazzjoni dwar il-kostijiet tal-enerġija mogħtija sikwit biżżejjed lill-konsumaturi ~~ser~~ ⌦ jenħtieġ li ⌫ toħloq l-inċentivi għall-iffrankar enerġetiku billi tagħti rispons dirett lura lill-klijenti dwar l-effetti tal-investiment fl-effiċjenza enerġetika u l-bidla fl-imġiba.

---

| ⬇ 2009/73/KE Premessa 52 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(40) ⇨ Meta jsiru deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali rigward l-introduzzjoni tas-sistemi tal-metraġġ intelliġenti għall-gass naturali, ⇦ ~~I~~jenħtieġ li jkun possibbli li din ⌦ id-deċiżjoni ⌫ ~~l-introduzzjoni ta' sistemi ta' kejl intelliġenti~~ tkun ibbażata fuq valutazzjoni ekonomika. ⇨ Jenħtieġ li dik il-valutazzjoni ekonomika tqis il-benefiċċji fit-tul tal-introduzzjoni tas-sistemi tal-metraġġ intelliġenti għall-konsumaturi u għall-

katina tal-valur kollha. ⇦ Jekk dik il-valutazzjoni tikkonkludi li l-introduzzjoni ta' dawn is-sistemi tal-metraġġ tkun raġonevoli ekonomikament u kosteffettiva biss għall-konsumaturi b'ċertu ammont ta' konsum tal-gass ⇨ naturali ⇦ , l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkunsidraw dan meta ~~jimpilmentaw is-sistemi ta' miters intelliġenti~~ ⌦ jipproċedu bl-introduzzjoni ⌫. ⇨ Madankollu, dawk il-valutazzjonijiet jenħtieġ li jiġu rieżaminati regolarment bħala rispons għal bidliet sinifikanti fis-suppożizzjonijiet sottostanti, jew mill-inqas kull erba' snin, fid-dawl tal-pass mgħaġġel tal-iżviluppi teknoloġiċi. ⇦

---

⇩ ġdid

(41) Biex jgħinu għall-parteċipazzjoni attiva tal-klijenti finali fis-suq, jenħtieġ li s-sistemi tal-metraġġ intelliġenti li jridu jiġu introdotti jkunu jqisu kif xieraq l-użu tal-istandards disponibbli rilevanti, inkluż dawk li jippermettu l-interoperabbiltà fil-livell tal-mudell tad-*data* u tas-saff ta' applikazzjoni, l-aqwa prattiki u l-importanza tal-iżvilupp tal-iskambju tad-*data*, u s-servizzi tal-enerġija futuri u innovattivi. Barra minn hekk, is-sistemi tal-metraġġ intelliġenti li jintużaw jenħtieġ li ma jkunux joħolqu ostaklu għall-qlib tal-fornitur fil-każ tal-konsumaturi tal-gass naturali, u jenħtieġ li jkollhom funzjonalitajiet adegwati għall-użu biex il-klijenti finali jkollhom aċċess fil-ħin għad-*data* dwar il-konsum tagħhom, ikunu jistgħu jimmodulaw l-imġiba enerġetika tagħhom, jiġu ppremjati għaliha, u jiksbu ffrankar fil-kontijiet tagħhom.

(42) L-Istati Membri li ma jintroduċux il-metraġġ intelliġenti sistematikament fis-sistema tal-gass naturali jenħtieġ li jippermettu lill-konsumaturi jgawdu mill-installazzjoni ta' arloġġ intelliġenti, meta jitolbu dan u b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, u jenħtieġ li jagħtuhom l-informazzjoni rilevanti kollha.

(43) Bħalissa, fl-Istati Membri ġew żviluppati, jew qed jiġu żviluppati, mudelli differenti għall-ġestjoni tad-*data* wara l-introduzzjoni tas-sistemi tal-metraġġ intelliġenti. Indipendentement mill-mudell tal-ġestjoni tad-*data*, hu importanti li l-Istati Membri jqiegħdu fis-seħħ regoli trasparenti biex id-*data* tkun tista' tiġi aċċessata b'kundizzjonijiet nondiskriminatorji u jiżguraw l-ogħla livell taċ-ċibersigurtà u tal-protezzjoni tad-*data*, u l-imparzjalità tal-entitajiet li jipproċessaw id-*data*.

---

↓ 2009/73/KE Premessa 51 (adattat)

(44) Aktar protezzjoni lill-konsumaturi hi żgurata bid-disponibbiltà ta' mezzi effettivi għas-soluzzjoni tat-tilwim lill-konsumaturi kollha. L-Istati Membri ~~għandhom jintroduċu~~ ⌦ jenħtieġ li jipprevedu ⌫ proċeduri veloċi u effettivi għall-immaniġġjar tat-tilwim.

---

↓ 2009/73/KE Premessa 50 (adattat)

~~(50) Il-faqar tal-enerġija huwa problema li qed tikber fil-Komunità. L-Istati Membri li huma affettwati u li għadhom m'għamlux hekk għandhom, għaldaqstant, jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali jew oqsfa oħra xierqa biex jindirizzaw il-faqar tal-enerġija, bl-għan li jnaqqsu n-numru ta' persuni li qed ibatu minħabba din is-~~

~~sitwazzjoni. Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-provvista tal-enerġija meħtieġa għall-konsumaturi vulnerabbli. Meta jagħmlu dan, jista' jintuża approċċ integrat, pereżempju fil-qafas tal-politika soċjali, u l-miżuri jistgħu jinkludu politiki soċjali jew titjib fid-djar biex l-enerġija tintuża b'mod aktar effiċjenti. Mill-inqas, din id-direttiva għandha tippermetti politiki nazzjonali li jiffavorixxu l-konsumaturi vulnerabbli.~~

---

⇩ ġdid

(45) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri xierqa, bħall-għoti ta' benefiċċji bis-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom, ħalli jiżguraw il-provvista meħtieġa lill-klijenti vulnerabbli, jew jagħtu appoġġ biex titjieb l-effiċjenza enerġetika, ħalli jindirizzaw il-faqar enerġetiku fejn jiġi identifikat skont l-Artikolu 3(3), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10], inkluż fil-kuntest usa' tal-faqar. Dawk il-miżuri jistgħu jvarjaw skont iċ-ċirkostanzi partikolari fl-Istati Membri inkwistjoni u jistgħu jinkludu miżuri ta' politika soċjali jew tal-enerġija relatati mal-ħlas tal-kontijiet tal-gassijiet, l-investiment fl-effiċjenza enerġetika tal-bini residenzjali, jew il-protezzjoni tal-konsumaturi, bħas-salvagwardji mill-iskonnessjoni.

(46) Skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], il-Kummissjoni pprovdiet gwida indikattiva[12] dwar l-indikaturi xierqa biex jitkejjel il-faqar enerġetiku u ssir definizzjoni ta' "għadd sinifikanti ta' unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku".

(47) Is-simplifikazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi amministrattivi u limiti taż-żmien ċari għad-deċiżjonijiet li jridu jieħdu l-awtoritajiet kompetenti biex joħorġu awtorizzazzjoni, jenħtieġ li jiżguraw li l-introduzzjoni ta' faċilitajiet tal-produzzjoni tal-idroġenu u tal-infrastruttura tas-sistema tal-idroġenu tkun tista' ssir b'pass adegwat. L-Istati Membri jenħtieġ li jintalbu jirrappurtaw dwar il-progress li jkun sar. L-anterjorità tal-awtorizzazzjonijiet (bħal liċenzji, permessi, konċessjonijiet jew approvazzjonijiet) mogħtija skont il-liġi nazzjonali għall-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-pipelines eżistenti tal-gass naturali u ta' assi oħra tan-network, tkun meħtieġa ladarba l-vettur tal-enerġija gassuża trasportat f'pipeline tal-gass jinbidel mill-gass naturali għall-idroġenu (pur). Dan jenħtieġ li jevita d-dewmien bla bżonn fl-għoti ta' skop ġdid lill-pipelines tal-gass naturali eżistenti u lil assi oħra tan-networks għat-trasport tal-idroġenu. Jenħtieġ li jkun evitat li l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet għall-infrastruttura tas-sistema tal-idroġenu jkunu materjalment differenti, sakemm dan ma jkunx ġustifikat biżżejjed. Kunsiderazzjonijiet tekniċi dwar is-sikurezza jistgħu jiġġustifikaw approċċ divrenzjat fl-anterjorità tal-awtorizzazzjonijiet eżistenti, jew fil-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet ġodda. Id-dispożizzjonijiet dwar il-proċeduri tal-awtorizzazzjoni jenħtieġ li japplikaw mingħajr

---

[10] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

[11] Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

[12] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-14.10.2020 dwar il-faqar enerġetiku, C(2020) 9600 final

preġudizzju għal-liġijiet internazzjonali u tal-Unjoni, inkluż id-dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem. Meta jkun debitament ġustifikat minħabba ċirkostanzi straordinarji, jenħtieġ li jkun possibbli li l-limiti taż-żmien għall-proċeduri tal-awtorizzazzjoni jiġu estiżi b'perjodu massimu ta' sena.

(48) L-għoti ta' gwida lill-applikanti tul il-proċessi tagħhom tal-applikazzjoni u tal-għoti tal-permess amministrattiv permezz ta' punt ta' kuntatt amministrattiv hu maħsub biex tonqos il-kumplessità għall-iżviluppaturi tal-proġetti u jiżdiedu l-effiċjenza u t-trasparenza. Il-possibbiltà li l-applikanti jissottomettu d-dokumenti rilevanti b'format diġitali u d-disponibbiltà ta' manwal tal-proċeduri għall-applikanti jistgħu jgħinu fl-effiċjenza. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet li jimplimentaw il-proċeduri tal-awtorizzazzjoni jiġu involuti b'mod attiv biex jindirizzaw l-ostakli pendenti, fosthom dawk nonfinanzjarji bħan-nuqqas ta' għarfien u riżorsi diġitali u umani biżżejjed li jxekklu l-ipproċessar ta' għadd dejjem akbar ta' proċeduri tal-awtorizzazzjoni.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 6

(49) Mingħajr is-separazzjoni effettiva tan-networks mill-attivitajiet tal-produzzjoni u tal-provvista (separazzjoni effettiva), hemm riskju ta' diskriminazzjoni mhux biss fl-operazzjoni tan-network iżda anki fl-inċentivi lill-impriżi integrati vertikalment biex jinvestu kif xieraq fin-networks tagħhom.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 7

(50) Iżda r-regoli dwar is-separazzjoni legali u funzjonali kif previsti fid-Direttiva 2003/55/KE ma wasslux għal separazzjoni effettiva tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni. Għalhekk, fil-laqgħa tiegħu tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti leġiżlattivi għal "separazzjoni effettiva tal-attivitajiet tal-provvista u tal-produzzjoni mill-operazzjonijiet tan-network".

---

🡻 2009/73/KE Premessa 8 (adattat)

(51) Hija biss it-tneħħija tal-inċentiv għall-impriżi integrati vertikalment li jiddiskriminaw kontra l-kompetituri fejn jidħol l-aċċess għan-networks u l-investiment li tista' tiżgura separazzjoni effettiva. Is-separazzjoni tas-sjieda, li timplika l-ħatra ta' sid in-network bħala l-operatur tas-sistema, u l-indipendenza tiegħu minn kull interess ta' provvista u ta' produzzjoni, hi bla dubju mezz effettiv u stabbli biex jissolva l-kunflitt ta' interess inerenti u tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista. Għal dik ir-raġuni, il-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2007 dwar il-prospetti tas-suq intern tal-gass u tal-elettriku~~[13]~~ jirreferi għas-separazzjoni tas-sjieda fil-livell tat-trażmissjoni bħala l-aktar għodda effettiva li ~~biha~~ tippromwovi l-investimenti fl-infrastrutturi b'mod nondiskriminatorju, aċċess ġust għan-network lill-parteċipanti ġodda, u t-trasparenza fis-suq. Għalhekk, bis-separazzjoni tas-sjieda, l-Istati Membri jenħtieġ li

[13] ~~ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 206.~~

jintalbu jiżguraw li l-istess persuna/i ma jkunux intitolati jeżerċitaw kontroll fuq impriża tal-produzzjoni jew tal-provvista u, fl-istess waqt, jeżerċitaw kontroll jew xi dritt fuq operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew fuq sistema tat-trażmissjoni. Bil-kontra, il-kontroll fuq sistema tat-trażmissjoni jew fuq operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jenħtieġ li jwaqqaf il-possibbiltà li jiġi eżerċitat kontroll jew dritt fuq impriża tal-produzzjoni jew tal-provvista. F'dawk il-limiti, jenħtieġ li jkun possibbli li impriża tal-produzzjoni jew tal-provvista jkollha sehem minoritarju f'operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew f'sistema tat-trażmissjoni.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 9

(52) Kull sistema tas-separazzjoni jenħtieġ li tkun effettiva fit-tneħħija ta' kull kunflitt ta' interess bejn il-produtturi, il-fornituri u l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, biex jinħolqu inċentivi għall-investimenti meħtieġa u jkun żgurat l-aċċess tal-parteċipanti ġodda fis-suq permezz ta' reġim regolatorju effiċjenti u trasparenti, u jenħtieġ li ma tkunx toħloq reġim regolatorju oneruż iżżejjed għall-awtoritajiet regolatorji ~~nazzjonali~~ .

---

🡻 2009/73/KE Premessa 10

(53) Id-definizzjoni tat-terminu "kontroll" ittieħdet mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet)[14].

---

🡻 2009/73/KE Premessa 11

(54) ~~Billi s-separazzjoni tad-dritt ta' proprjetà teħtieġ, f'xi każi, ir-ristrutturar tal-impriżi, l-Istati Membri li jiddeċiedu li jimplimentaw separazzjoni tad-dritt tal-proprjetà għandhom jingħataw żmien addizzjonali biex japplikaw id-dispożizzjonijiet relevanti.~~ Fid-dawl tar-rabtiet vertikali bejn is-setturi tal-gass u tal-elettriku, id-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni jenħtieġ li jkunu japplikaw għaż-żewġ setturi.

---

⇩ ġdid

(55) B'kuntrast ma' dan, rigward is-settur tal-idroġenu, il-ftuħ ta' impriżi integrati vertikalment jista' jiġi evitat qabelxejn billi jiġu stabbiliti regoli ċari bil-quddiem. Dan hu aktar preferibbli minn rekwiżiti għaljin ta' separazzjoni *ex post* li jieħdu ż-żmien biex jitwettqu.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 12

(56) Bis-separazzjoni tas-sjieda, biex tkun żgurata indipendenza sħiħa tal-operazzjoni tan-network mill-interessi tal-provvista u tal-produzzjoni, u biex ikun evitat kull skambju

---

14 ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

tal-informazzjoni kunfidenzjali, l-istess persuna jenħtieġ li ma jkunx membru tal-bordijiet maniġerjali ta' operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew sistema tat-trażmissjoni kif ukoll ta' impriża li twettaq xi waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew il-provvista. Għall-istess raġuni, l-istess persuna jenħtieġ li ma tkunx intitolata li taħtar membri tal-bordijiet maniġerjali ta' operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew ta' sistema tat-trażmissjoni u teżerċita kontroll jew dritt fuq impriża tal-produzzjoni jew tal-provvista.

---

| ↓ 2009/73/KE Premessa 13 |
|---|

(57) L-istabbiliment ta' operatur tas-sistema jew ta' operatur tat-trażmissjoni li jkun indipendenti mill-interessi tal-provvista u tal-produzzjoni jenħtieġ li jippermetti lill-impriżi integrati vertikalment iżommu s-sjieda tagħhom tal-assi tan-network, filwaqt li jiżgura separazzjoni effettiva tal-interessi, diment li dan l-operatur indipendenti tas-sistema jew dan l-operatur indipendenti tat-trażmissjoni jwettaq il-funzjonijiet kollha ta' operatur tas-sistema u jkun hemm fis-seħħ regolamentazzjoni dettaljata u mekkaniżmi estensivi tal-kontroll regolatorju.

---

| ↓ 2009/73/KE Premessa 14 (adattat) |
|---|

(58) Għalhekk jekk, fit-3 ta' Settembru 2009, impriża li tkun is-sid ta' sistema tat-trażmissjoni ~~tkun~~ ⌦ kienet ⌫ parti minn impriża integrata vertikalment, l-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw l-għażla bejn is-separazzjoni tas-sjieda u l-istabbiliment ta' operatur tas-sistema jew ta' operatur tat-trażmissjoni li jkun indipendenti mill-interessi tal-provvista u tal-produzzjoni.

---

| ↓ 2009/73/KE Premessa 15 (adattat) |
|---|

(59) Għal ħarsien ⌦ sħiħ ⌫ tal-interessi tal-azzjonisti tal-impriżi integrati vertikalment, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-għażla li jimplimentaw separazzjoni tas-sjieda bi żvestiment dirett jew bi qsim tal-ishma tal-impriża integrata f'ishma tal-impriża tan-network u ishma tal-impriża residwa tal-provvista u tal-produzzjoni, diment li dan ikun konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mis-separazzjoni tas-sjieda.

---

| ↓ 2009/73/KE Premessa 16 (adattat) |
|---|

(60) L-effikaċja sħiħa tas-soluzzjonijiet ta' operatur indipendenti tas-sistema jew ta' operatur indipendenti tat-trażmissjoni jenħtieġ li tkun żgurata b'regoli speċifiċi addizzjonali. Ir-regoli dwar l-operatur indipendenti tat-trażmissjoni jipprovdu qafas regolatorju xieraq li jiżgura kompetizzjoni ġusta, investiment biżżejjed, aċċess lill-parteċipanti ġodda fis-suq, u l-integrazzjoni tas-swieq tal-gass. Is-separazzjoni effettiva permezz tad-dispożizzjonijiet dwar l-operatur indipendenti tat-trażmissjoni jenħtieġ li tissejjes fuq pilastru ta' miżuri organizzattivi u miżuri dwar il-governanza

tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, u fuq pilastru ta' miżuri relatati mal-investiment, il-konnessjoni ta' kapaċitajiet ġodda tal-produzzjoni man-network, u l-integrazzjoni tas-suq bil-kooperazzjoni reġjonali. L-indipendenza tal-operatur tat-trażmissjoni jenħtieġ li tkun żgurata wkoll, fost l-oħrajn b'ċerti perjodi tal-"cooling-off" li matulhom ma ssir l-ebda attività ta' ġestjoni jew attività rilevanti oħra fl-impriża integrata vertikalment li tagħti aċċess għall-istess informazzjoni li setgħet inkisbet f'pożizzjoni maniġerjali. ~~Il-mudell tal-operatur tat-trażmissjoni indipendenti tas-separazzjoni effettiva jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu fit-8 u d-9 ta' Marzu 2007.~~

---

| ⬇ 2009/73/KE Premessa 17<br>⇨ ġdid |
|---|

(61) Biex tinħoloq il-kompetizzjoni fis-suq intern tal-gass, il-klijenti nondomestiċi l-kbar ⇨ , involuti f'attivitajiet kummerċjali fuq skala kbira, ⇦ , jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu l-fornituri tagħhom u jagħmlu kuntratti ma' bosta fornituri biex jiżguraw il-ħtiġijiet tal-gass tagħhom. Dawn il-konsumaturi jenħtieġ li jkunu protetti mill-klawżoli ta' esklużjoni, bl-effett li jeskludu offerti kompetittivi jew kumplimentari.

---

| ⬇ 2009/73/KE Premessa 18 (adattat) |
|---|

(62) Stat Membru ⌦ jenħtieġ li jkollu ⌫ ~~għandu~~ d-dritt li jagħżel separazzjoni sħiħa tas-sjieda fit-territorju tiegħu. Meta Stat Membru jkun eżerċita dak id-dritt, impriża ~~ma għandhiex~~ ⌦ jenħtieġ li ma jkollhiex ⌫ id-dritt tistabbilixxi operatur indipendenti tas-sistema jew operatur indipendenti tat-trażmissjoni. Barra minn hekk, impriża li twettaq xi waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-provvista ~~ma tistax tikkontrolla jew teżerċita dritt direttament jew indirettament~~ ⌦ jenħtieġ li ma tkunx teżerċita kontroll dirett jew indirett ⌫ jew xi dritt fuq operatur tas-sistema tat-trażmissjoni minn Stat Membru li għażel separazzjoni sħiħa tas-sjieda.

---

| ⬇ 2009/73/KE Premessa 19 (adattat) |
|---|

(63) ~~Taħt din id-Direttiva~~ ~~f~~Fis-suq intern tal-gass naturali, jeżistu tipi differenti ta' organizzazzjoni tas-suq ~~se jeżistu~~. Il-miżuri li l-Istati Membri jistgħu jieħdu biex jiżguraw ambjent ekwu jenħtieġ li jkunu bbażati fuq rekwiżiti prevalenti ta' interess ġenerali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi kkonsultata dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri ~~mat-Trattat~~ ⌦ mat-TFUE ⌫ u ~~mal-liġi tal-Komunità~~ ⌦ mal-liġijiet tal-Unjoni ⌫ .

---

| ⬇ 2009/73/KE Premessa 20 |
|---|

(64) L-implimentazzjoni ta' separazzjoni effettiva jenħtieġ li tirrispetta l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni bejn is-settur pubbliku u privat. Għal dan il-għan, l-istess persuna jenħtieġ li ma tkunx tista' teżerċita kontroll jew dritt, bi ksur tar-regoli tas-separazzjoni

tas-sjieda jew l-alternattiva tal-operatur indipendenti tas-sistema, waħedha jew b'mod konġunt, fuq il-kompożizzjoni, il-votazzjoni jew id-deċiżjoni tal-korpi tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jew tas-sistemi tat-trażmissjoni kif ukoll tal-impriżi tal-provvista jew tal-produzzjoni. Rigward is-separazzjoni tas-sjieda u l-alternattiva tal-operatur indipendenti tas-sistema, diment li l-Istat Membru kkonċernat ikun jista' juri konformità mar-rekwiżit, jenħtieġ li żewġ korpi pubbliċi separati jkunu jistgħu jikkontrollaw l-attivitajiet tal-produzzjoni u tal-provvista, minn naħa, u l-attivitajiet tat-trażmissjoni, min-naħa l-oħra.

---

| ➔ 2009/73/KE Premessa 21(adattat) |
|---|

(65) Is-separazzjoni effettiva sħiħa tal-attivitajiet tan-network mill-attivitajiet tal-provvista u tal-ġenerazzjoni jenħtieġ li tapplika ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫ kollha għall-impriżi ~~Komunitarji~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ kif ukoll għal impriżi ~~mhux Komunitarji~~ ⌦ mhux tal-Unjoni ⌫ . Biex ikun żgurat li l-attivitajiet tan-network u l-attivitajiet tal-provvista u tal-produzzjoni ~~fil-Komunità~~⌦ fl-Unjoni ⌫ jibqgħu indipendenti minn xulxin, l-awtoritajiet regolatorji jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li jirrifjutaw iċ-ċertifikazzjoni lill-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni li ma jikkonformawx mar-regoli tas-separazzjoni. Biex tkun żgurata l-applikazzjoni konsistenti ta' dawk ir-regoli ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫ kollha, l-awtoritajiet regolatorji jenħtieġ li jqisu bis-sħiħ l-opinjoni tal-Kummissjoni meta dawk tal-ewwel jieħdu deċiżjonijiet dwar iċ-ċertifikazzjoni. Barra minn hekk, biex tiżgura r-rispett tal-obbligi internazzjonali ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ u s-solidarjetà u s-sigurtà tal-enerġija ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha d-dritt tagħti l-opinjoni tagħha dwar iċ-ċertifikazzjoni fir-rigward ta' sid tas-sistema tat-trażmissjoni jew operatur tas-sistema tat-trażmissjoni li jkun ikkontrollat minn persuna/i minn pajjiż(i) terz(i).

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(66) In-networks tal-pipelines tal-idroġenu jenħtieġ li jkunu mezz importanti ta' trasport effiċjenti u sostenibbli tal-idroġenu, fuq l-art u lil hinn mill-kosta. Minħabba n-nefqa kapitali għolja meħtieġa għall-kostruzzjoni tagħhom, in-networks tal-pipelines tal-idroġenu jistgħu jikkostitwixxu monopolji naturali. L-esperjenza fir-regolamentazzjoni tas-swieq tal-gass naturali wriet l-importanza li jkun żgurat aċċess miftuħ u nondiskriminatorju għan-networks tal-pipelines biex titħares il-kompetizzjoni fis-swieq tal-prodotti bażiċi. Għalhekk, il-prinċipji stabbiliti sew tal-operazzjoni tan-network, bħall-aċċess ta' partijiet terzi, jenħtieġ li jkunu applikabbli għan-networks tal-idroġenu fuq l-art u lil hinn mill-kosta fl-Unjoni.

(67) L-operazzjoni tan-networks tal-idroġenu jenħtieġ li tkun separata mill-attivitajiet tal-produzzjoni u tal-provvistat tal-enerġija biex ikun evitat ir-riskju ta' kunflitti ta' interess f'isem l-operaturi tan-networks. Is-separazzjoni strutturali tas-sjieda tan-networks tal-idroġenu u l-parteċipazzjonijiet fil-produzzjoni u fil-provvista tal-enerġija tiżgura n-nuqqas ta' dawn il-kunflitti ta' interess. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq il-mudell alternattiv ta' separazzjoni tal-"operatur tan-network integrat tal-idroġenu" sal-2030 biex jipprovdu perjodu tranżitorju għan-networks tal-idroġenu integrati vertikalment eżistenti. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jippermettu wkoll l-użu tal-mudell ta' "operatur indipendenti tan-network tal-

idroġenu” biex jippermettu lis-sidien integrati vertikalment tan-networks tal-idroġenu jżommu s-sjieda tan-networks tagħhom filwaqt li jiżguraw l-operazzjoni nondiskriminatorja ta’ tali networks wara l-2030.

(68) Filwaqt li l-operazzjoni konġunta tan-networks tal-idroġenu u tal-grilji tal-gass jew tal-elettriku tista’ toħloq sinerġiji, u jekk dawn ikunu permessi, l-attivitajiet tal-operazzjoni tan-networks tal-idroġenu jenħtieġ li jiġu organizzati f’entità legali separata biex tkun żgurata t-trasparenza b’rabta mal-finanzjament u l-użu tat-tariffi tal-aċċess.

(69) L-operazzjoni tan-networks tal-idroġenu jenħtieġ li tkun separata mill-attivitajiet tal-produzzjoni u tal-provvista tal-enerġija biex ikun evitat ir-riskju ta’ kunflitti ta’ interess f’isem l-operaturi tan-networks. Is-separazzjoni strutturali tas-sjieda tan-networks tal-idroġenu u l-parteċipazzjoni fil-produzzjoni u fil-provvista tal-enerġija jenħtieġ li jiżguraw in-nuqqas ta’ dawn il-kunflitti ta’ interess. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq il-mudell alternattiv tas-separazzjoni tal-operatur tan-network integrat tal-idroġenu sal-2030 biex jipprovdu perjodu tranżitorju għan-networks tal-idroġenu integrati vertikalment eżistenti. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru wkoll l-użu ta’ operatur indipendenti tan-networks tal-idroġenu biex is-sidien integrati vertikalment tan-networks tal-idroġenu jkunu jistgħu jibqgħu sidien tan-networks tagħhom u jiżguraw l-operazzjoni nondiskriminatorja ta’ dawk in-networks wara l-2030.

(70) Biex tkun żgurata t-trasparenza b’rabta mal-kostijiet u l-finanzjament tal-attivitajiet regolati, l-attivitajiet tal-operazzjoni tan-networks tal-idroġenu jenħtieġ li jiġu separati mill-attivitajiet l-oħra tal-operazzjoni tan-networks għal vetturi oħra tal-enerġija mill-inqas fejn tidħol il-forma legali u l-kontijiet tal-operaturi tan-networks.

(71) In-networks tal-idroġenu jenħtieġ li jkunu soġġetti għal aċċess ta’ partijiet terzi biex ikunu żgurati l-kompetizzjoni u ambjent ekwu fis-suq tal-provvista tal-idroġenu. L-aċċess regolat ta’ partijiet terzi abbażi ta’ tariffi tal-aċċess regolati jenħtieġ li jkun ir-regola awtomatika fit-tul. Biex tkun żgurata l-flessibbiltà meħtieġa għall-operaturi u jonqsu l-kostijiet amministrattivi tul il-fażi taż-żieda fis-suq tal-idroġenu, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-għażla li jippermettu l-użu ta’ aċċess negozjat ta’ partijiet terzi sal-2030.

(72) Id-disponibbiltà ta’ faċilitajiet tal-ħżin tal-idroġenu taħt l-art fuq skala kbira hi limitata u mqassma b’mod mhux uniformi madwar l-Istati Membri. Minħabba r-rwol potenzjalment siewi għall-funzjonament tat-trasport u tas-swieq tal-idroġenu, l-aċċess għal dawn il-ħażniet ta’ taħt l-art fuq skala kbira jenħtieġ li jkun soġġett għal aċċess regolat minn partijiet terzi biex ikun żgurat ambjent ekwu għall-parteċipanti fis-suq.

(73) It-terminals għall-konverżjoni tal-idroġenu likwidu jew tal-ammonjaka likwida f’idroġenu gassuż jikkostitwixxu mezz ta’ importazzjoni tal-idroġenu, iżda jikkompetu ma’ mezzi oħra tat-trasport tal-idroġenu. Filwaqt li l-aċċess ta’ partijiet terzi għal terminals bħal dawn jenħtieġ li jkun żgurat, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-għażla li jimponu sistema ta’ aċċess negozjat ta’ partijiet terzi biex jonqsu l-kostijiet amministrattivi tal-operaturi u tal-awtoritajiet regolatorji.

(74) In-networks tal-idroġenu integrati vertikalment eżistenti jenħtieġ li jiġu integrati fil-qafas regolatorju wara perjodu tat-tranżizzjoni.

(75) Ir-raggruppamenti tal-idroġenu lokalizzat jenħtieġ li jkunu element kostitwenti importanti tal-ekonomija Ewropea tal-idroġenu. Dawn ir-raggruppamenti jistgħu

jibbenefikaw minn rekwiżiti regolatorji simplifikati tul il-fażi taż-żieda tas-suq tal-idroġenu.

(76) L-interkonnetturi tal-pipelines ma' pajjiżi terzi jistgħu jservu bħala mezz tat-trasport għall-importazzjonijiet jew għall-esportazzjonijiet tal-idroġenu. Jenħtieġ li r-regoli operattivi għal dawn l-interkonnetturi tal-idroġenu ma' pajjiżi terzi u r-regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju jitnaqqsu fi ftehim intergovernattiv biex ikun żgurat qafas regolatorju koerenti u l-applikazzjoni konsistenti tiegħu għall-infrastruttura kollha.

(77) Biex tkun żgurata l-operazzjoni effiċjenti tan-networks tal-idroġenu Ewropej, l-operaturi tan-networks tal-idroġenu jenħtieġ li jkunu responsabbli għall-operazzjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tan-networks tat-trasport tal-idroġenu b'kooperazzjoni mill-qrib ma' operaturi oħra tan-networks tal-idroġenu u ma' operaturi oħra tas-sistemi li magħhom huma konnessi jew jistgħu jkunu konnessi n-networks tagħhom, inkluż biex teħfief l-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija.

(78) L-operaturi tan-networks tal-idroġenu jenħtieġ li jitqabbdu jibnu kapaċità transfruntiera biżżejjed għat-trasport tal-idroġenu li takkomoda d-domandi ekonomikament raġonevoli u teknikament fattibbli kollha għal din il-kapaċità, u b'hekk jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tas-suq.

(79) F'xi każijiet, skont pereżempju t-topografija tan-networks tal-idroġenu u l-popolazzjoni tal-utenti finali konnessi man-networks tal-idroġenu, il-ġestjoni tal-kwalità tal-idroġenu mill-operaturi tan-networks tal-idroġenu tista' ssir meħtieġa (eż. il-purifikazzjoni). Għalhekk, l-awtoritajiet regolatorji jistgħu iqabbdu lill-operaturi tan-networks tal-idroġenu biex jiżguraw ġestjoni effiċjenti tal-kwalità tal-idroġenu fin-networks tagħhom, meta meħtieġ għall-ġestjoni tas-sistema. Meta jwettqu attivitajiet bħal dawn, l-operaturi tan-networks tal-idroġenu jenħtieġ li jikkonformaw mal-istandards tal-kwalità tal-idroġenu applikabbli.

(80) Meta l-operaturi tas-sistemi għall-operaturi tan-networks tal-gass naturali jew tal-idroġenu jirrifjutaw talbiet għal aċċess jew għal konnessjoni minħabba nuqqas ta' kapaċità, ir-rifjuti jenħtieġ li jiġu sostanzjati kif xieraq, u l-operaturi jenħtieġ li jintalbu jtejbu s-sistema tagħhom biex jippermettu l-konnessjonijiet jew l-aċċess mitlubin, meta jkun ekonomiku li jagħmlu dan.

---

🡻 (EU) 2019/692 Premessa 3 (adattat)

(81) ~~Din id-Direttiva tfittex li tindirizza~~ L~~l~~-ostakli għat-tlestija tas-suq intern tal-gass naturali kkawżati minħabba n-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli tas-suq tal-Unjoni għal-linji tat-trażmissjoni tal-gass lejn u mill-pajjiżi terzi ⌦ jenħtieġ li jiġu indirizzati wkoll ⌫ . ~~L-emendi introdotti minn din id-Direttiva~~ ⌦ Jeħtieġ ikun żgurat ⌫ ~~huma maħsuba~~ li r-regoli applikabbli għal-linji tat-trażmissjoni tal-gass li jikkollegaw żewġ Stati Membri jew aktar ikunu applikabbli wkoll fl-Unjoni għal-linji tat-trażmissjoni tal-gass lejn u mill-pajjiżi terzi. Dan ~~ser~~ ⌦ jenħtieġ li ⌫ jistabbilixxi l-konsistenza tal-qafas legali fl-Unjoni, u jevita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern tal-enerġija fl-Unjoni u l-impatti negattivi fuq is-sigurtà tal-provvista. Dan ~~ser isaħħaħ~~ ⌦ jenħtieġ li jsaħħaħ ⌫ ukoll it-trasparenza u jipprovdi ċ-ċertezza legali lill-parteċipanti fis-suq, b'mod partikolari lill-investituri fl-infrastruttura tal-gass u lill-utenti tas-sistemi, rigward ir-reġim legali applikabbli.

⇩ ġdid

(82) L-Istati Membri u l-Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija[15] jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib fil-materji kollha li jikkonċernaw l-iżvilupp ta' suq tal-gass integrat u d-dekarbonizzazzjoni tiegħu, u jenħtieġ li ma jieħdu l-ebda miżura li xxekkel l-integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tal-gass jew is-sigurtà tal-provvista tal-Istati Membri u tal-Partijiet Kontraenti. Dan jista' jinkludi kooperazzjoni b'rabta mal-kapaċitajiet tal-ħżin, u li jiġu mistiedna esperti fi gruppi reġjonali rilevanti dwar ir-riskju tal-gass.

---

🡻 (UE) 2019/692 Premessa 5

(83) Jenħtieġ li l-pipelines li jikkollegaw proġett tal-produzzjoni taż-żejt jew tal-gass ta' pajjiż terz ma' impjant tal-ipproċessar jew ma' destinazzjoni kostali finali fi ħdan Stat Membru jitqiesu bħala networks tal-pipelines upstream. Il-pipelines li jikkollegaw proġett tal-produzzjoni taż-żejt jew tal-gass fi Stat Membru ma' impjant tal-ipproċessar jew ma' destinazzjoni kostali finali fi ħdan pajjiż terz jenħtieġ li ma jitqisux bħala networks tal-pipelines upstream għall-fini ta' din id-Direttiva, għax pipelines bħal dawk aktarx ma jħallux impatt sinifikanti fuq is-suq intern tal-enerġija.

---

🡻 (UE) 2019/692 Premessa 6

(84) Jenħtieġ li operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jkunu liberi li jikkonkludu ftehimiet tekniki ma' operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jew entitajiet oħra f'pajjiżi terzi dwar materji relatati mal-operazzjoni u l-interkonnessjoni tas-sistemi tat-trażmissjoni, diment li l-kontenut ta' dawn il-ftehimiet ikun kompatibbli mal-liġijiet tal-Unjoni.

---

🡻 (UE) 2019/692 Premessa 7

(85) Il-ftehimiet tekniċi rigward l-operazzjoni tal-linji tat-trażmissjoni bejn l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jew entitajiet oħra jenħtieġ li jibqgħu fis-seħħ, diment li dawn ikunu konformi mal-liġijiet tal-Unjoni u d-deċiżjonijiet rilevanti tal-awtorità regolatorja ~~nazzjonali~~ .

---

🡻 (UE) 2019/692 Premessa 8

(86) Meta dawn il-ftehimiet tekniċi jkunu fis-seħħ, din id-Direttiva ma teżiġix il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali bejn Stat Membru u pajjiż terz jew ta' ftehim bejn l-Unjoni u pajjiż terz rigward l-operazzjoni tal-linja tat-trażmissjoni tal-gass ikkonċernata.

[15] ĠU L 198, 20.7.2006, p. 18.

🡻 (EU) 2019/692 Premessa 9 (adattat)

(87) L-applikabbiltà tad-Direttiva 2009/73/KE ⌦ ta' din id-Direttiva ⌫ għal-linji tat-trażmissjoni tal-gass lejn u mill-pajjiżi terzi tibqa' ⌦ jenħtieġ li tkun ⌫ limitata għat-territorju tal-Istati Membri. Rigward il-linji tat-trażmissjoni tal-gass offshore, id-Direttiva 2009/73/KE⌦ din id-Direttiva ⌫ jenħtieġ li tkun tapplika fil-baħar territorjali tal-Istat Membru fejn jinsab l-ewwel punt tal-interkonnessjoni man-network tal-Istati Membri.

🡻 (UE) 2019/692 Premessa 10

(88) Il-ftehimiet eżistenti konklużi bejn Stat Membru u pajjiż terz dwar l-operazzjoni tal-linji tat-trażmissjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jibqgħu fis-seħħ, f'konformità ma' din id-Direttiva.

🡻 (UE) 2019/692 Premessa 11

(89) Rigward il-ftehimiet jew partijiet mill-ftehimiet ma' pajjiżi terzi li jistgħu jaffettwaw ir-regoli komuni tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura koerenti u trasparenti biex permezz tagħha Stat Membru jiġi awtorizzat, meta jitlob dan, li jemenda, jestendi, jadatta, iġedded jew jikkonkludi ftehim ma' pajjiż terz dwar l-operazzjoni ta' linja tat-trażmissjoni jew ta' network tal-pipelines upstream bejn l-Istat Membru u pajjiż terz. Il-proċedura jenħtieġ li ma ddewwimx l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-allokazzjoni tal-kompetenza bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, u jenħtieġ li tapplika għall-ftehimiet eżistenti u ġodda.

🡻 (UE) 2019/692 Premessa 12

(90) Meta jkun jidher li s-suġġett ta' ftehim ikun parzjalment fil-kompetenza tal-Unjoni u parzjalment fil-kompetenza ta' Stat Membru, hu essenzjali li tkun żgurata l-kooperazzjoni mill-qrib bejn dak l-Istat Membru u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

🡻 (EU) 2019/692 Premessa 14 (adattat)

(91) Biex ⌦ ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex ⌫ tadotta deċiżjonijiet li jawtorizzaw jew jirrifjutaw li jawtorizzaw lil Stat Membru jemenda, jestendi, jadatta, iġedded jew jikkonkludi ftehim ma' pajjiż terz, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li

jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16].

---

| ⬇ 2009/73/KE Premessa 22 (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

(92) Is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija hi element essenzjali tas-sigurtà pubblika u għaldaqstant hi marbuta b'mod inerenti mal-funzjonament effiċjenti tas-suq intern tal-gass u mal-integrazzjoni tas-swieq iżolati tal-gass tal-Istati Membri. Il-gass jista' jasal biss għand iċ-ċittadini tal-Unjoni permezz tan-network. Swieq tal-gass miftuħin li jiffunzjonaw, u b'mod partikolari ~~n-~~ networks u assi oħra assoċjati mal-provvista tal-gass huma essenzjali għas-sigurtà pubblika, għall-kompetittività tal-ekonomija u għall-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-persuni mill-pajjiżi terzi jitħallew jikkontrollaw sistema tat-trażmissjoni jew operatur ta' sistema tat-trażmissjoni biss jekk dawn ikunu konformi mar-rekwiżiti tas-separazzjoni effettiva li japplikaw ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫, ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ jidhrilha li s-settur tas-sistema tat-trażmissjoni tal-gass għandu importanza kbira ~~għall-Komunità~~ ⌦ għall-Unjoni ⌫ u għalhekk hemm bżonn salvagwardji addizzjonali għall-preżervazzjoni tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija ~~lill-Komunità~~ ⌦ lill-Unjoni ⌫ ħalli jkun evitat kull theddid għall-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫ u għall-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni. Is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija ~~lill-Komunità~~ ⌦ lill-Unjoni ⌫ teħtieġ, b'mod partikolari, valutazzjoni tal-indipendenza tal-operazzjoni tan-networks, il-livell tad-dipendenza ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ u tal-Istati Membri individwali fuq il-provvista tal-enerġija minn pajjiżi terzi, u t-trattament tal-kummerċ u tal-investiment domestiċi u barranin fl-enerġija f'xi pajjiż terz partikolari. Għalhekk is-sigurtà tal-provvista jenħtieġ li tiġi vvalutata fid-dawl taċ-ċirkostanzi fattwali ta' kull każ, u tad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu mil-liġijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-ftehimiet internazzjonali bejn ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ u l-pajjiż terz ikkonċernat. Meta xieraq, il-Kummissjoni ⇨jenħtieġ li⇦ ~~hija mħeġġa~~ tippreżenta rakkomandazzjonijiet biex jiġu negozjati ftehimiet rilevanti mal-pajjiżi terzi li jindirizzaw is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ jew biex jiġu inklużi l-kwistjonijiet meħtieġa f'negozjati oħra ma' dawk il-pajjiżi terzi.

---

| ⬇ 2009/73/KE Premessa 23 |
|---|

(93) Jenħtieġ li jittieħdu miżuri oħra biex għall-aċċess għat-trasport ikunu żgurati tariffi trasparenti u nondiskriminatorji. Dawn it-tariffi jenħtieġ li jkunu japplikaw għall-utenti kollha b'mod nondiskriminatorju. Meta faċilità tal-ħżin, linepack jew servizz anċillari jkunu joperaw f'suq li hu kompetittiv biżżejjed, l-aċċess jista' jiġi permess b'mekkaniżmi trasparenti u nondiskriminatorji bbażati fuq is-suq.

---

16 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

🡻 2009/73/KE Premessa 24 (adattat)

(94) Jeħtieġ tkun żgurata l-indipendenza tal-operaturi tas-sistemi tal-ħżin biex jitjieb l-aċċess tal-partijiet terzi għall-faċilitajiet tal-ħżin li huma meħtieġa teknikament ~~u~~/jew ekonomikament biex jingħata aċċess effiċjenti għas-sistema għall-provvista tal-klijenti. Għaldaqstant, jixraq li l-faċilitajiet tal-ħżin jitħaddmu minn entitajiet legalment separati li jkollhom drittijiet deċiżjonali effettivi rigward l-assi meħtieġa għall-operazzjoni, il-manutenzjoni jew l-iżvilupp tal-faċilitajiet tal-ħżin. Jeħtieġ ukoll tiżdied it-trasparenza rigward il-kapaċità tal-ħżin li tiġi offruta lill-partijiet terzi, billi l-Istati Membri jiġu obbligati jiddefinixxu qafas pubbliku ċar u nondiskriminatorju, li jiddetermina r-reġim regolatorju adegwat applikabbli għall-faċilitajiet tal-ħżin. Dak l-obbligu jenħtieġ li ma jkunx jeħtieġ deċiżjoni ġdida dwar ir-reġimi tal-aċċess iżda jenħtieġ li jtejjeb it-trasparenza rigward ir-reġim tal-aċċess għall-ħżin. Ir-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità għall-informazzjoni sensittiva kummerċjalment huma importanti b'mod partikolari fejn tidħol id-*data* ta' natura strateġika jew meta jkun hemm utent wieħed biss għal faċilità tal-ħżin.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 25 (adattat)

(95) L-aċċess nondiskriminatorju għan-network tad-distribuzzjoni jiddetermina l-aċċess downstream lill-klijenti fil-livell tal-bejgħ bl-imnut. Madankollu, l-ambitu għad-diskriminazzjoni rigward l-aċċess u l-investiment ta' parti terza hu inqas sinifikanti fil-livell tad-distribuzzjoni milli fil-livell tat-trażmissjoni, fejn il-konġestjoni u l-influwenza tal-interessi tal-ġenerazzjoni huma ġeneralment iżjed milli fil-livell tad-distribuzzjoni. ~~Barra minn hekk, is-separazzjoni legali u funzjonali tal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, kienet rikjesta, skont id-Direttiva 2003/55/KE, biss mill-1 ta' Lulju 2007 u l-effetti tagħha fuq is-suq intern tal-gas naturali għad iridu jiġu evalwati. Ir-regoli dwar is-separazzjoni legali u funzjonali li bħalissa huma fis-seħħ jistgħu jwasslu għal separazzjoni effettiva sakemm dawn jiġu definiti b'mod aktar ċar, implimentati sewwa u sorveljati mill-qrib.~~ Biex ~~jinħolqu kundizzjonijiet ugwali~~ ⌦ jiġi stabbilit ambjent ekwu ⌫ fil-livell tal-bejgħ bl-imnut, l-attivitajiet tal-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni jenħtieġ li ~~għalhekk~~ jiġu monitorjati biex ma jieħdu vantaġġ mill-integrazzjoni vertikali tagħhom rigward il-pożizzjoni kompetittiva tagħhom fis-suq, b'mod partikolari b'rabta ma' klijenti domestiċi u ma' klijenti żgħar nondomestiċi.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 26

(96) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri konkreti biex jassistu l-użu usa' tal-bijogass u tal-gass mill-bijomassa, u l-produtturi tagħhom jenħtieġ li jingħataw aċċess nondiskriminatorju għas-sistema tal-gass, diment li dan l-aċċess ikun kompatibbli kontinwament mar-regoli tekniċi u l-istandards tas-sikurezza rilevanti.

⇩ ġdid

(97) Il-produtturi tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju spiss ikunu konnessi mal-grilja tad-distribuzzjoni. Biex jiġu ffaċilitati l-adozzjoni u l-integrazzjoni tas-suq tagħhom, hu essenzjali li dawn jiksbu aċċess bla xkiel għas-suq bl-ingrossa u għall-punti tal-kummerċ virtwali rilevanti. Il-parteċipazzjoni fis-suq bl-ingrossa hi determinata mill-mod kif jiġu definiti s-sistemi ta' dħul u ħruġ. F'diversi Stati Membri, il-produtturi konnessi mal-grilja tad-distribuzzjoni mhumiex parti mis-sistema ta' dħul u ħruġ. Għalhekk, l-aċċess tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju għas-suq bl-ingrossa jenħtieġ li jiġi ffaċilitat billi tingħata definizzjoni ta' sistema ta' dħul u ħruġ u billi finalment ikun żgurat li l-faċilitajiet tal-produzzjoni konnessi mas-sistema tad-distribuzzjoni jkunu parti minnha. Barra minn hekk, ir-Regolament [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx] jipprevedi li l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni u l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jridu jaħdmu flimkien biex jippermettu flussi fid-direzzjoni opposta min-network tad-distribuzzjoni għan-network tat-trażmissjoni jew mezzi alternattivi biex teħfief l-integrazzjoni fis-suq tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju.

🡻 2009/73/KE Premessa 27 (adattat)

(98) Biex tkun evitata l-impożizzjoni ta' piż finanzjarju u amministrattiv fuq l-operaturi ż-żgħar tad-distribuzzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu, meta meħtieġ, jeżentaw lill-impriżi kkonċernati mir-rekwiżiti legali tas-separazzjoni ~~tad-distribuzzjoni~~ .

🡻 2009/73/KE Premessa 28 (adattat)

(99) Meta tintuża sistema magħluqa tad-distribuzzjoni biex tiżgura l-aqwa effiċjenza possibbli tal-provvista integrata tal-enerġija li teħtieġ standards operattivi speċifiċi, jew meta titħaddem sistema magħluqa tad-distribuzzjoni qabelxejn għall-użu ta' sid is-sistema, l-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni jenħtieġ li jkun jista' jiġi eżentat mill-obbligi li joħolqu piż amministrattiv bla bżonn minħabba n-natura partikolari tar-relazzjoni bejn l-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni u l-utenti tas-sistema. Is-siti industrijali, kummerċjali jew ta' servizzi komuni, bħall-binjiet tal-istazzjonijiet tal-ferroviji, l-ajruporti, l-isptarijiet, is-siti kbar tal-kampeġġ b'faċilitajiet integrati jew is-siti tal-industrija tal-kimika jistgħu ⌦ ⌫ jinkludu sistemi magħluqa tad-distribuzzjoni minħabba n-natura speċjalizzata tal-operazzjonijiet tagħhom.

⇩ ġdid

(100) Bl-integrazzjoni ta' volumi dejjem akbar ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju fis-sistema tal-gass naturali, il-kwalità tal-gassijiet trasportati u kkunsmati fl-Ewropa se tinbidel. Biex tkun żgurata l-operazzjoni effiċjenti tas-sistema tal-gass naturali, l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jenħtieġ li jkunu responsabbli għall-

ġestjoni tal-kwalità tal-gass fil-faċilitajiet tagħhom. Meta l-injezzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju ssir fil-livell tad-distribuzzjoni u meta tkun meħtieġa ġestjoni tal-impatt tagħhom fuq il-kwalità tal-gass, l-awtoritajiet regolatorji jistgħu jqabbdu lill-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni biex jiżguraw il-ġestjoni effiċjenti tal-kwalità tal-gass fil-faċilitajiet tagħhom. Meta jwettqu kompiti ta' ġestjoni tal-kwalità tal-gass, l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni jenħtieġ li jikkonformaw mal-istandards applikabbli tal-kwalità tal-gass.

---

| ▼ 2009/73/KE Premessa 29 (ġdid) |
|---|

~~(29)~~ ~~Id-Direttiva 2003/55/KE introduċiet rekwiżit għall-Istati Membri li jistabbilixxu regolaturi b'kompetenzi speċifiċi. Madankollu, l-esperjenza turi li l-effettività tar-regolamentazzjoni ħafna drabi tkun limitata bin-nuqqas ta' indipendenza ta' regolaturi mill-gvern, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' setgħat u diskrezzjoni. Għal din ir-raġuni, fil-laqgħa tiegħu fit-8 u d-9 ta' Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa proposti leġislattivi li jipprovdu għal aktar armonizzazzjoni tas-setgħat u t-tisħiħ tal-indipendenza tar-regolaturi nazzjonali tal-enerġija. Għandu jkun possibbli li dawn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkopru kemm is-settur tal-elettriku kif ukoll dak tal-gass.~~

---

| ▼ 2009/73/KE Premessa 30 (ġdid) |
|---|

(101) Ir-regolaturi tal-enerġija jeħtieġ ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet fuq il-kwistjonijiet regolatorji rilevanti kollha biex is-suq intern tal-gass naturali jiffunzjona sew, u jridu jkunu indipendenti għalkollox minn kull interess pubbliku jew privat ieħor. ~~Dan ma tipprekludix la r-reviżjoni ġudizzjarja u lanqas is-superviżjoni parlamentari taħt il-liġi kostituzzjonali tal-Istati Membri. Addizzjonalment, l-approvazzjoni tal-baġit tar-regolatur mil-leġislatur nazzjonali ma tikkostitwixxix ostakolu għall-awtonomija baġitarja.~~ Id-dispożizzjonijiet relatati mal-awtonomija fl-implimentazzjoni tal-baġit allokat tal-awtorità regolatorja jenħtieġ li jiġu implimentati fil-qafas definit mil-liġi u r-regoli baġitarji nazzjonali. Filwaqt li jkunu qed jikkontribwixxu għall-indipendenza tal-awtorità regolatorja ~~nazzjonali~~ minn kull interess politiku jew ekonomiku bi skema xierqa ta' rotazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jqisu kif xieraq id-disponibbiltà tar-riżorsi umani u d-daqs tal-bord.

---

| ▼ 2009/73/KE Premessa 31 (adattat) |
|---|

(102) Biex ikun żgurat aċċess effettiv għas-suq lill-partijiet kollha fis-suq, inkluż lill-partijiet ġodda, huma meħtieġa mekkaniżmi nondiskriminatorji u kostriflessivi. Dan jenħtieġ li jintlaħaq bit-twaqqif ta' mekkaniżmi trasparenti bbażati fuq is-suq għall-provvista u x-xiri tal-gass meħtieġ fil-qafas tar-rekwiżiti tal-ibbilanċjar. L-awtoritajiet regolatorji ~~nazzjonali~~ ~~r~~ jenħtieġ li jaqdu rwol attiv biex jiżguraw li ⌦ l-prezzijiet ⌫ ~~it-tariffi~~ tal-ibbilanċjar ikunu nondiskriminatorji u kostriflessivi. Fl-istess ħin, jenħtieġ li jingħataw

inċentivi xierqa għal ibbilanċjar tad-dħul u tal-ħruġ tal-gass u biex is-sistema ma titqigħedx fil-periklu.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 32 (adattat)

(103) L-awtoritajiet regolatorji ~~nazzjonali~~ jenħtieġ li jkunu jistgħu jiffissaw jew japprovaw it-tariffi, jew il-metodoloġiji sottostanti tal-kalkolu tat-tariffi, abbażi ta' proposta mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew mill-operatur(i) tas-sistemi tad-distribuzzjoni jew mill-operatur tas-sistema tal-gass naturali likwifikat (LNG), jew abbażi ta' proposta maqbula minn dawk l-operatur~~(i)~~ u l-utenti tan-networks. Meta jwettqu dawk il-kompiti, l-awtoritajiet regolatorji ~~nazzjonali~~ jenħtieġ li jiżguraw li t-tariffi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni jkunu nondiskriminatorji u kostriflessivi, u jenħtieġ li jqisu l-kostijiet marġinali evitati u fit-tul tan-network minħabba miżuri amministrattivi min-naħa tad-domanda.

---

⇩ ġdid

(104) L-awtoritajiet regolatorji jenħtieġ li jippromwovu, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER), stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 942/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17],suq intern tal-idroġenu miftuħ, kompetittiv, sigur u ambjentalment sostenibbli bi flussi transfruntieri mingħajr xkiel. Biex is-suq intern tal-idroġenu jiffunzjona sew, l-awtoritajiet regolatorji jeħtieġ li jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet rigward il-kwistjonijiet regolatorji rilevanti kollha.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 33
⇨ ġdid

(105) Ir-regolaturi tal-enerġija jenħtieġ li jkollhom is-setgħa jadottaw deċiżjonijiet vinkolanti rigward l-impriżi tal-gass naturali ⇨ jew tal-idroġenu ⇦ u jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq l-impriżi tal-gass naturali ⇨ jew tal-idroġenu ⇦ li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom, jew jipproponu lil qorti kompetenti biex timponi dawn il-penali fuqhom. Ir-regolaturi tal-enerġija jenħtieġ li jingħataw ukoll is-setgħat jiddeċiedu, irrispettivament mill-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, dwar miżuri xierqa li jiżguraw il-benefiċċji tal-konsumaturi bil-promozzjoni tal-kompetizzjoni effettiva meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass naturali ⇨ u tal-idroġenu ⇦. L-istabbiliment ta' programmi tar-rilaxx tal-gass hu waħda mill-miżuri possibbli li tista' tintuża għall-promozzjoni tal-kompetizzjoni effettiva u biex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq.

---

[17] Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

🡻 2009/73/KE Premessa 33 (adattat)

(106) Ir-regolaturi tal-enerġija jenħtieġ li jingħataw ukoll is-setgħat jikkontribwixxub biex ikunu żgurati standards għoljin ta' servizz pubbliku f'konformità mal-ftuħ tas-suq, il-protezzjoni tal-klijenti vulnerabbli, u għall-effettività sħiħa tal-miżuri tal-protezzjoni tal-konsumaturi. Dawk id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni rigward l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, inkluż l-eżaminar tal-fużjonijiet b'dimensjoni ~~Komunitarja~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫, u mingħajr preġudizzju wkoll għar-regoli tas-suq intern bħall-moviment liberu tal-kapital. Il-korp indipendenti li lilu għandha d-dritt tappella parti li tkun affettwata b'deċiżjoni ~~tar-regolatur~~ ~~nazzjonali~~ ⌦ tal-awtorità regolatorja ⌫ jista' jkun qorti jew tribunal ieħor bis-setgħa jwettqu rieżami ġudizzjarju.

🡻 2009/73/KE Premessa 34

(107) Kull armonizzazzjoni tas-setgħat tal-awtoritajiet regolatorji ~~nazzjonali~~ jenħtieġ li tkun tinkludi s-setgħat li jingħataw inċentivi lill-impriżi ~~tal-gass naturali~~ u li jiġu imposti pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq dawk l-impriżi ~~tal-gass naturali~~ jew li jiġi propost lil qorti kompetenti biex timponi dawk il-pieni. Barra minn hekk, l-awtoritajiet regolatorji jenħtieġ li jkollhom is-setgħa jitolbu informazzjoni rilevanti lill-impriżi ~~tal-gass naturali~~, iwettqu investigazzjonijiet xierqa u biżżejjed, u jsolvu t-tilwimiet.

⇩ ġdid

(108) L-awtoritajiet regolatorji u l-ACER jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni dwar is-suq tal-idroġenu biex jiżguraw it-trasparenza, inkluż aspetti bħall-provvista u d-domanda, l-infrastruttura tat-trasport, il-kwalità tas-servizz, il-kummerċ transfruntier, l-investimenti, il-prezzijiet tal-konsumaturi, u l-likwidità tas-suq.

(109) L-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jaqdu rwol importanti biex ikunu żgurati investimenti kosteffettivi fin-networks tal-gass. Għal ippjanar ottimizzat fost il-vetturi tal-enerġija u biex jixxejjen id-distakk bejn l-approċċi differenti tal-ippjanar tan-networks nazzjonali u tal-UE kollha, qed jiddaħħlu rekwiżiti addizzjonali għal ippjanar konsistenti. L-ippjanar tan-networks jenħtieġ li jqis ukoll l-interkonnessjonijiet miżjuda bejn il-gass naturali u l-elettriku, kif ukoll l-idroġenu.

(110) Meta jiżviluppaw il-pjan tal-iżvilupp tan-networks, hu importanti li l-operaturi tal-infrastrutturi jqisu l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel"[18], b'mod partikolari, il-konsum mistenni użat għall-iżvilupp tax-xenarju konġunt.

(111) L-istrateġija għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija tindika l-importanza ta' ppjanar u operazzjoni kkoordinati tas-sistema tal-enerġija biex jintlaħqu l-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni. Għalhekk, jeħtieġ jitfassal pjan tal-iżvilupp tan-networks ibbażat

[18] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-28.9.2021 dwar l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel: minn prinċipji għall-prattika. Linji gwida u eżempji għall-implimentazzjoni tagħha fit-teħid tad-deċiżjonijiet fis-settur tal-enerġija u lil hinn minnu, COM (2021) 7014 final

fuq xenarju konġunt li jkun żviluppat fuq bażi transsettorjali. Filwaqt li jibqa' jkollhom pjanijiet settorjali separati, l-operaturi tal-infrastruttura jenħtieġ li jaħdmu għal livell ogħla ta' integrazzjoni filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet tas-sistema lil hinn minn vetturi tal-enerġija speċifiċi.

(112) Il-pjanijiet tal-iżvilupp tan-networks huma element importanti biex jingħarfu l-lakuni fl-infrastruttura u biex tingħata l-informazzjoni dwar l-infrastruttura li jeħtieġ li tinbena jew li tista' tiġi dekummissjonata u li tista' tintuża għal skopijiet oħra, bħat-trasport tal-idroġenu. Dan hu minnu irrispettivament mill-mudell tas-separazzjoni magħżul għall-operaturi tan-networks.

(113) L-għoti tal-informazzjoni dwar l-infrastruttura li tista' tiġi dekummissjonata, fil-pjan tal-iżvilupp tan-networks, jista' jfisser li l-infrastruttura titħalla ma tintużax, li tiżżarma jew li tintuża għal skopijiet oħra, bħat-trasport tal-idroġenu. Din iż-żieda fit-trasparenza dwar l-infrastruttura qed issir għax l-infrastruttura bi skop ġdid hija komparattivament orħos minn infrastruttura mibnija ġdida u għalhekk jenħtieġ li tippermetti tranżizzjoni kosteffettiva.

(114) Fl-Istati Membri li jiżviluppaw network tal-idroġenu, ir-rappurtar dwar l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-idroġenu jenħtieġ li jiżgura li l-kostruzzjoni tas-sistema tal-idroġenu tissejjes fuq projezzjonijiet progressivi u realistiċi tad-domanda, inkluż il-ħtiġijiet potenzjali mill-perspettiva tas-sistema tal-elettriku. Jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jippermettu imposti dedikati bħala mezz ta' kofinanzjament tal-infrastruttura ġdida tal-idroġenu, ir-rapport jenħtieġ li jappoġġa lill-awtorità regolatorja fil-valutazzjoni tagħha ta' dawn l-imposti. Ir-rapport jenħtieġ li jiġi ppreżentat lill-awtorità regolatorja regolarment biex jiġi deċiż mill-awtorità regolatorja. Iżda peress li s-suq tal-idroġenu qed kulma jmur jikber, jenħtieġ li jkun evitat sekwenzjar sproporzjonat u kontinwu tal-obbligu tar-rapportar.

(115) L-informazzjoni fil-pjan tal-iżvilupp tan-networks jenħtieġ li tippermetti tbassir tal-impatti fuq it-tariffi abbażi tal-ippjanar u d-dekummissjonar li jaffettwaw il-bażi tal-assi regolati kif imsemmi fl-Artikolu 51 ta' din id-Direttiva.

(116) Minflok ma jipprovdu pjan nazzjonali tal-iżvilupp tan-networks fil-livell tal-Istat Membru individwali, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jagħżlu li jfasslu pjan tal-iżvilupp tan-networks fil-livell reġjonali li jinkludi aktar minn Stat Membru wieħed u f'konformità mal-integrazzjoni volontarja tas-suq tal-gass reġjonali.

(117) B'kuntrast mal-elettriku, ir-rwol tal-gass naturali mistenni jonqos, u dan jaffettwa wkoll id-domanda għall-investimenti fl-infrastruttura. Għalhekk, il-pjan tal-iżvilupp tan-networks jeħtieġ jibbilanċja t-tħassib dwar il-kompetizzjoni u jevita assi mhux irkuprabbli. Għaldaqstant, l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni b'separazzjoni tas-sjieda jenħtieġ li ma jkunux koperti mill-Artikolu 51(7).

---

| |
|---|
| 🡻 2009/73/KE Premessa 35 (adattat)<br>⇨ ġdid |

(118) Investimenti f'infrastrutturi kbar ġodda jenħtieġ li jiġu promossi ferm, filwaqt li jkun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern ⇨ tal-gassijiet ⇦ ~~fil-gass naturali~~. Biex jiżdied l-effett pożittiv tal-proġetti eżentati tal-infrastruttura fuq il-kompetizzjoni u s-sigurtà tal-provvista, jenħtieġ li tul il-fażi tal-ppjanar tal-proġett jiġi ttestjat l-interess tas-suq, u jenħtieġ li jitħaddmu regoli dwar il-ġestjoni tal-konġestjoni. Meta

infrastruttura tkun fit-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed, bħala l-aħħar alternattiva, l-ACER jenħtieġ li tieħu ħsieb it-talba għall-eżenzjoni biex tqis aħjar l-implikazzjonijiet transfruntieri tagħha u tiffaċilita t-trattament amministrattiv tagħha. Barra minn hekk, minħabba l-profil tar-riskju eċċezzjonali tal-kostruzzjoni ta' dawn il-proġetti kbar ta' infrastruttura eżentati, jenħtieġ li jkun possibbli li tingħata deroga parzjali ⇨ jew sħiħa ⇦ lill-impriżi b'interessi fil-provvista u fil-produzzjoni b'rabta mar-regoli tas-separazzjoni għall-proġetti kkonċernati. Il-possibbiltà ta' derogi temporanji jenħtieġ li tapplika, b'mod partikolari minħabba raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista, għall-pipelines ġodda ~~fil-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ li jġorru l-gass mingħand il-pajjiżi terzi ~~sa ġewwa l-Komunità~~ ⌦ sal-Unjoni ⌫. L-eżenzjonijiet ⇨ u d-derogi ⇦ mogħtija skont id-Direttivi 2003/55/KE ⇨ u 2009/73/KE b'emendi ⇦ ⌦ jenħtieġ li ⌫ jibqgħu japplikaw sad-data tal-iskadenza skedata skont kif deċiż fid-deċiżjoni tal-eżenzjoni ⇨ jew tad-deroga ⇦ mogħtija.

---

⇩ ġdid

(119) Fl-Unjoni jeħtieġ li jsir avvanz lejn swieq tal-idroġenu interkonnessi biex jiġu ffaċilitati l-investimenti fl-infrastruttura transfruntiera tal-idroġenu. Wara l-31 ta' Diċembru 2030, meta r-reġim regolat tal-aċċess ta' partijiet terzi jiġi applikat komprensivament fl-Istati Membri kollha u fin-nuqqas ta' tariffi tat-trasport transfruntier, sistema ta' kumpens finanzjarju jenħtieġ li tipprovdi inċentivi finanzjarji lill-parteċipanti fis-suq biex jiżviluppaw interkonnetturi transfruntieri.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 36 (adattat)

(120) ~~Is-suq intern tal-gass naturali qed ibati minn nuqqas ta' likwidità u trasparenza li jxekkel l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi, il-kopertura tar-riskju tal-kreditu u d-dħul ta' parteċipanti ġodda.~~ Il-fiduċja fis-suq, il-likwidità tiegħu u l-għadd ta' parteċipanti fis-suq jeħtieġ jiżdiedu, u għalhekk jeħtieġ tiżdied is-sorveljanza regolatorja tal-impriżi attivi fil-provvista tal-gass. Dawn ir-rekwiżiti jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni ~~Komunitarja~~ eżistenti ⌦ tal-Unjoni ⌫ dwar is-swieq finanzjarji, u kompatibbli magħha. Ir-regolaturi tal-enerġija u r-regolaturi tas-swieq finanzjarji jeħtieġ jikkooperaw biex jgħinu lil xulxin jiksbu għarfien ġenerali dwar is-swieq ikkonċernati.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 37 (adattat)

(121) Il-gass naturali hu qabelxejn, u kulma jmur, importat ~~fil-Komunità Ewropea~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫ mingħand il-pajjiżi terzi. Il-liġijiet ~~Komunitarji~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ jenħtieġ li jqisu l-karatteristiċi tal-gass naturali, fosthom ċerti riġiditajiet strutturali minħabba l-konċentrazzjoni tal-forrnituri, il-kuntratti fit-tul jew in-nuqqas ta' likwidità downstream. Għaldaqstant, hija meħtieġa aktar trasparenza, inkluż fil-formazzjoni tal-prezzijiet.

↓ 2009/73/KE Premessa 38 (adattat)

(122) Qabel l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' Llinji gwida li jiddefinixxu aktar ir-rekwiżiti għaż-żamma tar-reġistri, ~~l-Aġenzija~~ ⌦ l-ACER ⌫ u l-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli (KRET) stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE [19], jenħtieġ li jikkooperaw u jagħtu pariri lill-Kummissjoni dwar il-kontenut tagħhom. ~~L-Aġenzija~~ ⌦ L-ACER ⌫ u l-KRET jenħtieġ li jikkooperaw ukoll biex jinvestigaw aktar u jagħtu pariri dwar jekk it-tranżazzjonijiet fil-kuntratti tal-provvista tal-gass u d-derivattivi tal-gass jenħtieġx li jkunu soġġetti għal rekwiżiti tat-trasparenza ta' qabel u/jew ta' wara l-kummerċ u jekk iva, x'jenħtieġ li jkun il-kontenut ta' dawk ir-rekwiżiti.

↓ 2009/73/KE Premessa 39

(123) L-Istati Membri jew, meta Stat Membru hekk jistipula, l-awtorità regolatorja jenħtieġ li jħeġġu l-iżvilupp ta' kuntratti tal-provvista interrompibbli.

↓ 2009/73/KE Premessa 40

~~(40) Fl-interess tas-sigurtà tal-fornitura, il-bilanċ bejn il-fornitura u t-talbiet fl-Istati Membri individwi għandu jiġi ssorveljat, u s-sorveljanza għanda tiġi segwita minn rapport dwar is-sitwazzjoni fuq livell Komunitarju, b'kont meħud għall-kapaċità ta' interkonnessjoni bejn iż-żoni. Din is-sorveljanza għandha titwettaq kmieni biżżejjed biex jistgħu jittieħdu l-miżuri adegwati jekk is-sigurtà tal-fornitura tiġi kompromessa. Il-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tan-network meħtieġa, inkluża l-kapaċità tal-interkonnessjoni, għandhom jikkontribwixxu għall-aċċertament ta' fornitura stabbli tal-gass.~~

↓ 2009/73/KE Premessa 41 (adattat)
⇨ ġdid

(124) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li, filwaqt li jqisu r-rekwiżiti tal-kwalità meħtieġa, il-bijogass u l-gass mill-bijomassa, ⇨ b'mod partikolari l-bijometan, ⇦ jew tipi oħra tal-gass jingħataw aċċess nondiskriminatorju għas-sistema tal-gass, diment li ⌦ dik ⌫ l-aċċess ikun kompatibbli permanentement mar-regoli tekniċi rilevanti u l-istandards tas-sikurezza. Dawk ir-regoli u l-istandards jenħtieġ li jiżguraw li dawk il-gassijiet ikunu jistgħu teknikament u b'mod sikur jiġu injettati u trasportati, fis-sistema tal-gass naturali u jenħtieġ li jindirizzaw ukoll il-karatteristiċi kimiċi tagħhom.

[19] ĠU L 25, 29.1.2009, p. 18.

🡻 2009/73/KE Premessa 42 (adattat)
⇨ ġdid

(125) Il-kuntratti fit-tul ~~se jibqgħu jkunu~~ ⌦ huma ⌫ parti importanti mill-provvista tal-gass tal-Istati Membri ⇨ . Iżda dawn jenħtieġ li ma joħolqux ostaklu għad-dħul tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, li hija r-raġuni għalfejn it-terminu tal-kuntratti tal-provvista tal-gass fossili mhux se jitħalla jaqbeż is-sena 2049. Dawk il-kuntratti għandhom dejjem ikunu konformi mal-objettiv⇦ ~~u għandhom jinżammu bħala għażla għall-impriżi tal-fornitura tal-gass sa fejn ma jfixklux l-għanijiet~~ ta' din id-Direttiva u huma kompatibbli ~~mat-Trattat~~ ⌦ mat-TFUE ⌫, inkluż ir-regoli tal-kompetizzjoni. ~~Għalhekk,~~ Meta tkun qed tiġi ppjanata l-kapaċità tal-provvista u tat-trasport tal-impriżi ~~tal-gass naturali~~ jeħtieġ jitqiesu l-kuntratti fit-tul.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 43 (adattat)

(126) Biex ikun żgurat li ⌦ fl-Unjoni ⌫ ~~fil-Komunità~~ jinżammu standards għoljin tas-servizz pubbliku, il-miżuri kollha li ħadu l-Istati Membri biex jilħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jiġu notifikati b'mod regolari lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li b'mod regolari tippubblika rapport li janalizza l-miżuri meħuda fil-livell nazzjonali biex jintlaħqu l-objettivi tas-servizz pubbliku u bi tqabbil dwar l-effettività tagħhom biex jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri li jridu jittieħdu fil-livell nazzjonali ħalli jinkisbu standards għoljin tas-servizz pubbliku.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 44 (adattat)

(127) Ir-rispett tar-rekwiżiti tas-servizz pubbliku hu rekwiżit fundamentali ta' din id-Direttiva u hu importanti li f'din id-Direttiva jiġu speċifikati standards minimi komuni li huma rispettati mill-Istati Membri kollha u li jqisu l-objettivi tal-protezzjoni komuni, is-sigurtà tal-provvista, il-protezzjoni tal-ambjent, u l-livelli ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Istati Membri kollha. Hu importanti li l-kriterji tas-servizz pubbliku jkunu jistgħu jiġu interpretati fuq bażi nazzjonali, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali u f'konformità mal-liġijiet ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 45 (adattat)

(128) Il-miżuri implimentati mill-Istati Membri biex jilħqu l-objettivi tal-koeżjoni ekonomika u soċjali jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, l-għoti ta' inċentivi ekonomiċi xierqa permezz, meta xieraq, l-għodod nazzjonali u ~~Komunitarji~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ eżistenti kollha. Dawn l-għodod jenħtieġ li jkunu jistgħu jinkludu mekkaniżmi tar-responsabbiltà biex ikun żgurat l-investiment meħtieġ.

↓ 2009/73/KE Premessa 46 (adattat)

(129) Sakemm il-miżuri li ħadu l-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi tas-servizz pubbliku jkunu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu ~~87(1)~~ ⌦ 107(1) ⌫ tat-Trattat, hemm obbligu skont l-Artikolu ~~88(3)~~ ⌦ 108(3) ⌫ tat-Trattat li dawn jinnotifikawhom lill-Kummissjoni.

↓ 2009/73/KE Premessa 53

(130) Il-prezzijiet tas-suq jenħtieġ li jipprovdu inċentivi ġusti għall-iżvilupp tan-network.

↓ 2009/73/KE Premessa 54
⇨ ġdid

(131) Il-promozzjoni tal-kompetizzjoni ġusta u aċċess faċli lil fornituri differenti jenħtieġ li jkunu mill-aktar importanti għall-Istati Membri ħalli l-konsumaturi jkunu jistgħu jaħtfu għalkollox l-opportunitajiet ta' suq intern liberalizzat ~~tal-gass naturali~~ ⇨ tal-gassijiet ⇦ .

↓ 2009/73/KE Premessa 55 (adattat)

(132) Bħala kontribut għas-sigurtà tal-provvista, filwaqt li jibqa' l-ispirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, notevolment fil-każ ta' kriżital-provvista tal-enerġija, hu importanti li jiġi previst qafas ⌦ għall-kooperazzjoni ⌫reġjonali bi spirtu ta' solidarjetà. Din il-kooperazzjoni tista' qabelxejn tistrieħ, jekk l-Istati Membri hekk jiddeċiedu, fuq mekkaniżmi bbażati fuq is-suq. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni fil-promozzjoni tas-solidarjetà reġjonali u bilaterali ma timponix piż sproporzjonat fuq il-parteċipanti fis-suq jew tiddiskrimina bejniethom.

↓ 2009/73/KE Premessa 56 (adattat)

(133) Fid-dawl tal-ħolqien ta' suq intern tal-gass naturali, l-Istati Membri jenħtieġ li jrawmu l-integrazzjoni tas-swieq nazzjonali tagħhom u l-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi fil-livell ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ u reġjonali, b'mod li jinkorporaw ukoll is-sistemi iżolati li jifformaw gżejjer tal-gass li jippersistu ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫.

⇩ ġdid

(134) L-integrazzjoni volontarja tas-swieq reġjonali, b'mod partikolari l-fużjonijiet tas-suq, tista' tipprovdi diversi benefiċċji, skont l-ispeċifiċitajiet tas-swieq. L-integrazzjoni tas-

suq tista' tkun opportunità biex isir l-aħjar użu mill-infrastruttura, diment li din ma tkunx tħalli impatt negattiv fuq is-swieq ġirien, pereżempju b'żieda fit-tariffi transfruntieri. Hi opportunità wkoll biex jiżdiedu l-kompetizzjoni, il-likwidità u l-kummerċ għall-ġid tal-konsumaturi finali fir-reġjun, peress li jiġu attirati fornituri li altrimenti ma kinux ikunu interessati jiġu minħabba ċ-ċokon tas-suq. L-integrazzjoni tas-suq tippermetti wkoll li jinħolqu żoni akbar li jaċċessaw aktar sorsi tal-provvista. Diversifikazzjoni bħal din jaf tħalli impatt fuq il-prezzijiet tas-suq bl-ingrossa, bis-saħħa ta' kompetizzjoni aħjar bejn is-sorsi, iżda tista' ttejjeb ukoll is-sigurtà tal-provvista jekk ma jkunx għad fadal xi konġestjoni interna fiż-żona fuża l-ġdida. L-integrazzjoni tas-suq tista' tkun bażi għal aktar appoġġ lit-trasformazzjoni tas-suq tal-gass naturali, inkluż l-użu tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju. L-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji u l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jenħtieġ li jikkooperaw bejniethom biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni reġjonali.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 57 (adattat)

(135) L-iżvilupp ta' suq intern veru tal-gass naturali, b'network konness ~~mal-Komunità~~⌦ mal-Unjoni ⌫ kollha, jenħtieġ li jkun wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' din id-Direttiva, u għalhekk il-kwistjonijiet regolatorji dwar l-interkonnessjonijiet transfruntieri u s-swieq reġjonali jenħtieġ li jkunu wieħed mill-kompiti ewlenin tal-awtoritajiet regolatorji, b'kooperazzjoni mill-qrib ⌦ mal-ACER ⌫ ~~mal-Aġenzija~~ meta rilevanti.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 58
⇨ ġdid

(136) Wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jkun ukoll li jinkisbu regoli komuni għal suq intern veru u għal provvista wiesgħa tal-gass. Għal dak il-għan, prezzijiet tas-suq bla distorsjonijiet jipprovdu inċentiv ⇨ għall-kummerċ ⇦ ~~għall-interkonnessjonijiet~~ transfruntier u jwasslu ~~, fit-tul ta' żmien,~~ għal konverġenza tal-prezzijiet.

---

🡻 2009/73/KE Premessa 59

(137) L-awtoritajiet regolatorji jenħtieġ li jipprovdu wkoll informazzjoni dwar is-suq il-Kummissjoni tkun tista' taqdi r-rwol tagħha li tosserva u tissorvelja s-suq intern tal-gass naturali u l-evoluzzjoni tiegħu fl-immedjat, fi żmien medju u fit-tul, inkluż aspetti bħall-provvista u d-domanda, l-infrastrutturi tat-trażmissjoni u tat-distribuzzjoni, il-kwalità tas-servizz, il-kummerċ transfruntier, il-ġestjoni tal-konġestjoni, l-investimenti, il-prezzijiet bl-ingrossa u bl-imnut, il-likwidità tas-suq, u t-titjib ambjentali u fl-effiċjenza. L-awtoritajiet regolatorji ~~nazzjonali~~ jenħtieġ li jirrapportaw quddiem l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u l-Kummissjoni, lill-Istati Membri li fi ħdanhom il-prezzijiet qed ixekklu l-kompetizzjoni u l-funzjonament tajjeb tas-suq.

⬇ 2009/73/KE Premessa 60 (adattat)
⇨ ġdid

(138) Ladarba l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-ħolqien ta' suq intern operattiv għalkollox tal-gass naturali ⇨ u tal-idroġenu ⇦ , ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri ~~u~~ ⌦ iżda minflok ⌫ jista', ~~għalhekk~~ ⌦ minħabba l-iskala jew l-effetti ta' azzjoni bħal din, ⌫ jintlaħaq aħjar fil-livell ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫, ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat ⌦ dwar l-Unjoni Ewropea ⌫ . F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità~~,~~ kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex tilħaq dak l-objettiv.

---

⬇ 2009/73/KE Premessa 61 (adattat)
⇨ ġdid

(139) Skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20] ~~tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks tat-trażmissjoni tal-gass naturali[21]~~, il-Kummissjoni tista' tadotta ~~L~~l-linji gwida ⌦ jew il-kodiċijiet tan-network ⌫ biex tikseb il-grad meħtieġ ta' armonizzazzjoni. Dawn ~~L~~il-linji gwida⌦ jew il-kodiċijiet tan-network ⌫ li jikkostitwixxu ~~miżuri obbligatorj ta' implimentazzjoni~~ ⇨ regoli vinkolanti adottati bħala Regolamenti tal-Kummissjoni ⇦ , huma, anki fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għodda siewja li meta meħtieġ tkun tista' tiġi adattata malajr.

---

⬇ 2009/73/KE Premessa 62

~~Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni[22].~~

---

⬇ 2009/73/KE Premessa 63

(140) B'mod partikolari, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa tadotta l-l~~L~~inji gwida meħtieġa biex tagħti l-grad minimu ta' armonizzazzjoni meħtieġ ħalli jintlaħaq l-għan ta' din id-Direttiva. ~~Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi li m'humiex essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha b'elementi mhux essenzjali ġodda, huma għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.~~

---

20 Ir-Regolament (KE) 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks tat-trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36).

21 ~~Ara paġna 36 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.~~

22 ~~ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.~~

🡻 2009/73/KE Premessa 64 (adattat)

~~Konformement mall-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet[23], l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom stess u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom stess, li juru, safejn hu possibbli, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u biex jagħmluhom pubbliċi.~~

(141) ⌦ F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li man-notifika tal-miżuri tat-traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, iżidu dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' Direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali tat-traspożizzjoni. Rigward din id-Direttiva, il-leġiżlatur jidhrilu li t-trażmissjoni ta' dawk id-dokumenti hija ġustifikata, b'mod partikolari wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża Il-Kummissjoni vs il-Belġju (il-kawża C-543/17). ⌫

---

🡻 2009/73/KE Premessa 65 (adattat)

~~(65)~~ ~~Minħabba l-ambitu tal-emendi li qegħdin isiru fid-Direttiva 2003/55/KE b' dan, huwa kunsiljabbli, għal raġunijiet ta' ċarezza u razzjonalizzazzjoni, li d-dispożizzjonijiet kunsidrati jiġu mfassla mill-ġdid billi jinġabru kollha f' test wieħed f' Direttiva ġdida.~~

---

🡻 2009/73/KE Premessa
⇨ ġdid

(142) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali, u tosserva l-prinċipji, rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea~~,~~. ⇨ Għaldaqstant, din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi interpretata u applikata f'konformità ma' dawk id-drittijiet u l-prinċipji, b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali garantit mill-Artikolu 8 tal-Karta. Hu essenzjali li kull ipproċessar tad-*data* personali skont din id-Direttiva jikkonforma mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24].⇦

---

⇩ ġdid

(143) Biex jinkiseb il-grad minimu ta' armonizzazzjoni meħtieġ biex jintlaħaq l-għan ta' din id-Direttiva, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-elementi mhux essenzjali ta' ċerti oqsma speċifiċi tant fundamentali biex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva. Hu partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet

[23] ~~ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.~~
[24] ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[25]. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(144) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħat tal-implimentazzjoni biex tiddetermina rekwiżiti tal-interoperabbiltà u proċeduri nondiskriminatorji u trasparenti tal-aċċess għad-*data*. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(145) L-obbligu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali jenħtieġ li jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbel mad-Direttiva preċedenti. L-obbligu tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula joħroġ mid-Direttiva preċedenti.

(146) Biex tiżgura implimentazzjoni bla xkiel u effettiva tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku[26] li jipprovdi għarfien espert tekniku apposta biex jitfasslu u jitwettqu r-riformi, inkluż dawk li jippromwovu suq intern kompetittiv tal-gass naturali u tal-idroġenu, li jippermettu l-integrazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u gassijiet b'livell baxx tal-karbonju, u jżidu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni. L-appoġġ tekniku, pereżempju, jinvolvi tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva, armonizzazzjoni tal-oqfsa leġiżlattivi, u l-kondiviżjoni tal-aqwa prattiki rilevanti.

(147) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti taż-żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u d-data tal-applikazzjoni tad-Direttivi stabbilita fl-Anness III, il-Parti B.

---

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

# Kapitolu I

# Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni dwar it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-provvista u l-ħżin ⇨ tal-gassijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (2), bl-użu tas-sistema tal-gass naturali definita fil-punt (3) ta' dak l-Artikolu ⇦ ~~tal-gass naturali~~. Din tistabbilixxi r-regolri rigward l-organizzazzjoni u l-funzjonament ta'

[25] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.
[26] Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p.1).

⌦ dak ⌫ is-settur ~~tal-gass naturali~~, l-aċċess għas-suq, il-kriterji u l-proċeduri applikabbli għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet għat-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-provvista u l-ħżin ~~tal-gass naturali~~ ⇨tal-gassijiet permezz tas-sistema tal-gass naturali⇦ u l-operazzjoni tas-sistemi.

~~2. Ir-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva għall-gass naturali, inkluż il-gass naturali likwifikat (LNG), għandhom japplikaw ukoll b'mod mhux diskriminatorju għall-biogass u gass minn biomassi jew tipi oħrajn ta' gass sa fejn dawn il-gassijiet jistgħu teknikament u b'mod sikur jiġu injettati fi, u trasportati mis-sistema tal-gass naturali.~~

---

⇩ ġdid

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar it-trasport, il-provvista u l-ħżin tal-gass naturali u t-tranżizzjoni tas-sistema tal-gass naturali għal sistema bbażata fuq il-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju.

3. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni dwar it-trasport, il-provvista u l-ħżin tal-idroġenu permezz tas-sistema tal-idroġenu. Tistabbilixxi r-regoli marbuta mal-organizzazzjoni u l-funzjonament ta' dan is-settur, l-aċċess għas-suq, il-kriterji u l-proċeduri applikabbli għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet għan-networks, il-provvista u l-ħżin tal-idroġenu u l-operazzjoni tas-sistemi.

4. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar l-istabbiliment progressiv ta' sistema tal-idroġenu interkonnessa mal-Unjoni kollha li tikkontribwixxi biex jonqsu l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra ta' setturi li diffiċli jiġu dekarbonizzati, u li b'hekk tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija tal-UE.

---

🡻 2009/73/KE

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

---

⇩ ġdid

(1) "gass naturali" tfisser il-gassijiet kollha li jikkonsistu primarjament mill-metan, inkluż il-bijogass u l-gass mill-bijomassa, b'mod partikolari l-bijometan, jew tipi oħra ta' gass, li teknikament u b'mod sikur ikunu jistgħu jiġu injettati fis-sistema tal-gass naturali u trasportati fiha;

(2) "gass rinnovabbli" tfisser bijogass kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (28), tad-Direttiva 2018/2001, inkluż il-bijometan, u fjuwils gassużi rinnovabbli parti minn fjuwils ta' oriġini nonbijoloġika ("RFNBOs") kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (36) ta' dik id-Direttiva;

(3) "gassijiet" tfisser gass naturali u idroġenu;

(4) "sistema tal-gass naturali" tfisser sistema ta' infrastrutturi, inkluż pipelines, terminals tal-LNG u faċilitajiet tal-ħżin, li tittrasporta gassijiet li primarjament ikunu

jikkonsistu mill-metan u jinkludu l-bijogass u l-gass mill-bijomassa, b'mod partikolari l-bijometan, jew tipi oħra ta' gass li teknikament u b'mod sikur ikunu jistgħu jiġu injettati u trasportati fis-sistema tal-pipelines tal-gass naturali;

(5) "sistema tal-idroġenu" tfisser sistema ta' infrastruttura, inkluż networks tal-idroġenu, ħżin tal-idroġenu, u terminals tal-idroġenu, li fiha idroġenu bi grad għoli ta' purità;

(6) "faċilità tal-ħżin tal-idroġenu" tfisser faċilità użata għall-ħżin tal-idroġenu bi grad għoli ta' purità:

(a) inkluż il-parti ta' terminal tal-idroġenu użata għall-ħżin, iżda eskluż il-parti użata għall-operazzjonijiet tal-produzzjoni, u l-faċilitajiet riżervati esklussivament għall-operaturi tan-networks tal-idroġenu fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom;

(b) inkluż installazzjonijiet kbar għall-ħżin tal-idroġenu, b'mod partikolari taħt l-art, iżda eskluż l-installazzjonijiet iżgħar u faċilment replikabbli tal-ħżin tal-idroġenu;

(7) "linepack tal-idroġenu" tfisser il-ħżin tal-idroġenu bi grad għoli ta' purità fin-networks tal-idroġenu permezz ta' kompressjoni, għajr il-faċilitajiet riżervati għall-operaturi tan-networks tal-idroġenu fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom;

(8) "terminal tal-idroġenu" tfisser installazzjoni użata għat-trasformazzjoni tal-idroġenu likwidu jew tal-ammonjaka likwida f'idroġenu gassuż biex jiġi injettat fin-network tal-idroġenu jew għal-likwifikazzjoni tal-idroġenu gassuż, inkluż is-servizzi anċillari u l-ħżin temporanju meħtieġ għall-proċess tat-trasformazzjoni u l-injezzjoni sussegwenti fin-network tal-idroġenu, iżda eskluż il-parti tat-terminal tal-idroġenu użata għall-ħżin;

(9) "kwalità tal-idroġenu" tfisser il-purità tal-idroġenu u l-kontaminanti f'konformità mal-istandards tal-kwalità tal-idroġenu applikabbli għas-sistema tal-idroġenu;

(10) "idroġenu b'livell baxx tal-karbonju" tfisser idroġenu li l-kontenut tal-enerġija tiegħu hu derivat minn sorsi mhux rinnovabbli u li jissodisfa limitu tat-tnaqqis ta' 70% fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra;

(11) "gass b'livell baxx tal-karbonju" tfisser il-parti tal-fjuwils gassużi fil-fjuwils tal-karbonju riċiklat kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (35), tad-Direttiva (UE) 2018/2001, idroġenu b'livell baxx tal-karbonju u fjuwils gassużi sintetiċi li l-kontenut enerġetiku tagħhom hu derivat minn idroġenu b'livell baxx tal-karbonju u li jissodisfaw il-limitu tat-tnaqqis ta' 70% fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra;

(12) "fjuwils b'livell baxx tal-karbonju" tfisser fjuwils tal-karbonju riċiklat kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, idroġenu b'livell baxx tal-karbonju u fjuwils gassużi u likwidi sintetiċi li l-kontenut enerġetiku tagħhom hu derivat minn idroġenu b'livell baxx tal-karbonju u li jissodisfaw il-limitu tat-tnaqqis ta' 70% fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra;

(13) "impriża tal-idroġenu" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li twettaq mill-inqas waħda mill-funzjonijiet li ġejjin: il-produzzjoni tal-idroġenu, it-trasport tal-idroġenu, il-provvista, ix-xiri jew il-ħżin tal-idroġenu, jew it-tħaddim ta' terminal tal-idroġenu, u li hi responsabbli għall-kompiti kummerċjali, tekniċi jew tal-manutenzjoni relatati ma' dawk il-funzjonijiet, iżda għajr il-klijenti finali;

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

(14~~1~~) "impriża tal-gass naturali" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li twettaq ~~għall-inqas waħda mill-funzjonijiet li ġejjin:~~ il-produzzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-provvista, ix-xiri jew il-ħżin tal-gass naturali, inkluż tal-LNG, ⌦ u ⌫ li hi responsabbli għall-kompiti kummerċjali, tekniċi ~~u/~~jew tal-manutenzjoni relatati ma' dawk il-funzjonijiet, iżda ~~m'għandhomx~~ ~~jinkludu l-klijenti~~ ⌦ eskluż il-klijenti ⌫ finali;

(15~~2~~) "network tal-pipelines upstream" tfisser pipeline jew network tal-pipelines imħaddma u/jew mibnija bħala parti minn proġett tal-produzzjoni taż-żejt jew tal-gass ⇨ naturali ⇦, jew użati għat-trasport tal-gass naturali minn proġett wieħed jew aktar lejn impjant tal-ipproċessar jew terminal jew destinazzjoni kostali finali;

(16~~3~~) "trażmissjoni" tfisser il-ġarr tal-gass naturali ġo network li jinkludi l-aktar pipelines ta' pressjoni għolja, għajr network tal-pipelines upstream u għajr il-parti tal-pipelines ta' pressjoni għolja li tintuża l-aktar fil-kuntest tad-distribuzzjoni lokali tal-gass naturali, bl-iskop ta' twassil lill-klijenti, iżda li ma jinkludix il-provvista;

(17~~4~~) "operatur tas-sistema tat-trażmissjoni" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li twettaq il-funzjoni tat-trażmissjoni u li tkun responsabbli għall-operazzjoni, tiżgura l-manutenzjoni u meta meħtieġ tiżviluppa s-sistema tat-trażmissjoni f'żona partikolari u, meta japplika, l-interkonnessjonijiet tagħha ma' sistemi oħra, u tiżgura l-abbiltà fit-tul tas-sistema li tissodisfa domandi raġonevoli għat-trasport tal-gass ⇨ naturali ⇦;

(18~~5~~) "distribuzzjoni" tfisser it-trasport tal-gass naturali ġo networks tal-pipelines lokali jew reġjonali bl-iskop ta' twassil lill-klijenti, iżda li ma tinkludix il-provvista;

(19~~6~~) "operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li twettaq il-funzjoni tad-distribuzzjoni u li tkun responsabbli mill-operazzjoni, tiżgura l-manutenzjoni u, meta meħtieġ, tiżviluppa s-sistema tad-distribuzzjoni f'żona partikolari u, meta applikabbli, l-interkonnessjonijiet tagħha ma' sistemi oħra, u tiżgura l-abbiltà fit-tul tas-sistema li tissodisfa domandi raġonevoli għad-distribuzzjoni tal-gass ⇨ naturali ⇦;

---

⇩ ġdid

(20) "network tal-idroġenu" tfisser network ta' pipelines użati għat-trasport tal-idroġenu bi grad għoli ta' purità bl-iskop ta' twassil lill-klijenti, iżda li ma tinkludix il-provvista;

(21) "trasport tal-idroġenu" tfisser it-trasport tal-idroġenu ġo network tal-idroġenu bl-iskop ta' twassil lill-klijenti, iżda li ma tinkludix il-provvista, irrispettivament mill-pressjoni, il-kopertura ġeografika jew il-grupp ta' klijenti konnessi tan-network;

(22) "operatur tan-networks tal-idroġenu" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li twettaq il-funzjoni tat-trasport tal-idroġenu u li hi responsabbli għall-operazzjoni tan-network tal-idroġenu, u li tiżgura l-manutenzjoni u, jekk ikun meħtieġ, l-iżvilupp tiegħu f'żona partikolari u, meta applikabbli, l-iżvilupp tal-interkonnessjonijiet tiegħu ma'

networks oħra tal-idroġenu, u li tiżgura l-abbiltà fit-tul tas-sistema li tissodisfa domandi raġonevoli għat-trasport tal-idroġenu;

---

| ⬇ 2009/73/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(23~~7~~) "provvista" tfisser il-bejgħ, inkluż il-bejgħ mill-ġdid, tal-gass naturali, inkluż tal-LNG, ⇨ jew tal-idroġenu, inkluż tal-idroġenu likwidu ⇦ , lill-klijenti;

(24~~8~~) "impriża tal-provvista" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li twettaq il-funzjoni tal-provvista;

(25~~9~~) "faċilità tal-ħżin" tfisser faċilità użata għall-ħżin tal-gass naturali u fis-sjieda ta' u/jew imħaddma minn impriża tal-gass naturali, inkluż il-parti tal-faċilitajiet tal-LNG użati għall-ħżin, iżda eskluż il-parti użata għall-operazzjonijiet tal-produzzjoni, u eskluż il-faċilitajiet riżervati esklussivament għall-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom;

(26~~10~~) "operatur ta' sistema tal-ħżin" tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika li twettaq il-funzjoni tal-ħżin ⇨ tal-gass naturali ⇦ u li hi responsabbli biex tħaddem faċilità tal-ħżin;

(27~~11~~) "faċilità tal-LNG" tfisser terminal li jintuża għal-likwifikazzjoni tal-gass naturali jew l-importazzjoni, il-ħatt u r-rigassifikazzjoni tal-LNG, ~~u għandha tinkludi~~ ⌦ li jinkludi ⌫ s-servizzi anċillari u l-ħżin temporanju meħtieġ għall-proċess tar-rigassifikazzjoni u l-konsenja sussegwenti sas-sistema tat-trażmissjoni, iżda ~~m'għandhiex tinkludi~~ ⌦ eskluż ⌫ il-parti tat-terminals tal-LNG użata għall-ħżin;

(28~~12~~) "operatur tas-sistema tal-LNG" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li twettaq il-funzjoni tal-likwifikazzjoni tal-gass naturali, jew l-importazzjoni, il-ħatt, u r-rigassifikazzjoni tal-LNG u li hi responsabbli għall-operazzjoni ta' faċilità tal-LNG;

(29~~13~~) "sistema" tfisser networks tat-trażmissjoni, networks tad-distribuzzjoni, faċilitajiet tal-LNG ~~u/~~jew faċilitajiet tal-ħżin li jkunu fis-sjieda ta' ~~u/~~jew imħaddma minn impriża tal-gass naturali, inkluż linepack u l-faċilitajiet li jipprovdu servizzi anċillari u ta' impriżi relatati meħtieġa biex jingħata aċċess għat-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-LNG;

(30~~14~~) "servizzi anċillari" tfisser is-servizzi kollha meħtieġa għall-aċċess u t-tħaddim tan-networks tat-trażmissjoni, in-networks tad-distribuzzjoni, l-faċilitajiet tal-LNG ~~u/~~jew il-faċilitajiet tal-ħżin, inkluż l-ibbilanċjar tat-tagħbija, it-taħlit u l-injezzjoni tal-gassijiet inerti, iżda eskluż il-faċilitajiet riżervati esklussivament għall-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom;

(31~~15~~) "linepack ⇨ tal-gass naturali ⇦ " tfisser il-ħażna tal-gass ⇨ naturali ⇦ b'kompressjoni fis-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-gass, iżda eskluż il-faċilitajiet riżervati għall-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni li jwettqu l-funzjonijiet tagħhom;

(32~~16~~) "sistema interkonnessa" tfisser numru ta' sistemi li huma konnessi ma' xulxin;

🡻 2019/692 Artikolu 1.1

(3317) "interkonnettur" tfisser linja tat-trażmissjoni li taqsam jew tinfirex tul fruntiera bejn Stati Membri għall-finijiet li tikkollega s-sistema tat-trażmissjoni nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri jew linja tat-trażmissjoni bejn Stat Membru u pajjiż terz sat-territorju tal-Istati Membri jew sal-baħar territorjali ta' dak l-Istat Membru;

⇩ ġdid

(34) "interkonnettur tal-idroġenu" tfisser network tal-idroġenu li jaqsam jew jinfirex tul fruntiera bejn xi Stati Membri, jew bejn Stat Membru u pajjiż terz sat-territorju tal-Istati Membri jew sal-baħar territorjali ta' dak l-Istat Membru;

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

(3518) "linja diretta" tfisser pipeline tal-gass naturali li jikkumplimenta lis-sistema interkonnessa;

(3619) "impriża integrata tal-gass naturali" tfisser impriża integrata vertikalment jew orizzontalment;

(3720) "impriża integrata vertikalment" tfisser impriża tal-gass naturali jew grupp ta' impriżi tal-gass naturali ⇨ jew impriża tal-idroġenu jew grupp ta' impriżi tal-idroġenu ⇦ fejn l-istess persuna/i jkunu intitolati direttament jew indirettament li jeżerċitaw kontroll, u fejn l-impriża jew il-grupp ta' impriżi jwettqu mill-inqas waħda mill-funzjonijiet tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni, ⇨ it-trasport tal-idroġenu, l-operazzjoni tat-terminals tal-idroġenu, ⇦ il-ħżin tal-LNG jew ⇨ tal-gass naturali jew tal-idroġenu ⇦ , u mill-inqas waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-provvista tal-gass naturali ⇨ jew tal-idroġenu ⇦;

(3821) "impriża integrata orizzontalment" tfisser impriża li twettaq mill-inqas waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-provvista jew il-ħżin tal-gass naturali, u l-attività tal-gass mhux ⇨ naturali ⇦ ;

(3922) "impriża relatata" tfisser impriża affiljata, fis-sens tal-Artikolu 41 tas-Seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 abbażi tal-Artikolu 44(2)(g)[27] tat-Trattat dwar il-kontijiet konsolidati[28], u/jew impriża assoċjata, fis-sens tal-Artikolu 33(1) ta' dik id-Direttiva ⌦ kif definit fil-punt (12) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29], ⌫ u/jew impriża tal-istess ⌦ li tappartjeni għall-istess ⌫ azzjonisti;

27 It-Titolu tad-Direttiva 83/349/KEE ġie aġġustat biex jikkunsidra n-numerazzjoni mill-ġdid tal-Artikoli tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea skont l-Artikolu 12 tat-Trattat ta' Amsterdam; ir-referenza oriġinali kienet għall-Artikolu 54(3).

28 ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1.

29 Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

(40~~23~~) "utent tas-sistema" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li qed tforni s-sistema jew li qed tiġi fornuta minnha;

(41~~24~~) "klijent" tfisser klijent bl-ingrossa jew finali ~~tal-gass naturali~~ ⇨ tal-gassijiet ⇦ jew impriża tal-gass naturali ⇨ jew tal-idroġenu ⇦ li tixtri ~~l-gass naturali~~ ⇨ l-gassijiet ⇦;

(42~~25~~) "klijent domestiku" tfisser klijent li jixtri ~~l-gass naturali~~ ⇨ l-gassijiet ⇦ għall-konsum domestiku tiegħu stess;

(43~~26~~) "klijent mhux nondomestiku" tfisser klijent li jixtri ~~l-gass naturali~~ ⇨ l-gassijiet ⇦ li ~~mhux~~mhumiex għall-użu domestiku tiegħu stess;

(44~~27~~) "klijent finali" tfisser klijent li jixtri ~~l-gass naturali~~ ⇨ l-gassijiet ⇦ għall-użu tiegħu stess;

~~(28) "klijent eliġibbli" tfisser klijent li jkun liberu li jixtru l-gass mill-provditur tal-għażla tiegħu, fis-sens tal-Artikolu 37;~~

(45~~29~~) "klijent bl-ingrossa" tfisser persuna fiżika jew ġuridika għajr operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni li tixtri ~~l-gass naturali~~ ⇨ tal-gassijiet ⇦ bl-iskop ta' bejgħ mill-ġdid fis-sistema jew barra mis-sistema fejn tkun stabbilita;

---

⇩ ġdid

(46) "mikrointrapriża" tfisser intrapriża li timpjega inqas minn 10 persuni u li t-total tal-fatturat annwali u/jew tal-karta tal-bilanċ annwali tagħha ma jaqbiżx iż-EUR 2 miljun;

(47) "intrapriża żgħira" tfisser intrapriża li timpjega inqas minn 50 persuna u li t-total tal-fatturat annwali u/jew tal-karta tal-bilanċ tagħha ma jaqbiżx l-EUR 10 miljun;

---

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

~~(30) "ippjanar fit-tul" tfisser ippjanar tal-kapaċità tal-fornitura u tat-trasport tal-impriża tal-gass naturali għal terminu twil bi skop li jintlaħqu t-talbiet għall-gass naturali tas-sistema, diversifikazzjoni tal-għejun u l-aċċertar tal-provvisti lill-klijent;~~

~~(31) "suq emerġenti" tfisser Stat Membru li fih l-ewwel fornitura kummerċjali tal-ewwel kuntratt tal-fornitura tal-gass naturali tiegħu sar mhux aktar minn 10 snin ilu;~~

(48~~32~~) "sigurtà" tfisser is-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali u anki s-sigurtà teknika;

~~(33) "infrastruttura ġdida" tfisser infrastruttura li tkun għadha mhux lesta sal-4 ta' Awwwissu 2003;~~

(49~~34~~) "kuntratt tal-provvista tal-gass" tfisser kuntratt għall-provvista ~~tal-gass naturali~~ ⇨ tal-gassijiet ⇦ , iżda li ma jinkludix derivattiv tal-gass;

(50~~35~~) "derivattiv tal-gass" tfisser strument finanzjarju kif speċifikat fil-punti 5, 6 jew 7 ~~fit-Taqsima C tal-Anness I mad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar swieq fi strumenti finanzjarji~~⌦ tat-Taqsima C

tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji[30] ⌫ , fejn dak l-istrument ikollu x'jaqsam mal-gass ~~naturali~~ ;

(5136) "kontroll" tfisser kwalunkwe drittijiet, kuntratti jew xi mezzi oħra li, separatament jew flimkien, u filwaqt li jitqiesu l-fatti u l-liġijiet involuti, jagħtu l-possibbiltà li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq impriża, b'mod partikolari bi:

(a) is-sjieda jew id-dritt ta' użu tal-assi kollha ta' impriża, jew ta' parti minnhom;

(b) drittijiet jew kuntratti li jħallu influwenza deċiżiva fuq il-kompożizzjoni, il-votazzjoni jew id-deċiżjonijiet tal-organi ta' impriża;.

---

⇩ ġdid

(52) "kuntratt fit-tul" tfisser kuntratt tal-provvista ta' aktar minn sena.

(53) "sistema ta' dħul u ħruġ" tfisser l-aggregazzjoni tas-sistemi kollha tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni li għalihom japplika reġim tal-ibbilanċjar speċifiku wieħed;

(54) "żona tal-ibbilanċjar" tfisser sistema ta' dħul u ħruġ li għaliha japplika reġim tal-ibbilanċjar speċifiku;

(55) "punt tal-kummerċ virtwali" tfisser punt kummerċjali mhux fiżiku f'sistema ta' dħul u ħruġ fejn il-gassijiet jiġu skambjati bejn bejjiegħ u xerrej mingħajr il-bżonn ta' prenotazzjoni tal-kapaċità tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni;

(56) "punt ta' dħul" tfisser punt soġġett għal proċeduri ta' prenotazzjoni mill-utenti tan-network jew minn produtturi li jipprovdu aċċess għal sistema ta' dħul u ħruġ.

(57) "punt ta' ħruġ" tfisser punt soġġett għal proċeduri ta' prenotazzjoni mill-utenti tan-network jew mill-klijenti finali li jippermettu flussi tal-gass 'il barra mis-sistema ta' dħul u ħruġ.

(58) "punt tal-interkonnessjoni" tfisser punt fiżiku jew virtwali li jikkollega sistemi ta' dħul u ħruġ kontigwi, jew li jikkollega sistema ta' dħul u ħruġ ma' interkonnettur, sa fejn dawn il-punti jkunu soġġetti għal proċeduri ta' prenotazzjoni mill-utenti tan-network;

(59) "punt tal-interkonnessjoni virtwali" tfisser żewġ punti tal-interkonnessjoni jew aktar li jikkollegaw l-istess żewġ sistemi ta' dħul u ħruġ kontingwi, integrati flimkien biex jipprovdu servizz tal-kapaċità uniku;

(60) "parteċipant fis-suq" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tixtri, tbigħ jew tipproduċi gassijiet jew li tkun operatur ta' servizzi tal-ħżin, inkluż bit-tqegħid ta' ordnijiet għal kummerċ f'suq tal-gass wieħed jew aktar, inkluż is-swieq tal-ibbilanċjar;

(61) "tariffa għat-terminazzjoni tal-kuntratt" tfisser imposta jew penali imposta fuq il-klijenti mill-fornituri jew mill-parteċipanti fis-suq, għat-terminazzjoni ta' kuntratt tal-provvista jew servizz tal-gass;

(62) "tariffa relatata mal-qlib" tfisser imposta jew penali għall-qlib tal-fornituri jew tal-parteċipanti fis-suq, inkluż tariffi għat-terminazzjoni ta' kuntratt, imposta direttament jew indirettament fuq il-klijenti mill-fornituri, mill-parteċipanti fis-suq jew mill-operaturi tas-sistema;

---

[30] ĠU L ~~145, 30.4.2004, p. 1~~ ⌦ 173, 12.6.2014, p. 349-496 ⌫.

(63) “informazzjoni dwar il-fatturazzjoni” tfisser l-informazzjoni mogħtija fil-kont finali tal-klijenti finali, minbarra talba għall-ħlas;

(64) “arloġġ konvenzjonali” tfisser arloġġ analogu jew elettroniku li mhux kapaċi jittrażmetti u jirċievi d-*data*;

(65) “sistema tal-metraġġ intelliġenti” tfisser sistema elettronika li kapaċi tkejjel il-gass li jidħol fil-grilja jew il-gass ikkunsmat mill-grilja, li tipprovdi aktar informazzjoni minn arloġġ konvenzjonali, u li kapaċi tittrażmetti u tirċievi d-*data* għall-finijiet ta' informazzjoni, monitoraġġ u kontroll, permezz tal-komunikazzjoni elettronika;

(66) “interoperabbiltà” tfisser, fil-kuntest tal-metraġġ intelliġenti, l-abbiltà li żewġ networks, sistemi, apparati, applikazzjonijiet jew komponenti tal-enerġija jew tal-komunikazzjoni, jew aktar, jiskambjaw u jużaw l-informazzjoni biex iwettqu l-funzjonijiet meħtieġa;

(67) “l-aktar riċenti disponibbli” tfisser, fil-kuntest tad-*data* dwar il-metraġġ intelliġenti, li tingħata f'perjodu daqs l-iqsar perjodu tal-issetiljar fis-suq nazzjonali;

(68) “l-aqwa tekniki disponibbli” tfisser, fil-kuntest tal-protezzjoni tad-*data* u tas-sigurtà f'ambjent ta' metraġġ intelliġenti, l-aktar tekniki effettivi, avvanzati, u adegwati fil-prattika biex tinkiseb, fil-prinċipju, il-bażi għall-konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* u s-sigurtà;

(69) “faqar enerġetiku” tfisser faqar enerġetiku kif definit fil-punt (49) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2021/0203 COD tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(70) “komunità tal-enerġija taċ-ċittadini” tfisser entità legali:

(a) ibbażata fuq il-parteċipazzjoni volontarja u miftuħa u kkontrollata effetivament minn membri jew azzjonisti li huma persuni fiżiċi, awtoritajiet lokali, inkluż muniċipalitajiet, jew intrapriżi żgħar;

(b) bil-għan primarju li tipprovdi benefiċċji komunitarji ambjentali, ekonomiċi jew soċjali lill-membri jew lill-azzjonisti tagħha jew liż-żoni lokali fejn topera, aktar milli li tiġġenera profitti finanzjarji; u

(c) li tinvolvi ruħha fil-produzzjoni, fid-distribuzzjoni, fil-provvista, fil-konsum, jew fil-ħżin tal-gass rinnovabbli fis-sistema tal-gass naturali, jew tipprovdi servizzi tal-effiċjenza enerġetika jew servizzi tal-manutenzjoni lill-membri jew lill-azzjonisti tagħha;

(71) “klijent attiv” tfisser klijent finali tal-gass naturali, jew grupp ta' klijenti finali tal-gass naturali li jaġixxu b'mod konġunt, li jikkonsma jew jaħżen il-gass rinnovabbli, magħmul fl-istabbilimenti tiegħu li jkun f'konfini limitati jew, meta permess minn Stat Membru, fi stabbilimenti oħra, jew li jbigħ il-gass rinnovabbli awtoprodott permezz tas-sistema tal-gass naturali, jew li jipparteċipa fi skemi tal-effiċjenza enerġetika, diment li dawk l-attivitajiet ma jkunux l-attività kummerċjali jew professjonali primarja tiegħu;

---

| |
|---|
| ↓ 2009/73/KE (adattat) |
| ⇨ ġdid |

## Kapitolu II
## Regoli ġenerali għall-organizzazzjoni ~~tas-settur~~ ⌦ tas-suq ⌫

*Artikolu* 3~~37~~

**~~Ftuħ tas-suq u reċiproċità~~ ⌦ Swieq tal-gassijiet kompetittivi, bil-konsumaturi fiċ-ċentru, flessibbli u nondiskriminatorji ⌫**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ~~l-klijenti eliġibbli jinkludu:~~ ⇨ l-klijenti kollha jkunu liberi li jixtru l-gassijiet mingħand il-fornitur tal-għażla tagħhom u għandhom jiżguraw li l-klijenti kollha jkunu liberi li jkollhom aktar minn kuntratt wieħed tal-provvista tal-gass naturali jew tal-idroġenu fl-istess ħin, diment li jiġu stabbiliti l-punti tal-konnessjoni u tal-metraġġ meħtieġa. ⇦

---

⇩ ġdid

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liġi nazzjonali tagħhom ma tkunx tfixkel bla bżonn il-kummerċ transfruntier tal-gassijiet, il-funzjonament u l-ħolqien ta' kummerċ likwidu tal-gassijiet, il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi, l-investimenti, b'mod partikolari, fil-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, jew il-ħżin tal-enerġija bejn l-Istati Membri, u għandhom jiżguraw li l-prezzijiet tal-gassijiet ikunu jirriflettu d-domanda u l-provvista reali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkunx hemm ostakli bla bżonn fis-suq intern tal-gassijiet rigward id-dħul u l-ħruġ mis-suq, il-kummerċ u l-operazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-enerġija jkunu soġġetti għal regoli, tariffi u trattament trasparenti, proporzjonati u nondiskriminatorji, b'mod partikolari rigward l-aċċess għas-swieq bl-ingrossa, l-aċċess għad-*data*, il-proċessi tal-qlib u r-reġimi tal-kontijiet u, meta applikabbli, il-liċenzjar.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parteċipanti fis-suq minn pajjiżi terzi, meta joperaw fis-suq intern tal-gassijiet, jikkonformaw mal-liġijiet applikabbli tal-Unjoni u nazzjonali.

---

🡻 2009/73/EC, l-Artikolu 37

~~(a) sal-1 ta' Lulju 2004, il-klijenti eliġibbli kif speċifikat fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali[31]. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw sal-31 ta' Jannar kull sena il-kriterji għad-definizzjoni ta' dawn il-klijenti eliġibbli;~~

~~(b) mill-1 ta' Lulju 2004, il-klijenti mhux domestiċi kollha;~~

~~(c) mill-1 ta' Lulju 2007, il-klijenti kollha.~~

~~2. Biex jiġi evitat l-iskwilibrju fil-ftuħ tas-swieq tal-gass:~~

---

[31] ~~ĠU L 204, 21.7.1998, p. 1.~~

~~(a) appalti għall-fornitura ma' klijent eliġibbli f'sistema ta' Stat Membru ieħor m'għandhomx jiġu pprojbiti jekk il-klijent huwa eliġibbli fiż-żewġ sistemi involuti; u~~

~~(b) fejn it-transazzjonijiet kif deskritti fil-punt (a) jiġu rifjutati minħabba li l-klijent huwa eliġibbli biss f'waħda miż-żewġ sistemi, il-Kummissjoni tista', filwaqt li tqis is-sitwazzjoni fis-suq u l-interess komuni, tobbliga lill-parti li qed jirrifujta li tesegwwixxi t-talba għall-fornitura, fuq it-talba ta' wieħed mill-Istati Membri taż-żewġ sistemi.~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 4*

**Prezzijiet tal-provvista bbażati fuq is-suq**

1. Il-fornituri għandhom ikunu liberi li jiddeterminaw il-prezz li jitolbu biex ifornu l-gassijiet lill-klijenti. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet xierqa biex jiżguraw kompetizzjoni effettiva bejn il-fornituri.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-protezzjoni tal-klijenti domestiċi vulnerabbli u fil-faqar enerġetiku skont l-Artikolu 25 permezz tal-politika soċjali jew mezzi oħra għajr interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-gassijiet.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu japplikaw interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-gass naturali lill-klijenti domestiċi vulnerabbli jew fil-faqar enerġetiku. Dawn l-interventi pubbliċi għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 4 u 5.

4. L-interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-gass naturali:

   (a) għandu jkollhom interess ekonomiku ġenerali u ma jmorrux lil hinn minn dak meħtieġ biex jinkiseb dak l-interess ekonomiku ġenerali;

   (b) għandhom jiġu definiti b'mod ċar, trasparenti, nondiskriminatorji u verifikabbli;

   (c) għandhom jiżguraw aċċess ugwali lill-impriżi tal-Unjoni tal-gass naturali għall-klijenti;

   (d) għandhom ikunu limitati fiż-żmien u proporzjonati fir-rigward tal-benefiċjarji tagħhom;

   (e) ma għandhomx jikkawżaw kostijiet addizzjonali lill-parteċipanti fis-suq b'mod diskriminatorju.

5. Kull Stat Membru li japplika interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-gass naturali f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandu jikkonforma wkoll mal-Artikolu 3(3), il-punt (d), u mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/1999, irrispettivament minn jekk l-Istat Membru kkonċernat għandux għadd sinifikanti ta' unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku.

6. Għall-fini ta' perjodu ta' tranżizzjoni biex tiġi stabbilita kompetizzjoni effettiva għall-kuntratti tal-provvista tal-gass naturali bejn il-fornituri, u biex jinkiseb ipprezzar tal-gass bl-imnut effettiv għalkollox u bbażat fuq is-suq f'konformità mal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu japplikaw interventi pubbliċi fl-iffissar tal-

prezzijiet għall-provvista tal-gass naturali lill-klijenti domestiċi u lill-mikrointrapriżi li ma jibbenefikawx minn interventi pubbliċi skont il-paragrafu 3.

7. L-interventi pubbliċi skont il-paragrafu 6 għandhom jikkonformaw mal-kriterji stipulati fil-paragrafu 4 u għandhom:

(a) ikunu akkumpanjati minn sett ta' miżuri biex tinkiseb kompetizzjoni effettiva u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-progress b'rabta ma' dawk il-miżuri;

(b) jiġu stabbiliti b'metodoloġija li tiżgura trattament nondiskriminatorju tal-fornituri;

(c) jiġu ffissati għal prezz iżjed mill-kost, f'livell li jippermetti kompetizzjoni effettiva tal-prezzijiet;

(d) jiġu ddisinjati b'mod li jnaqqsu kemm jista' jkun kull impatt negattiv fuq is-suq bl-ingrossa tal-gass naturali;

(e) jiżguraw li l-benefiċjarji kollha ta' interventi pubbliċi bħal dawn ikunu jistgħu jagħżlu offerti tas-suq kompetittivi u li jkunu infurmati direttament mill-inqas kull tliet xhur dwar id-disponibbiltà ta' offerti u ffrankar fis-suq kompetittiv, u għandhom jiżguraw li jingħataw assistenza biex jaqilbu għal offerta bbażata fuq is-suq;

(f) jiżguraw li, skont l-Artikoli 18 u 19, il-benefiċċjarji kollha ta' dawn l-interventi pubbliċi jkunu intitolati u offruti li jiġu installati arloġġi intelliġenti mingħajr kostijiet inizjali addizzjonali għall-klijent, li jiġu infurmati direttament dwar il-possibbiltà li jiġu installati arloġġi intelliġenti u li jingħataw l-assistenza meħtieġa;

(g) ma jwasslux għal sussidjar inkroċjat dirett bejn klijenti fornuti bi prezzijiet tas-suq ħieles u dawk fornuti bi prezzijiet regolati tal-provvista.

8. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-miżuri meħuda lill-Kummissjoni skont il-paragrafi 3 u 6 fi żmien xahar wara l-adozzjoni tagħhom, u jistgħu japplikawhom minnufih. Man-notifika għandha tingħata spjegazzjoni dwar għalfejn strumenti oħra ma kinux biżżejjed biex jintlaħaq l-objettiv mixtieq, dwar kif huma ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 4 u 7, u dwar l-effetti tal-miżuri notifikati fuq il-kompetizzjoni. In-notifika għandha tiddeskrivi l-ambitu tal-benefiċjarji, it-tul taż-żmien tal-miżuri u l-għadd ta' klijenti domestiċi affettwati mill-miżuri, u għandha tispjega kif ġew determinati l-prezzijiet regolati.

9. Mill-15 ta' Marzu 2025, u mbagħad kull sentejn, bħala parti mir-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapporti lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-interventi pubbliċi skont dan l-Artikolu, u valutazzjoni tal-progress biex tinkiseb kompetizzjoni effettiva bejn il-fornituri, u t-tranżizzjoni lejn prezzijiet ibbażati fuq is-suq. L-Istati Membri li japplikaw prezzijiet regolati f'konformità mal-paragrafu 6 għandhom jirrapportaw dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 7, inkluż dwar il-konformità tal-fornituri li jeħtieġ japplikaw dawn l-interventi, u dwar l-impatt tal-prezzijiet regolati fuq il-finanzi ta' dawk il-fornituri.

10. Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu u tippreżenta rapport dwaru lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jinkiseb ipprezzar bl-imnut tal-gass naturali bbażat fuq is-suq, flimkien ma' jew segwit minn proposta leġiżlattiva, jekk xieraq. Dan ir-rapport jista' jingħaqad mar-rapport dwar l-

implimentazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2019/944. Dik il-proposta leġiżlattiva tista' tinkludi *data* tat-tmiem għall-prezzijiet regolati.

---

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 53*

**Obbligi tas-servizz pubbliku ~~u l-protezzjoni tal-klijenti~~**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, abbażi tal-organizzazzjoni istituzzjonali tagħhom u filwaqt li jqisu l-prinċipju tas-sussidjarjetà, li, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-impriżi tal-gass naturali ⇨ u tal-idroġenu ⇦ jitħaddmu f'konformità mal-prinċipji ta' din id-Direttiva biex jinkiseb suq kompetittiv, sigur u ambjentalment sostenibbli ~~tal-gass naturali~~ ⇨ tal-gassijiet ⇦ , u ma għandhomx jiddiskriminaw bejn dawn l-impriżi rigward id-drittijiet u l-obbligi tagħhom

2. Filwaqt li jqisu bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet rilevanti ⌦ tat-TFUE ⌫~~tat-Trattat~~, b'mod partikolari l-Artikolu ~~86~~⌦ 106 ⌫ tiegħu, l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq l-impriżi ⇨ tal-gass naturali u tal-idroġenu ⇦ ~~li joperaw fis-settur tal-gass~~, fl-interess ekonomiku ġenerali, obbligi tas-servizz pubbliku li jistgħu jkunu relatati mas-sigurtà, inkluż is-sigurtà tal-provvista, ir-regolarità, ⌦ u ⌫ l-kwalità ~~u l-prezz~~ tal-provvisti, u l-protezzjoni tal-ambjent, inkluż l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-protezzjoni tal-klima. Dawn l-obbligi għandhom jiġu definiti b'mod ċar, trasparenti, nondiskriminatorju, verifikabbli u għandhom jiżguraw l-ugwaljanza tal-aċċess lill-impriżi tal-gass naturali u ⇨ lill-impriżi tal-idroġenu ⇦ ~~tal-Kommunita'~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ għall-konsumaturi nazzjonali. ~~Fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija/il-ġestjoni tad-domanda u għall-ksib tal-għanijiet ambjentali u għanijiet għall-enerġija minn sorsi li jiġġeddu, kif imsemmi f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu l-implimentazzjoni ta' ppjanar għall-perjodu fit-tul, b'kont meħud tal-possibbiltà li terzi persuni jitolbu aċċess għas-sistema.~~

---

⇩ ġdid

3. L-obbligi tas-servizz pubbliku relatati mas-sigurtà tal-provvista tal-gass ma għandhomx imorru lil hinn minn dak meħtieġ biex tkun żgurata l-konformità mal-istandards tal-provvista tal-gass skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2017/1938 u għandhom ikunu koerenti mar-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali mwettqa skont l-Artikolu 7(3), kif spjegat fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventiva mħejjija skont l-Artikolu 9(1), il-punti (c), (d) u (k), tatal-istess Regolament.

4. Meta jingħata kumpens finanzjarju jew xi forma oħra ta' kumpens minn Stat Membru għat-twettiq tal-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu, dan għandu jsir b'mod nondiskriminatorju u trasparenti.

| |
|---|
| 🡻 2009/73/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi adegwati biex iħarsu l-klijenti finali, u għandhom, b'mod partikolari, jaċċertaw illi hemm salvagwardji adegwati għall-protezzjoni tal-klijenti vulnerabbli. F'dan il-kuntest, kull Stat Membru għandu jiddefinixxi l-kunċett ta' konsumaturi vulnerabbli li jista' jirreferi għall-faqar tal-enerġija u, *inter alia*, għall-projbizzjoni tal-iskonnessjoni tal-gass ta' konsumaturi bħal dawn fi żminijiet kritiċi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet u l-obbligi marbuta ma' konsumaturi vulnerabbli jkunu applikati. B'mod partikolari, għandhom jieħdu l-passi adegwati biex iħarsu l-klijenti finali f'żoni remoti li huma mqabbda mas-sistema tal-gass. L-Istati Membri jistgħu jaħtru provditur tal-aħħar riżort għall-klijenti mqabbdin mas-sistema tal-gass. Għandhom jaċċertaw livelli għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari rigward trasparenza rigward it-termini u l-kondizzjonijiet tal-appalti, informazzjoni ġenerali u mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni ta' disputi. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-klijent eliġibbli jkun fil-fatt jista' jaqleb faċilment għal fornitur ġdid. Rigward klijenti tad-dar, dawn il-miżuri għandhom jinkludu dawk stabbiliti fl-Anness I.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa, bħat-tħejjija ta' pjani nazzjonali ta' azzjoni għall-enerġija, jagħtu benefiċċji tas-sigurtà soċjali, biex tiġi żgurata l-provvista meħtieġa tal-gass lill-konsumaturi vulnerabbli jew jagħtu appoġġ għal titjib biex l-enerġija tintuża b'mod aktar effiċjenti, biex jiġi indirizzat il-faqar tal-enerġija fejn ikun identifikat, inkluż fil-kuntest usa' tal-faqar. Miżuri bħal dawn m'għandhomx ifixklu l-ftuħ effettiv tas-suq stipulat fl-Artikolu 37 u t-tħaddim tas-suq u għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni, fejn ikun rilevanti, skont il-paragrafu 11 ta' dan l-Artikolu. Din in-notifika m'għandhiex tinkludi miżuri fis-sistema ġenerali tas-sigurtà soċjali.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi kollha mqabbda man-netwerk tal-gass ikunu intitolati li jkollhom il-gass tagħhom ipprovdut minn fornitur, bil-kundizzjoni li jaqbel il-fornitur, irrispettivament mill-Istat Membru li fih huwa rreġistrat il-fornitur, sakemm il-fornitur jikkonforma mar-regoli kummerċjali u tal-ibbilanċjar applikabbli u bla ħsara għar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-provvista. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-proċeduri amministrattivi ma jkunux ta' ostakolu għall-impriżi tal-forniment diġà rreġistrati fi Stat Membru ieħor.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) meta konsumatur, filwaqt li josserva l-kundizzjonijiet kuntrattwali, jixtieq jibdel il-fornitur, il-bidla ssir mill-operatur(i) ikkonċernat(i) fi żmien tliet ġimgħat; u

(b) il-konsumaturi jkunu intitolati li jirċievu d-data kollha dwar il-konsum.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu jingħataw lill-konsumaturi b'mod li ma jkunx diskriminatorju fir-rigward tal-ispiża, l-isforz jew il-ħin.

7. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri adegwati biex jiksbu l-għanijiet tal-koeżjoni soċjali u ekonomika u, il-protezzjoni tal-ambjent, li tista' tinkludi mezzi biex jiġi megħlub tibdil fil-klima, u s-sigurtà tal-fornitura. Miżuri bħal dawn jistgħu

jinkludu, b'mod partikolari, il-forniment ta' inċentivi ekonomiċi adegwati, bl-użu, meta jkun xieraq, tal-għodod nazzjonali u Komunitarji eżistenti kollha, għall-manutenzjoni u l-bini tal-infrastruttura meħtieġa ta' networks, inkluża l-kapaċità ta' interkonnessjoni.

8. Sabiex jiġi promoss l-użu effiċjenti tal-enerġija, l-Istati Membri jew, fejn l-Istat Membru jkun stipula hekk, l-awtorità regolatorja, għandhom jirrakkomandaw b'mod qawwi li l-impriżi tal-gass naturali jtejbu kemm jistgħu l-użu tal-gass, pereżempju billi jipprovdu servizzi ta' ġestjoni tal-enerġija, jiżviluppaw formuli innovattivi tal-prezzijiet jew jintroduċu sistemi ta' mijters intelliġenti jew netwerks intelliġenti fejn ikun jixraq.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu disponibbli punti waħdiena ta' kuntatt sabiex il-konsumaturi jingħataw l-informazzjoni kollha neċessarja fir-rigward tad-drittijiet tagħhom, tal-leġiżlazzjoni attwali u tal-mezzi ta' soluzzjoni tat-tilwimiet disponibbli għalihom f'każ ta' tilwim. Punti ta' kuntatt bħal dawn jistgħu jkunu parti minn punti ta' informazzjoni ġenerali għall-konsumaturi.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun qed jitħaddem mekkaniżmu indipendenti bħal ombudsman tal-enerġija jew korp tal-konsumaturi għat-trattament effiċjenti tat-tilwimiet u għas-soluzzjoni tat-tilwimiet barra l-qrati.

10. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 rigward id-distribuzzjoni sa fejn l-applikazzjoni tagħhom ixxekkel, fil-liġi jew fil-fatt, il-prestazzjoni tal-obbligazzjonijiet imposti fuq l-impriżi tal-gass naturali fl-interess ekonomiku ġenerali u sa fejn l-iżvilupp tal-kummerċ ma jiġix affettwat sal-punt li jkun kuntrarju għall-interessi tal-Komunità. L-interessi tal-Komunità jinkludu, fost l-oħrajn, il-kompetizzjoni rigward il-klijenti eliġibbli taħt din id-Direttiva u l-Artikolu 86 tat-Trattat.

511. L-Istati Membri għandhom, malli jimplimentaw din id-Direttiva, jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri kollha adottati biex iwettqu l-obbligi tas-servizz pubbliku, inkluż il-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-ambjent, u l-effett possibbli tagħhom fuq il-kompetizzjoni nazzjonali u internazzjonali, sew jekk dawn il-miżuri jkunu jeħtieġu deroga mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u sew jekk le. Imbagħad dawn għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni kull sentejn dwar kull bidla f'dawn il-miżuri, sew jekk ikunu jeħtieġu deroga minn din id-Direttiva u sew jekk le.

12. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti, inklużi l-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-għaqdiet tal-konsumaturi u l-impriżi tal-gass naturali, Lista tal-Konsumatur tal-Enerġija li tkun ċara u konċiża rigward informazzjoni prattika relatata mad-drittijiet tal-konsumaturi tal-enerġija. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-gass jew l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni, f'koperazzjoni mal-awtorità regolatorja, jieħdu l-passi meħtieġa biex jipprovdu lill-konsumaturi kollha tagħhom kopja tal-lista tal-konsumatur tal-enerġija u jiżguraw li ssir disponibbli pubblikament.

*Artikolu 67*

**Promozzjoni tal-kooperazzjoni ⌦ u l-integrazzjoni ⌫reġjonali**

1. L-Istati Membri u l-awtoritajiet regolatorji għandhom jikkooperaw bejniethom biex jintegraw is-swieq nazzjonali tagħhom f'livell reġjonali wieħed jew aktar, bħala l-ewwel pass lejn ⇨ swieq reġjonali, meta l-Istati Membri u l-awtoritajiet regolatorji

hekk jiddeċiedu, u eventwalment ⇦ biex joħolqu suq intern liberalizzat għalkollox. B'mod partikolari, l-awtoritajiet regolatorji li l-Istati Membri hekk jistipulaw, jew l-Istati Membri, għandhom jippromwovu u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni ⇨ tal-gass naturali ⇦ ⇨ u tal-operaturi tan-networks tal-idroġenu ⇦ fil-livell inkluż dwar kwistjonijiet transfruntieri, biex joħolqu suq intern kompetittiv ⇨ tal-gassijiet ⇦ ~~tal-gass naturali~~, irawmu l-konsistenza tal-qafas legali, regolatorju u tekniku tagħhom u jiffaċilitaw l-integrazzjoni tas-sistemi iżolati li jiffurmaw gżejjer tal-gass li li jippersisitu ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫. Iż-żoni ġeografiċi koperti minn din il-koperazzjoni reġjonali għandhom jinkludu l-koperazzjoni fiż-żoni ġeografiċi definiti f'konformità mal-Artikolu 28~~12~~(3)tar-Regolament ⌦ tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) 804 final ⌫ ~~(KE) Nru 715/2009~~. Din il-kooperazzjoni tista' tkopri żoni ġeografiċi oħra. ⇨ Meta l-Kummissjoni jidhrilha li r-regoli fil-livell tal-Unjoni huma rilevanti għall-integrazzjoni reġjonali tas-swieq tal-gassijiet, din għandha tipprovdi gwida xierqa li tqis l-ispeċifiċitajiet ta' dawn is-swieq u l-impatt fuq is-swieq ġirien. ⇦

2. L-Aġenzija ⌦ għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("ACER") ⌫ għandha tikkoopera mal-awtoritajiet regolatorji ~~nazzjonali~~ u l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni biex tiżgura l-kompatibbiltà tal-oqsfa regolatorji bejn ir-reġjuni ⇨ u fi ħdanhom ⇦ biex jinħoloq suq intern kompetittiv ~~tal-gass naturali~~ ⇨ tal-gassijiet ⇦. Meta ⌦ l-ACER jidhrilha ⌫ ~~l-Aġenzija tqis~~ li hemm bżonn regoli vinkolanti għal dik il-kooperazzjoni, din għandha tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet xierqa.

~~3.~~ ~~L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, li l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni għandhom sistema/i integrata/i waħda jew aktar fil-livell reġjonali li tkopri żewġ Stati Membri jew aktar għall-allokazzjoni tal-kapaċità u għall-kontroll tas-sigurtà tan-network.~~

3~~4~~. Jekk l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni integrati vertikalment jieħdu sehem f'impriża konġunta stabbilita għall-implimentazzjoni ta' din il-kooperazzjoni, l-impriża konġunta għandha tistabbilixxi u timplimenta programm tal-konformità li jistabbilixxi l-miżuri li jridu jittieħdu biex tkun żgurata l-esklużjoni ta' kull imġiba diskriminatorja u antikompetittiva. Dak il-programm tal-konformità għandu jistabbilixxi l-obbligi speċifiċi tal-impjegati li jilħqu l-objettiv ta' esklużjoni tal-imġiba diskriminatorja u antikompetittiva. Dan għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni ⌦ tal-ACER ⌫ ~~mill-Aġenzija~~. Il-konformità mal-programm għandha tiġi sorveljata b'mod indipendenti mill-uffiċjali tal-konformità tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni integrati vertikalment.

*Artikolu 7~~4~~*

**Proċedura tal-awtorizzazzjoni**

1. Meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni (pereżempju liċenzja, permess, konċessjoni, kunsens jew approvazzjoni) għall-kostruzzjoni jew għall-operazzjoni ta' faċilitajiet tal-gass naturali ⇨, ta' faċilitajiet tal-produzzjoni tal-idroġenu u ta' infrastruttura tas-sistema tal-idroġenu ⇦ , l-Istati Membri jew xi awtorità kompetenti deżinjata minnhom għandhom jagħtu awtorizzazzjonijiet għall-kostruzzjoni u/jew għall-operazzjoni ta' dawk il-faċilitajiet, ⇨ l-infrastruttura, ⇦ il-pipelines u t-tagħmir assoċjat fit-territorju tagħhom, f'konformità mal-paragrafi 2 sa 11~~4~~. L-Istati Membri jew xi awtorità kompetenti deżinjati minnhom jistgħu wkoll jagħtu

awtorizzazzjonijiet bl-istess bażi għall-provvista ~~tal-gass naturali~~ ⇨ tal-gassijiet ⇦ u għall-klijenti bl-ingrossa.

2. Meta l-Istati Membri jkollhom sistema tal-awtorizzazzjoni, dawn għandhom jistabbilixxu kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji li trid tissodisfa kull impriża li tapplika għal awtorizzazzjoni biex ⇨ tforni l-gassijiet jew ⇦ tibni ⌦ ⌫ u/jew topera faċilitajiet tal-gass naturali ⇨ , faċilitajiet tal-produzzjoni tal-idroġenu jew infrastruttura tas-sistema tal-idroġenu ⇦ ~~jew li tapplika għal awtorizzazzjoni biex tipprovdi l-gass naturali~~. Il-kriterji u l-proċeduri nondiskriminatorji għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu pubbliċi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri tal-awtorizzazzjoni għal ⌦ dawn ⌫ il-faċilitajiet, ⇨ l-infrastruttura, ⇦ il-pipelines u t-tagħmir assoċjat ikunu jqisu l-importanza tal-proġett għas-suq intern ~~tal-gass naturali~~ ⇨ tal-gassijiet, ⇦ meta xieraq.

---

⇩ ġdid

3. Il-proċeduri tal-awtorizzazzjoni għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx jaqbżu s-sentejn, inkluż il-proċeduri rilevanti kollha tal-awtoritajiet kompetenti. Meta debitament ġustifikat minħabba ċirkostanzi straordinarji, dak il-perjodu ta' sentejn jista' jiġi estiż b'perjodu sa sena.

4. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw liema miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi huma meħtieġa biex jissimplifikaw il-proċeduri tal-awtorizzazzjoni, inkluż kwalunkwe pass proċedurali relatat mal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-riżultati ta' dik il-valutazzjoni bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima kif imsemmi fil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3 u fl-Artikoli 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u f'konformità magħha, u bħala parti mir-rapporti nazzjonali integrati tagħhom ta' progress dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

5. L-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 3 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-obbligi skont il-liġi ambjentali applikabbli tal-Unjoni, għall-appelli ġudizzjarji, ir-rimedji u proċedimenti oħra quddiem qorti jew tribunal, u għall-mekkaniżmi tas-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim, inkluż il-proċeduri tal-ilmenti, l-appelli u r-rimedji nonġudizzjarji, u jistgħu jiġu estiżi għat-tul taż-żmien ta' dawk il-proċeduri.

6. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jiddeżinjaw punt ta' kuntatt wieħed jew aktar. Dawk il-punti ta' kuntatt għandhom, meta jintalbu mill-applikant, u mingħajr ħlas, jiggwidaw u jiffaċilitaw il-proċedura kollha tal-awtorizzazzjoni għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 sat-twassil mill-awtoritajiet responsabbli fi tmiem il-proċedura. L-applikant ma għandux jintalab jikkuntattja aktar minn punt ta' kuntatt wieħed għall-proċess kollu.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet skont il-liġi nazzjonali għall-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-pipelines tal-gass naturali u ta' assi oħra tan-network użati għat-trasport tal-gass naturali għandhom japplikaw ukoll għall-pipelines u l-assi tan-network għat-trasport tal-idroġenu.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet kuntrattwali eżistenti tal-użu tal-art għall-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-pipelines tal-gass naturali u ta' assi oħra tan-network għandhom jinftiehmu li jinkludu wkoll il-pipelines u l-assi l-oħra tan-network għat-trasport tal-idroġenu.

🡻 2009/73/KE
⇨ ġdid

~~3~~9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-raġunijiet għal kull rifjut ta' xi awtorizzazzjoni jkunu oġġettivi u nondiskriminatorji u li jingħataw lill-applikant. Ir-raġunijiet għal dan ir-rifjut għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni għall-informazzjoni. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċedura biex l-applikant ikun jista' jappella kontra dan ir-rifjut.

~~4.~~10. Għall-iżvilupp ta' żoni ġodda tal-provvista u l-operazzjoni effiċjenti b'mod ġenerali u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu ~~38~~30, l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jagħtu awtorizzazzjoni ulterjuri għall-kostruzzjoni u l-operazzjoni tas-sistemi tal-pipelines tad-distribuzzjoni ⇨ tal-gass naturali ⇦ f'żona partikolari ġaladarba dawk is-sistemi tal-pipelines ikunu nbnew jew ~~ġew proposti~~ ⇨ ikunu ġew awtorizzati ⇦ biex jinbnew f'dik iż-żona, u jekk il-kapaċità eżistenti jew proposta ma tkunx ġiet eżawrita.

⇩ ġdid

*Artikolu 8*

**Ċertifikazzjoni tal-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju**

1. Il-gassijiet rinnovabbli għandhom jiġu ċċertifikati f'konformità mal-Artikoli 29 u 30 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

2. Biex ikun żgurat li l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-użu tal-fjuwils b'livell baxx tal-karbonju u tal-idroġenu b'livell baxx tal-karbonju jkun mill-inqas 70% f'konformità mad-definizzjonijiet fl-Artikolu 2, il-punti (10) u (12), l-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-operaturi ekonomiċi juru li hemm konformità ma' dan il-livell limitu u mar-rekwiżiti stabbiliti fil-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. Għal dawk il-finijiet, dawn għandhom jeżiġu li l-operaturi ekonomiċi jużaw sistema tal-bilanċ tal-massa f'konformità mal-Artikolu 30(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jippreżentaw informazzjoni affidabbli dwar il-konformità mal-limitu tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' 70% stabbilit fil-paragrafu 2 u mal-metodoloġija tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra msemmija fil-paragrafu 5, u li l-operaturi ekonomiċi jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru rilevanti, meta jintalbu, id-*data* użata għall-iżvilupp tal-informazzjoni. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-operaturi ekonomiċi jdaħħlu fis-seħħ standard xieraq tal-awditjar indipendenti tal-informazzjoni ppreżentata, u li jipprovdu evidenza li dan ikun sar. L-awditjar għandu jivverifika li s-sistemi użati mill-operaturi ekonomiċi huma eżatti, affidabbli u mħarsa mill-frodi.

4. L-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw irrispettivament minn jekk il-fjuwils b'livell baxx tal-karbonju humiex prodotti fl-Unjoni jew importati. L-informazzjoni dwar l-oriġini ġeografika u t-tip ta' materja prima tal-fjuwils b'livell baxx tal-karbonju, jew tal-idroġenu b'livell baxx tal-karbonju, ta' kull fornitur tal-

fjuwil għandha tkun disponibbli għall-konsumaturi fuq is-siti web tal-operaturi, tal-fornituri jew tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti u għandha tiġi aġġornata kull sena.

5. Sal-31 ta’ Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 83 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tispeċifika l-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-fjuwils b’livell baxx tal-karbonju. Il-metodoloġija għandha tiżgura li l-kreditu għall-emissjonijiet evitati ma jingħatax għad-dijossidu tal-karbonju li l-qbid tiegħu jkun diġà rċieva kreditu tat-tnaqqis tal-emissjonijiet skont dispożizzjonijiet oħra tal-liġi.

6. Il-Kummissjoni tista’ tiddeċiedi li l-iskemi volontarji nazzjonali jew internazzjonali li jistabbilixxu standards għall-produzzjoni tal-fjuwils b’livell baxx tal-karbonju jew tal-idroġenu b’livell baxx tal-karbonju jipprovdu *data* eżatta dwar l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu u juru l-konformità mal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 5 ta’ dan l-Artikolu.

7. Meta operatur ekonomiku jipprovdi evidenza jew *data* miksuba bi skema li kienet soġġetta għal rikonoxximent skont il-paragrafu 6, Stat Membru ma għandux jeżiġi li l-operatur ekonomiku jipprovdi aktar evidenza tal-konformità mal-kriterji li skonthom l-iskema ġiet rikonoxxuta mill-Kummissjoni.

8. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jissorveljaw l-operazzjoni tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni li jkunu qed iwettqu l-awditjar indipendenti bi skema volontarja. Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom jissottomettu, meta jintalbu mill-awtoritajiet kompetenti, l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex jissorveljaw l-awditjar, inkluż id-data, il-ħin u l-post eżatti tal-awditjar. Meta l-Istati Membri jsibu kwistjonijiet ta’ nuqqas ta’ konformità, dawn għandhom jinfurmaw lill-iskema volontarja mingħajr dewmien.

9. Meta tintalab minn Stat Membru, li tista’ tkun ibbażata fuq it-talba ta’ operatur ekonomiku, il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-evidenza disponibbli kollha, teżamina jekk ġewx issodisfati l-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti f’dan l-Artikolu, il-metodoloġija żviluppata f’konformità mal-paragrafu 5 ta’ dan l-Artikolu, u l-limiti tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punti (9) u (10). Fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi talba bħal din, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk l-Istat Membru kkonċernat jistax:

(a) jaċċetta l-evidenza diġà pprovduta biex tintwera l-konformità mal-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-fjuwils b’livell baxx tal-karbonju; jew

(b) b’deroga mill-paragrafu 7, jeżiġi li l-fornituri tas-sors tal-fjuwils b’livell baxx tal-karbonju jipprovdu aktar evidenza tal-konformità tagħhom mal-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u mal-limitu tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta’ 70%.

10. L-Istati Membri għandhom jeżiġu wkoll li l-operaturi ekonomiċi rilevanti jdaħħlu informazzjoni fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni, dwar it-tranżazzjonijiet li saru u dwar il-karatteristiċi tas-sostenibbiltà tal-fjuwils b’livell baxx tal-karbonju skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 98*

**Regoli tekniċi**

L-awtoritajiet regolatorji, meta l-Istati Membri hekk jistipulaw, jew l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu definiti l-kriterji tas-sigurtà teknika u li jinħolqu u jiġu ppubblikati regoli tekniċi li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi tad-disinn tekniku u r-rekwiżiti operattivi għall-konnessjoni mas-sistema tal-faċilitajiet tal-LNG, il-faċilitajiet tal-ħżin, sistemi oħra tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni, u linji diretti, ⇨ kif ukoll mas-sistema tal-idroġenu ⇦. Dawn ir-regoli tekniċi għandhom jiżguraw l-interoperabbiltà tas-sistemi u għandhom ikunu oġġettivi u nondiskriminatorji. ⌦ L-ACER ⌫ L-Aġenzija tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa biex tinkiseb il-kompatibbiltà ta' dawn ir-regoli, meta xieraq. Dawk ir-regoli għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 58 tad-Direttiva (UE) 2015/153598/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-fornitura tal-informazzjoni fil-qasam ta' standards u regolamenti tekniċi u ta' regoli dwar is-Servizzi tas-Soċjetà tal-Informazzjoni[33].

⇩ ġdid

Meta rilevanti, l-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni u l-operaturi tan-networks tal-idroġenu fit-territorju tagħhom jippubblikaw regoli tekniċi f'konformità mal-Artikolu 9, b'mod partikolari rigward ir-regoli dwar il-konnessjoni tan-networks li jinkludu r-rekwiżiti tal-kwalità tal-gass, l-odorizzazzjoni tal-gass u l-pressjoni tal-gass. L-Istati Membri għandhom jeżiġu wkoll li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tas-sistemi tad-distribuzzjoni jippubblikaw it-tariffi tal-konnessjoni għal konnessjoni tal-gass minn sorsi rinnovabbli abbażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji.

# KAPITOLU III

# IL-PROTEZZJONI U L-AWTONOMIZZAZZJONI TAL-KONSUMATURI U S-SWIEQ BL-IMNUT

*Artikolu 10*

**Drittijiet kuntrattwali bażiċi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali kollha jkunu intitolati li jkollhom gassijiet ipprovduti minn fornitur, soġġetti għall-qbil tal-fornitur, irrispettivament f'liema Stat Membru jkun irreġistrat il-fornitur, diment li l-fornitur jimxi mar-regoli applikabbli dwar il-kummerċ u l-ibbilanċjar. F'dak ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-proċeduri

[32] Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

[33] ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

amministrattivi ma jiddiskriminawx kontra l-fornituri li diġà huma rreġistrati fi Stat Membru ieħor.

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jkollhom id-drittijiet previsti fil-paragrafi 3 sa 12 ta' dan l-Artikolu.

3. Il-klijenti finali għandu jkollhom id-dritt għal kuntratt mal-fornitur tagħhom li jispeċifika:

(a) l-identità u l-indirizz tal-fornitur;

(b) is-servizzi pprovduti, il-livell tal-kwalità tas-servizzi offruti, u l-ħin tal-ewwel konnessjoni;

(c) it-tipi ta' servizzi tal-manutenzjoni offruti;

(d) il-mezzi kif tista' tinkiseb informazzjoni aġġornata dwar it-tariffi u l-imposti tal-manutenzjoni applikabbli kollha, u dwar il-prodotti jew is-servizzi kollha offruti bħala pakketti;

(e) it-terminu tal-kuntratt, il-kundizzjonijiet għat-tiġdid u t-terminazzjoni tal-kuntratt u tas-servizzi, inkluż il-prodotti jew is-servizzi offruti bħala pakkett ma' dawk is-servizzi, u jekk hix permessa t-terminazzjoni mingħajr ħlas tal-kuntratt;

(f) kull kumpens u arranġament ta' rifużjoni li japplikaw jekk ma jintlaħqux il-livelli tal-kwalità tas-servizz ikkuntrattat, inkluż dwar meta l-kontijiet ma jkunux eżatti jew jiddewmu;

(g) il-metodu biex tinbeda proċedura għal soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti f'konformità mal-Artikolu 24;

(h) informazzjoni relatata mad-drittijiet tal-konsumaturi, inkluż informazzjoni dwar it-trattament tal-ilmenti u l-informazzjoni kollha msemmija f'dan il-paragrafu, ikkomunikata b'mod ċar fuq il-kont jew fuq is-sit web tal-impriża tal-idroġenu jew tal-gass naturali.

Il-kundizzjonijiet għandhom ikunu ġusti u magħrufa sew minn qabel. F'kull każ, l-informazzjoni għandha tingħata qabel ma jiġi konkluż jew ikkonfermat il-kuntratt. Meta l-kuntratti jiġu konklużi tramite xi intermedjarji, l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (f) għandha tingħata wkoll qabel ma jiġi konkluż il-kuntratt.

Il-klijenti finali għandhom jingħataw sommarju tal-kundizzjonijiet kuntrattwali ewlenin b'mod prominenti u b'lingwaġġ konċiż u sempliċi.

4. Il-klijenti finali għandhom jingħataw avviż xieraq dwar kull intenzjoni li jinbidlu l-kundizzjonijiet kuntrattwali u għandhom jiġu infurmati bid-dritt tagħhom li jitterminaw il-kuntratt meta jingħata l-avviż. Il-fornituri għandhom jgħarrfu lill-klijent finali tagħhom direttament u b'mod trasparenti u komprensibbli dwar kull aġġustament fil-prezz tal-provvista u bir-raġunijiet u l-prekundizzjonijiet għall-aġġustament u l-ambitu tiegħu, fi żmien mhux inqas minn ġimagħtejn, jew xahar fil-każ tal-klijenti domestiċi, qabel ma jidħol fis-seħħ l-aġġustament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jkunu ħielsa li jitterminaw il-kuntratti jekk ma jaċċettawx il-kundizzjonijiet kuntrattwali ġodda jew l-aġġustamenti fil-prezzijiet tal-provvista notifikati lilhom mill-fornitur tagħhom.

5. Il-fornituri għandhom jipprovdu informazzjoni trasparenti lill-klijenti finali dwar il-prezzijiet u t-tariffi applikabbli u dwar it-termini u l-kundizzjonijiet standard, rigward l-aċċess għas-servizzi tal-gassijiet u l-użu ta' dawk is-servizzi.

6. Il-fornituri għandhom joffru għażla wiesgħa ta' metodi tal-ħlas lill-klijenti finali. Dawk il-metodi tal-ħlas ma għandhomx jiddiskriminaw bejn il-klijenti b'mod mhux dovut. Kull differenza fl-imposti relatata mal-metodi tal-ħlas jew mas-sistemi tal-ħlas bil-quddiem għandha tkun oġġettiva, nondiskriminatorja u proporzjonata u ma għandhiex taqbeż il-kostijiet diretti mġarrba mill-benefiċjarju talli juża xi metodu tal-ħlas jew sistema tal-ħlas bil-quddiem speċifika, f'konformità mal-Artikolu 62 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34].

7. Il-klijenti domestiċi li jkollhom aċċess għal sistemi tal-ħlas bil-quddiem ma għandhomx jitqiegħdu fi żvantaġġ mis-sistemi tal-ħlas bil-quddiem.

8. Il-fornituri għandhom joffru termini u kundizzjonijiet ġenerali ġusti u trasparenti lill-klijenti finali, li għandhom jingħataw b'lingwaġġ sempliċi u mhux ambigwu u ma għandhomx jinkludu ostakli mhux kuntrattwali għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-konsumaturi, bħal dokumentazzjoni kuntrattwali eċċessiva. Il-klijenti għandhom jitħarsu minn metodi tal-bejgħ inġusti jew qarrieqa.

9. Il-klijenti finali għandu jkollhom id-dritt għal standard tajjeb tas-servizz u tat-trattament tal-ilmenti mill-fornituri tagħhom. Il-fornituri għandhom jittrattaw l-ilmenti fil-pront, b'mod sempliċi, u ġust.

10. Il-fornituri għandhom jipprovdu informazzjoni xierqa lill-klijenti domestiċi tal-gass naturali dwar miżuri alternattivi għall-iskonnessjoni kmieni biżżejjed qabel ma ssir xi skonnessjoni ppjanata. Dawk il-miżuri alternattivi jistgħu jinkludu informazzjoni dwar is-sorsi ta' appoġġ biex tkun evitata l-iskonnessjoni, u dwar is-sistemi tal-ħlas bil-quddiem, awditjar tal-enerġija, servizzi ta' konsulenza dwar l-enerġija, pjanijiet tal-ħlas alternattivi, il-pariri dwar il-ġestjoni tad-dejn, jew moratorji għall-iskonnessjoni, u ma għandhomx jinvolvu kostijiet żejda għall-klijenti li jkunu qed jiffaċċjaw skonnessjoni.

11. Wara kull qlib tal-fornitur, il-fornituri għandhom jipprovdu kont tal-għeluq finali lill-klijenti finali, fi żmien sitt ġimgħat minn meta jsir il-qlib.

*Artikolu 11*

**Dritt għall-qlib u regoli dwar it-tariffi marbuta mal-qlib**

1. Il-klijenti għandu jkollhom id-dritt li jaqilbu l-fornituri tal-gass jew il-parteċipanti fis-suq. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li klijent li jixtieq jaqleb il-fornitur jew il-parteċipant fis-suq, filwaqt li jirrispetta l-kundizzjonijiet kuntrattwali, ikun intitolat għal dan il-qlib fi żmien sa tliet ġimgħat mid-data tat-talba. Sa mhux aktar tard mill-2026, il-proċess tekniku tal-qlib tal-fornitur jew tal-parteċipant fis-suq ma għandux idum aktar minn 24 siegħa u għandu jkun possibbli f'kull jum tax-xogħol.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dritt għall-qlib tal-fornitur jew tal-parteċipanti fis-suq jingħata lill-klijenti b'mod nondiskriminatorju fir-rigward tal-kost, l-isforz u l-ħin.

---

[34] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015).

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-inqas il-klijenti domestiċi u l-impriżi żgħar ma jkollhom iħallsu l-ebda tariffa għall-qlib għall-gassijiet. Iżda l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-fornituri jew il-parteċipanti fis-suq jimponu tariffi għat-terminazzjoni tal-kuntratt fuq il-klijenti meta dawk il-klijenti jitterminaw, b'mod volontarju, kuntratti tal-provvista b'terminu fiss u bi prezz fiss qabel ma jimmaturaw, diment li dawk it-tariffi:

(a) ikunu parti minn kuntratt li l-klijent ikun daħal għalih b'mod volontarju; u

(b) jiġu komunikati b'mod ċar lill-klijent qabel ma jiġi konkluż il-kuntratt.

Dawk it-tariffi għandhom ikunu proporzjonati u ma għandhomx jaqbżu t-telf ekonomiku dirett tal-fornitur jew tal-parteċipant fis-suq ikkawżat mit-terminazzjoni tal-kuntratt tal-klijent, inkluż il-kostijiet ta' kull investiment jew servizz offruti bħala pakkett li diġà ngħataw lill-klijent bħala parti mill-kuntratt. L-oneru tal-prova tat-telf ekonomiku dirett għandu jkun fuq il-fornitur jew il-parteċipant fis-suq. Il-permissibbiltà tat-tariffi tat-terminazzjoni tal-kuntratt għandha timmonitorjaha l-awtorità regolatorja jew awtorità nazzjonali kompetenti oħra.

4. Il-klijenti domestiċi tal-gassijiet għandhom ikunu intitolati jipparteċipaw fi skemi ta' qlib kollettiv. L-Istati Membri għandhom ineħħu l-ostakli regolatorji jew amministrattivi kollha għall-qlib kollettiv, u jipprovdu qafas li jiżgura l-protezzjoni tal-konsumaturi biex tkun evitata kull prattika abbużiva.

*Artikolu 12*

**Għodod tat-tqabbil**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-inqas il-klijenti domestiċi tal-gass naturali, u l-mikrointrapriżi, ikollhom aċċess, mingħajr ħlas, għal mill-inqas għodda waħda tat-tqabbil tal-offerti tal-fornituri, inkluż l-offerti offruti bħala pakkett. Il-klijenti għandhom jiġu infurmati dwar id-disponibbiltà ta' dawk l-għodod fil-kontijiet tagħhom jew flimkien magħhom, jew b'mezzi oħra. L-għodod għandhom jissodisfaw mill-inqas ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandhom ikunu indipendenti mill-parteċipanti fis-suq u jiżguraw li l-impriżi tal-gass jingħataw trattament ugwali fir-riżultati tat-tiftix;

(b) għandhom jiżvelaw b'mod ċar lis-sidien tagħhom u lill-persuna fiżika jew ġuridika li topera u tikkontrolla l-għodod, kif ukoll informazzjoni dwar kif jiġu ffinanzjati l-għodod;

(c) għandhom jistabbilixxu kriterji ċari u oġġettivi li skonthom għandu jsir it-tqabbil, inkluż is-servizzi, u jiżvelawhom;

(d) għandhom jużaw lingwaġġ sempliċi u mhux ambigwu;

(e) għandhom jipprovdu informazzjoni eżatta u aġġornata u jiddikjaraw il-ħin tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni;

(f) għandhom ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà, billi jkunu perċettibbli, operabbli, jinftiehmu u robusti;

(g) għandhom jipprovdu proċedura effettiva għar-rapportar tal-informazzjoni skorretta dwar l-offerti ppubblikati;

(h) għandhom iwettqu tqabbil b'mod li d-*data* personali mitluba tkun limitata għal dik meħtieġa strettament għat-tqabbil.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-inqas għodda waħda tkun tkopri s-suq kollu tal-gass naturali. Meta s-suq ikun kopert b'diversi għodod, dawk l-għodod għandhom jinkludu, bl-aktar mod sħiħ u prattikament possibbli, firxa tal-offerti tal-gass li jkopru parti sinifikanti tas-suq u, meta dawk l-għodod ma jkoprux lis-suq kollu, dikjarazzjoni ċara dwar dan, qabel jintwerew ir-riżultati.

2. L-għodod jistgħu jitħaddmu minn xi entità, inkluż minn kumpaniji privati, u awtoritajiet jew korpi pubbliċi.

3. L-Istati Membri jistgħu jeżiġu li l-għodod tat-tqabbil imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu jinkludu kriterji komparattivi relatati man-natura tas-servizzi offruti mill-fornituri.

4. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti li tkun responsabbli għall-ħruġ ta' marki ta' fiduċja għall-għodod tat-tqabbil li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, u li tiżgura li l-għodod tat-tqabbil bil-marka ta' fiduċja jkomplu jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti. Dik l-awtorità għandha tkun indipendenti minn kull parteċipant fis-suq u operatur tal-għodod tat-tqabbil.

5. Kull għodda li tqabbel il-parteċipanti fis-suq għandha tkun eliġibbli biex tapplika għal marka ta' fiduċja skont dan l-Artikolu b'mod volontarju u nondiskriminatorju.

6. B'deroga mill-paragrafi 4 u 5, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jipprevedux il-ħruġ ta' marki ta' fiduċja għall-għodod tat-tqabbil jekk awtorità pubblika jew korp pubbliku jipprovdu għodda tat-tqabbil li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1.

*Artikolu 13*

**Klijenti attivi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jkunu intitolati jaġixxu bħala klijenti attivi mingħajr ma jkunu soġġetti għal rekwiżiti tekniċi, rekwiżiti amministrattivi, proċeduri u imposti sproporzjonati jew diskriminatorji, u għal imposti tan-network li mhumiex kostriflessivi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti attivi jkunu:

(a) intitolati joperaw direttament;

(b) intitolati jbigħu l-gassijiet naturali rinnovabbli awtoprodotti permezz tas-sistema tal-gass naturali;

(c) intitolati jipparteċipaw fi skemi tal-effiċjenza enerġetika;

(d) intitolati jiddelegaw il-ġestjoni tal-installazzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tagħhom lil parti terza, inkluż l-installazzjoni, l-operazzjoni, it-trattament tad-*data* u l-manutenzjoni mingħajr ma dik il-parti terza titqies bħala klijent attiv;

(e) soġġetti għal imposti tan-network kostriflessivi, trasparenti u nondiskriminatorji li jiżguraw li jikkontribwixxu b'mod xieraq u bilanċjat għall-kondiviżjoni tal-kostijiet ġenerali tas-sistema;

(f) responsabbli finanzjarjament għall-iżbilanċi li jikkawżaw fis-sistema tal-gass naturali jew għandhom jiddelegaw ir-responsabbiltà tal-ibbilanċjar tagħhom f'konformità mal-Artikolu 3(e) ta' [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx].

3. Fil-liġi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jista' jkollhom dispożizzjonijiet differenti applikabbli għall-klijenti attivi individwali jew li jaġixxu b'mod konġunt, diment li d-drittijiet u l-obbligi kollha skont dan l-Artikolu jkunu japplikaw għall-klijenti attivi kollha. Kull differenza fit-trattament tal-klijenti attivi li jaġixxu b'mod konġunt għandha tkun proporzjonata u ġustifikata kif xieraq.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti attivi li jkunu sidien ta' faċilitajiet tal-ħżin tal-gass rinnovabbli:

(a) ikollhom id-dritt għal konnessjoni mal-grilja fi żmien raġonevoli wara li jkunu għamlu talba għal dak il-għan, diment li jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa, bħall-ibbilanċjar tar-responsabbiltà;

(b) ma jkunux soġġetti għal imposti doppji, inkluż it-tariffi tan-network, għall-gass rinnovabbli maħżun li jibqa' fl-istabbilimenti tagħhom;

(c) ma jkunux soġġetti għal rekwiżiti jew tariffi tal-liċenzjar sproporzjonati;

(d) ikunu jistgħu jipprovdu diversi servizzi fl-istess ħin, jekk dan ikun fattibbli teknikament.

*Artikolu 14*

**Komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu qafas regolatorju abilitanti għall-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini biex jiżguraw li:

(a) il-parteċipazzjoni f'komunità tal-enerġija taċ-ċittadini tkun miftuħa u volontarja;

(b) il-membri jew l-azzjonisti ta' komunità tal-enerġija taċ-ċittadini jitħallew jitilqu mill-komunità, f'liema każ japplika l-Artikolu 11;

(c) il-membri jew l-azzjonisti ta' komunità tal-enerġija taċ-ċittadini ma jitilfux id-drittijiet u l-obbligi tagħhom bħala klijenti domestiċi jew klijenti attivi;

(d) soġġetti għal kumpens ġust kif stmat mill-awtorità regolatorja, l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni rilevanti jikkooperaw mal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini biex jiffaċilitaw it-trasferimenti tal-gassijiet naturali rinnovabbli fi ħdan il-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini;

(e) il-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini jkunu soġġetti għal proċeduri u imposti nondiskriminatorji, ġusti, proporzjonati u trasparenti, inkluż rigward il-konnessjoni mal-grilja, ir-reġistrazzjoni u l-liċenzjar, u għal imposti tan-network trasparenti, nondiskriminatorji u kostriflessivi, filwaqt li jkun żgurat li jikkontribwixxu b'mod adegwat u bilanċjat għall-kondiviżjoni tal-kostijiet ġenerali tas-sistema tal-gass naturali.

2. L-Istati Membri jistgħu, fil-qafas regolatorju abilitanti, jipprevedu li l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini jkunu:

(a) miftuħa għall-parteċipazzjoni transfruntiera;

(b) intitolati biex ikunu sidien ta', jixtru jew jikru, networks tad-distribuzzjoni u jamministrawhom b'mod awtonomu, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu;

(c) soġġetti għall-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 28(2).

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini jkunu:

(a) jistgħu jaċċessaw is-swieq kollha tal-gass naturali b'mod nondiskriminatorju;

(b) trattati b'mod nondiskriminatorju u proporzjonat rigward l-attivitajiet, id-drittijiet u l-obbligi tagħhom bħala klijenti finali, produtturi, fornituri jew operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni jew parteċipanti fis-suq;

(c) responsabbli finanzjarjament għall-iżbilanċi li jikkawżaw fis-sistema tal-gass naturali jew għandhom jiddelegaw ir-responsabbiltà tal-ibbilanċjar tagħhom f'konformità mal-Artikolu 3(e) ta' [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx];

(d) trattati bħala klijenti attivi f'konformità mal-punt (e) tal-paragrafu 2 u l-punti (a), (c) u (d) tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 13;

(e) intitolati jorganizzaw, fi ħdan il-komunità tal-enerġija taċ-ċittadini, il-kondiviżjoni tal-gass rinnovabbli li jiġi prodott mill-unitajiet tal-produzzjoni li huma l-proprjetà tal-komunità, soġġetta għal rekwiżiti oħra stabbiliti f'dan l-Artikolu u diment li l-membri tal-komunità jżommu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom bħala klijenti finali.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (e), meta l-gassijiet naturali rinnovabbli jiġu kondiviżi, dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-imposti, it-tariffi u l-levies tan-network applikabbli, skont analiżi trasparenti tal-kostbenefiċċji tar-riżorsi tal-enerġija distribwiti żviluppata mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu d-dritt lill-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini li jimmaniġġjaw in-networks tad-distribuzzjoni fiż-żona tal-operazzjoni tagħhom u jistabbilixxu l-proċeduri rilevanti, mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu VI jew għal regoli u regolamenti oħra li japplikaw għall-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni.

Meta jingħata dritt bħal dan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini jkunu:

(a) jistgħu jittrasportaw il-gass nonrinnovabbli meta dak il-gass ikun għal klijent tal-gass naturali li ma jkunx membru tal-komunità tal-enerġija taċ-ċittadini, jew ikun meħtieġ għall-operazzjoni sigura tas-sistema;

(b) intitolati jikkonkludu ftehim dwar l-operazzjoni tan-network tagħhom mal-operatur rilevanti tas-sistema tad-distribuzzjoni jew tas-sistema tat-trażmissjoni li magħha jkun konness in-network tagħhom;

(c) soġġetti għal imposti xierqa tan-network fil-punti tal-konnessjoni bejn in-network tagħhom u n-network tad-distribuzzjoni barra l-komunità tal-enerġija taċ-ċittadini;

(d) ma jiddiskriminawx kontra, jew jagħmlu ħsara lill-klijenti li jibqgħu konnessi mas-sistema tad-distribuzzjoni.

*Artikolu 15*

**Kontijiet u informazzjoni dwar il-fatturazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontijiet u l-informazzjoni dwar il-fatturazzjoni jkunu eżatti, jinftiehmu faċilment, ċari, konċiżi, faċli għall-utenti u preżentati b'mod li jiffaċilita t-tqabbil mill-klijenti finali, u li dawn ikunu jissodisfaw

ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness I. Meta jitolbu dan, il-klijenti finali għandhom jirċievu spjegazzjoni ċara u li tinftiehem dwar kif ġie derivat il-kont tagħhom, speċjalment meta l-kontijiet ma jkunux ibbażati fuq il-konsum reali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jirċievu l-kontijiet tagħhom u l-informazzjoni dwar il-fatturazzjoni mingħajr ħlas.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jiġu offruti l-għażla li jkollhom il-kontijiet u l-informazzjoni dwar il-fatturazzjoni tagħhom b'mod elettroniku, u jiġu offruti arranġamenti flessibbli għall-ħlas effettiv tal-kontijiet.

4. Meta l-kuntratt jipprevedi bidla futura tal-prodott jew tal-prezz, jew xi skonti, dan għandu jiġi indikat fuq il-kont flimkien mad-data meta tkun se ssir il-bidla.

5. Meta jkunu qed jikkunsidraw xi bidliet fir-rekwiżiti tal-kontenut tal-kontijiet, l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi.

*Artikolu 16*

**Sistemi tal-metraġġ intelliġenti fis-sistema tal-gass naturali**

1. Biex jippromwovu l-effiċjenza enerġetika u jagħtu s-setgħa lill-klijenti finali, l-Istati Membri jew, meta Stat Membru hekk jistipula, l-awtorità regolatorja għandha tirrakkomanda bil-qawwa li l-impriżi tal-gass naturali jottimizzaw l-użu tal-gass naturali, fost l-oħrajn, billi jipprovdu servizzi ta' ġestjoni tal-enerġija, u jintroduċu sistemi tal-metraġġ intelliġenti li jkunu interoperabbli, b'mod partikolari ma' sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija tal-konsumaturi u ma' grilji intelliġenti, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-introduzzjoni ta' sistemi tal-metraġġ intelliġenti fit-territorji tagħhom. Dik l-introduzzjoni tista' tkun soġġetta għal valutazzjoni tal-kosteneficċji li għandha ssir f'konformità mal-prinċipji stipulati fl-Anness II.

3. L-Istati Membri li jissoktaw bl-introduzzjoni ta' sistemi tal-metraġġ intelliġenti għandhom jadottaw u jippubblikaw ir-rekwiżiti funzjonali u tekniċi minimi għas-sistemi tal-metraġġ intelliġenti li jkunu se jdaħħlu fit-territorji tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 18 l-Anness II. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-interoperabbità ta' dawk is-sistemi tal-metraġġ intelliġenti, u l-abbiltà tagħhom li jipprovdu output għas-sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija tal-konsumaturi. F'dak ir-rigward, l-Istati Membri għandhom iqisu kif xieraq l-użu tal-istandards disponibbli rilevanti, inkluż dawk li jippermettu l-interoperabbiltà, l-aqwa prattiki u l-importanza tal-iżvilupp tal-grilji intelliġenti u l-iżvilupp tas-suq intern tal-gass naturali.

4. L-Istati Membri li jissoktaw bl-introduzzjoni tas-sistemi tal-metraġġ intelliġenti għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jikkontribwixxu għall-kostijiet assoċjati tal-introduzzjoni b'mod trasparenti u nondiskriminatorju filwaqt li jqisu l-beneficċji fit-tul għall-katina tal-provvista kollha kemm hi. L-Istati Membri jew, meta Stat Membru hekk jistipula, l-awtoritajiet kompetenti deżinjati, għandhom jimmonitorjaw regolarment din l-introduzzjoni fit-territorji tagħhom biex isegwu l-ksib tal-beneficċji lill-konsumaturi.

5. Meta l-introduzzjoni tas-sistemi tal-metraġġ intelliġenti tkun ġiet valutata b'mod negattiv minħabba l-valutazzjoni tal-kostbeneficċji msemmija fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjoni tiġi riveduta mill-inqas kull erba' snin b'reazzjoni għal bidliet sinifikanti fis-suppożizzjonijiet sottostanti u b'reazzjoni

għall-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq. Malli jkun disponibbliL-Istati Membri għandhom jibagħtu r-riżultat tal-valutazzjoni aġġornata tagħhom tal-kostbeneficcji lill-Kummissjoni.

6. Id-dispożizzjonijiet f'din id-Direttiva dwar is-sistemi tal-metraġġ intelliġenti għandhom japplikaw għall-installazzjonijiet futuri u għall-installazzjonijiet li jissostitwixxu lill-arloġġi intelliġenti eqdem. Is-sistemi tal-metraġġ intelliġenti diġà installati jew li skatta l-"bidu tax-xogħlijiet" tagħhom, qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ], jistgħu jibqgħu jitħaddmu sakemm ittul ħajjithom. Iżda s-sistemi tal-metraġġ intelliġenti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 20 tal-Anness II ma għandhomx jibqgħu jitħaddmu wara [12-il sena mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

7. Għall-finijiet tal-paragrafu 6, "bidu tax-xogħlijiet" tfisser jew il-bidu tax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni tal-investiment, jew l-ewwel impenn sod biex jiġi ordnat tagħmir, jew impenn ieħor li jagħmel l-investiment irriversibbli, skont liema minnhom ikun l-ewwel wieħed. Ix-xiri tal-art u l-ħidma preparatorja biex jinkisbu l-permessi u jitwettqu l-istudji preliminari tal-fattibbiltà ma għandhomx jitqiesu bħala "bidu tax-xogħlijiet". Fir-rigward tal-akkwiżizzjonijiet, "bidu tax-xogħlijiet" tfisser il-mument meta jiġu akkwistati l-assi li jkunu konnessi direttament mal-istabbiliment akkwistat.

*Artikolu 17*

**Sistemi tal-metraġġ intelliġenti fis-sistema tal-idroġenu**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-introduzzjoni tas-sistemi tal-metraġġ intelliġenti li jistgħu jkejlu l-konsum eżatt, jipprovdu informazzjoni dwar il-ħin reali tal-użu, u jkunu kapaċi jittrażmettu u jirċievu *data* għal finijiet ta' informazzjoni, monitoraġġ u kontroll permezz tal-komunikazzjoni elettronika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà tas-sistemi tal-metraġġ u l-komunikazzjoni tad-*data* rispettiva, u l-privatezza tal-klijenti finali, f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza, kif ukoll l-interoperabbiltà tagħhom filwaqt li jitqies l-użu ta' standards xierqa.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, rekwiżiti ta' interoperabbiltà għal metraġġ intelliġenti u proċeduri biex tiżgura aċċess lil dawk eliġibbli għad-*data* pprovduta minn dawk is-sistemi tal-metraġġ. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 18*

**Funzjonalitajiet tas-sistemi tal-metraġġ intelliġenti fis-sistema tal-gass naturali**

Meta l-introduzzjoni tas-sistemi tal-metraġġ intelliġenti tiġi valutata b'mod pożittiv minħabba l-valutazzjoni tal-kostbenefiċċji msemmija fl-Artikolu 16(2), jew meta s-sistemi tal-metraġġ intelliġenti jiġu introdotti b'mod sistematiku wara [id-data tad-dħul fis-seħħ], l-Istati Membri għandhom jintroduċu dawk is-sistemi f'konformità mal-istandards Ewropej, ir-rekwiżiti li ġejjin, u l-Anness II:

(a) is-sistemi tal-metraġġ intelliġenti għandhom ikejlu eżattament il-konsum effettiv tal-gass naturali u għandhom ikunu kapaċi jipprovdu informazzjoni lill-klijenti finali dwar il-ħin reali tal-użu, inkluż *data* storika validata dwar il-konsum li għandha tkun disponibbli faċilment u b'mod sigur u viżwalizzata għall-klijenti finali meta tintalab

u mingħajr kost addizzjonali, u l-aktar *data* riċenti disponibbli dwar il-konsum u mhux ivvalidata li għandha wkoll tkun disponibbli faċilment u b'mod sigur għall-klijenti finali mingħajr kost addizzjonali, b'interfaċċa standardizzata jew bl-aċċess remot, biex tkun tappoġġa programmi awtomatizzati tal-effiċjenza enerġetika, u servizzi oħra;

(b) is-sigurtà tas-sistemi tal-metraġġ intelliġenti u l-komunikazzjoni tad-*data* għandhom ikunu konformi mar-regoli rilevanti tal-Unjoni dwar is-sigurtà, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-aħjar tekniki disponibbli biex ikun żgurat l-ogħla livell ta' protezzjoni taċ-ċibersigurtà, u jitqiesu l-kostijiet u l-prinċipju tal-proporzjonalità;

(c) il-protezzjoni tal-privatezza tal-klijenti finali u tad-*data* tagħhom għandha tkun konformi mar-regoli rilevanti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza;

(d) jekk il-klijenti finali jitolbu li jsir hekk, id-*data* dwar il-konsum tal-gass naturali tagħhom għandha tkun disponibbli għalihom, f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 23, b'interfaċċa tal-komunikazzjoni standardizzata jew bl-aċċess remot, jew għal parti terza li taġixxi f'isimhom, b'format komprensibbli faċilment li jippermettilhom iqabblu l-offerti fuq bażi simili;

(e) il-klijenti finali għandhom jingħataw pariri u informazzjoni xierqa qabel jew waqt l-installazzjoni tal-arloġġi intelliġenti, b'mod partikolari rigward il-potenzjal kollu tagħhom b'rabta mal-ġestjoni tal-qari tal-arloġġ u l-monitoraġġ tal-konsum tal-enerġija, u dwar il-ġbir u l-ipproċessar tad-*data* personali f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*;

(f) is-sistemi tal-metraġġ intelliġenti għandhom jippermettu li l-klijenti finali jingħataw servizz ta' metraġġ u ssetiljar fi żmien li jkun daqs l-iqsar perjodu tal-issetiljar fis-suq nazzjonali.

Għall-finijiet tal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu, għandu jkun possibbli li l-klijenti finali jirkupraw id-*data* tagħhom dwar il-metraġġ jew li jibagħtuha lil parti oħra mingħajr kost addizzjonali u skont id-dritt tagħhom tal-portabbiltà tad-*data* fir-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*.

*Artikolu 19*

**Intitolament għal arloġġ intelliġenti tal-gass naturali**

1. Meta l-introduzzjoni tas-sistemi tal-metraġġ intelliġenti tingħata valutazzjoni negattiva minħabba l-valutazzjoni tal-kostbenefiċċji msemmija fl-Artikolu 16(2) u meta s-sistemi tal-metraġġ ma jiġux introdotti b'mod sistematiku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull klijent finali jkun intitolat, meta jitlob dan u filwaqt li jġarrab il-kostijiet assoċjati, li jingħata installazzjoni jew, meta jkun il-każ, aġġornament b'kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u kosteffikaċi, tal-arloġġ intelliġenti li:

   (a) meta jkun fattibbli teknikament, ikollu l-funzjonalitajiet imsemmija fl-Artikolu 18, jew sett minimu ta' funzjonalitajiet li jridu jiġu definiti u ppubblikati mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali u f'konformità mal-Anness II;

   (b) ikun interoperabbli u kapaċi jwassal il-konnettività mixtieqa tal-infrastruttura tal-metraġġ mas-sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija tal-konsumaturi.

2. Meta klijent jitlob arloġġ intelliġenti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri jew, meta Stat Membru hekk jistipula, l-awtoritajiet kompetenti deżinjati għandhom:

(a) jiżguraw li l-offerta lill-klijent finali li jitlob l-installazzjoni ta' arloġġ intelliġenti tkun tiddikjara b'mod espliċitu u tiddeskrivi b'mod ċar:

(i) il-funzjonijiet u l-interoperabbiltà li jistgħu jiġu appoġġati mill-arloġġ intelliġenti u mis-servizzi li jistgħu jingħataw, u l-benefiċċji li jistgħu jinkisbu b'mod realistiku f'dak il-mument kieku wieħed ikollu arloġġ intelliġenti;

(ii) il-kostijiet assoċjati kollha li jrid iħallas il-klijent finali;

(b) jiżguraw li l-arloġġ intelliġenti jiġi installat fi żmien raġonevoli, u li f'kull każ ma jaqbiżx l-erba' xhur mit-talba tal-klijent;

(c) b'mod regolari, u mill-anqas kull sentejn, jirrieżaminaw u jippubblikaw il-kostijiet assoċjati, u jsegwu l-evoluzzjoni ta' dawk il-kostijiet minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi u aġġornamenti potenzjali tas-sistema tal-metraġġ.

*Artikolu 20*

**Arloġġi konvenzjonali tal-gass naturali**

1. Meta l-klijenti finali tal-gass naturali ma jkollhomx arloġġi intelliġenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jingħataw arloġġi konvenzjonali individwali li jkejlu eżatt il-konsum reali tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali tal-gass naturali jkunu jistgħu jaqraw l-arloġġi konvenzjonali tagħhom faċilment, direttament jew indirettament b'interfaċċa online jew b'interfaċċa xierqa oħra.

*Artikolu 21*

**Ġestjoni tad-*data***

1. Meta jkunu qed jistabbilixxu r-regoli dwar il-ġestjoni u l-iskambju tad-*data*, l-Istati Membri jew, meta Stat Membru hekk jistipula, l-awtoritajiet kompetenti deżinjati għandhom jispeċifikaw ir-regoli dwar l-aċċess għad-*data* tal-klijent finali min-naħa tal-partijiet eliġibbli f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-qafas ġuridiku applikabbli tal-Unjoni. Għall-fini ta' din id-Direttiva, id-*data* għandha tinftiehem li tinkludi *data* dwar il-metraġġ u l-konsum, u *data* meħtieġa għall-qlib tal-klijenti, kif ukoll servizzi oħra.

2. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw il-ġestjoni tad-*data* biex jiżguraw aċċess u skambju effiċjenti u siguri tad-*data*, u l-protezzjoni tad-*data* u s-sigurtà tad-*data*.

Indipendentement mid-*data* fil-mudell tal-ġestjoni tad-*data* applikata f'kull Stat Membru, il-partijiet responsabbli mill-ġestjoni tad-*data* għandhom jipprovdu aċċess għad-*data* tal-klijent finali lil kull parti eliġibbli f'konformità mal-paragrafu 1. Il-partijiet eliġibbli għandu jkollhom id-*data* mitluba għad-dispożizzjoni tagħhom, b'mod nondiskriminatorju u simultanju. L-aċċess għad-*data* għandu jkun faċli u l-proċeduri rilevanti għall-kisba tal-aċċess għad-*data* għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

3. Ir-regoli dwar l-aċċess għad-*data* u l-ħżin tad-*data* għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom jikkonformaw mal-liġijiet rilevanti tal-Unjoni.

L-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas ta' din id-Direttiva għandu jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679.

4. L-Istati Membri jew, meta l-Istat Membru hekk jistipula, l-awtoritajiet kompetenti deżinjati għandhom jawtorizzaw u jiċċertifikaw jew, meta applikabbli, jissorveljaw lill-partijiet responsabbli għall-ġestjoni tad-*data*, biex jiżguraw li dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

Mingħajr preġudizzju għall-kompiti tal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżiġu li l-partijiet responsabbli mill-ġestjoni tad-*data* jaħtru uffiċjali tal-konformità li għandhom ikunu responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda minn dawk il-partijiet biex jiżguraw aċċess nondiskriminatorju għad-*data* u konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri jistgħu jaħtru l-uffiċjali jew il-korpi tal-konformità msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 44(2) ta' din id-Direttiva biex jissodisfaw l-obbligi msemmija f'dan il-paragrafu.

5. Il-klijenti finali ma għandhom iġarrbu l-ebda kost addizzjonali biex jaċċessaw id-*data* tagħhom jew biex jitolbu li d-*data* tagħhom issir disponibbli.

L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli li jistabbilixxu l-imposti rilevanti tal-aċċess għad-*data* mill-partijiet eliġibbli.

L-Istati Membri jew, meta Stat Membru hekk jistipula, l-awtoritajiet kompetenti deżinjati għandhom jiżguraw li kull imposta mitluba mill-entitajiet regolati li jipprovdu servizzi tad-*data* tkun raġonevoli u ġustifikata debitament.

*Artikolu 22*

**Rekwiżiti tal-interoperabbiltà u proċeduri tal-aċċess għad-*data***

1. Biex tiġi promossa l-kompetizzjoni fis-suq bl-imnut tal-gass naturali u jkunu evitati kostijiet amministrattivi eċċessivi għall-partijiet eliġibbli, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-interoperabbiltà sħiħa tas-servizzi tal-enerġija fl-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti tal-interoperabbiltà u l-proċeduri nondiskriminatorji u trasparenti tal-aċċess għad-*data* msemmija fl-Artikolu 21(1). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-gass naturali japplikaw ir-rekwiżiti tal-interoperabbiltà u l-proċeduri tal-aċċess għad-*data* msemmija fil-paragrafu 2. Dawk ir-rekwiżiti u l-proċeduri għandhom ikunu bbażati fuq prattiki nazzjonali eżistenti.

*Artikolu 23*

**Punti uniċi ta' kuntatt**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitwaqqfu punti uniċi ta' kuntatt li jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-klijenti dwar id-drittijiet tagħhom, il-liġi applikabbli u l-mekkaniżmi tas-soluzzjoni tat-tilwim disponibbli għalihom f'każ ta' tilwima. Dawn il-punti uniċi ta' kuntatt jistgħu jkunu parti minn punti ta' informazzjoni ġenerali għall-konsumaturi u

jistgħu jkunu l-istess entitajiet bħall-punti uniċi ta' kuntatt għall-elettriku msemmija fl-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2019/944 [dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku.

*Artikolu 24*

**Dritt għal soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jkollhom aċċess għal mekkaniżmi sempliċi, ġusti, trasparenti, indipendenti, effikaċi u effiċjenti għal soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti b'rabta mad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti skont din id-Direttiva, b'mekkaniżmu indipendenti bħal Ombudsman tal-enerġija jew korp tal-konsumaturi, jew b'awtorità regolatorja. Meta l-klijent finali jkun konsumatur skont it-tifsira tad-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[(23)], dawk il-mekkaniżmi għal soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-kwalità ta' dik id-Direttiva u, meta meħtieġ, għandhom jipprevedu sistemi ta' rimborż u kumpens.

2. Meta meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kooperazzjoni bejn l-entitajiet tas-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim biex jipprovdu mekkaniżmi sempliċi, ġusti, trasparenti, indipendenti, effettivi u effiċjenti ta' soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti għal kull tilwima li tinqala' b'rabta ma' prodotti jew servizzi li huma marbuta jew offruti f'pakkett ma' xi prodott jew servizz li hu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

3. Il-parteċipazzjoni tal-impriżi tal-gass fil-mekkaniżmi tas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti għall-klijenti domestiċi għandha tkun obbligatorja, għajr meta l-Istat Membru juri lill-Kummissjoni li hemm mekkaniżmi oħra effettivi daqshom.

*Artikolu 25*

**Protezzjoni tal-klijenti vulnerabbli, u l-fornituri tal-aħħar alternattiva**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex iħarsu lill-klijenti finali u għandhom, b'mod partikolari, jiżguraw li jkollhom salvagwardji adegwati li jħarsu lill-klijenti vulnerabbli. F'dan il-kuntest, kull Stat Membru għandu jiddefinixxi l-kunċett ta' klijenti vulnerabbli, u jista' jirreferi għall-faqar enerġetiku. Il-miżuri li jħarsu lill-klijenti vulnerabbli jistgħu, fost l-oħrajn, jinkludu l-projbizzjoni ta' skonnessjoni ta' dawn il-klijenti fi żminijiet kritiċi.

B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex iħarsu lill-klijenti finali fiż-żoni remoti li jkunu konnessi mas-sistemi tal-gass naturali jew tal-idroġenu. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu fornitur tal-aħħar alternattiva għall-klijenti domestiċi u, meta l-Istati Membri jidhrilhom li jkun xieraq, għall-impriżi żgħar konnessi mas-sistemi tal-gass. Għandhom jiżguraw livelli għoljin ta' protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari rigward it-trasparenza tat-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali, informazzjoni ġenerali u mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim.

---

🡻 2009/73/KE

~~*Artikolu 45*~~

~~**Swieq ta' bejgħ bl-imnut**~~

~~Sabiex tiġi ffaċilitata l-emerġenza ta' swieq ta' bejgħ bl-imnut li jkunu trasparenti u li jaħdmu tajjeb fil-Komunità, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, l-impriżi ta' forniment u l-klijenti u jekk meħtieġ parteċipanti oħra tas-suq ikunu definiti fir-rigward ta' arranġamenti kuntrattwali, impenji bejn il-konsumatur, skambju ta' data u regoli ta' riżoluzzjoni, pussess ta' data u responsabbiltà għall-metraġġ.~~

~~Dawn ir-regoli għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku, għandhom jitfasslu bl-għan li jiffaċilitaw l-aċċess tal-konsumaturi u l-fornituri għan-networks u għandhom ikunu suġġetti għal reviżjoni mill-awtoritajiet regolatorji jew awtoritajiet nazzjonali relevanti oħrajn.~~

---

⇩ ġdid

# Kapitolu IV

# Aċċess lill-partijiet terzi għall-infrastruttura

## TAQSIMA I

## AĊĊESS GĦALL-INFRASTRUTTURA TAL-GASS NATURALI

*Artikolu 26*

**Aċċess tas-suq għal gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju**

L-Istati Membri għandhom jippermettu l-aċċess tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju għas-suq u għall-infrastruttura irrispettivament minn jekk il-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju jkunux konnessi ma' networks tad-distribuzzjoni jew tat-trażmissjoni.

---

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 27~~32~~*

**Aċċess ta' partijiet terzi ⌦ għal distribuzzjoni u trażmissjoni tal-gass naturali u terminals tal-LNG ⌫**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' sistema tal-aċċess ta' parti terza għas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, u l-faċilitajiet tal-LNG abbażi ta' tariffi ppubblikati, applikabbli għall-klijenti ~~eleġibbli~~ kollha, inkluż l-impriżi tal-provvista, u applikati b'mod oġġettiv u mingħajr diskriminazzjoni bejn l-utenti tas-sistemi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn it-tariffi, jew il-metodoloġiji tal-kalkoli tagħhom~~,~~ ikunu approvati qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom f'konformità mal-Artikolu 72~~41~~ minn awtorità regolatorja kif imsemmi fl-Artikolu 70~~39(1)~~ u li dawk it-tariffi, – u l-metodoloġiji, meta jkunu ġew approvati biss il-metodoloġiji – jiġu ppubblikati qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom. ⇨ L-iskonti tat-tariffi jistgħu jingħataw biss jekk ikun previst fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. ⇦

~~2.~~ ~~L-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni għandhom ikollhom aċċess għan-network ta' operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni oħrajn, jekk dan ikun meħtieġ għall-fini tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom inkluż f'relazzjoni mat-trażmissjoni transkonfinali.~~

2~~3~~ Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma għandhomx iwaqqfu l-konklużjoni ta' kuntratti fit-tul ⇨ għall-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju ⇦ sa fejn dawn ikunu konformi mar-regoli tal-kompetizzjoni ~~Komunitarji~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ ⇨ u jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni. Ma għandu jiġi konkluż l-ebda kuntratt fit-tul għall-provvista tal-gassijiet fossili b'emissjonijiet mhux imnaqqsa u b'terminu li jaqbeż tmiem is-sena 2049 ⇦.

---

⇩ ġdid

3. Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għall-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini li jimmaniġġjaw in-networks tad-distribuzzjoni.

---

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 28~~34~~*

**Aċċess għan-networks ⌦ tal-pipelines upstream ⌫ tal-gass naturali**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-impriżi tal-gass naturali u l-klijenti eliġibbli, kull fejn jinsabu, ikunu jistgħu jiksbu aċċess għan-networks tal-pipelines upstream, li jinkludu l-faċilitajiet tal-għoti tas-servizzi tekniċi inċidentali għal dak l-aċċess, f'konformità ma' dan l-Artikolu, għajr għall-partijiet ta' dawk in-networks u l-faċilitajiet li jintużaw għall-operazzjonijiet tal-produzzjoni lokali fil-post tal-produzzjoni tal-gass. Il-miżuri għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 88~~54~~.

2. L-aċċess imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata bil-mod determinat mill-Istat Membru f'konformità mal-istrumenti legali rilevanti. L-Istati Membri għandhom japplikaw l-objettivi ta' aċċess ġust u miftuħ, il-kisba ta' suq kompetittiv tal-gass naturali, u l-evitar ta' kull abbuż ta' pożizzjoni dominanti, filwaqt li jqisu is-sigurtà u r-regolarità tal-provvisti, il-kapaċità li tkun jew li raġonevolment tista' tkun disponibbli, u l-protezzjoni tal-ambjent. Jistgħu jitqiesu dawn ~~il-materji~~ ⌦ il-ħtiġijiet ⌫ li ġejjin:

(a) il-ħtieġa ta' rifjut tal-aċċess f'każ ta' inkompatibbiltà tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li raġonevolment ma tistax tingħeleb;

(b) il-ħtieġa li jiġu evitati d-diffikultajiet li raġonevolment ma jistgħux jingħelbu u li jistgħu jippreġudikaw il-produzzjoni effiċjenti, attwali u futura ppjanata tal-idrokarburi, inkluż dawk minn oqsma ta' vijabbiltà ekonomika marġinali;

(c) il-ħtieġa li jiġu rispettati l-ħtiġijiet raġjonevoli u debitament sostanzjati tas-sid jew ta' operatur tan-networks tal-pipelines upstream għat-trasport u l-ipproċessar tal-gass, u l-interessi tal-utenti l-oħra kollha tan-network tal-pipelines upstream jew tal-faċilitajiet rilevanti tal-ipproċessar jew tal-immaniġġjar li jistgħu jiġu effettwati; u

(d) il-ħtieġa li l-liġijiet u l-proċeduri amministrattivi tagħhom jiġu applikati, f'konformità mal-liġijiet ~~Komunitarji~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫, għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-produzzjoni jew għall-iżvilupp upstream.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għandhom fis-seħħ arranġamenti għas-soluzzjoni tat-tilwim, inkluż awtorità indipendenti mill-partijiet b'aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha, biex it-tilwim dwar l-aċċess għan-networks tal-pipelines upstream ikun jista' jissolva malajr, filwaqt li jitqiesu l-kriterji fil-paragrafu 2 u l-għadd tal-partijiet li jistgħu jkunu involuti fin-negozjar tal-aċċess għal dawn in-networks.

---

| ↓ 2019/692 Artikolu 1.4 |
|---|

4. Fil-każ ta' tilwimiet transfruntieri għandhom jiġu applikati l-arranġamenti għas-soluzzjoni tat-tilwim tal-Istat Membru li jkollu ġurisdizzjoni fuq in-network tal-pipelines upstream li jirrifjuta l-aċċess. Jekk, f'xi tilwimiet transfruntieri, in-network ikkonċernat ikun kopert minn aktar minn Stat Membru wieħed, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonsultaw lil xulxin biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu applikati b'mod konsistenti. Meta n-network tal-pipelines upstream ikun joriġina f'pajjiż terz u konness ma' mill-anqas Stat Membru wieħed, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonsultaw lil xulxin, u l-Istat Membru tal-ewwel punt ta' dħul fin-network tal-Istati Membri għandu jikkonsulta lill-pajjiż terz ikkonċernat fejn ikun joriġina n-network tal-pipelines upstream, biex fir-rigward tan-network ikkonċernat ikun żgurat li din id-Direttiva tiġi applikata b'mod konsistenti fit-territorju tal-Istati Membri.

---

| ↓ 2009/73/KE (adattat) |
|---|

*Artikolu 29~~33~~*

**Aċċess għall-ħżin⌦ tal-gass naturali ⌫**

1. Biex jorganizzaw aċċess għall-faċilitajiet tal-ħżin u l-linepack, meta jkunu meħtieġa teknikament ~~u/~~jew ekonomikament biex jingħata aċċess effiċjenti għas-sistema għall-provvista tal-klijenti, u biex jorganizzaw l-aċċess għas-servizzi anċillari, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu waħda jew iż-żewġ proċeduri msemmija fil-paragrafi 3 u 4. Dawn il-proċeduri għandhom joperaw f'konformità ma' kriterji oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

Meta jagħżlu l-proċedura tal-aċċess għall-ħżin skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom iqisu r-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju komuni u nazzjonali mwettqa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/1938.

🡻 2009/73/KE (adattat)

L-awtoritajiet regolatorji ~~fejn l-Istati Membri hekk jistipulaw, jew l-Istati Membri~~ għandhom jiddefinixxu u jippubblikaw il-kriterji skonthom jista' jiġi determinat liema reġim tal-aċċess għandu japplika għall-faċilitajiet tal-ħżin u l-linepack. Dawn għandhom jippubblikaw, jew jobbligaw lill-operaturi tas-sistemi tal-ħżin u tat-trażmissjoni biex jippubblikaw, liema faċilitajiet tal-ħżin, jew liema partijiet ta' dawn il-faċilitajiet tal-ħżin, u liema linepack hu offrut skont il-proċeduri differenti msemmija fil-paragrafi 3 u 4.

~~Dawk l-obbligazzjonijiet għandhom ikunu bla ħsara għad-dritt tal-għażla mogħti lill-Istati Membri fl-ewwel subparagrafu~~.

2. ~~Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw~~ Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għas-servizzi anċillari u l-ħżin temporanju relatati mal-faċilitajiet tal-LNG u li huma meħtieġa għall-proċess tar-rigassifikazzjoni u l-konsenja sussegwenti sas-sistema tat-trażmissjoni.

3. Fil-każ tal-aċċess negozjat, ~~l-Istati Membri, jew meta l-Istati Membri hekk ikunu stipulaw~~, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-impriżi ~~tal-gass naturali~~ u l-klijenti eliġibbli kollha fit-territorju jew barra mit-territorju kopert mis-sistema interkonnessa biex ikunu jistgħu jinnegozjaw aċċess għall-faċilitajiet tal-ħżin u l-linepack, meta jkunu meħtieġ teknikament u/jew ekonomikament biex jingħata aċċess effiċjenti għas-sistema, u biex jiġi organizzat aċċess għal servizzi anċillari oħra. Il-partijiet għandhom jiġu obbligati jinnegozjaw, *in bona fide*, l-aċċess għall-faċilitajiet tal-ħżin, il-linepack u servizzi anċillari oħra.

Il-kuntratti għall-aċċess tal-ħżin, il-linepack u servizzi anċillari oħra għandhom jiġu negozjati mal-operatur rilevanti tas-sistema tal-ħżin ~~jew mal-impriża relevanti tal-gass naturali~~. L-awtoritajiet regolatorji ~~fejn l-Istati Membri hekk jistipulaw, jew l-Istati Membri~~ għandhom jeżiġu li l-operaturi tas-sistemi tal-ħżin u l-impriżi tal-gass naturali jippubblikaw il-kundizzjonijiet kummerċjali ewlenin għall-użu tal-ħżin, il-linepack u servizzi anċillari oħra ~~sal-1 ta' Jannar 2005 u fuq bażi annwali u~~ kull sena ~~wara~~.

Meta jfasslu ⌦ dawk ⌫ il-kundizzjonijiet ~~imsemmija fit-tieni subparagrafu~~, l-operaturi tal-ħżin ~~u l-impriżi tal-gass naturali~~ għandhom jikkonsultaw lill-utenti tas-sistema.

4. Fil-każ tal-aċċess regolat, l-awtoritajiet regolatorji ~~fejn l-Istat Membri hekk jistipulaw, jew l-Istati Membri~~ għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex lill-impriżi tal-gass naturali u lill-klijenti eliġibbli fit-territorju u barra mit-territorju kopert mis-sistema interkonnessa, jagħtuhom dritt jaċċessaw il-ħżin, il-linepack u servizzi anċillari oħra, abbażi ta' tariffi ~~u/~~jew termini u obbligi oħra ppubblikati għall-użu ta' dak il-ħżin u l-linepack, meta jkun meħtieġ teknikament ~~u/~~jew ekonomikament biex jingħata aċċess effiċjenti għas-sistema, u biex jorganizzaw l-aċċess għal servizzi anċillari oħra. L-awtoritajiet regolatorji ~~fejn l-Istat Membri hekk jistipulaw, jew l-Istati Membri,~~ għandhom jikkonsultaw lill-utenti tas-sistema meta jfasslu dawk it-tariffi jew il-metodoloġiji tal-kalkolu ta' dawk it-tariffi. Dan id-dritt ta' aċċess lill-klijenti eliġibbli jista' jingħata billi jitħallew jagħmlu kuntratti tal-provvista ma' impriżi ~~tal-gass natural~~ kompetituri, għajr is-sid ~~u/~~jew l-operatur tas-sistema u/jew impriża relatata.

↓ 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 3038*

**Linji diretti ⌦ għall-gass naturali ⌫**

1. l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżura meħtieġa biex jippermettu li:

(a) l-impriżi tal-gass naturali stabbiliti fit-territorji tagħhom ifornu lill-klijenti eliġibbli permezz ta' linja diretta; u

(b) kull wieħed minn dawn il-klijenti eliġibbli fit-territorju tagħhom jiġi fornut mill-impriżi tal-gass naturali permezz ta' linja diretta.

2. Meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni, (pereżempju liċenzja, permess, konċessjoni, kunsens jew approvazzjoni) għall-kostruzzjoni jew għall-operazzjoni ta' linji diretti, l-Istati Membri jew xi awtorità kompetenti deżinjata minnhom għandhom jistabbilixxu l-kriterji għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet għall-kostruzzjoni jew għall-operazzjoni ta' dawk il-linji fit-territorju tagħhom. Dawk il-kriterji għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji.

3. L-Istati Membri jistgħu joħorġu awtorizzazzjoni għall-kostruzzjoni ta' linja diretta soġġetta għar-rifjut tal-aċċess għas-sistema abbażi tal-Artikolu 3435 jew għall-ftuħ ta' proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 7341.

⇩ ġdid

# TAQSIMA II

## AĊĊESS GĦALL-INFRASTRUTTURA TAL-IDROĠENU

*Artikolu 31*

**Aċċess lill-partijiet terzi għan-networks tal-idroġenu**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' sistema tal-aċċess regolat ta' partijiet terzi għan-networks tal-idroġenu abbażi ta' tariffi ppubblikati, u li din tiġi applikata b'mod oġġettiv u mingħajr diskriminazzjoni bejn xi utenti tan-network tal-idroġenu.

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk it-tariffi, jew il-metodoloġiji tal-kalkoli tagħhom, ikunu approvati qabel ma jidħlu fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 72 minn awtorità regolatorja kif imsemmi fl-Artikolu 70 u li dawk it-tariffi – u l-metodoloġiji, meta jkunu approvati biss il-metodoloġiji – jiġu ppubblikati qabel ma jidħlu fis-seħħ.

3. Meta jkun meħtieġ biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom, l-operaturi tan-networks tal-idroġenu, inkluż fir-rigward tat-trasport transfruntier tal-idroġenu, għandu jkollhom aċċess għan-network ta' operaturi oħra tan-networks tal-idroġenu.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2030, Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafu 1. F'dak il-każ, l-Istat Membru għandu jiżgura l-implimentazzjoni ta' sistema tal-aċċess negozjat ta' partijiet terzi għan-networks tal-idroġenu f'konformità ma'

kriterji oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex l-utenti tan-network tal-idroġenu jkunu jistgħu jinnegozjaw l-aċċess għan-networks tal-idroġenu. Il-partijiet għandhom jiġu obbligati jinnegozjaw l-aċċess għan-networks tal-idroġenu *in bona fide*.

5. Meta jintuża aċċess negozjat, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jipprovdu gwida lill-utenti tan-network tal-idroġenu dwar kif it-tariffi negozjati se jiġu affettwati meta jiġi introdott l-aċċess regolat lill-partijiet terzi.

*Artikolu 32*

**Aċċess ta' partijiet terzi għat-terminals tal-idroġenu**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' sistema tal-aċċess ta' partijiet terzi għat-terminals tal-idroġenu abbażi ta' aċċess negozjat b'mod oġġettiv, trasparenti u nondiskriminatorju, li permezz tagħha l-awtoritajiet regolatorji għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex l-utenti tat-terminals tal-idroġenu jkunu jistgħu jinnegozjaw l-aċċess għal dawk it-terminals. Il-partijiet għandhom jiġu obbligati jinnegozjaw l-aċċess *in bona fide*.

2. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jimmonitorjaw il-kundizzjonijiet tal-aċċess ta' partijiet terzi għat-terminals tal-idroġenu u l-impatt tagħhom fuq is-swieq tal-idroġenu u, meta meħtieġ, jissalvagwardjaw il-kompetizzjoni billi jieħdu miżuri li jtejbu l-aċċess skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1.

*Artikolu 33*

**Aċċess għall-ħżin tal-idroġenu**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' sistema ta' aċċess regolat lill-partijiet terzi għall-faċilitajiet tal-ħżin tal-idroġenu u l-linepack, meta jkunu meħtieġa teknikament u/jew ekonomikament biex jingħata aċċess effiċjenti għas-sistema għa ll-provvista tal-klijenti, u biex jiġi organizzat l-aċċess għal servizzi anċillari, abbażi ta' tariffi ppubblikati u applikati b'mod oġġettiv u mingħajr diskriminazzjoni bejn l-utenti tas-sistemi tal-idroġenu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk it-tariffi, jew il-metodoloġiji tal-kalkolu tagħhom, ikunu approvati qabel ma jidħlu fis-seħħ mill-awtorità regolatorja f'konformità mal-Artikolu 72.

# TAQSIMA III

# RIFJUT TA' AĊĊESS U KONNESSJONI

---

| |
|---|
| 🡻 2009/73/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu 34~~35~~*

**Rifjut ta' aċċess ⌦ u konnessjoni ⌫**

1. L-impriżi tal-gass naturali ⇨ u tal-idroġenu ⇦ jistgħu jirrifjutaw l-aċċess ⇨ jew il-konnessjoni ⇦ għas-sistema ⇨tal-gass naturali jew tal-idroġenu ⇦ minħabba

nuqqas ta' kapaċità ~~jew fejn l-aċċess għas-sistema ma tħallihomx iwettqu l-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku msemmija fl-Artikolu 3(2) li ġew assenjati lilhom jew a bażi ta' diffikultajiet gravi ekonomiċi u finanzjarji b'kuntratti "take-or-pay" wara li jkunu kkunsidraw il-kriterji u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 48 u l-alternattiva magħżula mill-Istat Membru taħt il-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu~~. Għandhom jingħataw raġunijiet debitament sostanzjati għal dan ir-rifjut.

2. ⇨ Filwaqt li jqisu l-objettivi nazzjonali u tal-Unjoni tad-dekarbonizzazzjoni, ⇦ l-Istati Membri ⇨ għandhom ⇦ ~~jistgħu~~ jieħdu ~~i~~ l-miżuri ⇨ xierqa ⇦ ~~meħtieġa~~ biex jiżguraw li l-impriża tal-gass naturali ⇨ jew tal-idroġenu ⇦ li tirrifjuta l-aċċess ⇨ jew il-konnessjoni ⇦ għas-sistema ⇨ tal-gass naturali ⇦ ⇨ jew tal-idroġenu ⇦ minħabba nuqqas ta' kapaċità jew nuqqas ta' konnessjoni, tagħmel it-titjib meħtieġ, diment li jkun vijabbli ekonomikament jew meta xi klijent potenzjali jkun lest li jħallas għalih. ~~F'ċirkostanzi fejn l-Istati Membri japplikaw l-Artikolu 4(4), l-Istati Membri għandhom jieħdu tali miżuri.~~

---

⇩ ġdid

3. L-aċċess għas-sistema tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju jista' jiġi rrifjutat biss soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 18 u 33 ta' [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx].

---

🡻 2009/73/KE

*~~Artikolu 36~~*

**~~Infrastruttura ġdida~~**

~~1. Infrastrutturi maġġuri ġodda tal-gass, jiġifieri interkonnetturi, faċilitajiet ta' ħżin u ta' LNG jistgħu, fuq talba, jiġu eżentati, għal perjodu definit ta' żmien, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 9, 32, 33 u 34, u l-Artikoli 41(6), (8) u (10) taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:~~

~~(a) l-investiment għandu jtejjeb il-kompetizzjoni fil-fornitura tal-gass u jtejjeb is-sigurtà tal-fornitura;~~

~~(b) il-livell tar-riskju għall-investiment huwa tali li l-investiment ma jsirx kemm-il darba ma tingħatax eżenzjoni;~~

~~(c) l-infrastruttura għandha tkun il-proprjetà ta' persuna naturali jew legali li hija separata għall-inqas f'termini tal-forma legali tagħha, mill-operatur tas-sistema li fis-sistemi tiegħu sejra tinbena dik l-infrastruttura;~~

~~(d) id-drittijiet jiġu imposti fuq l-utenti ta' dik l-infrastruttura; u~~

---

🡻 2019/692 Artikolu 1.5(a)

~~(e) l-eżenzjoni ma għandhiex tkun ta' ħsara għall-kompetizzjoni fis-swieq rilevanti, li aktarx jiġu affettwati mill-investiment, għall-funzjonament effettiv tas-suq intern tal-gass naturali, għall-funzjonament effiċjenti tas-sistemi regolati kkonċernati, jew għas-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali fl-Unjoni.~~

🡻 2009/73/KE

~~2. Il-paragrafu 1 għandu japplika ukoll għal żidiet sinifikanti fil-kapaċità ta' infrastrutturi eżistenti u għal modifiki ta' tali infrastrutturi li jippermettu l-iżvilupp ta' sorsi ġodda tal-fornitura tal-gass.~~

🡻 2019/692 Artikolu 1.5(b)

~~3. L-awtorità regolatorja msemmija fil-Kapitolu VIII tista', fejn ikun il-każ, tiddeċiedi dwar l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.~~

~~Qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni, l-awtorità regolatorja nazzjonali, jew, fejn xieraq, awtorità kompetenti oħra ta' dak l-Istat Membru, għandhom jikkonsultaw:~~

~~(a) lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri li s-swieq tagħhom x'aktarx jiġu affettwati mill-infrastruttura l-ġdida; u~~

~~(b) lill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi, fejn l-infrastruttura konċernata tkun magħquda man-netwerk tal-Unjoni taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, u toriġina minn jew tintemm f'pajjiż terz wieħed jew aktar.~~

~~Fejn l-awtoritajiet ta' pajjiż terz ikkonsultati ma jagħtux tweġiba għall-konsultazzjoni fi żmien raġonevoli jew fi żmien l-iskadenza stabbilita li ma taqbiżx tliet xhur, l-awtorità regolatorja nazzjonali konċernata tista' tadotta d-deċiżjoni meħtieġa.~~

🡻 2009/73/KE

~~4. Fejn l-infrastruttura konċernata tkun tinsab fit-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed, l-Aġenzija tista' tressaq opinjoni konsultattiva quddiem l-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri konċernati, li tista' tintuża bħala sies għad-deċiżjoni tagħhom, fi żmien xahrejn mid-data li fiha ġiet irċevuta t-talba għal eżenzjoni mill-aħħar minn fost dawk l-awtoritajiet regolatorji.~~

🡻 2019/692 Artikolu 1.5(c)

~~Meta l-awtoritajiet regolatorji konċernati kollha jkunu laħqu ftehim dwar it-talba għal eżenzjoni fi żmien sitt xhur mid-data li fiha ġiet irċevuta t-talba għal eżenzjoni mill-aħħar minn fost dawk l-awtoritajiet regolatorji, għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija dwar dik id-deċiżjoni. Fejn l-infrastruttura konċernata tkun linja ta' trażmissjoni bejn Stat Membru u pajjiż terz, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni, l-awtorità regolatorja nazzjonali, jew fejn adatt, awtorità kompetenti oħra tal-Istat Membru fejn ikun jinsab l-ewwel punt ta' interkonnessjoni man-netwerk tal-Istati Membri, jistgħu jikkonsultaw lill-awtorità rilevanti ta' dak il-pajjiż terz bil-ħsieb li jiġi żgurat, fir-rigward tal-infrastruttura konċernata, li din id-Direttiva tiġi applikata b'mod konsistenti fit-territorju u, fejn applikabbli, fil-baħar territorjali ta' dak l-Istat Membru. Fejn l-awtorità kkonsultata tal-pajjiż terz ma tweġibx għall-konsultazzjoni fi żmien raġonevoli jew fi żmien l-iskadenza stabbilita li ma taqbiżx tliet xhur, l-awtorità regolatorja nazzjonali konċernata tista' tadotta d-deċiżjoni meħtieġa.~~

↓ 2009/73/KE

~~L-Aġenzija għandha teżerċita l-kompiti konferiti lill-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri konċernati minn dan l-Artikolu:~~

~~(a) meta l-awtoritajiet regolatorji konċernati kollha ma jkunx irnexxielhom jilħqu ftehim fi żmien perjodu ta' sitt xhur mid-data li fiha ġiet irċevuta t-talba għal eżenzjoni mill-aħħar minn fost dawk l-awtoritajiet regolatorji; jew~~

~~(b) fuq talba konġunta mill-awtoritajiet regolatorji konċernati.~~

~~L-awtoritajiet regolatorji konċernati kollha jistgħu jitolbu konġuntament li l-perjodu msemmi fit-tielet subparagrafu jkun estiż b'perjodu massimu ta' tliet xhur.~~

~~5. Qabel ma tieħu deċiżjoni, l-Aġenzija għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet regolatorji rilevanti u lill-applikanti.~~

~~6. Eżenzjoni tista' tkopri l-kapaċità kollha jew parti minnha tal-infrastruttura l-ġdida, jew tal-infrastruttura eżistenti b'kapaċità miżjuda b'mod sinifikanti.~~

~~Meta tittieħed deċiżjoni li tingħata eżenzjoni, għandu jitqies, fuq bażi ta' kull każ individwalment, għall-ħtieġa li jiġu imposti l-kondizzjonijiet rigward id-durata tal-eżenzjoni u l-aċċess mhux diskriminatorju għall-infrastruttura. Meta tittieħed deċiżjoni rigward dawk il-kondizzjonijiet, għandhom jitqiesu b'mod partikolari l-kapaċità żejda li għandha tinbena jew il-modifika tal-kapaċità eżistenti, il-medda ta' żmien prevista għall-proġett u ċ-ċirkostanzi nazzjonali.~~

~~Qabel tagħti eżenzjoni l-awtorità regolatorja għandha tiddeċiedi dwar ir-regoli u l-mekkaniżmi għall-ġestjoni u l-allokazzjoni tal-kapaċità. Ir-regoli għandhom jesiġu li l-utenti kollha potenzjali tal-infrastruttura jkunu mistidnin jindikaw l-interess tagħhom fil-kapaċità tal-kuntrattar qabel ma tiġi allokata l-kapaċità għall-infrastruttura l-ġdida, inkluż għall-użu proprju. L-awtorità regolatorja għandha tesiġi li r-regoli għall-ġestjoni tal-konġestjoni jinkludu l-obbligu li tinbiegħ kapaċità ġdida fis-suq, u għandha tesiġi li l-utenti tal-infrastruttura jkunu intitolati jikkummerċjalizzaw il-kapaċitjiet kuntrattati tagħhom fuq is-suq sekondarju. Fl-analiżi tagħha tal-kriterji msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1, l-awtorità regolatorja għandha tqis ir-riżultati tal-proċedura tal-allokazzjoni ta' kapaċità.~~

~~Id-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni, li tinkludi kwalunkwe mill-kondizzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għandha tkun motivata u ppubblikata kif jixraq.~~

~~7. Minkejja l-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jipprovedu li l-awtorità regolatorja jew l-Aġenzija, fejn ikun il-każ, għandha tissottometti, għal deċiżjoni formali, lill-korp relevanti fl-Istat Membru l-opinjoni tagħhom dwar it-talba għal eżenzjoni. Din l-opinjoni għandha tiġi pubblikata flimkien mad-deċiżjoni.~~

~~8. L-awtorità regolatorja għandha tibgħat lill-Kummissjoni minnufih kopja ta' kull talba għal eżenzjoni. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata mingħajr dewmien, mill-awtorità kompetenti lill-Kummissjoni, flimkien mal-informazzjoni relevanti kollha rigward id-deċiżjoni. Din l-informazzjoni tista' tingħata lill-Kummissjoni f'forma aggregata, li tippermetti lill-Kumissjoni tasal għal deċiżjoni fuq bażi tajba. B'mod partikolari, l-informazzjoni għandu jkun fiha:~~

~~(a) ir-raġunijiet dettaljati li abbażi tagħhom l-awtorità regolatorja, jew l-Istat Membru, taw jew irrifjutaw eżenzjoni flimkien ma' referenza għall-paragrafu 1 inklużi l-punt jew punti relevanti ta' dak il-paragrafu li fuqhom tkun ibbażata din id-deċiżjoni, inkluża l-informazzjoni finanzjarja li tiġġustifika l-ħtieġa għall-eżenzjoni;~~

(b) l-analiżi li tikun saret dwar l-effett fuq il-kompetizzjoni u l-operat effettiv tas-suq intern tal-gass li jirriżultaw mill-għotja tal-eżenzjoni;

(c) ir-raġunijiet għall-perjodu ta' żmien u s-sehem tal-kapaċità totali tal-infrastruttura tal-gass in kwistjoni li għaliha ngħatat l-eżenzjoni;

(d) f'każ li l-eżenzjoni tirrigwarda interkonnettur, ir-riżultat tal-konsultazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji konċernati; u

(e) il-kontribut tal-infrastruttura għad-diversifikazzjoni tal-fornitura tal-gass.

9. Fi żmien xahrejn mill-jum tar-riċezzjoni tan-notifika, il-Kummissjoni tista' titlob deċiżjoni li tesiġi li l-awtorità regolatorja temenda jew tirtira d-deċiżjoni li tingħata eżenzjoni. Dak il-perjodu ta' xahrejn jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali ta' xahrejn fejn il-Kummissjoni teħtieġ informazzjoni addizzjonali. Dak il-perjodu addizzjonali għandu jibda l-għada tar-riċezzjoni tal-informazzjoni kompleta. Il-perjodu inizjali ta' xahrejn jista' jiġi estiż ukoll bil-kunsens kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-awtorità regolatorja.

Meta l-informazzjoni mitluba ma tkunx ġiet provvduta fil-perjodu stipulat fit-talba, in-notifika għandha titqies li ġiet irtirata jekk, sakemm qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, dan ma jkunx ġie estiż bil-kunsens kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-awtorità regolatorja, u sakemm l-awtorità regolatorja, fi stqarrija debitament raġunata, ma tkunx informat lill-Kummissjoni li tikkunsidra li n-notifika hija kompluta.

L-awtorità regolatorja għandha tikkonforma mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex temenda jew tirtira d-deċiżjoni ta' eżenzjoni fi żmien xahar, u għandha tinforma lill-Kummissjoni kif ikun meħtieġ.

Il-Kummissjoni għandha tippreżerva l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni sensittiva kummerċjalment.

L-approvazzjoni tal-Kummissjoni ta' deċiżjoni dwar eżenzjoni m'għandhiex tibqa' fis-seħħ sentejn wara l-adozzjoni tagħha jekk, sa dak iż-żmien, il-bini tal-infrastruttura ma jkunx għadu beda, u ħames snin wara l-adozzjoni tagħha jekk, l-infrastruttura ma tkunx saret operattiva sakemm il-Kummissjoni ma tiddeċidix li xi dewmien ikun kawża ta' ostakli kbar li ma jkunux fil-kontroll tal-persuna li tkun ingħatat l-eżenzjoni.

10. Il-Kummissjoni tista' tadotta Linji gwida għall-applikazzjoni tal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u tistipula l-proċedura li għandha tkun segwita għall-applikazzjoni tal-paragrafi 3, 6, 8 u 9 ta' dan l-Artikolu. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissuplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 51(3).

⇩ ġdid

# Kapitolu V

## Regoli applikabbli għall-operaturi tat-trażmissjoni, tal-ħżin u tas-sistemi tal-gass naturali

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu* ~~13~~ 35

**Kompiti tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, tal-ħżin ~~u/~~jew tal-LNG**

1. Kull operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, tal-ħżin ~~u/~~jew tal-LNG għandu:

   (a) jopera, imantni u jiżviluppa b'kundizzjonijiet ekonomiċi, faċilitajiet tat-trażmissjoni, tal-ħżin ~~u/~~jew tal-LNG siguri, affidabbli u effiċjenti ħalli jiżgura suq miftuħ, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-ambjent, ⇨ l-obbligi stabbiliti fi [ir-Regolament (UE) 2022/ … (ir-Regolament tal-Metan)] ⇦ u jiżgura li jkun hemm mezzi adegwati biex jissodisfa l-obbligi tas-servizz;

   (b) ~~iżomm lura milli jiddiskrimina~~ ⌦ ma jiddiskriminax ⌫ bejn l-utenti tas-sistema jew il-klassijiet tal-utenti tas-sistema, b'mod ~~partikolari~~ ⌦ speċifiku ⌫ favur l-impriżi relatati tiegħu;

   (c) jagħti informazzjoni biżżejjed ⌦ lil ⌫ kull operatur ieħor tas-sistemi tat-trażmissjoni, lil kull operatur ieħor tas-sistemi tal-ħżin, lil kull operatur ieħor tas-sistemi tal-LNG ~~u/~~jew lil kull operatur tas-sistemi tad-distribuzzjoni, biex jiżgura li t-trasport u l-ħżin tal-gass naturali jkunu jistgħu jsiru b'mod kompatibbli mal-operazzjoni sigura u effiċjenti tas-sistema interkonnessa; ~~u~~

   (d) jagħti l-informazzjoni meħtieġa lill-utenti tas-sistema għal aċċess effiċjenti għas-sistema.

2. Kull operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jibni kapaċità transfruntiera biżżejjed biex jintegra l-infrastruttura tat-trażmissjoni Ewropea li takkomoda domanda ekonomikament raġonevoli u teknikament fattibbli kollha għall-kapaċità, filwaqt li jqis is-sigurtà tal-provvista tal-gass.

⇩ ġdid

3. L-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni għandhom jikkooperaw mal-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni biex jiżguraw il-parteċipazzjoni effettiva tal-parteċipanti fis-suq konnessi mal-grilja fis-suq bl-imnut, bl-ingrossa u tal-ibbilanċjar.

4. L-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni għandhom jiżguraw ġestjoni effiċjenti tal-kwalità tal-gass fil-faċilitajiet tagħhom skont l-istandards tal-kwalità tal-gass applikabbli.

↓ 2009/73/KE

53. Ir-regoli adottati mill-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni biex jibbilanċjaw is-sistemi tat-trażmissjoni tal-gass għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji, inkluż regoli dwar l-imposti għall-utenti tas-sistemi tan-networks tagħhom għall-iżbilanċ tal-enerġija. It-termini u l-kundizzjonijiet, inkluż ir-regoli u t-tariffi, għall-għoti ta' dawn is-servizzi mill-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni għandhom jiġu stabbiliti skont metodoloġija kompatibbli mal-Artikolu 7241(7) b'mod nondiskriminatorju u kostriflessiv, u għandhom jiġu ppubblikati.

64. L-awtoritajiet regolatorji, meta l-Istati Membri hekk jistipulaw, jew l-Istati Membri jistgħu jeżiġu li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jikkonformaw ma' standards minimi għall-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistema tat-trażmissjoni, inkluż il-kapaċità tal-interkonnessjoni.

⇩ ġdid

7. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li responsabbiltà waħda jew diversi responsabbiltajiet elenkati fil-paragrafu 1 jiġu assenjati lil operatur tas-sistema tat-trażmissjoni li ma jkunx sid is-sistema tat-trażmissjoni li għalih kieku jkunu applikabbli r-responsabbiltajiet ikkonċernati. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni li lilu jiġu assenjati l-kompiti għandu jiġi ċċertifikat bħala parti mis-separazzjoni tas-sjieda, l-operatur indipendenti tas-sistema jew il-mudell tal-operatur indipendenti tas-sistema tat-trażmissjoni u għandu jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 54, iżda ma għandux jintalab ikun sid is-sistema tat-trażmissjoni li jkun responsabbli għaliha.

8. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jissodisfa r-rekwiżiti previsti fil-Kapitolu IX u għandu jiġi ċċertifikat f'konformità mal-Artikolu 57. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni ċċertifikati bħala parti mis-separazzjoni tas-sjieda, l-operatur indipendenti tas-sistema jew il-mudell tal-operatur indipendenti tas-sistema tat-trażmissjoni jiddelegaw, b'inizjattiva tagħhom stess u bis-superviżjoni tagħhom, ċerti kompiti lil operaturi oħra tas-sistemi tat-trażmissjoni ċċertifikati bħala parti mis-separazzjoni tas-sjieda, lill-operatur indipendenti tas-sistema jew lill-mudell tal-operatur indipendenti tas-sistemi tat-trażmissjoni, meta d-delega tal-kompiti ma tkunx tipperikola d-drittijiet deċiżjonali effettivi u indipendenti tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni delegatur.

9. L-operaturi tas-sistemi tal-LNG u tal-ħżin għandhom jikkooperaw, fi ħdan Stat Membru wieħed u fil-livell reġjonali, biex jiżguraw l-aktar użu effiċjenti tal-kapaċitajiet tal-faċilitajiet u sinerġiji bejn dawn il-faċilitajiet, filwaqt li jqisu l-integrità u l-operazzjoni tas-sistema.

↓ 2009/73/KE (adattat)

105. Operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni għandhom jakkwistaw l-enerġija li jużaw biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom bi proċeduri trasparenti, nondiskriminatorji u bbażati fuq is-suq.

*Artikolu 3616*

**Kunfidenzjalità lill-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u lis-sidien tas-sistemi tat-trażmissjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6830 jew xi obbligu legali ieħor tal-iżvelar tal-informazzjoni, kull operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, tal-ħżin u/jew tal-LNG, u kull sid tas-sistema tat-trażmissjoni għandhom iħarsu l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sensittiva kummerċjalment miksuba waqt it-twettiq tal-attivitajiet tagħhom, u għandhom jevitaw l-iżvelar diskriminatorju tal-informazzjoni dwar attivitajiet tagħhom stess li jaf tkun vantaġġuża kummerċjalment. B'mod partikolari, dawn ma għandhom jiżvelaw l-ebda informazzjoni sensittiva kummerċjalment lill-partijiet li jifdal tal-impriża, għajr meta jkun meħtieġ għat-twettiq ta' attività tan-negozju. Biex jiżguraw ir-rispett sħiħ tar-regoli dwar is-separazzjoni tal-informazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sid is-sistema tat-trażmissjoni, anke fil-każ ta' operatur ikkombinat, l-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni u l-parti li jifdal tal-impriża ma jużawx servizzi konġunti, bħal servizzi legali konġunti, apparti l-funzjonijiet purament amministrattivi jew tal-IT.

2. L-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, tal-ħżin u/jew tal-LNG ma għandhomx, fil-kuntest ta' bejgħ jew xiri tal-gass naturali min-naħa ta' impriżi relatati, jużaw ħażin informazzjoni sensittiva kummerċjalment miksuba mingħand partijiet terzi fil-kuntest ta' għoti jew negozjar ta' aċċess għas-sistema.

3. L-informazzjoni meħtieġa għal kompetizzjoni effettiva u tħaddim effiċjenti tas-suq għandha tiġi ppubblikata. Dan l-obbligu hu mingħajr preġudizzju għall-ħarsien tal-informazzjoni sensittiva kummerċjalment.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 37*

**Setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-konnessjoni tal-faċilitajiet ġodda tal-produzzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju mas-sistema tat-trażmissjoni**

1. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jistabbilixxi u jippubblika proċeduri trasparenti u effiċjenti għal konnessjoni nondiskriminatorja ta' installazzjonijiet ġodda tal-produzzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju. Dawk il-proċeduri għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji.

2. L-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni ma għandhomx ikunu intitolati jirrifjutaw talbiet tal-konnessjoni ekonomikament raġonevoli u teknikament fattibbli ta' installazzjoni ta' faċilità ġdida tal-produzzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju.

| |
|---|
| 🡻 2009/73/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu* *3823*

**Setgħat ~~tat-teħid tad-deċiżjonijiet rigward il-konnessjoni ta' faċilitajiet ta' ħżin, faċilitajiet ta' gassifikazzjoni mill-ġdid ta' LNG u klijenti industrijali~~deċiżjonali dwar il-konnessjoni mas-sistema tat-trażmissjoni ⌦ u n-network tal-idroġenu ⌫**

1. L-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni ⇨ u l-operaturi tan-networks tal-idroġenu ⇦ għandhom jistabbilixxu u jippubblikaw proċeduri u tariffi trasparenti u effiċjenti għal konnessjoni nondiskriminatorja tal-faċilitajiet tal-ħżin ⇨ tal-gass naturali u tal-idroġenu ⇦ , tal-faċilitajiet tar-rigassifikazzjoni tal-LNG ⇨ , tat-terminals tal-idroġenu ⇦ u tal-klijenti industrijali mas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ u n-network tal-idroġenu ⇦. Dawk il-proċeduri għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja.

2. L-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni ⇨ u l-operaturi tan-networks tal-idroġenu ⇦ ma għandhomx ikunu intitolati li jirrifjutaw il-konnessjoni ta' faċilità ġdida tal-ħżin ⇨ tal-gass naturali jew tal-idroġenu ⇦ , faċilità tar-rigassifikazzjoni tal-LNG ⇨ , terminal tal-idroġenu ⇦ jew klijent industrijali minħabba limitazzjonijiet futuri possibbli fil-kapaċitajiet tan-network disponibbli jew kostijiet addizzjonali relatati maż-żieda meħtieġa fil-kapaċità. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ u l-operatur tan-networks tal-idroġenu ⇦ għandhom ikunu obbligati jiżguraw biżżejjed kapaċità ta' dħul u ħruġ għall-konnessjoni l-ġdida.

~~*Artikolu 6*~~

~~**Solidarjetà reġjonali**~~

~~1. Sabiex tiġi ssalvagwardata provvista sikura fis-suq intern tal-gass naturali, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw sabiex jippromwovu s-solidarjetà reġjonali u bilaterali.~~

~~2. Tali koperazzjoni għandha tkopri sitwazzjonijiet li jirriżultaw fi, jew li x'aktarx jirriżultaw, f'perjodu qasir ta' żmien, fi xkiel serju għall-provvista b'effett fuq l-Istat Membru. Din għandha tinkludi:~~

~~(a) koordinazzjoni ta' miżuri nazzjonali ta' emerġenza imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE tas-26 ta' April, 2004 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista ta' gas naturali[35];~~

~~(b) identifikazzjoni u, fejn meħtieġ, żvilupp jew tiġdid ta' interkonnessjonijiet ta' elettriku u ta' gass naturali; u~~

~~(c) kondizzjonijiet u modalitajiet prattiċi għall-assistenza reċiproka.~~

~~3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jinżammu informati dwar tali koperazzjoni.~~

~~4. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida għall-koperazzjoni reġjonali fi spirtu ta' solidarjetà. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta'~~

35 ~~ĠU L 127, 29.4.2004, p. 92.~~

~~din id-Direttiva billi jissuplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 51(3).~~

# Kapitolu VI

# Operazzjoni tas-sistemi tad-distribuzzjoni ~~u l-provvista~~ ⌦ tal-gass naturali ⌫

*Artikolu 39~~24~~*

**Deżinjazzjoni tal-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni**

L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw, jew jeżiġu li l-impriżi li għandhom jew li huma responsabbli għal sistemi tad-distribuzzjoni jiddeżinjaw, għal perjodu li jrid jiġi determinat mill-Istati Membri, wara li jqisu l-effiċjenza u l-bilanċ ekonomiku, operatur wieħed jew aktar tas-sistemi tat-trażmissjoni, u għandhom jiżguraw li dawk l-operaturi jaġixxu f'konformità mal-Artikoli 40~~25~~, 42~~26~~ and 43~~27~~.

*Artikolu 40~~25~~*

**Kompiti tal-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni**

1. Kull operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni għandu jkun responsabbli biex jiżgura l-abbiltà fit-tul tas-sistema li tissodisfa domandi raġonevoli għad-distribuzzjoni tal-gass, u li jopera, imantni u jiżviluppa b'kundizzjonijiet ekonomiċi, sistema tad-distribuzzjoni sigura, affidabbli u effiċjenti fiż-żona tiegħu, filwaqt li jqis l-ambjent ⇨ , l-obbligi stabbiliti fi [ir-Regolament (UE) 2022/ … (ir-Regolament tal-Metan)] ⇦ u l-effiċjenza enerġetika.

---

⇩ ġdid

2. Meta l-awtoritajiet regolatorji hekk jiddeċiedu, l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni jistgħu jkunu responsabbli biex jiżguraw ġestjoni effiċjenti tal-kwalità tal-gass fil-faċilitajiet tagħhom skont standards tal-kwalità tal-gass applikabbli, meta meħtieġ għall-ġestjoni tas-sistema minħabba l-injezzjoni ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju.

---

🡻 2009/73/KE

3~~2~~. F'kull każ, l-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni ma għandux jiddiskrimina bejn l-utenti tas-sistema jew il-klassijiet tal-utenti tas-sistema, b'mod partikolari favur l-impriżi relatati tiegħu.

4~~3.~~ Kull operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni għandu jipprovdi informazzjoni biżżejjed lil kull operatur ieħor tas-sistema tad-distribuzzjoni u/jew tas-sistema tat-trażmissjoni, jew tal-LNG, u/jew tas-sistema tal-ħżin biex jiżgura li t-trasport u l-ħżin tal-gass naturali jsiru b'mod kompatibbli mal-operazzjoni sigura u effiċjenti tas-sistema interkonnessa.

54. Kull operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa lill-utenti tas-sistema għal aċċess effiċjenti għas-sistema, u għall-użu tagħha.

65. Meta l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni jkunu responsabbli mill-ibbilanċjar tas-sistema tad-distribuzzjoni, ir-regoli adottati minnhom għal dak il-għan għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji, inkluż regoli dwar l-imposti tal-utenti tas-sistemi għall-iżbilanċ tal-enerġija. It-termini u l-kundizzjonijiet, inkluż ir-regoli u t-tariffi, għall-għoti ta' dawn is-servizzi mill-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni għandhom jiġu stabbiliti skont metodoloġija kompatibbli mal-Artikolu 7241(7) b'mod nondiskriminatorju u kostriflessiv, u għandhom jiġu ppubblikati.

---

⇩ ġdid

7. L-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni għandhom jikkooperaw mal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni biex jiżguraw il-parteċipazzjoni effettiva tal-parteċipanti fis-suq konnessi mal-grilja tagħhom fis-swieq bl-imnut, bl-ingrossa u tal-ibbilanċjar fis-sistema ta' dħul u ħruġ li għaliha tappartjeni s-sistema tad-distribuzzjoni.

8. L-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni għandhom jistabbilixxu u jippubblikaw proċeduri trasparenti u effiċjenti għal konnessjoni nondiskriminatorja ta' installazzjonijiet ġodda tal-produzzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju. Dawk il-proċeduri għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji.

9. L-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni ma għandhomx ikunu intitolati jirrifjutaw it-talbiet tal-konnessjoni ekonomikament raġonevoli u teknikament fattibbli ta' faċilità ġdida tal-produzzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju.

*Artikolu 41*

**Setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-konnessjoni ta' faċilitajiet ġodda tal-produzzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju mas-sistema tad-distribuzzjoni**

L-awtoritajiet regolatorji għandhom jobbligaw lill-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni jippubblika proċeduri trasparenti u effiċjenti għal konnessjoni nondiskriminatorja ta' installazzjonijiet ġodda tal-produzzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju. Dawk il-proċeduri għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji.

---

⬇ 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 4226*

**Is-separazzjoni tal-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni**

1. Meta l-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni jkun parti minn impriża integrata vertikalment, dan għandu jkun indipendenti minn attivitajiet oħra mhux relatati mad-distribuzzjoni mill-inqas mil-lat tal-forma legali tiegħu, l-organizzazzjoni tiegħu u t-

teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu. Dawk ir-regoli ma għandhomx joħolqu obbligu ta' separazzjoni tas-sjieda tal-assi tas-sistema tad-distribuzzjoni mill-impriża integrata vertikalment.

2. Minbarra r-rekwiżiti tal-paragrafu 1, meta l-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni jkun parti minn impriża integrata vertikalment, dan għandu jkun indipendenti minn attivitajiet oħra mhux relatati mad-distribuzzjoni mil-lat tal-organizzazzjoni tiegħu u t-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu. Biex jintlaħaq dan, għandhom japplikaw l-kriterji minimi li ġejjin:

(a) ~~dawk~~⌦ ⌫ il-persuni responsabbli għall-amministrazzjoni tal-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni ~~ma jistgħux~~ ⌦ ma għandhomx ⌫ jieħdu sehem fl-istrutturi korporattivi tal-impriża integrata tal-gass naturali responsabbli direttament jew direttament għall-operazzjoni ta' kuljum tal-produzzjoni, tat-trażmissjoni, ⇨, tat-trasport ⇦ u tal-provvista ⇨ tal-gassijet ⇦ ~~tal-gass naturali~~;

(b) ~~iridu~~ ⌦ għandhom ⌫ jittieħdu miżuri xierqa biex ikun żgurat li l-interessi professjonali tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni tal-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni jitqiesu b'mod li jiżgura li dawn ikunu kapaċi jaġixxu b'mod indipendenti;

(c) l-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni ~~irid~~ ⌦ għandu ⌫ jkollu drittijiet deċiżjonali effettivi, indipendentement mill-impriża integrata tal-gass naturali, rigward l-assi meħtieġa għall-operazzjoni, il-manutenzjoni jew l-iżvilupp tan-network;~~.~~ s~~S~~abiex iwettaq dawn il-kompiti, l-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni għandu jkollu r-riżorsi meħtieġa għad-dispożizzjoni tiegħu, inkluż riżorsi umani, tekniċi, finanzjarji u fiżiċi;~~.~~ d~~D~~an ma ~~jenħtieġx li~~ ⌦ għandux ⌫ jeskludi l-eżistenza ta' mekkaniżmi xierqa tal-koordinazzjoni li jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet ta' superviżjoni ekonomika u amministrattiva tal-kumpanija ewlenija fir-rigward tal-qligħ mill-assi, regolati indirettament f'konformità mal-Artikolu 72~~41~~(7) f'kumpanija sussidjarja;~~.~~ b~~B~~'mod partikolari, dan għandu jippermetti lill-kumpanija ewlenija tapprova l-pjan finanzjarju annwali, jew xi strument ekwivalenti, tal-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni u tistabbilixxi limiti ġenerali għal-livelli tad-dejn tas-sussidjarja tagħha;~~.~~ d~~D~~an ma għandux jippermetti lill-kumpanija ewlenija tagħti struzzjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' kuljum, jew dwar deċiżjonijiet individwali fuq il-kostruzzjoni jew l-aġġornament tal-linji tad-distribuzzjoni, li ma jaqbżux it-termini tal-pjan finanzjarju approvat, jew ta' xi strument ekwivalenti; ~~u~~

(d) l-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni ~~jrid~~ ⌦ għandu ⌫ jistabbilixxi programm tal-konformità li jistabbilixxi l-miżuri meħuda biex jiżguraw l-esklużjoni tal-imġiba diskriminatorja, u għandu jiżgura monitoraġġ xieraq tal-osservanza tiegħu;~~.~~ i~~I~~l-programm tal-konformità għandu jistabbilixxi l-obbligi speċifiċi tal-impjegati biex jintlaħaq dak l-objettiv;~~.~~ r~~R~~apport annwali li jistabbilixxi l-miżuri meħuda għandu jiġi ppreżentat mill-persuna jew mill-korp responsabbli mill-monitoraġġ tal-programm tal-onformità, l-uffiċjal tal-konformità tal-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni, lill-awtorità regolatorja msemmija fl-Artikolu 70~~39~~(1) u għandu jiġi ppubblikat;~~.~~ l~~L~~-uffiċjal tal-konformità tal-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni għandu jkun indipendenti għalkollox u għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa dwar l-

operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni u kull impriża affiljata biex iwettaq il-kompitu tiegħu.

3. Meta l-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni jkun parti minn impriża integrata vertikalment, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tal-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni jiġi monitorjati mill-awtoritajiet regolatorji jew minn korpi kompetenti oħra biex ma jkunx jista' jieħu vantaġġ mill-integrazzjoni vertikali tiegħu biex ixekkel il-kompetizzjoni. B'mod partikolari, l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni integrati vertikalment ma għandhomx, fil-komunikazzjoni u l-marki kummerċjali tagħhom, joħolqu konfużjoni rigward l-identità separata tal-fergħa tal-provvista tal-impriża integrata vertikalment.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafi 1, 2 u 3 għall-impriżi integrati tal-gass naturali li jaqdu lil inqas minn ~~100000~~100 000 klijent konness.

*Artikolu 43~~27~~*

**Obbligi tal-kunfidenzjalità għall-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 68~~30~~ jew xi dover legali ta' żvelar tal-informazzjoni, kull operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni għandu jħares il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sensittiva kummerċjalment miksuba waqt it-twettiq tal-attivitajiet tiegħu, u għandu jevita l-iżvelar diskriminatorju tal-informazzjoni dwar attivitajiet tiegħu stess li jaf tkun vantaġġuża kummerċjalment.

2. L-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni ma għandhomx, fil-kuntest ta' bejgħ jew xiri tal-gass naturali mill-impriżi relatati, jabbużaw minn informazzjoni sensittiva kummerċjalment miksuba mingħand partijiet terzi fil-kuntest ta' għoti jew negozjar ta' aċċess għas-sistema.

*Artikolu 44~~28~~*

**Sistemi magħluqa tad-distribuzzjoni⌦ tal-gass naturali ⌫**

1. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-awtoritajiet regolatorji ~~nazzjonali~~ jew awtoritajiet regolatorji oħra jikklassifikaw sistema li tiddistribwixxi l-gass ⇨ naturali ⇦ fi ħdan sit industrijali, kummerċjali jew ta' servizzi komuni ġeografikament magħluq u li, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, ma tfornix lill-klijenti domestiċi, bħala sistema tad-distribuzzjoni magħluqa jekk:

(a) għal raġunijiet tekniċi jew ta' sikurezza speċifiċi, l-operazzjoni jew il-proċess tal-produzzjoni tal-utenti ta' dik is-sistema jiġu integrati; jew

(b) dik is-sistema tkun tforni l-gass ⇨ naturali ⇦ qabelxejn lis-sid jew lil operatur tas-sistema jew lil impriżi relatati tagħhom.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-awtoritajiet regolatorji ~~nazzjonali~~ jeżentaw lill-operatur ta' sistema magħluqa tad-distribuzzjoni ⇨ tal-gass naturali ⇦ mir-rekwiżit fl-Artikolu 27~~32~~(1) li t-tariffi, jew il-metodoloġiji tal-kalkolu tagħhom, ikunu approvati qabel ma jidħlu fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 72~~41~~.

3. Meta tingħata eżenzjoni skont il-paragrafu 2, it-tariffi applikabbli, jew il-metodoloġiji tal-kalkolu tagħhom, għandhom jiġu rieżaminati u approvati f'konformità mal-Artikolu 72~~41~~ meta ssir talba għal dan minn utent tas-sistema magħluqa tad-distribuzzjoni ⇨ tal-gass naturali ⇦ .

4. L-użu inċidentali minn għadd żgħir ta' unitajiet domestiċi b'impjieg jew assoċjazzjonijiet simili mas-sid tas-sistema tad-distribuzzjoni u li jinsabu fiż-żoni fornuti minn sistema magħluqa tad-distribuzzjoni ma għandux jeskludi eżenzjoni skont il-paragrafu 2.

---

⇩ ġdid

5. Is-sistemi magħluqa tad-distribuzzjoni għandhom jitqiesu bħala sistemi tad-distribuzzjoni għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

---

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 4529*

**Operatur ikkombinat**

L-Artikolu 2644(1) ma għandux iwaqqaf l-operazzjoni ta' operatur ikkombinat tas-sistema tat-trażmissjoni, tal-LNG, tal-ħżin u tad-distribuzzjoni, diment li dan ⌦ ⌫ l-operatur ikun konformi mal-Artikolu 549 (1), jew ⌦ l-Artikoli ⌫ 5514 u 5615, jew il-Kapitolu IXIV ~~jew jaqa' taħt l-Artikolu 4982(6)~~.

---

⇩ ġdid

# Kapitolu VII

# Regoli applikabbli għan-networks dedikati tal-idroġenu

*Artikolu 46*

**Kompiti tal-operaturi tan-networks, tal-ħażniet u tat-terminals tal-idroġenu**

1. Kull operatur ta' network, ħażna jew terminal tal-idroġenu għandu jkun responsabbli għal dawn li ġejjin:

(a) l-operazzjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp, f'kundizzjonijiet ekonomiċi, ta' infrastruttura sigura u affidabbli għat-trasport jew il-ħżin tal-idroġenu b'kunsiderazzjoni xierqa għall-ambjent u b'kooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi ta' networks tal-idroġenu konnessi u ġirien;

(b) l-iżgurar tal-abbiltà fit-tul tas-sistema tal-idroġenu li jissodisfaw domandi raġonevoli għat-trasport u l-ħżin tal-idroġenu;

(c) l-iżgurar ta' mezzi xierqa jissodisfa l-obbligi tiegħu;

(d) l-għoti ta' informazzjoni biżżejjed lill-operatur ta' networks jew sistemi oħra li magħhom tkun interkonnessa s-sistema tiegħu, biex ikun żgurat li l-

operazzjoni, l-iżvilupp ikkoordinat u l-interoperabbiltà tas-sistema interkonnessa jkunu siguri u effiċjenti;

(e) ma ssirx diskriminazzjoni bejn l-utenti tas-sistema jew il-klassijiet tal-utenti tal-infrastruttura, b'mod speċifiku favur l-impriżi relatati tiegħu; u

(f) l-għoti tal-informazzjoni meħtieġa lill-utenti tas-sistema biex jiksbu aċċess effiċjenti għall-infrastruttura;

(g) it-teħid tal-miżuri raġonevoli kollha li jkunu disponibbli biex jiġu evitati u minimizzati l-emissjonijiet tal-idroġenu fl-operazzjonijiet tagħhom u t-twettiq, f'intervalli regolari, ta' stħarriġ dwar id-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet tal-idroġenu fil-komponenti rilevanti kollha li jkun responsabbli għalihom l-operatur;

(h) is-sottomissjoni ta' rapport dwar id-detezzjoni tat-tnixxijiet tal-idroġenu u, meta meħtieġ, ta' programm tat-tiswija jew tas-sostituzzjoni lill-awtoritajiet kompetenti;

2. Kull operatur tan-network tal-idroġenu għandu jibni kapaċità transfruntiera biżżejjed biex jintegra l-infrastruttura tal-idroġenu Ewropea li takkomoda d-domanda ekonomikament raġonevoli u teknikament fattibbli kollha għall-kapaċità, filwaqt li jqis is-sigurtà tal-provvista tal-idroġenu.

3. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu jistgħu jkunu responsabbli biex jiżguraw ġestjoni effiċjenti tal-kwalità tal-idroġenu fin-networks tagħhom skont l-istandards tal-kwalità tal-idroġenu applikabbli, meta meħtieġ għall-ġestjoni tas-sistema u soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja.

*Artikolu 47*

**Networks eżistenti tal-idroġenu**

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu deroga mir-rekwiżiti tal-Artikoli 31, 62, 63 u 64 ta' din id-Direttiva, u l-Artikoli 6 u 47 ta' [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx] lin-networks tal-idroġenu li kienu jappartjenu għal impriża integrata vertikalment fi [id-data tad-dħul fis-seħħ]. Id-deroga għandha tkun limitata fl-ambitu tagħha għall-kapaċità tan-networks li jkunu f'operazzjoni fi [id-data tad-dħul fis-seħħ].

2. Id-deroga għandha tkun limitata fiż-żmien u għandha tiskadi:

(a) meta l-impriża integrata vertikalment tressaq talba lill-awtorità regolatorja biex ittemm id-deroga, u dik it-talba tiġi approvata mill-awtorità regolatorja;

(b) meta n-network tal-idroġenu li jibbenefika mid-deroga jkun konness ma' network tal-idroġenu ieħor;

(c) meta ssir espansjoni tan-network tal-idroġenu li jibbenefika mid-deroga, jew tal-kapaċità tiegħu;

(d) mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2030.

*Artikolu 48*

**Networks tal-idroġenu konfinati ġeografikament**

1. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-awtoritajiet regolatorji jagħtu deroga mill-Artikolu 62 għan-networks tal-idroġenu li jittrasportaw l-idroġenu minn punt ta' dħul wieħed sa għadd limitat ta' punti ta' ħruġ f'żona ġeografikament konfinata, industrijali jew kummerċjali.

2. Id-derogi skont il-paragrafu 1 għandhom japplikaw mill-inqas sal-31 ta' Diċembru 2030. Mill-1 ta' Jannar 2031, id-deroga għandha tiskadi meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) meta produttur kompetitur tal-idroġenu rinnovabbli jkun irid jikseb aċċess għan-network;

(b) meta n-network tal-idroġenu eżentat jiġi konness ma' network tal-idroġenu ieħor.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-talbiet tal-aċċess imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu jiġu notifikati lill-awtorità regolatorja.

*Artikolu 49*

**Interkonnetturi tal-idroġenu ma' pajjiżi terzi**

1. L-interkonnetturi tal-idroġenu bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-regoli applikabbli għan-networks tal-idroġenu kif stabbilit f'din id-Direttiva u fi [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx]. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infurzar ta' dawn ir-regoli jqis l-applikazzjoni effettiva tagħhom fit-territorju tal-Unjoni, u n-natura integrata tal-interkonnettur.

2. Għall-fini tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, għal kull interkonnettur tal-idroġenu u qabel l-operazzjoni tiegħu, l-Unjoni għandha tikkonkludi ftehim intergovernattiv mal-pajjiż terz konness jew mal-pajjiżi terzi konnessi li jistabbilixxi r-regoli operattivi għall-interkonnettur tal-idroġenu kkonċernat, meta l-Kummissjoni tkun għarfet li dak il-ftehim ikun meħtieġ biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli msemmija fil-paragrafu 1.

3. Dak il-ftehim intergovernattiv jista' jkun fih, kif xieraq, regoli li jispeċifikaw l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-aċċess ta' partijiet terzi, ir-regolamentazzjoni tat-tariffi u regoli dwar is-separazzjoni tal-operatur tal-interkonnettur tal-idroġenu, u regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, inkluż regoli li jiżguraw il-ġbir tad-*data* meħtieġa u l-applikazzjoni tal-kriterji għall-kontabbiltà tal-idroġenu magħmul mill-elettriku bħala idroġenu rinnovabbli.

*Artikolu 50*

**Kunfidenzjalità għall-operaturi tan-networks tal-idroġenu, tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-idroġenu u tat-terminals tal-idroġenu**

1. Mingħajr preġudizzju għad-doveri legali ta' żvelar tal-informazzjoni, kull operatur tan-network tal-idroġenu, faċilità tal-ħżin tal-idroġenu jew terminal tal-idroġenu, u kull sid ta' network tal-idroġenu, għandu jħares il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sensittiva kummerċjalment miksuba waqt it-twettiq tal-attivitajiet tiegħu, u għandu jevita l-iżvelar diskriminatorju tal-informazzjoni dwar attivitajiet tiegħu stess li jaf tkun vantaġġuża kummerċjalment. B'mod partikolari, jekk l-operatur ta' network tal-idroġenu, faċilità tal-ħżin tal-idroġenu jew terminal tal-idroġenu, jew is-sid ta' network tal-idroġenu jkun parti minn impriża integrata vertikalment, dan ma għandu

jiżvela l-ebda informazzjoni sensittiva kummerċjalment lill-partijiet li jifdal tal-impriża, sakemm dan ma jkunx meħtieġ għat-twettiq ta' attività tan-negozju.

2. L-operatur ta' network tal-idroġenu, faċilità tal-ħżin tal-idroġenu jew terminal tal-idroġenu ma għandux, fil-kuntest ta' bejgħ jew xiri tal-idroġenu minn impriżi relatati, juża ħażin l-informazzjoni sensittiva kummerċjalment miksuba mingħand partijiet terzi fil-kuntest ta' għoti jew negozjar tal-aċċess għas-sistema.

3. L-informazzjoni meħtieġa għal kompetizzjoni effettiva u funzjonament effiċjenti tas-suq għandha tiġi ppubblikata. Dan l-obbligu hu mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni tal-informazzjoni sensittiva kummerċjalment.

# Kapitolu VIII

# Ippjanar tan-network integrat

---

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 5122*

**Żvilupp tan-networks u setgħat biex jittieħdu deċiżjonijiet tal-investiment**

1. ⇨ Mill-inqas ⇦ kKull sena ⇨ sentejn ⇦ , l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni ⌦ kollha ⌫ għandhom jippreżentaw pjan tal-iżvilupp tan-networks ta' għaxar snin lill-awtorità regolatorja ⌦ rilevanti ⌫ li jkun ibbażat fuq il-provvista u d-domanda eżistenti u previsti wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. ⇨ Għandu jkun hemm mill-inqas pjan wieħed tal-iżvilupp tan-networks għal kull Stat Membru. L-operaturi tal-infrastruttura, inkluż l-operaturi tat-terminals tal-LNG, l-operaturi tal-ħżin, l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni, u l-operaturi tal-idroġenu, tal-infrastruttura tat-tisħin distrettwali u tal-elettriku għandhom jintalbu jipprovdu u jaqsmu kull informazzjoni rilevanti mal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni meħtieġa għall-iżvilupp tal-pjan uniku.⇦ Dak il-pjan tal-iżvilupp tan-networks għandu jkun fih miżuri effiċjenti biex jiżgura l-adegwatezza tas-sistema ⇨ tal-gass naturali ⇦ u s-sigurtà tal-provvista ⇨, b'mod partikolari l-konformità mal-istandards tal-infrastruttura skont ir-Regolament (UE) 2017/1938. Il-pjan tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin għandu jiġi ppubblikat u jkun aċċessibbli fuq sit web ⇦.

2. Il-pjan tal-iżvilupp tan-networks ta' għaxar snin għandu, b'mod partikolari:

(a) ~~jindika lill-parteċipanti fis-suq~~ ⇨ ikun fih ⇦ l-infrastruttura ewlenija ~~tat-trażmissjoni~~ li jeħtieġ tinbena jew tiġi modernizzata fl-għaxar snin li ġejjin;

(b) ikun fih l-investimenti kollha diġà deċiżi u jidentifika investimenti ġodda li jridu jitwettqu fit-tliet snin li ġejjin; ~~u~~

---

⇩ ġdid

(c) ikun fih informazzjoni dwar l-infrastruttura li tista' jew li se tiġi dekummissjonata; u

🡻 2009/73/KE
⇨ ġdid

(de) jipprevedi skeda taż-żmien għall-proġetti kollha tal-investiment ⇨ u tad-dekommissjonar ⇦ ;.

⇩ ġdid

(e) ikun ibbażat fuq qafas ta' xenarju konġunt żviluppat bejn l-operaturi tal-infrastruttura rilevanti, inkluż l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni rilevanti, mill-inqas tal-gass u tal-elettriku;

(f) ikun konsistenti mar-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju komuni u nazzjonali skont l-Artikolu 7 tar-Regolament 2017/1938;

(g) ikun konformi mal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima u mal-aġġornamenti tiegħu, u mar-rapporti nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, u jappoġġa l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119.

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

3. Meta jkun qed jelabora l-pjan tal-iżvilupp tan-networks ta' għaxar snin, ⇨ l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jqis għalkollox il-potenzjal ta' alternattivi għal espansjoni tas-sistema, pereżempju bl-użu tar-rispons għad-domanda, u l-konsum mistenni wara l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", il-kummerċ ma' pajjiżi oħra u l-pjan tal-iżvilupp tan-networks għall-Unjoni kollha. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jivvaluta kif għandu jiġi indirizzat, meta possibbli, bżonn fis-sistemi tal-elettriku u tal-gassijiet, inkluż informazzjoni dwar il-post u d-daqs ottimali tal-ħżin tal-enerġija u tal-assi tal-gass bl-elettriku⇦ ~~l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jagħmel suppożizzjonijiet raġonevoli dwar l-evoluzzjoni tal-produzzjoni, il-provvista, il-konsum u l-iskambji ma' pajjiżi oħrajn, b'kont meħud tal-pjani ta' investiment għan-networks reġjonali u fil-Komunità kollha, kif ukoll għall-pjani ta' investiment għall-ħżin u l-faċilitajiet ta' gassifikazzjoni mill-ġdid ta' LNG~~.

4. L-awtorità regolatorja għandha tikkonsulta lill-utenti effettivi u potenzjali kollha tan-network dwar il-pjan tal-iżvilupp tan-networks ta' għaxar snin b'mod miftuħ u trasparenti. Il-persuni jew l-impriżi li jiddikjaraw li huma utenti potenzjali tas-sistema jistgħu jintalbu jissostanzjaw dawk id-dikjarazzjonijiet. L-awtorità regolatorja għandha tippubblika r-riżultat tal-proċess ta' konsultazzjoni, b'mod partikolari l-ħtiġijiet possibbli għal investimenti.

5. L-awtorità regolatorja għandha teżamina jekk il-pjan tal-iżvilupp tan-networks ta' għaxar snin ikopri il-ħtiġijiet kollha tal-investiment identifikati tul il-proċess ta' konsultazzjoni, u jekk hux konsistenti ⇨ mal-aktar simulazzjoni riċenti għall-Unjoni kollha tax-xenarji ta' interruzzjoni mwettqa mill-ENTSO tal-Gass skont l-Artikolu 7

MT



MT

tar-Regolament (UE) 2017/1938, mal-valutazzjonijiet tar-riskju reġjonali u nazzjonali u ⇦ mal-pjan mhux vinkolanti tal-iżvilupp tan-networks ~~għall-Komunità~~ ⌦ għall-Unjoni ⌫ kollha ta' għaxar snin (pjan tal-iżvilupp tan-networks ~~għall-Komunità~~ ⌦ għall-Unjoni ⌫ kollha) imsemmi fl-Artikolu 30(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ~~fl-Artikolu 8(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 715/2009~~. Jekk ikun hemm xi dubju dwar il-konsistenza mal-pjan tal-iżvilupp tan-networks ~~għall-Komunità~~ ⌦ għall-Unjoni ⌫ kollha, l-awtorità regolatorja għandha tikkonsulta ⌦ lill-ACER ⌫ ~~mal-Aġenzija~~. L-awtorità regolatorja tista' titlob lill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni biex jemenda l-pjan tiegħu tal-iżvilupp tan-networks ta' għaxar snin.

---

⇩ ġdid

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jeżaminaw il-konsistenza tal-pjan tal-iżvilupp tan-networks ta' għaxar snin mal-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima u l-aġġornamenti tiegħu u mar-rapporti nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999.

---

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

6. L-awtorità regolatorja għandha timmonitorja u tevalwa l-implimentazzjoni tal-pjan tal-iżvilupp tan-networks ta' għaxar snin.

7. Meta ~~l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni~~ ⇨ l-operatur indipendenti tas-sistema jew l-operatur indipendenti tat-trażmissjoni ⇦, għajr minħabba raġunijiet imperattivi li mhumiex fil-kontroll tiegħu, ma jwettaqx investiment li, skont il-pjan tal-żvilupp tan-networks ta' għaxar snin, kellu jwettaq fit-tliet snin ta' wara, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità regolatorja jkollha l-obbligu li tieħu mill-anqas waħda mill-miżuri li ġejjin biex tiżgura li l-investiment inkwistjoni jsir jekk dak l-investiment ikun għadu rilevanti skont l-aktar pjan riċenti tal-iżvilupp tan-networks ta' għaxar snin:

(a) teżiġi li l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jwettaq l-investimenti inkwistjoni;

(b) torganizza proċedura miftuħa ta' sejħa għall-offerti għall-investituri interessati fl-investiment inkwistjoni; ~~jew~~

(c) tobbliga lill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jaċċetta żieda fil-kapital biex jiffinanzja l-investimenti meħtieġa u jippermetti lil investituri indipendenti jipparteċipaw fil-kapital.

Meta l-awtorità regolatorja tkun eżerċitat is-setgħat tagħha skont il-punt (b), l-ewwel subparagrafu, din tista' tobbliga lill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jaqbel ma' element wieħed jew iżjed minn dawn li ġejjin:

(a) il-finanzjament minn xi parti terza;

(b) il-kostruzzjoni minn xi parti terza;

(c) il-bini tal-assi l-ġodda kkonċernati stess;

(d) l-operazzjoni tal-assi l-ġodda kkonċernati stess.

L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-investituri biex iwettqu l-investiment, għandu jikkollega l-assi ġodda man-network tat-trażmissjoni, u għandu jagħmel ħiltu biex jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-proġett tal-investiment.

L-arranġamenti finanzjarji rilevanti għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja.

8. Meta l-awtorità regolatorja tkun eżerċitat is-setgħat tagħha skont ~~l-ewwel subparagrafu ta'~~ il-paragrafu 7, ir-regolamenti tariffarji rilevanti għandhom ikopru l-kostijiet tal-investimenti inkwistjoni.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 52*

**Rappurtar dwar l-iżvilupp tan-networks tal-idroġenu**

1. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu għandhom jippreżentaw ħarsa ġenerali lill-awtorità regolatorja, f'intervalli regolari kif determinat minn dik l-awtorità, tal-infrastruttura tan-networks tal-idroġenu li jkollhom l-għan li jiżviluppaw. B'mod partikolari, dik il-ħarsa ġenerali għandha:

(a) tinkludi informazzjoni dwar il-ħtiġijiet tal-kapaċità, bħala volum u bħala tul taż-żmien, kif negozjati bejn l-utenti tan-networks u l-operaturi tan-networks tal-idroġenu;

(b) tinkludi informazzjoni dwar sa liema punt se jintużaw il-pipelines tal-gass naturali adattati għal skop ġdid għat-trasport tal-idroġenu;

(c) tkun konformi mal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima u mal-aġġornamenti tiegħu, u mar-rapporti nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 u tappoġġa l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119.

2. L-operaturi tal-ħżin tal-idroġenu u tat-terminals tal-idroġenu għandhom jipprovdu u jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għall-iżvilupp tal-ħarsa ġenerali, mal-operaturi tan-networks tal-idroġenu. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għall-iżvilupp tal-ħarsa ġenerali mal-operaturi tan-networks tal-idroġenu.

3. L-awtorità regolatorja għandha teżamina l-ħarsa ġenerali. Dan l-eżami għandu jqis xi ħtieġa ekonomika u tal-enerġija ġenerali jaqdi n-network tal-idroġenu, l-qafas tax-xenarju konġunt żviluppat skont l-Artikolu 51(2), il-punt (e).

4. L-awtorità regolatorja għandha tqis l-eżaminar tal-ħarsa ġenerali fl-approvazzjoni tagħha ta' imposti dedikati skont it-tifsira tal-Artikolu 4 ta' [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx].

5. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu għandhom jippubblikaw rapport konġunt b'mod regolari dwar l-iżvilupp tas-sistema tal-idroġenu abbażi tal-ħarsa ġenerali

ppreżentata lill-awtorità regolatorja. Għandhom iqisu l-eżami tal-awtorità regolatorja skont il-paragrafu 3.

6. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 51 għall-operaturi tan-networks tal-idroġenu.

*Artikolu 53*

**Finanzjament għall-infrastruttura transfruntiera tal-idroġenu**

1. Meta l-Istati Membri japplikaw sistema tal-aċċess regolat ta' partijiet terzi għan-networks tal-idroġenu skont l-Artikolu 31, il-paragrafu 1, u meta proġett ta' interkonnettur tal-idroġenu jkun inkluż fil-pjan tal-iżvilupp tan-networks ta' għaxar snin għall-UE kollha kif imsemmi fl-Artikolu 29 jew fl-Artikolu 43 ta' [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx] u ma jkunx proġett ta' interess komuni kif imsemmi fi [il-Kapitolu II u l-Anness, il-punt 3, tar-Regolament xxx dwar Linji Gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea], l-operaturi tan-networks tal-idroġenu kontigwi u affettwati għandhom ifasslu pjan ta' proġett li jinkludi talba għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet, u jippreżentawh b'mod konġunt lill-awtoritajiet regolatorji kkonċernati għal approvazzjoni konġunta.

2. Mal-pjan tal-proġett u t-talba għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet għandhom jinhemżu analiżi tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett li tqis il-benefiċċji lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati, u pjan tan-negozju li jevalwa l-vijabbiltà finanzjarja tal-proġett u li jkun jinkludi soluzzjoni ta' finanzjament u jispeċifika jekk l-operaturi tan-networks tal-idroġenu involuti jaqblux fuq proposta sostanzjata għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet.

3. Wara konsultazzjoni mal-operaturi tan-networks tal-idroġenu, l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati għandhom jieħdu deċiżjonijiet ikkoordinati dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet tal-investiment li jrid iġarrab kull operatur tan-network għall-proġett.

4. Meta l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim dwar it-talba fi żmien sitt xhur, l-ACER għandha tieħu deċiżjoni, billi timxi mal-proċess skont l-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942.

5. Wara l-31 ta' Diċembru 2030, l-operaturi tan-networks tal-idroġenu affettwati kollha għandhom jinnegozjaw sistema tal-kumpens finanzjarju biex jiżguraw il-finanzjament tal-infrastruttura transfruntiera tal-idroġenu. Filwaqt li jiżviluppaw dan, l-operaturi tan-networks tal-idroġenu għandhom iwettqu proċess estensiv ta' konsultazzjoni li jinvolvi lill-parteċipanti rilevanti kollha fis-suq.

6. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu kkonċernati għandhom jiftiehmu fuq is-sistema tal-kumpens finanzjarju fi żmien 3 snin u sal-31 ta' Diċembru 2033. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim sa dak il-perjodu, l-awtoritajiet regolatorji involuti għandhom jiddeċiedu b'mod konġunt fi żmien sentejn (2). Meta l-awtoritajiet regolatorji rilevanti ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim konġunt fi żmien sentejn (2), l-ACER għandha tieħu deċiżjoni, billi timxi mal-proċess skont l-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942.

7. Is-sistema tal-kumpens finanzjarju għandha titħaddem f'konformità mal-Artikolu 72(1), il-punt (b).

8. Għat-tranżizzjoni lejn sistema ta' mekkaniżmu tal-kumpens finanzjarju, il-kuntratti eżistenti tal-kapaċità ma għandhomx jiġu affettwati mill-mekkaniżmu stabbilit tal-kumpens finanzjarju.

9. Aktar dettalji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċess stabbilit f'dan l-Artikolu, inkluż il-proċessi u l-perjodi taż-żmien meħtieġa, il-proċess tar-rieżami u, jekk ikun meħtieġ, l-emendar tal-mekkaniżmu ta' kumpens li jippermetti li jitqiesu l-evoluzzjoni tat-tariffi u l-iżvilupp tan-networks tal-idroġenu, għandhom jiġu stabbiliti f'kodiċi tan-network stabbilit abbażi tal-Artikolu 54 ta' [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx].

---

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

# Kapitolu IX

# ⌦ Separazzjoni tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni ⌫

## TAQSIMA 1
## ⌦ SEPARAZZJONI TAS-SJIEDA ⌫

*Artikolu 549*

**Separazzjoni tas-sistemi tat-trażmissjoni u tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ~~mit-3 ta' Marzu 2012 'il quddiem~~:

(a) kull impriża li tkun is-sid ta' sistema tat-trażmissjoni taġixxi bħala operatur tas-sistema tat-trażmissjoni;

(b) l-istess persuna/i mhumiex intitolati li jeżerċitaw kontroll direttament jew indirettament, la fuq:

(i) impriża li twettaq xi waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-provvista, u li jeżerċitaw kontroll jew dritt direttament jew indirettament fuq operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew fuq sistema tat-trażmissjoni; u lanqas fuq:

(ii) operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew fuq sistema tat-trażmissjoni, u li jeżerċitaw kontroll jew dritt direttament jew indirettament fuq impriża li twettaq xi waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-provvista;

(c) l-istess persuna/i mhumiex intitolati jaħtru membri tal-bord superviżorju, tal-bord amministrattiv jew ta' entitajiet li jirrappreżentaw legalment lill-impriża, ta' operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, jew ta' sistema tat-trażmissjoni, u li jeżerċitaw kontroll jew dritt direttament jew indirettament fuq impriża li twettaq xi waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-provvista; ~~u~~

(d) l-istess persuna/i mhumiex intitolati li jkunu membri tal-bord superviżorju, tal-bord amministrattiv jew ta' entitajiet li jirrappreżentaw legalment lill-impriża, kemm ta' impriża li twettaq xi waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-

provvista u anki ta' operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, jew ta' sistema tat-trażmissjoni.

2. Id-drittijiet imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), għandhom jinkludu, b'mod partikolari:

(a) is-setgħa għall-eżerċizzju tad-drittijiet ta' votazzjoni;

(b) is-setgħa li jinħatru l-membri tal-bord superviżorju, il-bord amministrattiv jew l-entitajiet li jirrappreżentaw legalment lill-impriża; jew

(c) is-sjieda ta' sehem maġġoritarju.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b), il-kunċett ⌦ it-terminu ⌫ "impriża li twettaq xi waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-provvista" għandu jinkludi ⌦ jinftiehem li jinkludi ⌫ lil "impriża li twettaq xi waħda mill-funzjonijiet tal-ġenerazzjoni u ⌦ jew ⌫ il-provvista" skont it-tifsira tad-Direttiva 2009/72/KE(UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36] [37] tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku[38], u t-termini "operatur tas-sistema tat-trażmissjoni" u "sistema tat-trażmizzjoni" għandhom ⌦ jinftiehmu li ⌫ jinkludu lil "operatur tas-sistema tat-trażmissjoni" u "sistema tat-trażmissjoni" skont it-tifsira ta' dik id-Direttiva.

4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu derogi mill-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 sat- 3 ta' Marzu 2013, sakemm l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni ma jkunux jiffurmaw parti minn impriża integrata vertikalment.

54. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandu jitqies issodisfat meta żewġ impriżi jew aktar li jkunu sidien ta' sistemi tat-trażmissjoni joħolqu impriża konġunta li taġixxi ta' operatur tas-sistema tat-trażmissjoni f'żewġ Stati Membri jew aktar għas-sistemi tat-trażmissjoni kkonċernati. L-ebda impriża oħra ma tista' tkun parti mill-impriża konġunta, sakemm din ma tkunx ġiet approvata skont l-Artikolu 5514 bħala operatur indipendenti tas-sistema jew bħala operatur indipendenti tat-trażmissjoni għall-finijiet tat-Taqsima 3tal-Kapitolu IV.

65. Għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, meta l-persuna msemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 1 tkun l-Istat Membru jew entità pubblika oħra, żewġ entitajiet pubbliċi separati li jeżerċitaw kontroll, min-naħa, fuq operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew fuq sistema tat-trażmissjoni u, min-naħa l-oħra, fuq impriża li twettaq xi waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-provvista, għandhom jitqiesu l-istess persuna/i.

76. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li la l-informazzjoni sensittiva kummerċjalment imsemmija fl-Artikolu 3616 miżmuma minn operatur tas-sistema tat-trażmissjoni li kien parti minn impriża integrata vertikalment u lanqas il-persunal ta' dan l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, ma jiġu trasferiti lejn l-impriżi li jwettqu xi waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni u tal-provvista.

---

36 Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

37 Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55)

38 Ara paġna 55 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

🡻 2019/692 Artikolu 1.2(a)

~~8~~7. Jekk, fit-3 ta' Settembru 2009, is-sistema tat-trażmissjoni kienet il-proprjetà ta' impriża integrata vertikalment, Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafu 1 Rigward il-parti tas-sistema tat-trażmissjoni li tikkollega Stat Membru ma' pajjiż terz bejn il-fruntiera ta' dak l-Istat Membru u l-ewwel punt tal-konnessjoni man-network ta' dak l-Istat Membru jekk, fit-23 ta' Mejju 2019, is-sistema tat-trażmissjoni tkun il-proprjetà ta' impriża integrata vertikalment, Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafu 1.

🡻 2009/73/KE

F'dak il-każ, l-Istati Membri kkonċernati għandhom:

(a) jiddeżinjaw operatur indipendenti tas-sistema skont l-Artikolu 55~~14~~, jew

(b) jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 3~~tal-Kapitolu IV~~.

🡻 2019/692 Art. 1.2(b)

~~9~~8. Jekk, fit-3 ta' Settembru 2009, is-sistema tat-trażmissjoni kienet il-proprjetà ta' impriża integrata vertikalment u jkun hemm arranġamenti fis-seħħ li jiżguraw indipendenza aktar effettiva tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni mid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 3~~tal-Kapitolu IV~~, Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Rigward il-parti tas-sistema tat-trażmissjoni li tikkollega Stat Membru ma' pajjiż terz bejn il-fruntiera ta' dak l-Istat Membru u l-ewwel punt tal-konnessjoni man-network ta' dak l-Istat Membru jekk, fit-23 ta' Mejju 2019, is-sistema tat-trażmissjoni tkun il-proprjetà ta' impriża integrata vertikalment, u jkun hemm arranġamenti fis-seħħ li jiżguraw indipendenza aktar effettiva tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni mid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 3~~tal-Kapitolu IV~~, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

🡻 2009/73/KE (adattat)

~~10~~9. Qabel ma impriża tiġi approvata u deżinjata bħala operatur tas-sistema tat-trażmissjoni skont il-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu, din għandha tiġi ċċertifikata ⌦ f'konformità ⌫ ~~konformement~~ mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 65~~10~~(4), (5) u (6) ta' din id-Direttiva u fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 715/2009.~~, li konformement magħhom~~ ⌦ Wara dak, ⌫ il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-arranġamenti fis-seħħ jiżguraw b'mod ċar indipendenza aktar effettiva tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni mid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 3~~tal-Kapitolu IV~~.

~~11~~10. L-impriżi integrati vertikalment li jkunu sidien ta' sistema tat-trażmissjoni ma għandhomx jiċċaħħdu milli jieħdu passi biex jikkonformaw mal-paragrafu 1.

~~12~~11. L-impriżi li jwettqu xi waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-provvista ma għandhom fl-ebda każ ikunu jistgħu jieħdu jew jeżerċitaw kontroll jew dritt

direttament jew indirettament fuq l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni separata fl-Istati Membri li japplikaw il-paragrafu 1.

## TAQSIMA 2

## ⌦ OPERATURI INDIPENDENTI TAS-SISTEMA ⌫

*Artikolu* 55~~14~~

### Operaturi indipendenti tas-sistema

---

| ↓ 2019/692 Artikolu 1.3 (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

1. Jekk, fit-3 ta' Settembru 2009, is-sistema tat-trażmissjoni kienet il-proprjetà ta' impriża integrata vertikalment, Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax l-Artikolu 56~~9~~(1) u li jaħtar operatur indipendenti tas-sistema wara proposta minn sid is-sistema tat-trażmissjoni.

Rigward il-parti tas-sistema tat-trażmissjoni li tikkollega Stat Membru ma' pajjiż terz, bejn il-fruntiera ta' dak l-Istat Membru u l-ewwel punt tal-konnessjoni man-network ta' dak l-Istat Membru jekk, fit-23 ta' Mejju 2019, is-sistema tat-trażmissjoni ~~tkun~~ ⌦ kienet ⌫ il-proprjetà ta' impriża integrata vertikalment, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax l-Artikolu 59~~9~~(1) u li jiddeżinja operatur indipendenti tas-sistema wara proposta minn sid is-sistema tat-trażmissjoni.

Id-deżinjazzjoni ta' operatur indipendenti tas-sistema għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

2. L-Istat Membru jista' japprova u jiddeżinja biss operatur indipendenti tas-sistema, meta:

(a) l-operatur kandidat ikun wera li hu konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 54~~9~~ (1), il-punti (b), (c) u (d);

(b) l-operatur kandidat ikun wera li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu r-riżorsi finanzjarji, tekniċi, fiżiċi u umani meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu skont l-Artikolu 35~~13~~;

(c) l-operatur kandidat ikun intrabat li jikkonforma ma' pjan tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin, immonitorjat mill-awtorità regolatorja;

(d) sid is-sistema tat-trażmissjoni jkun wera l-abbiltà tiegħu li jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont il-paragrafu 5, ~~.~~ u g~~G~~ħal ⌦ dan ⌫~~,~~ il-għan, għandu jipprovdi abbozz tal-arranġamenti kuntrattwali kollha mal-impriża kandidata u ma' kull entità rilevanti oħra; ~~u~~

(e) l-operatur kandidat ikun wera l-abbiltà tiegħu li jikkonforma mal-obbligi tiegħu ~~taħt ir-Regolament (KE) Nru 715/2009~~ ⌦ skont [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx] ⌫ inkluż il-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni fil-livell Ewropew u reġjonali.

3. L-impriżi ċċertifikati mill-awtorità regolatorja bħala konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 66~~11~~ u tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu approvati u

deżinjati bħala operaturi indipendenti tas-sistemi mill-Istati Membri. Għandha tkun applikabbli l-proċedura taċ-ċertifikazzjoni tal-Artikolu 6510 ta' din id-Direttiva u l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 715/2009 jew dik tal-Artikolu 6611 ta' din id-Direttiva.

4. Kull operatur indipendenti tas-sistema għandu jkun responsabbli għall-għoti u l-ġestjoni tal-aċċess ta' partijiet terzi, inkluż il-ġbir tal-imposti tal-aċċess u tal-konġestjoni, għall-operazzjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistema tat-trażmissjoni, u li jiżgura l-abbiltà fit-tul tas-sistema li tissodisfa domanda raġonevoli bi ppjanar tal-investiment. Fl-iżvilupp tas-sistema tat-trażmissjoni, l-operatur indipendenti tas-sistema għandu jkun responsabbli għall-ippjanar (inkluż il-proċedura tal-awtorizzazzjoni), il-kostruzzjoni, u l-kummissjonar tal-infrastruttura l-ġdida. Għal dan il-għan, l-operatur indipendenti tas-sistema għandu jaġixxi bħala operatur tas-sistema tat-trażmissjoni f'konformità ma' dan il-Kapitolu. Sid is-sistema tat-trażmissjoni ma għandux ikun responsabbli għall-għoti u l-ġestjoni tal-aċċess ta' partijiet terzi, u lanqas għall-ippjanar tal-investiment.

5. Meta jiġi deżinjat operatur indipendenti tas-sistema, sid is-sistema tat-trażmissjoni għandu:

(a) jipprovdi l-kooperazzjoni u l-appoġġ rilevanti kollha lill-operatur indipendenti tas-sistema biex iwettaq il-kompiti tiegħu, inkluż b'mod partikolari l-informazzjoni rilevanti kollha;

(b) jiffinanzja l-investimenti deċiżi mill-operatur indipendenti tas-sistema u approvati mill-awtorità regolatorja, jew jaqbel li jiġu ffinanzjati minn xi parti interessata, inkluż mill-operatur indipendenti tas-sistema;. iI- L-arranġamenti finanzjarji rilevanti għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja;. qQabel. Qabel din l-approvazzjoni, l-awtorità regolatorja għandha tikkonsulta lil sid is-sistema tat-trażmissjoni u lil partijiet interessati oħra;

(c) jipprevedi l-kopertura tar-responsabbiltà relatata mal-assi tan-network, għajr ir-responsabbiltà marbuta mal-kompiti tal-operatur indipendenti tas-sistema; u

(d) jipprovdi garanziji biex jeħfief il-finanzjament ta' kull espansjoni tan-network, għajr dawk l-investimenti li, skont il-punt (b), ikun qabel li jiġu ffinanzjati minn xi parti interessata, inkluż mill-operatur indipendenti tas-sistema.

6. B'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtorità regolatorja, l-awtorità nazzjonali rilevanti tal-kompetizzjoni għandha tingħata s-setgħat kollha rilevanti biex timmonitorja b'mod effettiv il-konformità ta' sid is-sistema tat-trażmissjoni mal-obbligi tiegħu f'konformità mal-paragrafu 5.

---

| ↓ 2009/73/KE (adattat) |
|---|
| ⇨ ġdid |

*Artikolu 5615*

**Separazzjoni tas-sidien tas-sistemi tat-trażmissjoni, u tal-operaturi tas-sistemi tal-ħżin ⌦ , u tal-operaturi tal-ħażniet tal-idroġenu ⌫**

1. S sIs-sidien tas-sistemi tat-trażmissjoni ⇨ u tan-networks tal-idroġenu ⇦ ⌦⌫ , meta jkun inħatar operatur indipendenti tas-sistema ⇨ jew operatur indipendenti tan-networks tal-idroġenu⇦ , u l-operatur ⌦ l-operaturi ⌫ ⇨ tas-sistemi tal-ħżin jew l-operaturi tal-

faċilitajiet tal-ħżin tal-idroġenu ⇦ li jiffurmaw parti minn impriżi integrati vertikalment, għandhom ikunu indipendenti, mill-anqas fejn jidħlu l-forma ġuridika, l-organizzazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, minn attivitajiet oħra li ma jkunux relatati mat-trażmissjoni, mad-distribuzzjoni ⇨ , mat-trasport ⇦ u mal-ħżin ⇨ tal-gassijiet ⇦ .

Dan l-Artikolu għandu japplika biss għall-faċilitajiet tal-ħżin ⇨ tal-gass naturali ⇦ li huma meħtieġa teknikament u/jew ekonomikament għal aċċess effiċjenti għas-sistema għall-provvista tal-klijenti skont l-Artikolu 2933.

2. Biex tkun żgurata l-indipendenza ta' sid is-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew tan-network tal-idroġenu ⇦ u tal-operatur tas-sistema tal-ħżin ⇨ jew tal-ħżin tal-idroġenu ⇦ imsemmija fl-ewwel paragrafu, ~~il-paragrafu 1,~~ għandhom japplikaw il-kriterji minimi li ġejjin:

(a) il-persuni responsabbli għall-ġestjoni ta' sid is-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew in-network tal-idroġenu ⇦ , u s-sistema tal-ħżin ⇨ jew il-ħżin tal-idropenu ⇦ ma jistgħux jieħdu sehem fl-istrutturi korporattivi tal-impriża integrata tal-gass naturali responsabbli direttament jew indirettament għall-operazzjoni ta' kuljum tal-produzzjoni u tal-provvista ~~tal-gass naturali~~ ⇨ tal-gassijiet ⇦;

(b) għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex ikun żgurat li l-interessi professjonali tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni ta' sid is-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew tan-network tal-idroġenu ⇦ u tal-operatur tas-sistema tal-ħżin ⇨ jew tal-ħżin tal-idroġenu ⇦ jitqiesu b'mod li jiżgura li jkunu kapaċi jaġixxu b'mod indipendenti;

(c) l-operatur tas-sistema tal-ħżin ⇨ jew tal-ħżin tal-idroġenu ⇦ għandu jkollu drittijiet deċiżjonali effettivi, indipendentement mill-impriża integrata tal-gass naturali, rigward l-assi meħtieġa għall-operazzjoni, il-manutenzjoni jew l-iżvilupp tal-faċilitajiet tal-ħżin~~. D~~; dan ma għandux jeskludi l-eżistenza ta' mekkaniżmi xierqa tal-koordinazzjoni li jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet ta' superviżjoni ekonomika u amministrattiva tal-kumpanija ewlenija fir-rigward tal-qligħ mill-assi, regolati indirettament f'konformità mal-Artikolu 7241(7) f'kumpanija sussidjarja~~.~~ ~~B'mod partikolari, dan~~ ⌦ ; dan ⌫ għandu jippermetti ⌦ b'mod partikolari ⌫ li l-kumpanija ewlenija tapprova l-pjan finanzjarju annwali, xi strument ekwivalenti, tal-operatur tas-sistema tal-ħżin ⇨ jew tal-ħżin tal-idroġenu ⇦ u li tistabbilixxi limiti globali għal-livelli tad-dejn tal-kumpanija sussidjarja tagħha;~~.~~ d~~D~~an ma għandux jippermetti li l-kumpanija ewlenija tagħti struzzjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' kuljum, lanqas b'rabta ma' deċiżjonijiet individwali dwar il-kostruzzjoni jew l-aġġornament tal-faċilitajiet tal-ħżin, li ma jaqbżux it-termini tal-pjan finanzjarju approvat, jew xi strument ekwivalenti ieħor; ~~u~~

(d) sid is-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew tan-network tal-idroġenu ⇦ u l-operatur tas-sistema tal-ħżin ⇨ jew tal-ħżin tal-idroġenu ⇦ għandhom jistabbilixxu programm tal-konformità, li ⌦ għandu ⌫ jistabbilixxi l-miżuri meħuda biex ikun żgurat li ma jkunx hemm imġiba diskriminatorja, u biex ikun żgurat monitoraġġ xieraq tal-osservanza tiegħu~~. Il-programm tal-konformità~~ ⌦ ; dan ⌫ għandu ⌦ wkoll ⌫ jistabbilixxi l-obbligi speċifiċi tal-impjegati biex jintlaħqu dawk l-objettivi;~~.~~ r~~R~~apport annwali, li jistabbilixxi l-miżuri meħuda, għandu jiġi ppreżentat mill-persuna jew mill-korp responsabbli mill-monitoraġġ tal-programm tal-konformità lill-awtorità regolatorja u għandu jiġi ppubblikat.

3. Il-Kummissjoni ~~tista'~~ ⇨ għandha s-setgħa li ⇦ tadotta ⇨ atti delegati f'konformità mal-Artikolu 83 li jissupplimentaw lil din id-Direttiva biex tistabbilixxi ⇦~~L~~linji gwida biex tiżgura konformità sħiħa u effettiva ta' sid is-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew tan-network tal-idroġenu ⇦ u tal-operatur tas-sistema tal-ħżin ⇨ jew tal-ħżin tal-idroġenu ⇦ mal-paragrafu 2

ta' dan l-Artikolu. ~~Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissuplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 51(3).~~

## ~~KAPITOLU IV~~

## TAQSIMA 3

## ~~OPERATUR~~⌦ OPERATURI ⌫ INDIPENDENTI TAT-TRAŻMISSJONI

*Artikolu 57~~17~~*

**Assi, tagħmir, persunal u identità**

1. L-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni għandu jkollhom ir-riżorsi umani, tekniċi, fiżiċi u finanzjarji kollha meħtieġa biex jaqdu l-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva u jwettqu l-attività tat-trażmissjoni tal-gass, b'mod partikolari:

(a) assi li huma meħtieġa għall-attività tat-trażmissjoni tal-gass, inkluż is-sistema tat-trażmissjoni, għandhom ikunu l-proprjetà tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni;

(b) persunal meħtieġ għall-attività tat-trażmissjoni tal-gass, inkluż il-prestazzjoni tal-kompiti korporattivi kollha, għandhom jiġu impjegati mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni;

(c) it-tislif tal-persunal u l-għoti tas-servizzi, lil u mingħand xi parti oħra tal-impriża integrata vertikalment għandhom jiġu pprojbiti. Iżda, operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jista' jagħti servizzi lill-impriża integrata vertikalment, diment li:

(i) l-għoti ta' dawn is-servizzi ma jiddiskriminax kontra l-utenti tas-sistemi, hu disponibbli għall-utenti kollha tas-sistemi bl-istess termini u kundizzjonijiet, u ma jirrestrinġix, ma joħloqx distorsjonijiet jew ma jipprevjenix il-kompetizzjoni tal-produzzjoni jew tal-provvista; ~~u~~

(ii) it-termini u l-kundizzjonijiet tal-għoti ta' dawn is-servizzi jkunu approvati mill-awtorità regolatorja;

(d) mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet tal-Korp Superviżorju skont l-Artikolu 60~~20~~, riżorsi finanzjarji xierqa għall-proġetti futuri tal-investiment ~~u/~~jew għas-sostituzzjoni tal-assi eżistenti għandhom ikunu disponibbli għall-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni fiż-żmien dovut mill-impriża integrata vertikalment wara talba xierqa mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni.

2. L-attività tat-trażmissjoni tal-gass għandha mill-anqas tinkludi l-kompiti li ġejjin flimkien ma' dawk elenkati fl-Artikolu 35~~13~~:

(a) ir-rappreżentanza tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni u kuntatti lil partijiet terzi u l-awtoritajiet regolatorji;

(b) ir-rappreżentanza tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni fin-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi tat-Trażmissjoni tal-Gass (ENTSO tal-Gass);

(c) l-għoti u l-ġestjoni tal-aċċess ta' partijiet terzi b'mod nondiskriminatorju bejn l-utenti tas-sistema jew il-klassijiet tal-utenti tas-sistema;

(d) il-ġbir tal-imposti kollha relatati mas-sistema tat-trażmissjoni, inkluż l-imposti tal-aċċess, l-imposti tal-ibbilanċjar għas-servizzi anċillari bħat-trattament tal-gass u x-xiri tas-servizzi (kostijiet tal-ibbilanċjar, enerġija għat-telf);

(e) l-operazzjoni, il-manutenzjoni u l-żvilupp ta' sistema sigura, effikaċi u ekonomika tat-trażmissjoni;

(f) ippjanar fl-investiment li jiżgura l-abbiltà fit-tul tas-sistema li tissodisfa domanda raġonevoli u tiżgura s-sigurtà tal-provvista;

(g) l-istabbiliment ta' impriżi konġunti adegwati, inkluż ma' operatur wieħed jew bosta tas-sistemi tat-trażmissjoni, skambji tal-gass, u attivitajiet rilevanti oħra bl-objettiv li jiġi żviluppat il-ħolqien ta' swieq reġjonali jew jeħfief il-proċess tal-liberalizzazzjoni; ~~u~~

(h) is-servizzi korporattivi kollha, inkluż is-servizzi legali, tal-kontabbiltà u tal-IT.

3. L-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni għandhom ikunu organizzati b'forma legali kif imsemmi fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ~~tal-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE~~[39].

4. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ma għandux joħloq konfużjoni fl-identità, fil-komunikazzjoni u fl-immarkar korporattiv u fl-istabbiliment tiegħu, rigward l-identità separata tal-impriża integrata vertikalment jew ta' xi parti minnha.

5. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni la għandu jikkondividi sistemi jew tagħmir tal-IT, stabbilimenti fiżiċi u sistemi tal-aċċess tas-sigurtà ma' xi parti tal-impriża integrata vertikalment, u lanqas ma għandu juża l-istess konsulenti jew kuntratturi esterni għas-sistemi jew it-tagħmir tal-IT u għas-sistemi tal-aċċess tas-sigurtà.

6. Il-kontijiet tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni għandhom jiġu awditjati minn awditur li ma jkunx dak li jawditja lill-impriża integrata vertikalment jew lil xi parti minnha.

*Artikolu 58~~18~~*

**Indipendenza tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet tal-membri tal-Korp Superviżorju skont l-Artikolu 60~~20~~, l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jkollu:

(a) drittijiet deċiżjonali effettivi, indipendenti mill-impriża integrata vertikalment, rigward l-assi meħtieġa għall-operazzjoni, il-manutenzjoni jew l-iżvilupp tas-sistema tat-trażmissjoni; ~~u~~

(b) is-setgħa li jikseb il-fondi fis-suq kapitali b'mod partikolari b'self u b'żieda kapitali.

2. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu fi kwalunkwe ħin jaġixxi biex jiżgura li jkollu r-riżorsi meħtieġa biex iwettaq sew u b'mod effiċjenti l-attività tat-trażmissjoni u jiżviluppa u jmantni sistema effiċjenti, sigura u ekonomika tat-trażmissjoni.

[39] ~~L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE tad-9 ta' Marzu 1968 dwar il-koordinament ta' salvagwardji li, għall-finijiet tal-protezzjoni tal-interessi tal-membri u ta' oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri mingħand kumpaniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, bil-għan li dawn is-salvagwardji jsiru ekwivalenti mal-Komunità kollha (ĠU L 65, 14.3.1968, p. 8).~~

3. Is-sussidjarji tal-impriża integrata vertikalment li twettaq funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-provvista ma għandu jkollhom l-ebda sehem dirett jew indirett fl-ishma tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni la għandu jkollu sehem dirett jew indirett fl-ishma ta' xi sussidjarja tal-impriża integrata vertikalment li twettaq xi waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-provvista, u lanqas ma għandu jirċievi dividendi jew xi benefiċċju finanzjarju ieħor mingħand dik is-sussidjarja.

4. L-istruttura ġenerali tal-ġestjoni u l-istatuti korporattivi tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandhom jiżguraw l-indipendenza effettiva tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni f'konformità ma' dan il-Kapitolu. L-impriża integrata vertikalment ma għandhiex tiddetermina direttament jew indirettament l-imġiba kompetittiva tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni b'rabta mal-attivitajiet ta' kuljum tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni u l-ġestjoni tan-network, jew b'rabta mal-attivitajiet meħtieġa għat-tħejjija tal-pjan tal-żvilupp tan-networks ta' għaxar snin żviluppat skont l-Artikolu 51~~22~~.

5. Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom ⌦ elenkati ⌫ fl-Artikolu 35~~13~~ u fl-Artikolu 57~~17~~(2) ta' din id-Direttiva, u f'konformità mal-Artikolu 15~~13~~(1), l-Artikolu 5~~14~~(1)(a), l-Artikolu 9~~16~~(2), (3) u (5), l-Artikolu 30~~18~~(6) u l-Artikolu 12~~21~~(1) ~~tar-Regolament (KE) Nru 715/2009~~ ⌦ ta' [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost b'COM(2021) xxx] ⌫, l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni ma għandhomx jiddiskriminaw kontra persuni jew entitajiet differenti u ma għandhomx jirrestrinġu, joħolqu distorsjonijiet jew jipprevjenu l-kompetizzjoni tal-produzzjoni jew tal-provvista.

6. Kull relazzjoni kummerċjali u finanzjarja bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, inkluż is-self mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni lill-impriża integrata vertikalment, għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet tas-suq. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jżomm rekords dettaljati ta' dawn ir-relazzjonijiet kummerċjali u finanzjarji u jagħmilhom disponibbli lill-awtorità regolatorja meta jintalab.

7. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jippreżenta għall-approvazzjoni tal-awtorità regolatorja kull ftehim kummerċjali u finanzjarju mal-impriża integrata vertikalment.

8. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jinforma lill-awtorità regolatorja bir-riżorsi finanzjarji, imsemmija fl-Artikolu 57~~17~~(1), il-punt (d), disponibbli għall-proġetti futuri tal-investiment ~~u/~~jew għas-sostituzzjoni ta' assi eżistenti.

9. L-impriża integrata vertikalment ma għandha twettaq l-ebda azzjoni li xxekkel jew tippreġudika lill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu f'dan il-Kapitolu u ma għandhiex teżiġi li l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jitlob il-permess tal-impriża integrata vertikalment biex jikkonforma ma' dawn l-obbligi.

10. Impriża ċċertifikata mill-awtorità regolatorja bħala konformi mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu għandha tiġi approvata u deżinjata bħala operatur tas-sistema tat-trażmissjoni mill-Istat Membru kkonċernat. Għandha tapplika l-proċedura taċ-ċertifikazzjoni tal-Artikolu 65~~10~~ ta' din id-Direttiva u l-Artikolu 13~~3~~ tar-Regolament (KE) Nru 715/2009 jew tal-Artikolu 66~~11~~ ta' din id-Direttiva.

⇩ ġdid

11. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jippubblika informazzjoni dettaljata dwar il-kwalità tal-gassijiet trasportati fin-networks tiegħu, abbażi tal-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) 2015/703.

🡻 2009/73/KE (adattat)

*Artikolu 5919*

**Indipendenza tal-persunal u tal-amministrazzjoni tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni**

1. Id-deċiżjonijiet dwar il-ħatriet u it-tiġdid, il-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż ir-remunerazzjoni, u t-terminazzjoni tal-kariga tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew tal-membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jeħodhom il-Korp Superviżorju tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni maħtur skont l-Artikolu 6020.

2. L-identità u l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-mandat, it-tul taż-żmien u t-terminazzjoni tal-kariga tal-persuni nominati mill-Korp Superviżorju għall-ħatra jew it-tiġdid bħala persuni responsabbli mill-ġestjoni eżekuttiva u/jew bħala membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, u r-raġunijiet għal kull deċiżjoni proposta li tittermina kariga bħal din, għandhom jiġi notifikati lill-awtorità regolatorja. Dawn il-kundizzjonijiet u d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru vinkolanti biss jekk l-awtorità regolatorja ma tkunx oġġezzjonat għalihom fi żmien tliet ġimgħat wara ⌦ n-⌫notifika,.

L-awtorità regolatorja tista' toġġezzjona għad-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1:

(a) jekk iqumu dubji dwar l-indipendenza professjonali ta' persuna nominata responsabbli mill-ġestjoni u/jew membru tal-korpi amministrattivi; jew

(b) fil-każ ta' terminazzjoni prematura ta' kariga, jekk jeżistu dubji rigward il-ġustifikazzjoni ta' tali terminazzjoni prematura.

3. Ma għandha tiġi eżerċitata l-ebda pożizzjoni jew responsabbiltà professjonali u l-ebda relazzjoni ta' interess jew kummerċjali, direttament jew indirettament, mal-impriża integrata vertikalment jew ma' xi parti tagħha jew mal-azzjonisti fil-kontroll tagħha, għajr l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, għal perjodu ta' tliet snin qabel il-ħatra tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew il-membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni li huma soġġetti għal dan il-paragrafu.

4. Il-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew il-membri tal-korpi amministrattivi, u l-impjegati tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ma għandux ikollhom xi pożizzjoni jew responsabbiltà professjonali, relazzjoni ta' interess jew kummerċjali, direttament jew indirettament, ma' xi parti oħra tal-impriża integrata vertikalment jew mal-azzjonisti fil-kontroll tagħha.

5. Il-persuni responsabbli mill-ġestjoni ~~u~~/jew il-membri tal-korpi amministrattivi, u l-impjegati tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ma għandux ikollhom xi interess fi jew jirċievu xi benefiċċju finanzjarju, direttament jew indirettament, mingħand xi parti tal-impriża integrata vertikalment, għajr l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni. Ir-remunerazzjoni tagħhom ma għandhiex tkun tiddependi fuq l-attivitajiet jew fuq ir-riżultati tal-impriża integrata vertikalment, għajr dawk tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni.

6. Id-drittijiet effettivi għal appell lill-awtorità regolatorja għandhom ikunu żgurati għal kull ilment mill-persuni responsabbli mill-ġestjoni ~~u~~/jew il-membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni kontra t-terminazzjonijiet prematuri tal-kariga tagħhom.

7. Wara t-terminazzjoni tal-kariga tagħhom fl-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, il-persuni responsabbli mill-ġestjoni tiegħu ~~u~~/jew il-membri tal-korpi amministrattivi tiegħu ma għandux ikollhom xi pożizzjoni jew responsabbiltà professjonali, relazzjoni ta' interess jew kummerċjali ma' xi parti tal-impriża integrata vertikalment, għajr l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, jew mal-azzjonisti fil-kontroll tagħha għal perjodu ta' mhux anqas minn erba' snin.

8. Il-paragrafu 3 għandu japplika għall-maġġoranza tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni ~~u~~/jew il-membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni.

Il-persuni responsabbli għall-ġestjoni ~~u~~/jew il-membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni li mhumiex soġġetti għall-paragrafu 3, ma għandhom ikunu eżerċitaw l-ebda attività tal-ġestjoni jew attività rilevanti oħra fl-impriża integrata vertikalment għal perjodu ta' mill-anqas sitt xhur qabel il-ħatra tagħhom.

L-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u l-paragrafi 4 sa 7 għandhom ikunu applikabbli għall-persuni kollha li jappartjenu għall-ġestjoni eżekuttiva u għal dawk li jirrappurtaw għalihom direttament dwar materji relatati mal-operazzjoni, mal-manutenzjoni jew mal-iżvilupp tan-network.

*Artikolu 60~~20~~*

**Korp Superviżorju**

1. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jkollu Korp Superviżorju inkarigat biex jieħu deċiżjonijiet li jaf iħallu impatt sinifikattiv fuq il-valur tal-assi tal-azzjonisti fl-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, b'mod partikolari deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet finanzjarji annwali u fit-tul, il-livell tad-djun tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, u l-ammont tad-dividendi mqassma lill-azzjonisti. Id-deċiżjonijiet li jkunu fil-kompetenza tal-Korp Superviżorju għandhom jeskludu lil dawk relatati mal-attivitajiet ta' kuljum tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni u mal-ġestjoni tan-network, u b'rabta mal-attivitajiet meħtieġa għat-tħejjija tal-pjan tal-iżvilupp tan-networks ta' għaxar snin żviluppat skont l-Artikolu 51~~22~~.

2. Il-Korp Superviżorju għandu jkun magħmul minn membri li jirrappreżentaw lill-impriża integrata vertikalment, minn membri li jirrappreżentaw lill-azzjonisti li huma parti terza u, meta l-leġiżlazzjoni rilevanti ta' Stat Membru hekk tistipula, minn membri li jirrappreżentaw lil partijiet interessati oħra bħall-impjegati tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni.

3. ~~L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu~~L-Artikolu 59~~19~~(2), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 59~~19~~(3) sa (7) għandhom japplikaw mill-anqas għal nofs il-membri tal-Korp Superviżorju ħlief wieħed.

L-Artikolu 59~~19~~(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), għandu japplika għall-membri kollha tal-Korp Superviżorju.

*Artikolu 61~~21~~*

**Programm ta' konformità u uffiċjal tal-konformità**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jistabbilixxu programm ta' konformità li jistabbilixxi l-miżuri meħuda biex jiżguraw l-esklużjoni ta' kull imġiba diskriminatorja u monitoraġġ xieraq tal-konformità ma' dan il-programm. Il-programm tal-konformità għandu jistabbilixxi l-obbligi speċifiċi tal-impjegati biex jintlaħqu dawk l-objettivi. Dan għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-regolatur nazzjonali, il-konformità mal-programm għandha tiġi monitorjata b'mod indipendenti minn uffiċjal tal-konformità.

2. L-uffiċjal tal-konformità għandu jaħtru l-Korp Superviżorju, soġġett għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja. L-awtorità regolatorja tista' tirrifjuta l-approvazzjoni tal-uffiċjal tal-konformità biss f'każ ta' nuqqas ta' indipendenza jew kapaċità professjonali. L-uffiċjal tal-konformità jista' jkun persuna fiżika jew ġuridika. L-Artikolu 59~~19~~(2) sa (8) għandu japplika għall-uffiċjal tal-konformità.

3. L-uffiċjal tal-konformità għandu jkun inkarigat:

(a) jissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm tal-konformità;

(b) jelabora rapport annwali, li jinkludi l-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni tal-programm tal-konformità u jippreżentah lill-awtorità regolatorja;

(c) jirrapporta lill-Korp Superviżorju u joħroġ rakkomandazzjonijiet dwar il-programm tal-konformità u l-implimentazzjoni tiegħu;

(d) jinnotifika lill-awtorità regolatorja dwar kull ksur sostanzjali rigward l-implimentazzjoni tal-programm tal-konformità; ~~u~~

(e) jirrapporta lill-awtorità regolatorja dwar kull relazzjoni kummerċjali u finanzjarja bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni.

4. L-uffiċjal tal-konformità għandu jippreżenta d-deċiżjonijiet proposti dwar il-pjan tal-investiment jew dwar investimenti individwali fin-network lill-awtorità regolatorja. Dan għandu jseħħ l-aktar tard meta d-diriġenti ~~u~~/jew il-korp amministrattivi kompetenti tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jippreżentahom lill-Korp Superviżorju.

5. Meta l-impriża integrata vertikalment, fl-assemblea ġenerali jew bil-vot tal-membri tal-Korp Superviżorju li tkun ħatret, tkun evitat l-adozzjoni ta' deċiżjoni bl-effett ta' waqfien jew dewmien tal-investimenti, li skont il-pjan tal-iżvilupp tan-networks ta' għaxar snin kellhom isiru tul it-tliet snin ta' wara, l-uffiċjal tal-konformità għandu jirrapporta dan lill-awtorità regolatorja, li mbagħad għandha taġixxi f'konformità mal-Artikolu 51~~22~~.

6. Il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-mandat jew il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-uffiċjal tal-konformità, inkluż it-tul tal-mandat ⌦ tiegħu ⌫ ~~tiegħu~~, għandhom ikunu

soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiżguraw l-indipendenza tal-uffiċjal tal-konformità, inkluż billi jingħata r-riżorsi kollha meħtieġa biex jaqdi ⌦ d-doveri tiegħu ⌫ ~~dmirijietu~~. Tul il-mandat ~~tiegħu~~ ⌦ tiegħu ⌫, l-uffiċjal tal-konformità ma għandu jkollu l-ebda pożizzjoni, responsabbiltà jew interess professjonali, direttament jew indirettament, fi jew mal-kumpanija integrata vertikalment, xi parti minnha jew l-azzjonisti li jikkontrollawha.

7. L-uffiċjal tal-konformità għandu jirrapporta regolarment oralment jew bil-miktub lill-awtorità regolatorja, u għandu jkollu d-dritt li jirrapporta regolarment oralment jew bil-miktub lill-Korp Superviżorju tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni.

8. L-uffiċjal tal-konformità jista' jattendi l-laqgħat kollha tad-diriġenti jew tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, u dawk tal-Korp Superviżorju u l-assemblea ġenerali. L-uffiċjal tal-konformità għandu jattendi l-laqgħat kollha li jindirizzaw il-materji li ġejjin:

(a) il-kundizzjonijiet tal-aċċess għan-network, kif definit ~~fir-Regolament (KE) Nru 715/2009~~ ⌦ fi [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost b'COM(2021) xxx] ⌫ , b'mod partikolari rigward it-tariffi, is-servizzi tal-aċċess ta' partijiet terzi, l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni, it-trasparenza, l-ibbilanċjar u s-swieq sekondarji;

(b) proġetti mibdija li joperaw, imantnu u jiżviluppaw is-sistema tat-trażmissjoni, inkluż investimenti f'konnessjonijiet ġodda tat-trasport, fl-espansjoni tal-kapaċità u fl-ottimizzazzjoni tal-kapaċità eżistenti;

(c) ix-xiri jew il-bejgħ tal-enerġija meħtieġa għall-operazzjoni tas-sistema tat-trażmissjoni.

9. L-uffiċjal tal-konformità għandu jimmonitorja l-konformità tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni mal-Artikolu 36~~16~~.

10. L-uffiċjal tal-konformità għandu jkollu aċċess għad-*data* rilevanti kollha u għall-uffiċċji tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni u l-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu.

11. Bl-approvazzjoni bil-quddiem tal-awtorità regolatorja, il-Korp Superviżorju jista' jneħħi mill-kariga lill-uffiċjal tal-konformità. Għandu jneħħi lill-uffiċjali tal-konformità għal raġunijiet ta' nuqqas ta' indipendenza jew kapaċità professjonali, meta jintalab mill-awtorità regolatorja.

12. L-uffiċjal tal-konformità għandu jkollu aċċess għall-uffiċċji tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni mingħajr avviż minn qabel.

---

⇩ ġdid

## TAQSIMA 4

## SEPARAZZJONI TAL-OPERATURI TAN-NETWORKS DEDIKATI TAL-IDROĠENU

*Artikolu 62*

**Separazzjoni tal-operaturi tan-networks tal-idroġenu**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li minn [tmiem il-perjodu tat-traspożizzjoni+sena (1)], l-operaturi tan-networks tal-idroġenu jiġu separati

f'konformità mar-regoli tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni tal-gass naturali stabbiliti fl-Artikolu 54(1) sa (3).

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, tal-Artikoli 42 u 54, u tal-Artikoli 35 u 43 tad-Direttiva (UE) 2019/944, "produzzjoni jew provvista" għandha tinkludi l-produzzjoni u l-provvista tal-idroġenu, u "trażmissjoni" għandha tinkludi t-trasport tal-idroġenu.

3. Jekk, fi [dħul fis-seħħ], in-network tal-idroġenu kien il-proprjetà ta' impriża integrata vertikalment, Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafu 1. F'dak il-każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddeżinja operatur indipendenti tan-network tal-idroġenu, separat f'konformità mar-regoli tal-operaturi indipendenti tas-sistemi tal-gass naturali stabbiliti fl-Artikolu 55. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu u l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni tal-gass, separati f'konformità mal-Artikolu 54(1), jistgħu jaġixxu bħala operatur indipendenti tan-networks tal-idroġenu, soġġetti għar-rekwiżiti skont l-Artikolu 63.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2030, l-Istat Membru jista' jiddeżinja operatur tan-network integrat tal-idroġenu li jkun separat f'konformità mar-regoli tal-operaturi indipendenti tat-trażmissjoni tal-gass naturali stabbiliti fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu IX. Din id-deżinjazzjoni għandha tiskadi sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2030.

5. Ir-regoli applikabbli għall-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni stabbiliti fl-Artikolu 66 għandhom japplikaw għall-operaturi tan-networks tal-idroġenu.

*Artikolu 63*

**Separazzjoni orizzontali tal-operaturi tan-networks tal-idroġenu**

Meta operatur tan-network tal-idroġenu jkun parti minn impriża attiva fit-trażmissjoni jew fid-distribuzzjoni tal-gass naturali jew tal-elettriku, dan għandu jkun indipendenti mill-inqas mil-lat tal-forma ġuridika tiegħu.

*Artikolu 64*

**Separazzjoni tal-kontijiet għall-operaturi tas-sistemi tal-idroġenu**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontijiet tal-operaturi tas-sistemi tal-idroġenu jinżammu f'konformità mal-Artikolu 69.

---

| ↓ 2009/73/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

## TAQSIMA 5

## ⌦DEŻINJAZZJONI U ĊERTIFIKAZZJONI TAL-OPERATURI TAN-NETWORKS TAL-GASS NATURALI U TAL-IDROĠENU ⌫

*Artikolu 65~~10~~*

**Deżinjazzjoni u ċertifikazzjoni tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni ⌦ u tal-operaturi tan-networks tal-idroġenu ⌫**

1. Qabel ma impriża tkun approvata u deżinjata bħala operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew operatur tan-network tal-idroġenu ⇦ , din għandha tiġi ċċertifikata f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-paragrafi 4, 5 u 6 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 13~~3~~ ta' ~~ir-Regolament (KE) Nru 715/2009~~ ⌦ [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost b'COM(2021) xxx] ⌫ .

2. L-impriżi ~~proprjetarji tas-sistema ta' trażmissjoni u~~ li ġew iċċertifikati mill-awtorità regolatorja ~~nazzjonali~~ li kkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 54~~9~~ ⇨ jew 62 ⇦ , f'konformità mal-proċedura taċ-ċertifikazzjoni, għandhom jiġu approvati u deżinjati bħala operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni ⇨ jew operaturi tan-networks tal-idroġenu ⇦ mill-Istati Membri. Id-deżinjazzjoni tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni ⇨ u tal-operaturi tan-networks tal-idroġenu ⇦ għandha tiġi notifikata lill-Kummissjoni u ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3. ~~L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni~~ ⇨ L-impriżi ċċertifikati ⇦ għandhom jinnotifikaw lill-awtorità regolatorja dwar kull tranżazzjoni ppjanata li jaf ikollha bżonn rivalutazzjoni tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tal-Artikolu 54~~9~~ ⇨ jew tal-Artikolu 62 ⇦ .

4. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jimmonitorjaw il-konformità kontinwa ~~tal-operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni~~ ⇨ tal-impriżi ċċertifikati ⇦ mar-rekwiżiti tal-Artikolu 54~~9~~ ⇨ jew tal-Artikolu 62 ⇦. Dawn għandhom jibdew proċedura taċ-ċertifikazzjoni biex jiżguraw dik il-konformità:

(a) man-notifika ~~mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni taħt~~ ⇨ mill-impriża ċċertifikata skont ⇦ il-paragrafu 3;

(b) b'inizjattiva tagħhom stess meta jkollhom tagħrif li bidla ppjanata fid-drittijiet jew fl-influwenza fuq ~~proprjetarji ta' sistema ta' trażmissjoni jew operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni~~ ⇨ impriżi ċċertifikati jew sidien tas-sistemi tat-trażmissjoni ⇦ tista' twassal għal ksur tal-Artikolu 54~~9~~ ⇨ jew tal-Artikolu 62 ⇦ jew meta jkollhom raġuni biex jemmnu li seta' seħħ ksur bħal dak; jew

(c) wara talba motivata tal-Kummissjoni.

5. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jadottaw deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ tal-gass naturali ⇦⇨ jew tal-operatur tan-network tal-idroġenu ⇦ fi żmien ~~perjodu ta' erba' xhur~~ ⇨ 100 jum tax-xogħol ⇦ mid-data tan-notifika mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ tal-gass naturali ⇦ ⇨ jew mill-operatur tan-network tal-idroġenu, ⇦ jew mid-data tat-talba tal-Kummissjoni. Wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu, iċ-ċertifikazzjoni għandha titqies mogħtija. Id-deċiżjoni espliċita jew taċita tal-awtorità regolatorja għandha ssir effettiva biss wara l-konklużjoni tal-proċedura prevista fil-paragrafu 6.

6. Id-deċiżjoni espliċita jew taċita dwar iċ-ċertifikazzjoni ~~ta' operatur tas-sistema tat-trażmissjoni~~ għandha tiġi notifikata mingħajr dewmien lill-Kummissjoni mill-awtorità regolatorja, flimkien mal-informazzjoni rilevanti kollha rigward id-deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha taġixxi f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13~~3~~ ~~tar-Regolament (KE) Nru 715/2009~~ ⌦ ta' [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost b'COM(2021) xxx] ⌫.

7. L-awtoritajiet regolatorji u l-Kummissjoni jistgħu jitolbu mingħand l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, ⇨ l-operaturi tan-networks tal-idroġenu ⇦ u l-impriżi li jwettqu xi waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-provvista, kull informazzjoni rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom f'konformità ma' dan l-Artikolu.

8. L-awtoritajiet regolatorji u l-Kummissjoni għandhom iħarsu l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sensittiva kummerċjalment.

*Artikolu 6611*

**Ċertifikazzjoni rigward il-pajjiżi terzi**

1. Meta tintalab ċertifikazzjoni minn sid ta' sistema tat-trażmissjoni, jew minn operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, ⇨ minn operatur tan-network tal-idroġenu jew minn sid in-network tal-idroġenu ⇦ li tkun ikkontrollata minn persuna/i minn pajjiż(i) terz(i), l-awtorità regolatorja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni.

L-awtorità regolatorja għandha wkoll tinnotifika lill-Kummissjoni minnufih dwar kull ċirkostanza li twassal biex persuna/i minn pajjiż(i) terz(i) jieħdu kontroll ta' sistema tat-trażmissjoni, jew ta' operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ , ta' network tal-idroġenu jew ta' operatur tan-network tal-idroġenu ⇦.

2. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew l-operatur tan-network tal-idroġenu ⇦ għandhom jinnotifikaw lill-awtorità regolatorja dwar kull ċirkostanza li twassal biex persuna/i minn pajjiż(i) terz(i) jieħdu kontroll tas-sistema tat-trażmissjoni jew tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni. ⇨ jew tan-network tal-idroġenu jew tal-operatur tan-network tal-idroġenu ⇦ .

3. L-awtorità regolatorja għandha tadotta abbozz ta' deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew ta' operatur tan-network tal-idroġenu ⇦ fi żmien erba' xhur ⇨ 100 jum tax-xogħol ⇦ mid-data tan-notifika mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew mill-operatur tan-network tal-idroġenu ⇦ . Għandha tirrifjuta ċ-ċertifikazzjoni jekk ikun għadu ma ntweriex:

(a) li l-entità kkonċernata tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 549 ⇨ jew tal-Artikolu 62 ⇦ ; u

(b) lill-awtorità regolatorja jew lil awtorità kompetenti oħra deżinjati mill-Istat Membru li l-għoti taċ-ċertifikazzjoni mhux se jpoġġi f'riskju s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Istat Membru u tal-Komunità ⌦ tal-Unjoni ⌫. Meta jqisu din il-kwistjoni, l-awtorità regolatorja jew xi awtorità kompetenti oħra deżinjata għal dan il-għan għandhom iqisu dawn li ġejjin:

(i) id-drittijiet u l-obbligi tal-Komunità ⌦ tal-Unjoni ⌫ rigward dak il-pajjiż terz li joħorġu mil-liġijiet internazzjonali, inkluż il-ftehimiet konklużi ma' pajjiż terz wieħed jew aktar li għalih l-Komunità ⌦ l-Unjoni ⌫ tkun parti, u li jindirizza l-kwistjonijiet tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija;

(ii) id-drittijiet u l-obbligi tal-Istat Membru fir-rigward ta' dak il-pajjiż terz li joħorġu mill-ftehimiet konklużi miegħu, sakemm dawn ikunu konformi mal-liġijiet Komunitarji ⌦ tal-Unjoni ⌫; u

(iii) fatti speċifiċi oħra u ċirkostanzi tal-każ u l-pajjiż terz ikkonċernat.

4. L-awtorità regolatorja għandha tinnotifika d-deċiżjoni lill-Kummissjoni mingħajr dewmien, flimkien mal-informazzjoni rilevanti kollha dwar dik id-deċiżjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-awtorità regolatorja u/jew l-awtorità kompetenti deżinjata msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (b), qabel ma l-awtorità

regolatorja tadotta deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni, titlob l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar jekk:

(a) l-entità kkonċernata tikkonformax mar-rekwiżiti tal-Artikolu 549 ⇨ jew tal-Artikolu 62 ⇦ ; u

(b) l-għoti taċ-ċertifikazzjoni hux se jqiegħed f'riskju s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Komunità ⌦ tal-Unjoni ⌫.

6. Il-Kummissjoni għandha teżamina t-talba msemmija fil-paragrafu 5 malli tirċeviha. Fi żmien ⇨ 50 jum tax-xogħol ⇦ xahrejn mill-wasla tat-talba, din għandha tagħti l-opinjoni tagħha lill-awtorità regolatorja nazzjonali jew, jekk it-talba tkun saret mill-awtorità kompetenti deżinjata, lil dik l-awtorità.

Waqt it-tħejjija tal-opinjoni, il-Kummissjoni tista' titlob il-fehmiet ⌦ tal-ACER ⌫ tal-Aġenzija, l-Istat Membru kkonċernat, u l-partijiet interessati. Jekk il-Kummissjoni tagħmel din it-talba, il-perjodu ta' xahrejn ⇨ 50 jum tax-xogħol ⇦ għandu jiġu estiż ⇨ b'50 jum tax-xogħol oħra ⇦ b'xahrejn.

Fin-nuqqas ta' opinjoni mill-Kummissjoni fi żmien il-perjodu msemmi fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, il-Kummissjoni għandha titqies li mhix toġġezzjona għad-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja.

7. Meta tkun qed tivvaluta jekk il-kontroll minn persuna/i minn pajjiż(i) terz(i) hux se jpoġġi f'riskju s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Komunità ⌦ tal-Unjoni ⌫, il-Kummissjoni għandha tqis dawn:

(a) il-fatti speċifiċi tal-każ u l-pajjiż(i) terz(i) kkonċernat(i); u

(b) id-drittijiet u l-obbligi tal-Komunità ⌦ tal-Unjoni ⌫ rigward dawk il-pajjiż(i) terz(i) li jirriżultaw mil-liġijiet internazzjonali, inkluż ftehim konkluż ma' pajjiż terz wieħed jew aktar li għalih il-Komunità ⌦ l-Unjoni ⌫ hija parti u li jindirizza l-materji tas-sigurtà tal-provvista.

8. L-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tadotta d-deċiżjoni finali tagħha dwar iċ-ċertifikazzjoni, fi żmien ⇨ 50 jum tax-xogħol ⇦ xahrejn mill-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 6. Fl-adozzjoni tad-deċiżjoni finali tagħha, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tqis bis-sħiħ l-opinjoni tal-Kummissjoni. Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jirrifjutaw ċertifikazzjoni meta l-għoti taċ-ċertifikazzjoni jkun ipoġġi fir-riskju s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Istat Membru jew is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija ta' Stat Membru ieħor. Meta l-Istat Membru jkun iddeżinja awtorità regolatorja oħra biex tivvaluta l-paragrafu 3, il-punt (b), dan jista' jeżiġi li l-awtorità regolatorja nazzjonali tadotta d-deċiżjoni finali tagħha f'konformità mal-valutazzjoni ta' dik l-awtorità kompetenti. Id-deċiżjoni finali tal-awtorità regolatorja u l-opinjoni tal-Kummissjoni għandhom jiġu ppubblikati flimkien. Meta d-deċiżjoni finali ma tkunx taqbel mal-opinjoni tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi u jippubblika, flimkien ma' dik id-deċiżjoni, ir-raġunament ta' dik id-deċiżjoni.

9. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jaffettwa d-dritt tal-Istati Membri li jeżerċitaw, f'konformità mal-liġijiet Komunitarji ⌦ tal-Unjoni ⌫ , kontrolli legali nazzjonali biex iħarsu interessi leġittimi tas-sigurtà pubblika.

10. Il-Kummissjoni tista' ⇨ għandha s-setgħa ⇦ tadotta ⇨ atti delegati f'konformità mal-Artikolu 83 biex tipprovdi ⇦ lLinji gwida li jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura li trid tintuża għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissuplimentawha,

~~għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 51(3).~~

11. ~~Dan l-Artikolu, bl-eċċezzjoni tal-punt (a) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għandu japplika wkoll għall-Istati Membri li huma suġġetti għal derogi taħt l-Artikolu 49~~

*Artikolu 67~~12~~*

**Deżinjazzjoni ta' ⌦ operaturi tal-ħżin tal-gass naturali ⌫ , tal-ħżin ⌦ tal-idroġenu, ⌫ ~~u~~ ⌦ tal-faċilitajiet tal-LNG u tat-terminals tal-idroġenu ⌫**

L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw, jew jeżiġu li l-impriżi ~~tal-gass naturali~~ li jkunu sidien ta' faċilitajiet tal-ħżin ⇨ tal-gass naturali ⇦⇨ , ta' ħżin tal-idroġenu, ⇦ ~~jew~~ ta' faċilitajiet tal-LNG ⇨ u ta' terminals tal-idroġenu ⇦ jiddeżinjaw, operatur wieħed, jew aktar, ~~tas-sistemi tal-ħażna u tal-LNG~~ ⇨ ta' dawn l-infrastrutturi ⇦, għal perjodu taż-żmien li jrid jiġi determinat mill-Istati Membri filwaqt li jqisu l-effiċjenza u l-bilanċ ekonomiku.

~~KAPITOLU VI~~

## TAQSIMA 6

## SEPARAZZJONI U TRASPARENZA TAL-KONTIJIET

*Artikolu 68~~30~~*

**Dritt ta' aċċess għall-kontijiet**

1. L-Istati Membri jew xi awtorità kompetenti deżinjata minnhom, inkluż l-awtoritajiet regolatorji msemmija fl-Artikolu 70~~39~~(1) u l-awtoritajiet għas-soluzzjoni tat-tilwim imsemmija fl-Artikolu 24~~34~~(3), għandhom, sakemm meħtieġ biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom, ikollhom dritt ta' aċċess għall-kontijiet tal-impriżi tal-gass naturali ⇨ u tal-idroġenu ⇦ kif stabbilit fl-Artikolu 71~~31~~.

2. L-Istati Membri u xi awtorità kompetenti deżinjata, inkluż l-awtoritajiet regolatorji msemmija fl-Artikolu 70~~39~~(1) u l-awtoritajiet għas-soluzzjoni tat-tilwim għandhom iħarsu l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sensittiva kummerċjalment. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu l-iżvelar ta' din l-informazzjoni meta dan ikun meħtieġ biex l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-funzjonijiet tagħhom.

*Artikolu 69~~31~~*

**Separazzjoni tal-kontijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-kontijiet tal-impriżi tal-gass naturali ⇨ u tal-idroġenu ⇦ jinżammu f'konformità mal-paragrafi 2 sa 5 ~~ta' dan l-Artikolu~~. ~~Fejn l-impriżi tal-gass naturali jibbenifikaw minn deroga minn din id-dispożizzjoni abbażi tal-Artikolu 49(2) u (4), għandhom għall-inqas iżommu l-kontijiet interni tagħhom konformement ma' dan l-Artikolu.~~

2. L-impriżi tal-gass naturali ⇨ u tal-idroġenu ⇦, irrispettivament mis-sistema tas-sjieda jew il-forma legali tagħhom, għandhom ifasslu, jissottomettu għall-awditjar u jippubblikaw il-kontijiet annwali tagħhom f'konformità mar-regoli tal-liġi nazzjonali dwar il-kontijiet annwali tal-kumpaniji b'responsabbiltà limitata adottata skont id-

Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40] konformement mar-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 ibbażata fuq l-Artikolu 44(2)(g)[41] tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji[42].

L-impriżi li mhumiex obbligati legalment li jippubblikaw il-kontijiet annwali tagħhom għandhom iżommu kopja tagħhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fl-uffiċċju ewlieni tagħhom.

3. L-impriżi tal-gass naturali għandhom iżommu, fil-kontijiet interni tagħhom, kontijiet separati għal kull waħda mill-attivitajiet tagħhom tat-trażmissjoni, tad-distribuzzjoni, tal-LNG ⇨, tat-terminals tal-idroġenu, ⇦ u tal-ħżin ⇨ tal-gass naturali u l-idroġenu, u tat-trasport tal-idroġenu ⇦ kif kienu jkunu meħtieġa jagħmlu kieku l-attivitajiet inkwistjoni kellhom iwettquhom impriżi separati, biex ikunu evitati d-diskriminazzjoni, is-sussidji inkroċjati u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni. Għandhom iżommu wkoll kontijiet, li jistgħu jiġu konsolidati, għal attivitajiet oħra tal-gass li mhumiex relatati mat-trażmissjoni, maid-distribuzzjoni, mal-LNG ⇨, mat-terminals tal-idroġenu, ⇦ u mal-ħżin ⇨ tal-gass naturali u l-idroġenu, u mat-trasport tal-idroġenu ⇦ . Sal-1 ta' Lulju 2007, għandhom iżommu kontijiet separati għall-attivitajiet tal-fornitura għall-klijenti eliġibbli u għall-attivitajiet tal-fornitura tal-klijenti mhux eliġibbli. L-introjtu mis-sjieda tan-network tat-trażmissjoni, jew tad-distribuzzjoni ⇨ jew tal-idroġenu ⇦ għandu jiġi speċifikat fil-kontijiet. Meta xieraq, għandhom iżommu kontijiet konsolidati għal attivitajiet oħra mhux tal-gass. Il-kontijiet interni għandhom jinkludu karta tal-bilanċ u rendikont tal-qligħ u t-telf għal kull attività.

4. L-awditjar, imsemmi fil-paragrafu 2, għandu jawditja, b'mod partikolari, l-osservanza tal-obbligu li jiġu evitati d-diskriminazzjoni u s-sussidji inkroċjati msemmi fil-paragrafu 3.

5. Fil-kontijiet interni tagħhom, l-impriżi għandhom jispeċifikaw ir-regoli dwar l-allokazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet, dwar l-infiq u l-introjtu, u dwar id-deprezzament, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali tal-kontabbiltà applikabbli, li jsegwu fit-tfassil tal-kontijiet separati msemmija fil-paragrafu 3. Dawn ir-regoli interni jistgħu jiġu emendati biss f'każijiet eċċezzjonali. Dawn l-emendi għandhom jissemmew u jiġu debitament sostanzjati.

6. Il-kontijiet annwali għandhom jindikaw fin-noti tagħhom kull tranżazzjoni ta' ċertu daqs mwettqa ma' impriżi relatati.

---

40 Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

41 It-Titolu tad-Direttiva 78/660/KEE ġie aġġustat biex jikkunsidra n-numerazzjoni mill-ġdid tal-Artikoli tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea skont l-Artikolu 12 tat-Trattat ta' Amsterdam; ir-referenza oriġinali kienet għall-Artikolu 54(3).

42 ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11.

# Kapitolu ~~VIII~~X

# Awtoritajiet Regolatorji ~~Nazzjonali~~

*Artikolu 70~~39~~*

**Deżinjazzjoni u indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji**

1. Kull Stat Membru għandu jiddeżinja awtorità regolatorja ~~nazzjonali~~ unika fil-livell nazzjonali.

2. Il-paragrafu 1 ~~ta' dan l-Artikolu~~ għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-deżinjazzjoni ta' awtoritajiet regolatorji oħra fil-livell reġjonali tal-Istati Membri, diment li jkun hemm rappreżentant għoli wieħed għall-finijiet ta' rappreżentanza u kuntatt fil-livell ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ fil-Bord tar-Regolaturi ~~tal-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija~~ ⌦ tal-ACER ⌫ f'konformità mal-Artikolu 7~~14~~(1) tar-Regolament ~~(KE) Nru 713/2009~~ ⌦ (UE) 2019/942⌫ .

3. B'deroga mill-paragrafu 1 ~~ta' dan l-Artikolu~~, Stat Membru jista' jiddeżinja awtoritajiet regolatorji għal sistemi żgħar f'reġjun ġeografikament separat li fis-sena 2008 kellu konsum ta' anqas minn 3% tal-konsum totali tal-Istat Membru li minnu jagħmel parti. Din id-deroga għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-ħatra ta' rappreżentant għoli wieħed għall-finijiet ta' rappreżentanza u kuntatt fil-livell ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ fil-Bord tar-Regolaturi ~~tal-Aġenzija~~ ⌦ tal-ACER ⌫ f'konformità mal-Artikolu 7~~14~~(1) tar-Regolament ~~(KE) Nru 713/2009~~ ⌦ (UE) 2019/942 ⌫ .

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji u għandhom jiżguraw li dawn jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod imparzjali u trasparenti. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fit-twettiq tal-kompiti regolatorji mogħtija lilha minn din id-Direttiva u mil-leġiżlazzjoni relatata, l-awtorità regolatorja:

   (a) tkun legalment distinta u funzjonalment indipendenti minn kull entità pubblika jew privata oħra;

   (b) tiżgura li l-persunal tagħha u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tagħha:

      (i) taġixxi b'mod indipendenti minn kull interess tas-suq; ~~u~~

      (ii) la titlob u lanqas tieħu struzzjonijiet diretti mingħand xi gvern jew entità pubblika jew privata oħra fit-twettiq tal-kompiti regolatorji. Dan ir-rekwiżit hu mingħajr preġudizzju għall-kooperazzjoni mill-qrib, meta xieraq, ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra jew għal linji gwida ta' politika ġenerali maħruġa mill-gvern ⌦ u ⌫ li ma jkunux relatati mad-dmirijiet u s-setgħat regolatorji skont l-Artikolu 72~~41~~.

5. Biex iħarsu l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji, l-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li:

   (a) l-awtorità regolatorja tista' tieħu deċiżjonijiet awtonomi, b'mod indipendenti minn kull korp politiku~~, u jkollhom allokazzjonijiet annwali baġitarji separati, b'awtonomija fl-implimentazzjoni tal-baġit allokat, u riżorsi umani u finanzjarji adegwati biex iwettqu l-kompiti tagħhom~~; u

⇩ ġdid

(b) l-awtorità regolatorja jkollha r-riżorsi umani u finanzjarji kollha meħtieġa biex twettaq il-kompiti u teżerċita s-setgħat tagħha b'mod effettiv u effiċjenti;

(c) l-awtorità regolatorja jkollha allokazzjoni annwali separata tal-baġit u awtonomija fl-implementazzjoni tal-baġit allokat;

(d) il-membri tal-bord tal-awtorità regolatorja jew, fin-nuqqas ta' bord, id-diriġenti superjuri tal-awtorità regolatorja, jinħatru għal perjodu fiss ta' ħamsa sa seba' snin, li jiġġedded darba.

---

🡻 2009/73/KE
⇨ ġdid

(~~c~~e) il-membri tal-bord tal-awtorità regolatorja jew, fin-nuqqas ta' bord, id-diriġenti superjuri tal-awtorità regolatorja, jinħatar ⇨ abbażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti u ppubblikati, bi proċedura indipendenti u imparzjali, li tiżgura li l-kandidati jkollhom il-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa għall-pożizzjoni rilevanti fl-awtorità regolatorja; ⇦ ~~għal perjodu fiss ta' ħames sa seba' snin, li jiġġedded darba~~;

---

⇩ ġdid

(f) id-dispożizzjonijiet dwar il-kunflitt ta' interess ikunu fis-seħħ u li l-obbligi tal-kunfidenzjalità jestendu lil hinn minn tmiem il-mandat tal-membri tal-bord tal-awtorità regolatorja jew, fin-nuqqas ta' bord, tad-diriġenti superjuri tal-awtorità regolatorja;

(g) il-membri tal-bord tal-awtorità regolatorja jew, fin-nuqqas ta' bord, id-diriġenti superjuri tal-awtorità regolatorja, jistgħu jitneħħew biss abbażi ta' kriterji trasparenti fis-seħħ;

(h) L-Istati Membri jistgħu jipprevedu kontroll *ex post* tal-kontijiet annwali tal-awtoritajiet regolatorji minn awditur indipendenti.

---

🡻 2009/73/KE

Fir-rigward ~~tal-punt (b)~~ tal-ewwel subparagrafu, il-punt (d), l-Istati Membri għandhom jiżguraw skema ta' rotazzjoni xierqa għall-bord jew id-diriġenti superjuri. Il-membri tal-bord jew, fin-nuqqas ta' bord, id-diriġenti superjuri jistgħu jitneħħew mill-kariga tagħhom tul il-mandat tagħhom biss jekk ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu jew jekk jinstabu ħatja ta' imġiba ħażina skont il-liġijiet internazzjonali .

⇩ ġdid

6. Sal-5 ta' Lulju 2022 u mbagħad kull erba' snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-konformità tal-awtoritajiet nazzjonali mal-prinċipju tal-indipendenza stabbilit f'dan l-Artikolu.

---

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu* ~~7140~~ 71~~40~~

**Objettivi ġenerali tal-awtoritajiet regolatorji**

Fit-twettiq tal-kompiti regolatorji speċifikati f'din id-Direttiva, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha biex jintlaħqu l-objettivi li ġejjin fil-qafas tad-doveri u s-setgħat tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 72~~41~~, b'konsultazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra, inkluż ma' awtoritajiet tal-kompetizzjoni ⇨ u awtoritajiet minn pajjiżi ġirien, inkluż pajjiżi terzi, ⇦ kif xieraq, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tagħhom, jiġifieri biex:

(a) b'kooperazzjoni mill-qrib ~~mal-Aġenzija,~~ mal-awtoritajiet regolatorji ta' Stati Membri oħra~~,~~ ~~u~~ il-Kummissjoni ⌦ u l-ACER ⌫ , jiġi promoss suq intern ⇨ flessibbli, ⇦ sigur u sostenibbli ambjentalment tal-gass naturali ⇨ , tal-gassijiet u l-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju ⇦ fi ħdan ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ , ~~u ftuħ effettiv tas-suq għall-konsumaturi u l-fornituri kollha tal-Komunità,~~ u jkunu żgurati kundizzjonijiet xierqa għal operazzjoni effettiva u affidabbli tan-networks tal-gass ⇨ naturali ⇦ ⇨ u tal-idroġenu ⇦ , filwaqt li jitqiesu l-objettivi fit-tul ⇨ , u b'hekk jikkontribwixxu għall-applikazzjoni konsistenti, effiċjenti u effettiva tal-liġi tal-Unjoni biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija ⇦ ;

(b) jiġu żviluppati swieq reġjonali ⇨ transfruntieri ⇦ kompetittivi u li jiffunzjonaw tajjeb ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫ biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fil-punt (a);

(c) jitneħħew restrizzjonijiet fuq il-kummerċ tal-gass naturali ⇨ u tal-idroġenu ⇦ bejn l-Istati Membri, inkluż ⇨ biex jitneħħew restrizzjonijiet minħabba differenzi fil-kwalità tal-gassijiet jew differenzi fil-volum tal-idroġenu mħallat fis-sistema tal-gass naturali jew minħabba differenzi fil-kwalità tal-idroġenu fis-sistema tal-idroġenu, ⇦ jiġu żviluppati kapaċitajiet xierqa tat-trażmissjoni ⇨ u/jew tat-trasport ⇦ transfruntieri biex tintlaħaq id-domanda u titjieb l-integrazzjoni tas-swieq nazzjonali ⇨ ħalli tkun żgurata l-interoperabbiltà tas-sistema interkonnessa tal-gass naturali tal-UE jew tas-sistema tal-idroġenu tal-Unjoni, ⇦ li jistgħu jiffaċilitaw il-flussi tal-gass naturali ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫;

(d) tingħata għajnuna biex jintlaħaq, bl-aktar mod kosteffettiv, jiġu żviluppati sistemi nondiskriminatorji siguri, affidabbli u effiċjenti li jkunu orjentati lejn il-konsumaturi, u tiġi promossa l-adegwatezza tas-sistema u, ~~skont~~ ⌦ f'konformità ⌫ mal-objettivi ta' politika ġenerali dwar l-enerġija ⇨ u l-klima ⇦ , l-effiċjenza enerġetika u l-integrazzjoni tal-produzzjoni fuq skala kbira u żgħira tal-gass minn sorsi ~~tal-enerġija~~ rinnovabbli u l-produzzjoni distribwita fin-networks tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni ⇨ u tiġi ffaċilitata l-operazzjoni tagħhom b'rabta ma' networks tal-enerġija oħra tal-elettriku u tas-sħana ⇦ ;

(e) jiġi ffaċilitat l-aċċess għan-network għal kapaċità tal-produzzjoni ġdida, b'mod partikolari biex jitneħħew l-ostakli li jistgħu jwaqqfu l-aċċess lil parteċipanti ġodda fis-suq u tal-gass ⇨ u tal-idroġenu ⇦ minn sorsi ~~tal-enerġija~~ rinnovabbli;

(f) ikun żgurat li l-operaturi u l-utenti tas-sistemi jingħataw inċentivi xierqa fl-immedjat u fit-tul biex iżidu l-effiċjenzi ⇨ , speċjalment l-effiċjenza enerġetika, ⇦ fil-prestazzjoni tas-sistema u jrawmu l-integrazzjoni tas-suq;

(g) ikun żgurat li l-klijenti jgawdu mill-funzjonament effiċjenti tas-suq nazzjonali tagħhom, tiġi promossa kompetizzjoni effettiva, u tingħata l-għajnuna biex tkun żgurata l-protezzjoni tal-konsumaturi ⇨ b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti tal-protezzjoni tal-konsumaturi ⇦ ;

(h) tingħata għajnuna biex jinkisbu standards għoljin tas-servizz pubbliku għall-gass naturali, jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-klijenti vulnerabbli, u jingħata kontribut għall-kompatibbiltà tal-proċessi tal-iskambju tad-*data* meħtieġa għall-qlib tal-klijenti bejn il-fornituri.

*Artikolu 72~~41~~*

**Dmirijiet u setgħat tal-awtorità regolatorja**

1. L-awtoritajiet regolatorji għandu jkollhom id-doveri li ġejjin:

(a) jiffissaw jew japprovaw, skont kriterji trasparenti, tariffi tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni, jew il-metodoloġiji tagħhom ⇨ , jew it-tnejn ⇦ ;

---

⇩ ġdid

(b) mill-1 ta' Jannar 2031 jew mid-data tal-applikazzjoni tal-Artikolu 31(1) ta' din id-Direttiva, li jiffissaw jew japprovaw, f'konformità ma' kriterji trasparenti, tariffi tal-aċċess għan-network tal-idroġenu jew il-metodoloġiji tagħhom, jew it-tnejn li huma;

(c) jiffissaw jew japprovaw, f'konformità ma' kriterji trasparenti, (i) id-daqs u t-tul taż-żmien tal-imposta dedikata msemmija fl-Artikolu 4 ta' [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx] jew il-metodoloġiji tagħhom jew it-tnejn li huma, (ii) il-valur tal-assi trasferiti u d-destinazzjoni ta' kull profitt u telf li jistgħu jseħħu minħabba dan, u (iii) l-allokazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-imposta dedikata;

---

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

(d~~b~~) jiżguraw il-konformità tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u ⇨ tal-operaturi tas-sistemi ⇦ tad-distribuzzjoni u, meta rilevanti, tas-sidien tas-sistemi, ⇨ l-operaturi tan-networks tal-idroġenu ⇦ kif ukoll kull impriża tal-gass naturali ⇨ u tal-idroġenu ⇦ ⇨ u parteċipanti oħra tas-suq, inkluż il-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini ⇦ , mal-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva ⇨ , [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx], il-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida adottati skont l-Artikoli 52 u 53 tar-Regolament tal-Gass, ir-Regolament (UE) 2017/1938 ⇦ u

skont leġiżlazzjoni rilevanti oħra ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫, inkluż rigward il-kwistjonijiet transfruntieri ⇨ , kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-ACER ⇦ ;

---

⇩ ġdid

(e) b'koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet regolatorji l-oħra, jiżguraw il-konformità tal-ENTSO tal-Gass, tal-entità tal-UE għad-DSO u l-ENNOH mal-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx], il-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida adottati skont l-Artikoli 52 sa 56 ta' [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx], u liġijiet rilevanti oħra tal-Unjoni, inkluż rigward il-kwistjonijiet transfruntieri, kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-ACER, u jidentifikaw b'mod konġunt in-nuqqas ta' konformità tal-ENTSO tal-Gass, tal-entità tal-UE għad-DSO u tal-ENNOH mal-obbligi rispettivi tagħhom; meta l-awtoritajiet regolatorji ma jkunx jistgħu jilħqu ftehim fi żmien erba' xhur mill-bidu tal-konsultazzjonijiet biex jidentifikaw b'mod konġunt in-nuqqas ta' konformità, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-ACER għal deċiżjoni, skont l-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942;

(f) jimmonitorjaw l-iżvilupp tal-kwalitajiet tal-gass u l-ġestjoni tal-kwalità tal-gass mill-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u, meta rilevanti, mill-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni, inkluż il-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-kostijiet relatati mal-ġestjoni tal-kwalità tal-gass mill-operaturi tas-sistemi u l-iżviluppi relatati mat-taħlit tal-idroġenu fis-sistema tal-gass naturali;

(g) jimmonitorjaw l-iżvilupp tal-kwalità tal-idroġenu u l-ġestjoni tal-kwalità tal-idroġenu mill-operaturi tan-networks tal-idroġenu, meta rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 46, inkluż il-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-kostijiet relatati mal-ġestjoni tal-kwalità tal-idroġenu;

(h) jeżaminaw u jipprovdu valutazzjoni tal-ħarsa ġenerali sottomessa mill-operaturi tan-networks tal-idroġenu dwar l-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport tal-idroġenu skont l-Artikolu 52, filwaqt li jqisu l-ħtieġa ġenerali għal ekonomija enerġetika tan-network tal-idroġenu f'dan l-eżami flimkien mal-qafas tax-xenarju konġunt skont l-Artikolu 51(2), il-punt (e), dwar l-ippjanar tal-iżvilupp tan-networks;

(i) iqisu l-eżami u l-valutazzjoni tal-ħarsa ġenerali tal-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport tal-idroġenu kif jeżiġi l-punt (h) fl-approvazzjoni tagħhom tal-imposti dedikati skont it-tifsira tal-Artikolu 4 ta' [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx].

---

🡻 2019/692 Artikolu 1.6 (adattat)
⇨ ġdid

(j~~e~~) jikkooperaw rigward il-kwistjonijiet transfruntieri mal-awtorità regolatorja jew mal-awtoritajiet tal-Istati Membri kkonċernati u ~~mal-Aġenzija~~ ⌦ mal-ACER ⌫ ⇨ , b'mod partikolari bil-parteċipazzjoni fil-ħidma tal-Bord tar-Regolaturi tal-ACER skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2019/942. ⇦ Rigward l-infrastruttura lejn u minn pajjiż terz, l-awtorità regolatorja tal-Istat Membru

MT MT

fejn ikun l-ewwel punt tal-interkonnessjoni man-network tal-Istati Membri tista' tikkoopera mal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż terz, inkluż dawk tal-Partijiet Kontraenti għall-Komunità tal-Enerġija, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji ta' Stati Membri oħra kkonċernati, bil-għan li, rigward ~~din~~ ⌦ dik ⌫ l-infrastruttura, issir applikazzjoni konsistenti ta' din id-Direttiva fit-territorju tal-Istati Membri;

---

| |
|---|
| ➜ 2009/73/KE (adattat) |
| ⇨ ġdid |

(k~~d~~) jikkonformaw ma' u jimplimentaw kull deċiżjoni vinkolanti legalment rilevanti ⌦ tal-ACER ⌫ ~~tal-Aġenzija~~ u tal-Kummissjoni;

(l~~e~~) jirrapportaw kull sena dwar l-attività tagħhom u dwar il-qadi ta' dmirijiethom lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, ⌦ lill-ACER ⌫ ~~lill-Aġenzija~~ u lill-Kummissjoni. Dawn ir-rapporti għandhom ikopru l-passi meħuda u r-riżultati miksuba b'rabta ma' kull wieħed mill-kompiti elenkati f'dan l-Artikolu;

(m~~f~~) jiżguraw li ma jkunx hemm sussidji inkroċjati bejn it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, ⇨ it-trasport tal-idroġenu, ⇦ il-ħżin ⇨ tal-gass naturali u tal-idroġenu, it-terminals tal-idroġenu ⇦ u tal-LNG, u l-attivitajiet tal-provvista ⇨ tal-gass naturali u tal-idroġenu ⇦ ;

(n~~g~~) jimmonitorjaw il-pjanijiet tal-investiment tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, u fir-rapport annwali tagħhom jipprovdu valutazzjoni tal-pjan tal-investiment tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni rigward il-konsistenza tiegħu mal-pjan tal-iżvilupp tan-networks ~~fil-Komunità~~ ⌦ għall-Unjoni ⌫ kollha ⌦ msemmi fil-punt (x) tal-Artikolu 29 ta' [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx] ⌫ ~~taħt l-Artikolu 8(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 715/2009~~; valutazzjoni bħal din tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet biex jiġu emendati dawn il-pjanijiet tal-investiment;

(o~~h~~) jimmonitorjaw il-konformità mar-regoli dwar is-sigurtà u l-affidabbiltà tan-network, u jirrieżaminaw il-prestazzjoni tagħhom fil-passat, u jistabbilixxu jew japprovaw standards u rekwiżiti għall-kwalità tas-servizz u tal-provvista u jikkontribwixxu għal dan flimkien ma' awtoritajiet kompetenti oħra;

(p~~i~~) jimmonitorjaw il-livell tat-trasparenza, inkluż il-prezzijiet bl-ingrossa, u jiżguraw il-konformità mal-obbligi tat-trasparenza min-naħa tal-impriżi tal-gass naturali ⇨ u tal-idroġenu ⇦ ;

(q~~j~~) jimmonitorjaw il-livell u l-effettività tal-ftuħ tas-suq u tal-kompetizzjoni fil-livelli tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, inkluż l-iskambji tal-gass naturali ⇨ u tal-idroġenu ⇦ , il-prezzijiet tal-klijenti domestiċi, inkluż is-sistemi tal-ħlas bil-quddiem, ir-rati tal-qlib, ir-rati tal-iskonnessjoni, l-imposti għal u l-eżekuzzjoni ta' servizzi tal-manutenzjoni u tal-ilmenti tal-klijenti domestiċi, u kull distorsjoni jew restrizzjoni tal-kompetizzjoni, anke billi jagħtu l-informazzjoni rilevanti, filwaqt li jressqu kull każ rilevanti quddiem l-awtoritajiet rilevanti tal-kompetizzjoni;

(r~~k~~) jimmonitorjaw l-okkorrenza tal-prattiki kontrattwali restrittivi, inkluż il-klawżoli ta' esklużjoni li jistgħu jwaqqfu lill-klijenti nondomestiċi kbar milli

jagħmlu kuntratt simultanju ma' aktar minn fornitur wieħed jew li jillimitaw l-għażla tagħhom biex jagħmlu dan u, meta xieraq, jinfurmaw lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni dwar il-prattiki ta' dan it-tip;

(sl) jirrispettaw il-libertà kuntrattwali fir-rigward ta' kuntratti tal-provvista interrompibbli kif ukoll fir-rigward ta' kuntratti fit-tul diment li dawn ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Komunità ⌦ tal-Unjoni ⌫ u konsistenti mal-politiki tal-Komunità⌦ tal-Unjoni ⌫ ⇨ u diment li dawn jikkontribwixxu għall-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni. Ma għandu jiġi konkluż l-ebda kuntratt fit-tul għall-provvista tal-gass fossili b'emissjonijiet mhux imnaqqsa b'terminu li jaqbeż tmiem is-sena 2049 ⇦ ;

(tm) jimmonitorjaw il-ħin li ħadu l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni ⇨ tal-gass naturali ⇦⇨ jew l-operaturi tan-networks tal-idroġenu ⇦ biex jagħmlu l-konnessjonijiet u t-tiswijiet;

(un) jimmonitorjaw u jirrieżaminaw il-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-ħżin, il-linepack u servizzi anċillari oħra kif previst fl-Artikolu 2933 ⇨ jew l-Artikolu 33 ⇦ . Jekk ir-reġim tal-aċċess għall-ħżin ⇨ tal-gass naturali ⇦ jiġi definit skont l-Artikolu 2933(3), dak il-kompitu għandu jeskludi r-rieżami tat-tariffi;

(yo) jgħinu, flimkien ma' awtoritajiet rilevanti oħra, biex ikun żgurat li l-miżuri tal-protezzjoni tal-konsumaturi, inkluż dawk stabbiliti fl-Anness I, ikunu effettivi u infurzati;

(wp) jippubblikaw rakkomandazzjonijiet, mill-anqas kull sena, dwar il-konformità tal-prezzijiet tal-provvista mal-Artikolu 63, u jgħadduhom lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, meta xieraq;

(xq) jiżguraw aċċess ⇨ nondiskriminatorju ⇦ għad-*data* dwar il-konsum tal-klijenti, l-għoti għal użu fakultattiv, ta' format armonizzat li jiftiehem faċilment fil-livell nazzjonali għad-*data* dwar il-konsum u l-aċċess fil-pront lill-klijenti kollha għal din id-*data* ⇨ skont l-Artikoli 22 u 23 ⇦ skont il-punt (h) tal-Anness I;

(yr) jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tar-regoli relatati mar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, tal-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni, ⇨ l-operaturi tan-networks tal-idroġenu, ⇦ il-fornituri u l-klijenti tagħhom, partijiet oħra tas-suq skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 ⌦ [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx] ⌫ ;

(zs) jimmonitorjaw l-applikazzjoni korretta tal-kriterji li jiddeterminaw jekk faċilità tal-ħżin ⇨ tal-gass naturali ⇦ hix skont l-Artikolu 2933(3) jew (4); u

(aat) jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja kif imsemmi fl-Artikolu 7746;

(bbu) jikkontribwixxu għall-kompatibbiltà tal-proċessi għall-iskambji tad-*data* għall-aktar proċessi importanti tas-suq fil-livell reġjonali;.

⇩ ġdid

(cc) jimplimentaw il-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida adottati skont l-Artikolu 52 permezz ta' miżuri nazzjonali jew, meta meħtieġ, miżuri kkoordinati reġjonali jew għall-Unjoni kollha;

(dd) jiżguraw proċess trasparenti u effiċjenti għall-istabbiliment tal-pjan nazzjonali tal-iżvilupp tan-networks f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 51 u 52;

(ee) japprovaw u jemendaw il-pjan tal-iżvilupp tan-networks;

(ff) jimmonitorjaw il-kontroll u l-ġestjoni tal-kwalità tal-gass mill-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, mill-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni, mill-operaturi tas-sistemi tal-ħżin u mill-operaturi tal-faċilitajiet tal-LNG;

(gg) jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda fi stat ta' emerġenza, kif previst fir-Regolament (UE) 2017/1938 u stabbilit fil-pjan nazzjonali ta' emerġenza, inkluż miżuri ta' solidarjetà skont l-Artikolu 13 tiegħu;

(hh) jimmonitorjaw id-disponibbiltà ta' siti web ta' tqabbil, inkluż għodod ta' tqabbil li jissodisfaw il-kriterji fl-Artikolu 12;

(ii) jimmonitorjaw it-tneħħija ta' ostakli mhux ġustifikati għal, u ta' restrizzjonijiet fuq, l-iżvilupp tal-konsum tal-gass naturali rinnovabbli awtoġenerat u l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini.

---

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

2. Meta Stat Membru hekk jistipula, id-dmirijiet ta' monitoraġġ stabbiliti fil-paragrafu 1 jistgħu jsiru minn awtoritajiet oħra li mhumiex l-awtorità regolatorja. F'dak il-każ, l-informazzjoni li tinkiseb minn dak il-monitoraġġ għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità regolatorja kemm jista' jkun malajr.

Filwaqt li jħarsu l-indipendenza tagħhom, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi speċifiċi tagħhom stess u b'mod konsistenti mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, l-awtorità regolatorja għandha, meta xieraq, tikkonsulta lill-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni ⇨ tal-gass naturali ⇦⇨ u tan-networks tal-idroġenu ⇦ u, meta xieraq, tikkoopera mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra fit-twettiq tad-doveri stabbiliti fil-paragrafu 1.

Kull approvazzjoni mogħtija minn awtorità regolatorja jew ~~mill-Aġenzija~~ ⌦ mill-ACER ⌫ skont din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal kull użu futur debitament ġustifikat tas-setgħat tagħha mill-awtorità regolatorja skont dan l-Artikolu jew għal xi penali imposti minn awtoritajiet rilevanti oħra jew mill-Kummissjoni.

3. Minbarra d-doveri mogħtija lilha skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta jiġi deżinjat operatur indipendenti tas-sistema ⇨ jew operatur indipendenti tan-network tal-idroġenu ⇦ skont l-Artikolu 55~~14~~ ⇨ jew l-Artikolu 62 ⇦ , l-awtorità regolatorja għandha:

(a) timmonitorja l-konformità ta' sid is-sistema tat-trażmissjoni u tal-operatur indipendenti tas-sistema ⇨ u ta' sid in-network tal-idroġenu u tal-operatur indipendenti tan-network tal-idroġenu ⇦ mal-obbligi tagħhom skont dan l-Artikolu, u timponi penali għan-nuqqas ta' konformità f'konformità mal-paragrafu 4, il-punt (d);

(b) timmonitorja r-relazzjonijiet u l-komunikazzjonijiet bejn l-operatur indipendenti tas-sistema u sid is-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew sid in-network tal-idroġenu u l-operatur indipendenti tan-network tal-idroġenu ⇦ , biex jiżgura l-konformità tal-operatur indipendenti tas-sistema ⇨ jew tal-operatur indipendenti tan-network tal-idroġenu ⇦ mal-obbligi tagħhom, u b'mod partikolari tapprova l-kuntratti u taġixxi bħala l-awtorità għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-operatur indipendenti tas-sistema u sid is-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew sid in-network tal-idroġenu u l-operatur indipendenti tan-network tal-idroġenu ⇦ rigward kull ilment imressaq minn xi waħda mill-partijiet skont il-paragrafu 11;

(c) mingħajr preġudizzju għall-proċedura skont l-Artikolu ~~14~~55(2), il-punt (c), għall-ewwel pjan tal-iżvilupp tan-networks ta' għaxar snin, tapprova l-ippjanar tal-investimenti u l-pjan pluriennali tal-iżvilupp tan-networks ippreżentati kull sena mill-operatur indipendenti tas-sistema ⇨ jew mill-operatur indipendenti tan-networks tal-idroġenu ⇦ ;

(d) tiżgura li t-tariffi tal-aċċess għan-network miġbura minn operatur indipendenti tas-sistema ⇨ jew mill-operatur indipendenti tan-network tal-idroġenu ⇦ jkunu jinkludu remunerazzjoni għas-sid(ien) tan-network li jipprevedu remunerazzjoni xierqa għall-assi tan-network u kull investiment ġdid fihom, diment li dawn jintalbu b'mod ekonomiku u effiċjenti; ~~u~~

(e) ikollha s-setgħat li twettaq spezzjonijiet, inkluż għal għarrieda, fl-istabbiliment ta' sid is-sistema tat-trażmissjoni u l-operatur indipendenti tas-sistema, ⇨ jew ta' sid in-networks tal-idroġenu u l-operatur indipendenti tan-networks tal-idroġenu ⇦ .

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji jingħataw is-setgħat biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti msemmija fil-paragrafi 1, 3 u 6 b'mod effiċjenti u veloċi. Għal dan il-għan, l-awtorità regolatorja għandu jkollha mill-anqas is-setgħat li:

(a) timponi deċiżjonijiet vinkolanti fuq l-impriżi tal-gass naturali ⇨ u tal-idroġenu ⇦ ;

(b) twettaq investigazzjonijiet dwar il-funzjonament tas-swieq ~~tal-gass~~ ⇨ tal-gassijiet ⇦, u tiddeċiedi u timponi miżuri meħtieġa u proporzjonati għall-promozzjoni tal-kompetizzjoni effettiva u biex tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-swieq ~~tal-gass~~ ⇨ tal-gassijiet ⇦⌦ u ⌫, ~~M~~meta xieraq, l-awtorità regolatorja għandu jkollha wkoll is-setgħa li tikkoopera mal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni u mar-regolaturi tas-suq finanzjarju jew mal-Kummissjoni fit-twettiq ta' xi investigazzjoni relatata mal-liġi tal-kompetizzjoni;

(c) titlob kull informazzjoni mingħand l-impriżi tal-gass naturali ⇨ u tal-idroġenu ⇦ li tkun rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħha, inkluż il-ġustifikazzjoni għal kull rifjut tal-aċċess ta' partijiet terzi, u kull informazzjoni dwar il-miżuri meħtieġa għat-tisħiħ tan-network;

(d) timponi penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq l-impriżi tal-gass naturali ⇨ u tal-idroġenu ⇦ li ma jkunux konformi mal-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva jew ma' deċiżjonijiet vinkolanti legalment rilevanti tal-awtorità regolatorja jew ⌦ tal-ACER ⌫ ~~tal-Aġenzija~~, jew li tipproponi lil qorti kompetenti li timponi dawn il-penali~~.~~ ~~Dan għandu jinkludi~~ ⌦ , inkluż ⌫ is-setgħa li timponi, jew li tipproponi l-impożizzjoni ta' penali sa 10% tal-fatturat annwali tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew tal-operatur tan-networks tal-idroġenu ⇦ jew sa 10% tal-fatturat annwali tal-impriża integrata vertikalment fuq l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew l-operatur tan-networks tal-idroġenu ⇦ jew fuq l-impriża integrata vertikalment, skont il-każ, għal nuqqas ta' konformità mal-obbligi rispettivi tagħhom skont din id-Direttiva; ~~u~~

(e) drittijiet xierqa ta' investigazzjonijiet u setgħat rilevanti ta' struzzjonijiet għal soluzzjoni tat-tilwim skont il-paragrafi 11 u 12.

---

⇩ ġdid

5. L-awtorità regolatorja li tkun fl-Istat Membru tas-sede tal-ENTSO tal-Gass, tan-Network Ewropew tal-Operaturi tan-Networks għall-Idroġenu jewta l-entità tal-UE għad-DSO għandu jkollha s-setgħa timponi penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq dawk l-entitajiet meta ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva, [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx] jew xi deċiżjonijiet vinkolanti legalment u rilevanti tal-awtorità regolatorja jew tal-ACER, jew li tipproponi li qorti kompetenti timponi dawk il-penali.

---

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

6~~5~~. Minbarra d-doveri u s-setgħet mogħtija lilha skont il-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu, meta jiġi deżinjat operatur ⇨ indipendenti ⇦ ~~tas-sistema~~ tat-trażmissjoni ⇨ jew operatur ta' network integrat tal-idroġenu ⇦ f'konformità mal-Kapitolu IX~~IV~~, it-Taqsima 3, l-awtorità regolatorja għandha tingħata mill-anqas id-doveri u s-setgħat li:

(a) timponi penali f'konformità mal-paragrafu 4, il-punt (d) għal imġiba diskriminatorja favur l-impriża integrata vertikalment;

(b) timmonitorja l-komunikazzjonijiet bejn l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew operatur ta' network integrat tal-idroġenu ⇦ u l-impriża integrata vertikalment biex tiżgura l-konformità tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew tal-operatur tan-network integrat tal-idroġenu ⇦ mal-obbligi tiegħu;

(c) taġixxi bħala awtorità għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew l-operatur tan-network integrat tal-idroġenu ⇦ rigward l-ilmenti ppreżentati skont il-paragrafu 11;

(d) timmonitorja r-relazzjonijiet kummerċjali u finanzjarji, inkluż is-self bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew l-operatur tan-network integrat tal-idroġenu ⇦ ;

(e) tapprova kull relazzjoni kummerċjali u finanzjarja bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew l-operatur tan-network integrat tal-idroġenu ⇦ , diment li dawn jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tas-suq;

(f) teżiġi ġustifikazzjoni mingħand l-impriża integrata vertikalment meta tiġi notifikata mill-uffiċjal tal-konformità skont l-Artikolu 6421(4),. Din il-ġustifikazzjoni għandha b'mod partikolari tinkludi ⌦ inkluż ⌫ evidenza li ma kien hemm l-ebda imġiba diskriminatorja favur l-impriża integrata vertikalment;

(g) twettaq ispezzjonijiet, inkluż għal għarrieda, fl-istabbilimenti tal-impriża integrata vertikalment u tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew tal-operatur tan-network integrat tal-idroġenu ⇦ ; u

(h) tassenja l-kompiti kollha jew dawk speċifiċi tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew tal-operatur tan-network integrat tal-idroġenu ⇦ lil operatur indipendenti tas-sistema ⇨ jew operatur ta' network integrat tal-idroġenu, ⇦ maħtur f'konformità mal-Artikolu 6414 fil-każ ta' ksur persistenti mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ⇨ jew mill-operatur tan-network integrat tal-idroġenu ⇦ tal-obbligi tiegħu skont din id-Direttiva, b'mod partikolari fil-każ ta' imġiba diskriminatorja ripetuta favur l-impriża integrata vertikalment.

76. L-awtoritajiet regolatorji għandhom ikunu responsabbli biex jiffissaw jew japprovaw, bil-quddiem biżżejjed qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom, mill-inqas il-metodoloġiji użati għall-kalkolu jew jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet għal:

(a) il-konnessjoni u l-aċċess għan-networks nazzjonali ⇨ tal-gass naturali ⇦ , inkluż tariffi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, u t-termini, il-kundizzjonijiet u t-tariffi tal-aċċess għall-faċilitajiet tal-LNG ⌦ , fejn ⌫ . Dawk it-tariffi jew il-metodoloġiji għandhom jippermettu li l-investimenti meħtieġa li jsiru fin-networks u fil-faċilitajiet tal-LNG jkunu b'tali mod li jiżguraw il-vijabbiltà tan-networks u tal-faċilitajiet tal-LNG;

---

⇩ ġdid

(b) il-konnessjoni u l-aċċess għan-networks nazzjonali tal-idroġenu, inkluż, mill-1 ta' Jannar 2031, it-tariffi tan-networks tal-idroġenu, meta applikabbli, u t-termini u l-kundizzjonijiet u t-tariffi tal-aċċess għall-ħżin tal-idroġenu u t-terminals tal-idroġenu;

---

🡻 2009/73/KE (adattat)

(cb) is-servizzi tal-ibbilanċjar li għandhom jingħataw bl-iktar mod ekonomiku possibbli u li jipprovdi inċentivi xierqa lill-utenti tan-networks biex jibbilanċjaw il-kontribut u t-teħid tagħhom. Is-servizzi ta' bbilanċjar għandhom ikunu pprovduti b'mod ġust u nondiskriminatorju u abbażi ta' kriterji oġġettivi; u

⇩ ġdid

(d) l-approvazzjoni u l-monitoraġġ tal-imposti dedikati f'konformità mal-Artikolu 4 ta' [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx].

---

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

(e) l-aċċess għal infrastrutturi transfruntieri, inkluż il-proċeduri għall-allokazzjoni tal-kapaċità u għall-ġestjoni tal-konġestjoni.

8~~7~~. Il-metodoloġiji jew it-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 7 għandhom jiġu ppubblikati.

9~~8~~. Meta jkunu qed jiffissaw jew japprovaw it-tariffi jew il-metodoloġiji u s-servizzi tal-ibbilanċjar, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni ⇨ u, mill-1 ta' Jannar 2031, lill-operaturi tan-networks tal-idroġenu ⇦ jingħataw inċentiv xieraq fl-immedjat u fit-tul biex iżidu l-effiċjenzi, irawmu l-integrazzjoni tas-suq u s-sigurtà tal-provvista u jappoġġaw l-attivitajiet tar-riċerka relatati.

10~~9~~. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jimmonitorjaw il-ġestjoni tal-konġestjoni tan-networks nazzjonali tat-trażmissjoni ~~tal-gass~~ ⇨ u n-networks tal-idroġenu ⇦ , inkluż l-interkonnetturi, u l-implimentazzjoni tar-regoli tal-ġestjoni tal-konġestjoni. Għal dak il-għan, l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni ⇨ , l-operaturi tan-networks tal-idroġenu ⇦ jew l-operaturi tas-suq għandhom jippreżentaw ir-regoli tagħhom tal-ġestjoni tal-konġestjoni, inkluż l-allokazzjoni tal-kapaċità, lill-awtoritajiet regolatorji ~~nazzjonali~~ . L-awtoritajiet regolatorji~~nazzjonali~~ jistgħu jitolbu emendi għal dawk ir-regoli.

*Artikolu 73*

**⌦ Deċiżjonijiet u lmenti ⌫**

1~~10.~~ L-awtoritajiet regolatorji għandu jkollhom l-awtorità li jeżiġu li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, tad-distribuzzjoni u tal-ħżin ⇨ tal-gass naturali ⇦, u tal-LNG, ⇨ l-operaturi tal-ħżin tal-idroġenu u tat-terminals tal-idroġenu u, mill-1 ta' Jannar 2031, l-operaturi tan-networks tal-idroġenu ⇦ , jekk meħtieġ, li jimmodifikaw it-termini u l-kundizzjonijiet, inkluż it-tariffi u l-metodoloġiji msemmija f'dan l-Artikolu, biex jiżguraw li dawn ikunu proporzjonati u applikati b'mod nondiskriminatorju. Jekk ir-reġim tal-aċċess għall-ħżin jiġi definit skont l-Artikolu 29~~33~~(3), dak il-kompitu għandu jeskludi l-modifika tat-tariffi. Fil-każ ta' dewmien fl-iffissar tat-tariffi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni ⇨ tal-gass naturali ⇦ ⇨ u, meta xieraq, tat-tariffi tan-networks tal-idroġenu, ⇦ l-awtoritajiet regolatorji għandu jkollhom is-setgħa li jiffissaw jew japprovaw tariffi jew metodoloġiji proviżorji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni ⇨ u tariffi u metodoloġiji tan-networks tal-idroġenu ⇦ u jiddeċiedu dwar il-miżuri tal-kumpens xieraq jekk it-tariffi jew il-metodoloġiji finali jiddevjaw minn dawk it-tariffi jew il-metodoloġiji proviżorji.

2~~11~~ Kull parti li jkollha lment kontra xi operatur ta' sistema tat-trażmissjoni, tad-distribuzzjoni u tal-ħżin ⇨ tal-gass naturali ⇦ u tal-LNG ⇨ jew operatur ta' network, ħżin jew terminal tal-idroġenu ⇦ b'rabta mal-obbligi tal-operatur skont din id-Direttiva, tista' tirreferi l-ilment lill-awtorità regolatorja li, filwaqt li taġixxi bħala l-awtorità għas-soluzzjoni tat-tilwim, għandha toħroġ deċiżjoni fi żmien xahrejn mill-wasla tal-ilment. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'xahrejn meta tintalab aktar informazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż iżjed bl-approvazzjoni tal-ilmentatur. Id-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja għandu jkollha effett vinkolanti, sakemm ma tiġix revokata b'xi appell.

3~~12.~~ Kull parti affettwata u li jkollha d-dritt li tressaq ilment dwar deċiżjoni fuq il-metodoloġiji użati f'konformità ma' dan l-Artikolu jew, meta l-awtorità regolatorja jkollha d-dover li tikkonsulta dwar it-tariffi jew il-metodoloġiji proposti tista', fi żmien sa xahrejn, jew f'perjodu iqsar kif previst mill-Istati Membri, wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni jew tal-proposta għal deċiżjoni, tressaq ilment għal rieżami. Dak l-ilment ma għandux ikollu effett sospensiv.

4~~13.~~ L-Istati Membri għandhom joħolqu mekkaniżmi xieraq u effiċjenti għar-regolament, kontroll u trasparenza sabiex jiġi evitat abbuż ta' pożizzjoni dominanti, b'mod partikolari bi żvantaġġ għall-konsumaturi, u kwalunkwe aġir predatorju. Dawn il-mekkaniżmi għandhom jqisu d-dispożizzjonijiet ~~tat-Trattat~~ ⌦ tat-TFUE ⌫ , u b'mod partikolari tal-Artikolu ~~82~~ ⌦ 102 ⌫ tiegħu.

5~~14~~. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jieħdu l-miżuri xierqa, inkluż azzjoni amministrattiva jew proċedimenti kriminali f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, kontra l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli, meta r-regoli tal-kunfidenzjalità imposti minn din id-Direttiva ma jkunux ġew rispettati.

6~~15,~~ L-ilmenti msemmija fil-paragrafi 2~~11~~ u 3~~12~~ għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżerċitar tad-drittijiet tal-appell skont il-liġi ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ jew nazzjonali.

7~~16.~~ Id-Deċiżjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji għandhom ikunu motivati u ġustifikati għalkollox biex jippermettu rieżami ġudizzjarju. Id-deċiżjonijiet għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku filwaqt li titħares il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sensittiva kummerċjalment.

8~~17.~~ L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-livell nazzjonali jkun hemm il-mekkaniżmi xierqa biex parti affettwata minn deċiżjoni ta' awtorità regolatorja jkollha d-dritt ta' appell quddiem korp indipendenti mill-partijiet involuti u minn kwalunkwe gvern.

*Artikolu 74~~42~~*

**~~Reġim regolatorju għal~~ ⌦ Kooperazzjoni reġjonali bejn l-awtoritajiet regolatorji dwar ⌫ il-kwistjonijiet transfruntieri**

1. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jikkooperaw mill-qrib u jikkonsultaw lil xulxin ⇨ , u b'mod partikolari fi ħdan l-ACER, ⇦ u għandhom jipprovdu kull informazzjoni meħtieġa lil xulxin u ~~lill-Aġenzija~~ ⌦ lill-ACER ⌫ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont din id-Direttiva. Fir-rigward tal-informazzjoni skambjata, l-awtorità riċeventi għandha tiżgura l-istess livell ta' kunfidenzjalità bħal dak rikjest mill-awtorità oriġinatorja.

2. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jikkooperaw mill-inqas fil-livell reġjonali biex:

(a) irawmu l-ħolqien ta' arranġamenti operattivi biex tkun tista' ssir l-aqwa ġestjoni tan-network, jippromwovu skambji tal-gass ⇨ u tal-idroġenu ⇦ konġunti u l-allokazzjoni ta' kapaċità transfruntiera, u biex ikun jista' jinkiseb livell xieraq ta' kapaċità ta' interkonnessjoni, inkluż b'interkonnessjonijiet ġodda, fir-reġjun u bejn ir-reġjuni ħalli jitħalla lok għall-iżvilupp ta' kompetizzjoni effettiva u titjib fis-sigurtà tal-provvista mingħajr diskriminazzjoni bejn l-impriżi tal-provvista fi Stati Membri differenti;

(b) jikkoordinaw l-iżvilupp tal-kodiċijiet tan-network kollha għall-operaturi rilevanti tas-sistemi tat-trażmissjoni ⇨ , l-operaturi tan-networks tal-idroġenu ⇦ u atturi oħra fis-suq; ~~u~~

(c) jikkoordinaw l-iżvilupp tar-regoli li jirregolaw il-ġestjoni tal-konġestjoni;~~.~~

---

⇩ ġdid

(d) jiżguraw il-konformità regolatorja tal-entitajiet legali li jissodisfaw il-kompiti tal-operaturi tat-trażmissjoni u tal-operaturi tan-networks fil-livell transfruntier jew reġjonali.

---

🡻 2009/73/KE
⇨ ġdid

3. L-awtoritajiet regolatorji ~~nazzjonali~~ għandu jkollhom id-dritt li jidħlu f'arranġamenti kooperattivi ma' xulxin biex irawmu l-kooperazzjoni regolatorja.

4. L-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom isiru, kif xieraq, b'konsultazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi speċifiċi tagħhom.

~~5. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida dwar il-limitu tal-kompiti tal-awtoritajiet regolatorji biex jikkoperaw flimkien u mal-Aġenzija. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissuplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 51(3).~~

---

⇩ ġdid

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 83 biex tissupplimenta lil din id-Direttiva billi tistabbilixxi linji gwida dwar il-firxa tad-doveri tal-awtoritajiet regolatorji li jikkooperaw ma' xulxin u mal-ACER.

---

🡻 2019/692 Artikolu 1.7
⇨ ġdid

6. L-awtoritajiet regolatorji, jew meta xieraq awtoritajiet kompetenti oħra, jistgħu jikkonsultaw u jikkooperaw mal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi ⇨ , inkluż il-Partijiet Kontraenti għall-Komunità tal-Enerġija, ⇦ fir-rigward tal-operazzjoni tal-

infrastruttura tal-gass ⇨ u tal-idroġenu ⇦ lejn u minn pajjiżi terzi biex jiżguraw li, fir-rigward tal-infrastruttura kkonċernata, din id-Direttiva tiġi applikata b'mod konsistenti fit-territorju u fil-baħar territorjali ta' Stat Membru.

---

| |
|---|
| 🡻 2009/73/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu 7543*

**Konformità ⌦ mal-kodiċijiet tan-network u ⌫ Lmal-linji gwida**

1. Kwalunkwe awtorità regolatorja u l-Kummissjoni jistgħu jitolbu l-opinjoni tal-Aġenzija ⌦ tal-ACER ⌫ dwar il-konformità ta' deċiżjoni meħuda minn awtorità regolatorja ⇨ mal-kodiċijiet tan-network u ⇦ mal-Llinji gwida msemmija f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (KE) Nru 715/2009 ⌦ fi [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx] ⌫ .

2. L-Aġenzija ⌦ L-ACER ⌫ għandha tagħti l-opinjoni tagħha lill-awtorità regolatorja li tkun talbitha jew lill-Kummissjoni, rispettivament, u lill-awtorità regolatorja li tkun ħadet id-deċiżjoni inkwistjoni fi żmien tliet xhur mid-data tal-wasla tat-talba.

3. Meta l-awtorità regolatorja li tkun ħadet id-deċiżjoni ma tikkonformax mal-opinjoni ⌦ tal-ACER ⌫ tal-Aġenzija fi żmien erba' xhur mid-data tal-wasla ta' dik l-opinjoni, ⌦ l-ACER ⌫ l-Aġenzija għandha tinforma lill-Kummissjoni b'dan.

4. Kwalunkwe awtorità regolatorja tista' tinforma lill-Kummissjoni meta jidhrilha li xi deċiżjoni rilevanti għall-kummerċ transfruntier meħuda minn awtorità regolatorja ma tkunx konformi ⇨ mal-kodiċijiet tan-network u ⇦ mal-Llinji gwida msemmija f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (KE) Nru 715/2009 ⌦ fi [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx] ⌫ fi żmien xahrejn mid-data ta' dik id-deċiżjoni.

5. Meta l-Kummissjoni, fi żmien xahrejn minn meta tkun ġiet infurmata ⌦ mill-ACER ⌫ mill-Aġenzija f'konformità mal-paragrafu 3, jew minn awtorità regolatorja f'konformità mal-paragrafu 4, jew bl-inizjattiva tagħha stess fi żmien tliet xhur mid-data tad-deċiżjoni, issib li d-deċiżjoni ta' awtorità regolatorja toħloq dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha ⇨ mal-kodiċijiet tan-network u ⇦ mal-Llinji gwida msemmija f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (KE) Nru 715/2009 ⌦ fi [ir-Regolament tal-Gass riformulat kif propost f'COM(2021) xxx] ⌫, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tistħarreġ il-każ f'aktar dettall. F'dak il-każ, din għandha tistieden lill-awtorità regolatorja u lill-partijiet għall-proċedimenti quddiem l-awtorità regolatorja biex jagħmlu l-osservazzjonijiet.

6. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li teżamina l-każ f'aktar dettall, din għandha toħroġ deċiżjoni finali fi żmien sa erba' xhur mid-data ta' dik id-deċiżjoni, li:

   (a) ma toġġezzjonax għad-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja; jew

   (b) teżiġi li l-awtorità regolatorja kkonċernata tirtira d-deċiżjoni tagħha jekk ikun jidhrilha li ma kienx hemm konformità ⇨ mal-kodiċi tan-network u ⇦ the Lmal-linji gwida.

7. Meta l-Kummissjoni ma tiħux deċiżjoni li teżamina l-każ f'aktar dettall, jew ma tiħux deċiżjoni finali sal-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafi 5 u 6 rispettivament,

għandu jitqies li l-Kummissjoni mhix toġġezzjonat għad-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja.

8. L-awtorità regolatorja għandha tikkonforma mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirtira d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahrejn u għandha tinforma lill-Kummissjoni b'dan.

9. Il-Kummissjoni ~~tista' tadotta Linji gwida li jistipulaw id-dettalji tal-proċedura li għandha tiġi segwita mill-awtoritajiet regolatorji, l-Aġenzija u l-Kummissjoni fir-rigward tal-konformità ta' deċiżjonijiet meħudin mill-awtoritajiet regolatorji mal-Linji gwida msemmijin f'dan l-Artikolu. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissuplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 51(3).~~ ⇨ għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 83 li jissupplimentaw lil din id-Direttiva billi tistabbilixxi linji gwida li jistipulaw id-dettalji tal-proċedura li trid tintuża għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. ⇦

*Artikolu 76~~44~~*

**Żamma tar-rekords**

1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-impriżi tal-provvista jżommu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, inkluż tal-awtorità regolatorja, l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u l-Kummissjoni, biex iwettqu l-kompiti tagħhom, għal mill-anqas ħames snin, id-*data* rilevanti relatata mat-tranżazzjonijiet kollha fil-kuntratti tal-provvista tal-gass ⇨ naturali u ⇦ ⇨ tal-idroġenu ⇦ u d-derivattivi tal-gass ⇨ naturali u ⇦ ⇨ tal-idroġenu ⇦ mal-klijenti bl-ingrossa u l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni , ~~kif ukoll~~ l-operaturi tal-ħażniet u tal-LNG, ⇨ kif ukoll l-operaturi tan-networks, tal-ħażniet u tat-terminals tal-idroġenu ⇦.

2. Id-*data* għandha tinkludi dettalji dwar il-karatteristiċi tat-tranżazzjonijiet rilevanti, bħat-tul taż-żmien, ir-regoli dwar it-twassil u l-issetiljar, il-kwantità, id-dati u l-ħinijiet tal-eżekuzzjoni u l-prezzijiet tat-tranżazzjoni, u l-mezzi għall-identifikazzjoni tal-klijent bl-ingrossa kkonċernat, u dettalji speċifiċi dwar il-kuntratti miftuħa kollha tal-provvista tal-gass ⇨ naturali u ⇦ ⇨ tal-idroġenu ⇦ u d-derivattivi tal-gass ⇨ naturali u ⇦ ⇨ tal-idroġenu ⇦ .

3. L-awtoritajiet regolatorji jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli xi elementi ta' din l-informazzjoni għall-parteċipanti fis-suq, diment li ma tiġix rilaxxata xi informazzjoni sensittiva kummerċjalment dwar atturi individwali fis-suq jew dwar tranżazzjonijiet individwali. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ⌦ 2014/65/UE ⌫ ~~2004/39/KE~~.

4. ~~Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu,~~ I~~i~~l-Kummissjoni ~~tista'~~ ⌦ għandha s-setgħa li ⌫ tadotta ⇨ atti delegati li jissupplimentaw lil din id-Direttiva f'konformità mal-Artikolu 83, billi tistabbilixxi ⇦ l~~L~~inji gwida li jiddefinixxu l-metodi u l-arranġamenti għaż-żamma tar-rekords, kif ukoll il-forma u l-kontenut tad-*data* li għandha tinżamm. ~~Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissuplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 51(3).~~

5. Rigward it-tranżazzjonijiet tad-derivattivi tal-gass ⇨ naturali u ⇦ ⇨ tal-idroġenu ⇦ tal-impriżi tal-provvista mal-klijenti bl-ingrossa u mal-operaturi tas-sistemi tat-

trażmissjoni ⇨ tal-gass naturali ⇦, ~~kif ukoll~~ l-operaturi tal-ħażniet u tal-LNG ⇨ kif ukoll l-operaturi tan-networks, tal-ħażniet u tat-terminals tal-idroġenu ⇦, dan l-Artikolu għandu japplika biss ladarba l-Kummissjoni tkun adottat i~~l~~l-linji gwida msemmija fil-paragrafu 4.

6. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma għandhomx joħolqu obbligi addizzjonali lejn l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għall-entitajiet li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/65/UE ~~2004/39/KE~~.

7. Jekk l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jeħtieġu aċċess għad-*data* miżmuma mill-entitajiet li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/65/UE~~2004/39/KE~~, l-awtoritajiet responsabbli skont dik id-Direttiva għandhom jipprovdulhom id-*data* meħtieġa.

# Kapitolu ~~X~~XI

# Dispożizzjonijiet finali

*Artikolu 77~~46~~*

**Miżuri ta' salvagwardja**

1. F'każ ta' kriżi għal għarrieda fis-suq tal-enerġija jew meta jkunu mhedda s-sigurtà fiżika jew is-sigurtà tal-persuni, tal-apparat, tal-istallazzjonijiet jew tal-integrità tas-sistema, l-Istat Membru jista' ~~temporanjament jieħu s-salvagwadji meħtieġa~~ ⇨ jiddikjara stat ta' emerġenza skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2017/1938 u jieħu l-miżuri previsti fil-pjan ta' emerġenza nazzjonali ⇦ .

~~2. Dawn il-miżuri għandhom jikkawżaw l-inqas disturb possibbli għall-funzjonament tas-suq intern u m'għandux ikollhom skop usa' milli strettament meħtieġ biex id-diffikultajiet imprevisti li jkunu qamu jiġu rimedjati.~~

~~3. L-Istat Membru in kwistjoni għandu mingħajr dewmien jinnotifika dawn il-miżuri lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni, li tista' tiddeċiedi li l-Istat Membru in kwistjoni għandu jemenda jew iħassar dawn il-miżuri, sa fejn għandhom effett ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u jaffettwaw b'mod avvers il-Kummerċ f'tali mod li ma jaqbilx mal-interess komuni.~~

---

🡻 2009/73/KE (adattat)

*Artikolu 78~~47~~*

**Ambjent ekwu**

1. Il-miżuri li l-Istati Membri jistgħu jieħdu skont din id-Direttiva biex jiżguraw ambjent ekwu għandhom ikunu kompatibbli ⌦ mat-TFUE ⌫ ~~mat-Trattat~~, notevolment l-Artikolu ~~30~~ ⌦ 36 ⌫ tiegħu, u mal-leġiżlazzjoni ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti. Dawk il-miżuri jistgħu jiġu implimentati biss wara n-notifika lill-Kummissjoni u l-approvazzjoni tagħha.

3. Il-Kummissjoni għandha taġixxi fuq in-notifika msemmija fil-paragrafu 2 fi żmien xahrejn mill-wasla tan-notifika. Dak il-perjodu għandu jibda l-għada tal-wasla tal-informazzjoni sħiħa. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx aġixxiet f'dak il-perjodu ta' xahrejn, il-Kummissjoni għandha titqies li mhix toġġezzjona għall-miżuri notifikati.

~~*Artikolu 48*~~

~~**Derogi rigward rabtiet "take-or-pay"**~~

~~1. Jekk impriża tal-gass naturali tiltaqa' ma', jew tikkunsidra li ser tiltaqa' ma', diffikultajiet serji ekonomiċi u finanzjarji minħabba r-rabtiet "take-or-pay" aċċettata f'kuntratt tax-xiri tal-gass wieħed jew aktar, tista' tintbagħat applikazzjoni għal deroga temporanja mill-Artikolu 32 lill-Istat Membru in kwistjoni jew lill-awtorità kompetenti nominata. L-applikazzjonijiet għandom, abbażi tal-għażla tal-Istati Membri, jiġu ppreżentati fuq każ individwali jew qabel jew wara ċ-ċaħda tal-aċċess għas-sistema. L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu lill-impriża tal-gass naturali l-għażla li tippreżenta applikazzjoni jew qabel jew wara ċ-ċaħda tal-aċċess għas-sistema. Fejn impriża tal-gass naturali tkun irrifjutat l-aċċess, l-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata mingħajr dewmien. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu akkumpanjati bl-informazzjoni kollha relevanti dwar in-natura u l-estent tal-probkema u dwar l-isforzi magħmula mill-impriża tal-gass naturali biex issolvi l-problemi.~~

~~Jekk mhumiex disponibbli soluzzjonijiet alternattivi, filwaqt li jiġu meqjusa d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti nnominata jistgħu jiddeċiedu li jagħtu deroga.~~

~~2. L-Istat Membru, jew l-awtorità kompetenti nominanta, għandhom javżaw lill-Kummisjoni mingħajr dewmien dwar id-deċiżjoni li jagħtu deroga, flimkien mal-informazzjoni kollha relevanti rigward id-deroga. Din l-inforazzjoni tista' tingħata lill-Kummmissjoni fil-forma aggregata, li tippermetti lill-Kummissjoni li tilħaq deċiżjoni fuq bażi tajba. Fi żmien tmien ġimgħat minn meta tirċievi din in-notifika, il-Kummissjoni tista' titlob li l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti nnominata in kwistjoni temenda jew tirtira d-deċiżjoni li tagħti deroga.~~

~~Jekk l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti nnominata in kwistjoni ma tikkonformax ma' din it-talba fi żmien erba' ġimgħat, għandha tittieħed deċiżjoni finali malajr konformement mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 51(2).~~

~~Il-Kummissjoni għandha tippreżerva l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni sensittiva kummerċjalment.~~

~~3. Meta tittieħed deċiżjoni fuq id-derogi msemmija fil-paragrafu 1, l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti nominata in kwistjoni, u l-Kummissjoni għandhom iqisu, b'mod partikolari, il-kriterji li ġejjin:~~

~~(a) l-għan li jinkiseb suq tal-gass kompetittiv;~~

~~(b) il-ħtieġa li jintlaħqu obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku u li tiġi aċċertata s-sigurtà tal-fornitura;~~

~~(c) il-pożizzjoni ta' impriżi tal-gass naturali fis-suq tal-gass u l-istat attwali tal-kompetizzjoni f'dan is-suq;~~

~~(d) is-serjetà tad-diffikultajiet ekonomiċi u finanzjarji li jiffaċċjaw l-impriżi tal-gass naturali u l-impriżi tat-trażmissjoni jew il-klijenti eliġibbli;~~

(e) id-dati tal-firma u t-termini tal-appalt jew appalti in kwistjoni, inkluż l-estent sa fejn jippermettu għal tibdil fis-suq;

(f) l-isforzi li saru biex tinsab soluzzjoni għall-problema;

(g) l-estent sa fejn, meta jiġu aċċettati r-rabtiet "take-or-pay" in kwistjoni, l-impriża setgħet raġonevolment ipprevediet, filwaqt li qieset id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, li x'aktarx iqumu diffikultajiet serji;

(h) il-livell tal-konnessjoni tas-sistema ma' sistemi oħrajn u l-grad ta' interoperabilità ta' dawn is-sistemi; u

(i) l-effetti li jkollha l-għotja ta' deroga fuq l-applikazzjoni korretta tad-Direttiva rigward il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern tal-gass naturali.

Deċiżjoni fuq talba għal deroga li tirrigwarda kuntratti tat-tip ħu jew ħallas konklużi qabel l-4 ta' Awwissu 2003 m'għandhiex twassal għal sitwazzjoni li fiha huwa impossibbli li jinstabu sorsi alternattivi ekonomikament vijabbli. Diffikultajiet serji għandhom f'kull każ jitqiesu bħala li ma jeżistux meta l-bejgħ ta' gass naturali ma jaqax taħt il-livell ta' garanziji minimi kontenuti f'kuntratti ħu jew ħallas ta' xiri ta' gass jew sa fejn il-kuntratt ħu jew ħallas relevanti ta' xiri ta' gass jista' jiġi adattat jew kemm l-impriża ta' gass naturali għandha ħila li ssib sorsi alternattivi.

4. L-impriżi tal-gass naturali li ma ngħatawx deroga msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx jirrifjutaw, jew għandhom jieqfu milli jirrifjutaw, aċċess għas-sistema minħabba rabtiet "take-or-pay" aċċettati f'appalti tax-xiri tal-gass. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 32 sa 44.

5. Kwalunkwe deroga mogħtija taħt id-dispożizzjonijiet hawn fuq għandha tkun debitament sostanzjata. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

6. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien l-4 ta' Awwissu 2008, jissottomettu rapport ta' reviżjoni dwar l-esperjenza akkwistata mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, sabiex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jikkunsidraw il-ħtieġa li jaġġustawh maż-żmien.

---

| |
|---|
| 🡻 2019/692 Artikolu 1.8 (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu 7948a*

**Ftehimiet tekniċi dwar l-operazzjoni ⌦ ta' linji ta' pipelines tal-gass naturali u tal-idroġenu ma' pajjiżi terzi ⌫tal-linji tat-trażmissjoni**

Din id-Direttiva ma taffettwax il-libertà tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni ⇨ , tal-operaturi tan-networks tal-idroġenu ⇦ jew ta' operaturi ekonomiċi oħra li jżommu fis-seħħ jew jikkonkludu ftehimiet tekniċi dwar kwistjonijiet rigward l-operazzjoni tal-linji ta' trażmissjoni ⇨ ta' pipelines ⇦ bejn Stat Membru u pajjiż terz, sakemm dawk il-ftehimiet ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni u d-deċiżjonijiet rilevanti tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati Dawk il-ftehimiet għandhom jiġu notifikati lill-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri kkonċernati.

🡻 2009/73/KE

*~~Artikolu 49~~*

**~~Swieq emerġenti u iżolati~~**

~~1.~~ ~~L-Istati Membri mhux direttament imqabbda mas-sistema interkonnessa ta' ebda Stat Membru ieħor u li għandhom biss provditur ewlieni barrani wieħed biss jistgħu jidderogaw mill-Artikoli 4, 9, 37 u/jew 38 ta' din id-Direttiva. Impriża tal-fornitura li għandha sehem tas-suq ta' aktar minn 75 % għandha titqies li tkun provditur ewlieni. Kull deroga bħal din għandha tiskadi awtomatikament mill-mument meta għall-inqas wieħed mill-kondizzjonijiet msemmij ma tibqax tapplika. Kwalunkwe deroga bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.~~

~~Ċipru jista' jidderoga mill-Artikoli 4, 9, 37 u/jew 38. Din id-deroga għandha tiskadi mill-mument li Ċipru ma jikkwalifikax bħala suq iżolat.~~

~~L-Artikoli 4, 9, 37 u/jew 38 m'għandhomx japplikaw għall-Estonja, il-Latvja, u/jew il-Finlandja sakemm kwalunkwe wieħed minn dawn l-Istati Membri huwa konness direttament mas-sistema interkonnessa ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor minbarra l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Finlandja. Dan is-subparagrafu huwa mingħajr preġudizzju għal kull derogazzjoni taħt l-ewwel sub-paragrafu ta' dan il-paragrafu.~~

~~2.~~ ~~Stat Membru li jikkwalifika bħala suq emerġenti, li minħabba l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jesperjenza problemi sostanzjali jista' jidderoga mill-Artikoli 4 u 9, mill-Artikolu 13(1) u (3), mill-Artikoli 14 u 24, mill-Artikolu 25(5), mill-Artikoli 26, 31 u 32, mill-Artikolu 37(1) u/jew mill-Artikolu 38. Din id-deroga għandha tiskadi awtomatikament mill-mument meta l-Istat Membru ma jibqax jikkwalifika bħala suq emerġenti. Kwalunkwe deroga bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.~~

~~Ċipru jista' jidderoga mill-Artikoli 4 u 9, mill-Artikolu 13(1) u (3), mill-Artikoli 14 u 24, mill-Artikolu 25(5), mill-Artikoli 26, 31 u 32, mill-Artikolu 37(1) u/jew mill-Artikolu 38. Din id-deroga għandha tiskadi mill-mument li Ċipru ma jikkwalifikax bħala suq emerġenti.~~

~~3.~~ ~~Fid-data meta tiskadi d-deroga msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, id-definizzjoni ta' klijenti eliġibbli għandha tirriżulta fi ftuħ tas-suq ugwali għall-inqas għal 33 % tat-total tal-konsum tal-gass annwali fis-suq nazzjonali tal-gass. Sentejn wara dan, għandu japplika l-Artikolu 37(1)(b), u tliet snin wara, l-Artikolu 37(1)(c). Sa meta jsir applikabbli l-Artikolu 37(1)(b), l-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jista' jiddeċiedi li ma japplikax l-Artikolu 32 sa fejn għandhom x'jaqsmu s-servizzi anċillari u ħażna temporanja għall-proċess tal-gassifikazzjoni mill-ġdid u l-konsenja sussegwenti tiegħu lis-sistema tat-trażmissjoni.~~

~~4.~~ ~~Fejn l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva x'aktarx tikkawża problemi sostanzjali f'żona ġeografika limitata ta' Stat Membru, b'mod partikolari rigward l-iżvilupp ta' infrastrutturi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni maġġuri, u bl-iskop tal-inkoraġġiment tal-investimenti, l-Istat Membru jista' japplika lill-Kummissjoni għal deroga temporanja mill-Artikoli 4 u 9, mill-Artikolu 13(1) u (3), mill-Artikolu 14, mill-Artikolu 24, mill-Artikolu 25(5), mill-Artikoli 26, 31 u 32, mill-Artikolu 37(1) u/jew mill-Artikolu 38 għall-iżviluppi f'din iż-żona.~~

~~5.~~ ~~Il-Kummissjoni tista' tagħti d-deroga msemmija fil-paragrafu 4, filwaqt li tqis, b'mod partikolari, il-kriterji li ġejjin:~~

~~– a) il-bżonn għall-investimenti fl-infrastruttura, li ma jkunux ekonomiċi sabiex wieħed jaħdem f'ambjent ta' suq kommpettiv,~~

~~– b) il-livell u l-prospetti ta' ħlas lura meħtieġa ta' investimenti,~~

~~– c) id-daqs u l-maturità tas-sistema ta' gass fiż-żona konċernata,~~

~~– d) il-prospetti għas-suq tal-gass in kwistjoni,~~

~~– e) id-daqs ġeografiku u l-karatteristiċi taż-żona jew reġjun in kwistjoni, u l-fatturi soċjo-ekonomiċi u demografiċi.~~

~~Għall-infrastruttura tal-gass għajr infrastruttura tad-distribuzzjoni, tista' tingħata deroga biss jekk ma tkun ġiet stabbilita ebda infrastruttura tal-gass f'din iż-żona, jew ilha stabbilita hemm għal inqas minn 10 snin. Id-deroga temporanja ma tistax teċċedi 10 snin miż-żmien meta l-gass l-ewwel ġie provdut f'dik iż-żona.~~

~~Għall-infrastruttura tad-distribuzzjoni tista' tingħata deroga għal perjodu ta' żmien li ma jistax jeċċedi 20 sena għall-infrastruttura tad-distribuzzjoni miż-żmien meta l-gass l-ewwel ġie provdut mill-imsemmijainfrastruttura fiż-żona.~~

~~6. L-Artikolu 9 m'għandux japplika għal Ċipru, il-Lussemburgu u/jew Malta.~~

~~7. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar applikazzjonijiet li jkunu saru taħt il-paragrafu 4 qabel ma tieħu deċiżjoni taħt il-paragrafu 5, filwaqt li tqis ir-rispett għall-kunfidenzjalità. Din id-deċiżjoni, kif ukoll id-deroga msemmija fil-paragrafi 1 u 2, għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.~~

~~8. Il-Greċja tista' tidderoga mill-Artikoli 4, 24, 25, 26, 32, 37 u/jew 38 ta' din id-Direttiva għaż-żoni ġeografiċi u għaż-żmien imsemmi fil-liċenzji maħruġa minnha, qabel il-15 ta' Marzu 2002 u taħt id-Direttiva 98/30/KE, għall-iżvilupp u l-esplojtazzjoni esklussiva ta' networks tad-distribuzzjoni f'xi żoni ġeografiċi.~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 80*

**Derogi għas-sistema tal-gass naturali**

1. L-Istati Membri li mhumiex konnessi direttament mas-sistema interkonnessa ta' xi Stat Membru ieħor jistgħu jippreżentaw applikazzjoni lill-Kummissjoni għal derogi mill-Artikoli 3, 7, 54 u/jew 27. Kull deroga bħal din għandha tiskadi malli jitlesta l-ewwel interkonnettur lejn l-Istat Membru.

2. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw applikazzjoni lill-Kummissjoni għal derogi mill-applikazzjoni tal-Artikoli 3, 7, 54 u/jew 27 għar-reġjuni ultraperiferiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 349 tat-TFUE jew għal żoni iżolati ġeografikament oħra. Kull deroga bħal din għandha tiskadi malli titlesta konnessjoni mir-reġjun jew miż-żona lejn Stat Membru b'sistema interkonnessa.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar l-applikazzjonijiet għal derogi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 qabel ma tieħu deċiżjoni, filwaqt li tqis it-talbiet ġustifikati għall-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sensittiva kummerċjalment.

4. Id-derogi mogħtija mill-Kummissjoni għandhom ikunu limitati fiż-żmien u soġġetti għal kundizzjonijiet li jkollhom l-għan li jżidu l-kompetizzjoni fis-suq intern u l-integrazzjoni tiegħu, u li jiżguraw li d-derogi ma jfixklux it-tranżizzjoni lejn l-

enerġija rinnovabbli jew l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2018/1999.

5. Id-derogi skont id-Direttiva 2009/73/KE mingħajr data tal-iskadenza għandhom jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2025. L-Istati Membri li waqt id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva jkun għadhom qed jibbenefikaw minn dawn id-derogi jistgħu jippreżentaw applikazzjoni lill-Kummissjoni għal deroga ġdida f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

6. Id-deċiżjonijiet li jagħtu d-derogi għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

| |
|---|
| ⬇ 2019/692 Artikolu 1.9 (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu 81~~49 a~~*

**Derogi b'rabta mal-linji tat-trażmissjoni ⌦ tal-gass naturali ⌫ lejn u mill-pajjiżi terzi**

1. Rigward il-linji tat-trażmissjoni tal-gass bejn Stat Membru u pajjiż terz li tlestew qabel it-23 ta' Mejju 2019, l-Istat Membru fejn jinsab l-ewwel punt tal-konnessjoni ta' din il-linja tat-trażmissjoni ma' network ta' Stat Membru jista' jiddeċiedi li jidderoga mill-Artikoli 54~~9~~, 65~~10~~, 66~~11~~ u 27~~32~~ u mill-Artikolu 72~~41~~(7), (9) u 73(1) għat-taqsimiet ta' din il-linja tat-trażmissjoni tal-gass li jinsabu fit-territorju u fil-baħar territorjali tiegħu, għal raġunijiet oġġettivi, bħall-possibbiltà ta' rkupru tal-investiment imwettaq jew minħabba raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista, diment li d-deroga ~~ma tagħmilx ħsara~~ ⌦ ma tkunx ta' detriment ⌫ ~~lil~~ għall-kompetizzjoni fis-suq intern tal-gass naturali jew għall-funzjonament effettiv tiegħu, jew għas-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni.

   Id-deroga għandha tkun limitata fiż-żmien sa 20 sena abbażi ta' ġustifikazzjoni oġġettiva, li tista' tiġġedded jekk ikun ġustifikat, u li tista' tkun soġġetta għal kundizzjonijiet li jikkontribwixxu għall-kisba tal-kundizzjonijiet imsemmija ~~hawn fuq~~ ⌦ fl-ewwel subparagrafu ⌫.

   Dawn id-derogi ma għandhomx japplikaw għal-linji tat-trażmissjoni bejn Stat Membru u pajjiż terz li jkollu l-obbligu jittrasponi din id-Direttiva u effettivament jimplimenta din id-Direttiva fis-sistema ġuridika tiegħu skont ftehim konkluż mal-Unjoni.

2. Meta l-linja tat-trażmissjoni kkonċernata tkun tinsab fit-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun jinsab l-ewwel punt tal-konnessjoni man-network tal-Istati Membri għandu jiddeċiedi jekk jagħtix deroga minn dik il-linja tat-trażmissjoni wara konsultazzjoni mal-Istati Membri kollha kkonċernati.

   Meta tintalab mill-Istati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li taġixxi bħala osservatur fil-konsultazzjoni bejn l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun jinsab l-ewwel punt tal-konnessjoni u l-pajjiż terz dwar l-applikazzjoni konsistenti ta' din id-Direttiva fit-territorju u fil-baħar territorjali tal-Istat Membru fejn ikun jinsab l-ewwel punt tal-interkonnessjoni, inkluż l-għoti ta' derogi minn linji tat-trażmissjoni bħal dawn.

3. Id-deċiżjonijiet skont il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu adottati sal-24 ta' Mejju 2020. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw kull deċiżjoni bħal din lill-Kummissjoni u għandhom jippubblikawha.

*Artikolu 82~~49b~~*

**Proċedura tal-awtonomizzazzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għal obbligi oħra skont il-liġijiet tal-Unjoni, u għall-allokazzjoni ta' kompetenza bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, il-ftehimiet eżistenti bejn Stat Membru u pajjiż terz dwar l-operazzjoni ta' linja tat-trażmissjoni jew ta' network tal-pipelines upstream jistgħu jitħallew fis-seħħ sad-dħul fis-seħħ ta' ftehim sussegwenti bejn l-Unjoni u l-istess pajjiż terz jew sa meta tapplika il-proċedura skont il-paragrafi 2 sa 15 ta' dan l-Artikolu.

2. Mingħajr preġudizzju għall-allokazzjoni tal-kompetenza bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, meta Stat Membru jkun beħsiebu jibda negozjati ma' pajjiż terz biex jemenda, jestendi, jadatta, iġedded jew jikkonkludi ftehim dwar l-operazzjoni ta' linja tat-trażmissjoni ma' pajjiż terz rigward materji li huma, għalkollox jew parzjalment, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, dan għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tiegħu bil-miktub.

   Dik in-notifika għandha tinkludi d-dokumentazzjoni rilevanti u indikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jridu jiġu indirizzati fin-negozjati jew rinegozjati, l-objettivi tan-negozjati u kull informazzjoni rilevanti oħra, u għandha tintbagħat lill-Kummissjoni mill-anqas ħames xhur qabel il-bidu maħsub tan-negozjati.

3. Bħala segwitu għal notifika skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat jidħol f'negozjati formali ma' pajjiż terz għall-parti li tista' taffettwa r-regoli komuni tal-Unjoni, diment li ma jkunx jidhrilha li l-ftuħ ta' dawk in-negozjati:

   (a) ikun f'kunflitt mal-liġi tal-Unjoni, li mhumiex l-inkompatibbiltajiet minħabba l-allokazzjoni tal-kompetenza bejn l-Unjoni u l-Istati Membri;

   (b) ikun ta' detriment għall-funzjonament tas-suq intern tal-gass naturali, għall-kompetizzjoni jew għas-sigurtà tal-provvista fi Stat Membru jew fl-Unjoni;

   (c) jimmina l-objettivi tan-negozjati pendenti ta' ftehimiet intergovernattivi mill-Unjoni ma' pajjiż terz;

   (d) ikun diskriminatorju.

4. Meta twettaq il-valutazzjoni skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tqis jekk il-ftehim maħsub jikkonċernax linja tat-trażmissjoni jew pipeline upstream li jikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni ta' provvisti u fornituri tal-gass naturali b'sorsi ġodda tal-gass naturali.

5. Fi żmien 90 jum mill-wasla tan-notifika msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza jew tirrifjuta li tawtorizza lil Stat Membru jidħol f'negozjati biex jemenda, jestendi, jadatta, iġedded jew jikkonkludi ftehim ma' pajjiż terz. Meta tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali biex tiġi adottata deċiżjoni, il-perjodu ta' 90 jum għandu jibda jiddekorri mid-data tal-wasla ta' dik l-informazzjoni addizzjonali.

6. Jekk il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li tirrifjuta li tawtorizza lil Stat Membru jidħol f'negozjati biex jemenda, jestendi, jadatta, iġedded jew jikkonkludi ftehim ma' pajjiż

terz, din għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat kif xieraq u għandha tagħti r-raġunijiet għal dan.

7. Id-deċiżjonijiet li jawtorizzaw jew jirrifjutaw li jawtorizzaw lil Stat Membru jidħol f'negozjati biex jemenda, jestendi, jadatta, iġedded jew jikkonkludi ftehim ma' pajjiż terz għandhom jiġu adottati, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 83~~51~~(2).

8. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi gwida u tista' titlob l-inklużjoni ta' klawżoli partikolari fil-ftehim previst, biex tiżgura l-kompatibbiltà mal-liġi tal-Unjoni f'konformità mad-Deċiżjoni (UE) 2017/684 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43].

9. Il-Kummissjoni għandha tinżamm infurmata dwar il-progress u r-riżultati ta' dawk il-negozjati biex jiġi emendat, estiż, adattat, imġedded jew konkluż ftehim, matul l-istadji differenti ta' dawk in-negozjati u tista' titlob li tipparteċipa f'dawk in-negozjati bejn l-Istat Membru u l-pajjiż terz f'konformità mad-Deċiżjoni (UE) 2017/684.

10. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-deċiżjonijiet adottati skont il-paragrafu 5.

11. Qabel ma jiffirma ftehim ma' pajjiż terz, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-eżitu tan-negozjati u għandu jibgħat it-test tal-ftehim negozjat lill-Kummissjoni.

12. Malli ssir in-notifika skont il-paragrafu 11, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ftehim negozjat skont il-paragrafu 3. Meta l-Kummissjoni ssib li n-negozjati wasslu għal ftehim konformi mal-paragrafu 3, din għandha tawtorizza lill-Istat Membru biex jiffirma u jikkonkludi l-ftehim.

13. Fi żmien 90 jum mill-wasla tan-notifika msemmija fil-paragrafu 11, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza jew li tirrifjuta li tawtorizza lil Stat Membru biex jiffirma u jikkonkludi l-ftehim ma' pajjiż terz. Meta tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali biex tiġi adottata deċiżjoni, il-perjodu ta' 90 jum għandu jibda jiddekorri mid-data tal-wasla ta' dik l-informazzjoni addizzjonali.

14. Meta l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni skont il-paragrafu 13 li tawtorizza lil Stat Membru biex jiffirma u jikkonkludi l-ftehim ma' pajjiż terz, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-konklużjoni u d-dħul fis-seħħ tal-ftehim, u dwar kull bidla sussegwenti fl-istatus ta' dak il-ftehim.

15. Jekk il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li tirrifjuta li tawtorizza lil Stat Membru jiffirma u jikkonkludi l-ftehim ma' pajjiż terz skont il-paragrafu 13, din għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat kif xieraq u għandha tagħti r-raġunijiet għal dan.

---

[43] Id-Deċiżjoni (UE) 2017/684 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi u strumenti mhux vinkolanti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija, u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 994/2012/UE (ĠU L 99, 12.4.2017, p. 1).

↓ 2009/73/KE

*Artikolu 50*

**Proċedura ta' Reviżjoni**

Fil-każ li r-rapport imsemmi fl-Artikolu 52(6) jasal għall-konklużjoni fejn, minħabba l-mod effettiv li bih l-aċċess għan-network ikun sar fi Stat Membru — li jwassal għal aċċess kompletament effettiv, non-diskriminatorju u mingħajr xkiel għan-network, il-Kummissjoni tikkonkludi li ċerti obbligi imposti minn din id-Direttiva fuq l-impriżi (inklużi dawk rigward is-separazzjoni legali għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni) mhumiex proporzjonati mal-objettiv mixtieq, l-Istat Membru in kwistjoni jista' jippreżenta talba lill-Kummissjoni għal eżenzjoni mill-ħtieġa in kwistjoni.

It-talba għandha tiġi nnotifikata, mingħajr dewmien, mill-Istat Membru lill-Kummissjoni, flimkien mal-informazzjoni relevanti kollha meħtieġa biex jintwera li l-konklużjoni milħuqa fir-rapport dwar l-aċċess effettiv għan-networks milħuq ser jinżamm.

Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi notifika, il-Kummissjoni għandha tadotta opinjoni rigward it-talba mill-Istat Membru in kwistjoni, u fejn xieraq, tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jemendaw id-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva. Il-Kummissjoni tista' tipproponi, fil-proposti biex tiġi emendata d-Direttiva, li l-Istat Membru in kwistjoni jiġi eżentat minn rekwiżiti speċifiċi, b'kondizzjoni li dak l-Istat Membru jimplimenta miżuri ugwalment effettivi kif xieraq.

*Artikolu 51*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat.

2. Kull fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-diżpożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

↓ 2018/1999 Artikolu 51.2

*Artikolu 52*

**Rapportar**

Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ u rieżami tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport ġenerali ta' progress lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bħala anness tar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija msemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44].

[44] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE)

⇩ ġdid

*Artikolu 83*

**Eżerċizzju ta' delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 8, 56, 66, 74, 75 u 76 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 8, 56, 66, 74, 75 u 76 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tkun effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti deżinjati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 8, 56, 66, 74, 75 u 76 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 84*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 85*

**Rieżami u rappurtar**

~~Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).~~

Sal-31 ta' Diċembru 2030, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ta' din id-Direttiva u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rieżami għandu jistħarreġ b'mod partikolari l-applikazzjoni tal-Artikolu 8, u d-definizzjonijiet relatati fl-Artikolu 2, biex jiġi vvalutat jekk il-faċilitajiet li jibdew joperaw fl-1 ta' Jannar 2031 jew wara jenħtieġx li juru tnaqqis akbar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-użu tal-fjuwils b'livell baxx tal-karbonju u mill-użu tal-idroġenu b'livell baxx tal-karbonju biex ikunu jistgħu jirċievu ċertifikazzjoni skont dak l-Artikolu. .

*Artikolu 86*

**Emendi għad-Direttiva 2012/27/UE**

Id-Direttiva 2012/27/UE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikoli 9, 10 u 11 huma mħassra;

(2) l-Anness VII huwa mħassar.

---

🡻 2009/73/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 87~~54~~*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ~~ma' din id-Direttiva~~ ⇨ mal-Artikoli 2 sa 5, l-Artikoli 7 sa 25, l-Artikoli 26, 27 u 29, l-Artikoli 31 sa 34, l-Artikolu 35(1)(a), (3), (4), (7), (8) u (9), l-Artikoli 37 u 38, l-Artikolu 40(1), (2), (7), (8)u (9), l-Artikolu 41, l-Artikolu 42(2), l-Artikoli 46 sa 53, l-Artikoli 56 u 58(11), l-Artikoli 62 sa 69, l-Artikolu 70(5) u (6), l-Artikoli 71 sa 73, l-Artikolu 75(1), (5), (6) u (9), l-Artikoli 76 u 77, l-Anness I u l-Anness II⇦ ⇨ sal-31 ta' Diċembru 2023 ⇦ ~~sat-3 ta' Marzu 2011~~. Dawn għandhom ~~jinfurmaw~~ ⌦ jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri ⌫ lill-Kummissjoni ~~taghhom~~.

~~Għandhom japplikaw dawk il-miżuri mit-3 ta' Marzu 2011 bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 11 li għandhom japplikaw mit-3 ta' Marzu 2013~~

~~Fejn~~ ⌦ Meta ⌫ l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. ~~Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mil~~ L-Istati Membri ⌦ għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni ⌫ .

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li qed jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

| ⬇ 2009/73/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

*Artikolu* *88*~~*53*~~

**Tħassir**

Id-Direttiva ~~2003/55/KE~~ ⌦ 2009/73/KE, kif emendata bl-atti elenkati fl-Anness III, il-Parti A, ⌫ hi mħassra ⌦ b'effett ⌫ ~~mit-3 ta' Marzu 2011~~ ⇨ mill-1 ta' Jannar 2023, ⇦ mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri ⌦ relatati ⌫ ~~mal-limitu ta' żmien~~ ⌦ mal-limiti taż-żmien ⌫ ⌦ ⌫ għat-traspożizzjoni ⌦ fil-liġi nazzjonali ⌫ u ⌦ d-data ta' ⌫ applikazzjoni ~~tad-Direttiva msemmija~~ ⌦ tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness III, il-Parti B ⌫ .

Ir-referenzi għad-Direttivi mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV~~II~~.

| ⬇ 2009/73/KE (adattat) |
|---|

*Artikolu* *89*~~*55*~~

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ ~~fl-20~~ ⌦ fl-għoxrin ⌫ jum wara ⌦ dak ⌫ tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu* *90*~~*56*~~

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |
|---|---|

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

### 1.2. Qasam/Oqsma ta’ politika kkonċernat(i)

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma’:

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

### 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista’ jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta’ dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma’ strumenti xierqa oħra*

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta’ finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

### 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

### 1.7. Mod(i) ta’ ġestjoni ppjanat(i)

## 2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta’ monitoraġġ u ta’ rapportar

### 2.2. Sistema/i ta’ ġestjoni u ta’ kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta’ ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta’ pagament u tal-istrateġija ta’ kontroll proposta*

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta’ kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta’ errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta’ irregolaritajiet

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

### 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## "AĠENZIJI" TAD-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu (riformulazzjoni).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali, u tal-idroġenu (riformulazzjoni)

#### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Qasam ta' politika: Enerġija

Attività: Il-Patt Ekoloġiku Ewropew

#### 1.3. Il-proposta tirrigwarda

**X azzjoni ġdida**

**☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[45]**

**☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

**☐ fużjoni ta' azzjoni waħda jew aktar f'azzjoni oħra/ġdida**

#### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-liġi dwar il-Klima stabbilew il-mira biex l-UE issir newtrali għall-klima sal-2050 b'mod li jikkontribwixxi għall-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi Ewropej. Hu vvalutat li l-mira għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' 55 % twassal għal sehem ta' sorsi rinnovabbli ta' bejn 38 % u 40 %. Il-fjuwils gassużi se jkomplu jipprovdu sehem importanti mit-taħlita enerġetika sal-2050, li teħtieġ id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-gass bi tfassil progressiv għas-swieq kompetittivi tal-gass dekarbonizzat. Din l-inizjattiva hija parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Din tkopri t-tfassil tas-suq tal-gassijiet, inkluż l-idroġenu. Filwaqt li waħedha mhix se twettaq id-dekarbonizzazzjoni, din se tneħħi l-ostakli regolatorji eżistenti u toħloq l-kundizzjonijiet sabiex dan iseħħ b'mod kosteffettiv.

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

L-objettivi speċifiċi li ġejjin jiffokaw fuq dawk indirizzati bid-dispożizzjonijiet li jeħtieġu riżorsi addizzjonali għall-ACER u d-DĠ Enerġija.

Objettiv speċifiku Nru 1:

Il-ħolqien ta' qafas regolatorju għal żvilupp ibbażat fuq is-suq tas-settur tal-idroġenu u n-networks tal-idroġenu.

Objettiv speċifiku Nru 2:

[45] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

It-titjib tal-kundizzjonijiet għall-kummerċ transfruntier fil-gass naturali, li jqis ir-rwol dejjem akbar tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, u aktar drittijiet għall-konsumaturi.

Objettiv speċifiku Nru 3:

L-iżgurar li l-entitajiet pan-Ewropej tal-operaturi tan-networks ikunu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Ir-riżorsi addizzjonali se jippermettu lill-ACER u lid-DĠ Enerġija jwettqu l-kompiti meħtieġa biex jissodisfaw il-mandat tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tal-UE skont ir-rekwiżiti ta' din il-proposta.

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

Objettiv speċifiku Nru 1:

L-iżvilupp tal-infrastruttura tal-idroġenu u l-użu konġunt tagħha mill-parteċipanti differenti fis-suq.

Objettiv speċifiku Nru 2:

Il-livell ta' kummerċ u l-aċċess tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju għas-swieq (eż. il-volumi u n-numru ta' kummerċjanti, ir-rati ta' użu tat-terminals tal-LNG u l-volumi riċevuti ta' dawk il-gassijiet).

Objettiv speċifiku Nru 3:

L-istabbiliment fil-ħin tan-Network Ewropew tal-Operaturi tan-Networks tal-Idroġenu u l-inklużjoni fil-ħin tad-DSOs tal-gass naturali fl-entità tal-UE għad-DSOs.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Il-valutazzjoni li ġejja, sa fejn tikkonċerna lill-ACER, tikkunsidra l-istimi tal-ħtiġijiet tar-riżorsi għall-kompiti attwali tal-istudju riċenti mwettaq minn konsulent indipendenti biex tiġi stabbilita l-ħtieġa tar-riżorsi għal kompiti simili iżda addizzjonali, b'aġġustament biex tiġi evitata stima eċċessiva. L-għadd ikkwotat ta' FTEs għall-kompiti eżistenti hu stima approssimattiva tal-persunal meħtieġ fl-2023, iżda bi tnaqqis ġenerali ta' 20% biex jitqies li l-metodoloġija applikata mill-konsulent kienet soġġetta għal stima eċċessiva kif spjegat fl-Opinjoni tal-Kummissjoni C(2021) 7024 tal-5.10.2021 dwar l-abbozz tad-dokument ta' programmazzjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija għall-perjodu 2022-2024 u dwar is-suffiċjenza tar-riżorsi umani u finanzjarji

disponibbli għall-ACER. Din l-LFS għalhekk tapplika stima aktar konservattiva tal-persunal meħtieġ minn dik tal-konsulent.

Filwaqt li l-volumi tal-gassijiet naturali fornuti lill-klijenti tal-UE se jonqsu gradwalment, dan mhux se jwassal biex jonqos l-ammont ta' xogħol li jeżiġu l-kompiti eżistenti tal-ACER sal-futur prevedibbli: Pereżempju, l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-network tal-gass naturali tibqa' għaddejja irrispettivament mill-volumi ttrasportati min-network. Il-kumplessità se tkompli tiżdied minħabba r-rwol dejjem akbar tat-taħlit tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju. Barra minn hekk, b'network u suq tal-idroġenu, ir-regolazzjoni ta' settur ġdid se tiżdied mal-lista ta' kompiti tal-ACER.

Objettiv speċifiku Nru 1: Il-ħolqien ta' qafas regolatorju għal żvilupp ibbażat fuq is-suq tas-settur tal-idroġenu u n-networks tal-idroġenu

- Rigward l-elettriku u l-gass naturali, l-iżvilupp ta' settur tal-idroġenu ibbażat fuq is-suq jeħtieġ aktar regoli dettaljati fil-forma ta' **kodiċijiet tan-network jew linji gwida**. Il-proposta tinkludi 9 setgħat biex jiġu adottati kodiċijiet tan-network jew linji gwida ġodda relatati mal-idroġenu fil-forma ta' Regolamenti tal-Kummissjoni.

  Bħalissa hemm sitt kodiċijiet tan-network jew linji gwida li ġew adottati bħala Regolamenti tal-Kummissjoni skont ir-Regolament tal-Gass (KE) Nru 715/2009 jew inklużi bħala Annessi ta' dan ir-Regolament. Il-konsulent stima li l-ACER teħtieġ 7 FTEs biex timplimentahom. L-esperjenza miksuba fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-network tal-gass naturali u l-linji gwida jistgħu jintużaw fl-iżvilupp ta' kodiċijiet tan-network jew linji gwida simili għall-idroġenu (eż. l-allokazzjoni tal-kapaċità, l-interoperabbiltà).

  Għalhekk, hu stmat li hemm bżonn 5 FTEs għall-iżvilupp u mbagħad għall-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida ġodda relatati mal-idroġenu. Minħabba l-iżvilupp gradwali tas-settur tal-idroġenu, l-FTE addizzjonali għandhom jiddaħħlu b'mod gradwali: 1 FTE fis-sena mill-2023 'il quddiem.

- L-ACER għandha tieħu **deċiżjonijiet ukoll dwar id-distribuzzjoni tal-kostijiet għal infrastruttura transfruntiera ġdida tal-idroġenu u għal soluzzjonijiet li jneħħu r-restrizzjonijiet minħabba l-kwalità differenti tal-idroġenu jew ta' gassijiet oħra**. Il-konsulent stima li għal deċiżjoni tal-ACER dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont ir-Regolament Nru 347/2013 tat-TEN-E, jekk l-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri ma jkunux jistgħu jiftiehmu, ikunu meħtieġa madwar 3 FTEs għal 6 xhur, u jekk xi deċiżjoni tiġi appellata, ikunu meħtieġa aktar riżorsi umani. Jekk wieħed jassumi li se tittieħed deċiżjoni kull sentejn, ikun meħtieġ 1 FTE addizzjonali fi żmien meta aktarx li, minħabba importanza dejjem akbar tal-idroġenu u ta' gassijiet oħra għajr il-gass naturali, tiġi skattata s-setgħa ta' din id-deċiżjoni (jiġifieri fl-2026),

- Ir-**raba' volum** (wara l-elettriku bl-ingrossa, il-gass naturali bl-ingrossa, u l-bejgħ bl-imnut/il-konsumaturi) **dwar l-idroġenu** għandu jiżdied mar-**Rapport dwar il-Monitoraġġ tas-Suq** tal-ACER, li jestendi l-ambitu tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tas-suq tal-ACER. Bħalissa, 7-8 FTEs qed jaħdmu fuq dawk it-tliet volumi eżistenti. Peress li l-idroġenu se jkun qasam ġdid għall-ACER li għalih jeħtieġ jiġi stabbilit taħriġ intern, hu stmat li hemm bżonn 1 FTE addizzjonali mid-dħul fis-seħħ tal-proposti u 1 FTE ieħor ladarba s-settur tal-idroġenu mistenni jibda jiżviluppa f'suq pan-Ewropew (jiġifieri qrib l-2027).

- Minħabba l-importanza dejjem akbar tal-idroġenu u ta’ gassijiet oħra għajr il-gassijiet fossili, **jeħtieġ li jiġi estiż il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ REMIT**. Dan jeħtieġ 5 FTEs addizzjonali b’kollox, 2 FTEs mill-2024 ’il quddiem u 3 FTEs oħra ladarba jibda jinħoloq suq tal-idroġenu, jiġifieri mill-2027 ’il quddiem. Dawk il-5 FTEs se jkunu eliġibbli għall-finanzjament bi drittijiet.

Objettiv speċifiku Nru 2: It-titjib tal-kundizzjonijiet għall-kummerċ transfruntier tal-gass naturali, filwaqt li jitqies ir-rwol dejjem akbar tal-gassijiet rinnovabbli u b’livell baxx tal-karbonju, u aktar drittijiet għall-konsumaturi

- Huwa ppjanat Regolament ġdid tal-Kummissjoni dwar iċ-**ċibersigurtà**, ekwivalenti għal dak tas-settur tal-elettriku. Skont l-esperjenza li teħtieġ l-ACER, bħala medja, huma meħtieġa 1 FTE għal kull kodiċi tan-network jew linja gwida, u 1 FTE addizzjonali għaċ-ċibersigurtà mid-dħul fis-seħħ tal-proposta.
- Għandha tiġi introdotta dispożizzjoni ġdida li teżiġi li l-operaturi jkollhom bażijiet ta’ assi regolati separati għan-networks tal-gass naturali, tal-idroġenu u/jew tal-elettriku biex jiġi evitat is-sussidju inkroċjat. L-ACER se jkollha l-kompitu li toħroġ **rakkomandazzjonijiet lill-operaturi tan-networks u lill-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri dwar id-determinazzjoni tal-valur tal-assi u l-kalkolu tal-imposti għall-utenti tan-network** u taġġornahom kull sentejn. L-ACER se jkollha l-kompitu wkoll li kull 4 snin tippubblika **studju li jqabbel l-effiċjenza tal-kostijiet tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni tal-UE**. Għar-rapport eżistenti dwar l-aqwa prattika għat-tariffi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni skont l-Artikolu 18(9) tar-Regolament dwar l-Elettriku 2019/943, il-konsulent stima 0,4 FTE kull sena, ftit aktar minn dik tar-rapport eżistenti dwar il-konġestjoni fil-punti tal-interkonnessjoni tal-gass. Rigward dan ir-rapport tal-aħħar, il-proposta tnaqqas il-frekwenza minn darba fis-sena, fil-prinċipju, għal darba kull sentejn. Għalhekk, 0,5 FTE addizzjonali mill-2024 ’il quddiem għandu jkun biżżejjed biex ikopri ż-żewġ kompiti tar-rapportar il-ġodda.
- Abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/944 riformulata dwar l-Elettriku, din il-proposta se ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet ukoll għall-**konsumaturi tal-gass**. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jitqabblu mal-kapaċità tal-ACER li timmonitorja d-drittijiet tal-konsumaturi u s-swieq bl-imnut u għalhekk it-tim tal-ACER li jaħdem fuq ir-Rapport dwar il-Monitoraġġ tas-Suq tagħha għandu jissaħħaħ b’0,5 FTE mit-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet mill-Istati Membri ’l quddiem (jiġifieri mill-2024).

Objettiv speċifiku Nru 3: L-iżgurar li l-entitajiet pan-Ewropej tal-operaturi ta’ network jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE

- Il-proposta ttejjeb s-sorveljanza tal-ENTSO-G (abbażi tad-dispożizzjonijiet relatati mal-ENTSO-E), testendi l-kamp ta’ applikazzjoni tal-entità tal-UE għad-DSO għall-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni tal-gass naturali u toħloq Network Ewropew ġdid tal-Operaturi tan-Networks tal-Idroġenu.

  L-istabbiliment tan-Network Ewropew tal-Operaturi tan-Networks tal-Idroġenu u l-estensjoni tal-kamp ta’ applikazzjoni tal-entità tal-UE għad-DSO toħloq ammont ta’ xogħol eċċessiv għall-ACER fl-ewwel sena mid-dħul fis-seħħ tal-proposta u mbagħad iridu jitwettqu l-kompiti regolari ta’ monitoraġġ u rarament xi azzjonijiet ta’ infurzar possibbli. 1

FTE għandu jkun biżżejjed u, wara l-ewwel sena, jibda jaħdem ukoll fuq il-kompitu tal-monitoraġġ ewlieni fin-Network Ewropew il-ġdid tal-Operaturi tan-Networks tal-Idroġenu: il-valutazzjoni tal-pjan il-ġdid tal-iżvilupp tan-networks għall-Unjoni kollha.

Dawk l-FTEs addizzjonali deskritti hawn fuq ma jinkludux il-persunal ġenerali. L-applikazzjoni ta' proporzjon ġenerali ta' madwar 25% (inqas minn dak attwali) tfisser li jkunu meħtieġa 5 FTEs addizzjonali. L-Opinjonijiet Preċedenti tal-Kummissjoni dwar id-Dokumenti ta' Programmazzjoni tal-ACER qajmu dubju dwar il-fatt li l-pjan ta' stabbiliment tal-ACER ma jinkludix id-dispożizzjonijiet għall-persunal li jwettaq il-kompiti klerikali jew segretarjali u l-ACER infatti tiddependi fuq il-persunal interim għal dawk il-kompiti. Għalhekk, dawk l-FTEs ġenerali għandhom ikunu AST/SCs biex jirrimedjaw din is-sitwazzjoni, mingħajr ma jixħtu piż addizzjonali fuq il-baġit tal-UE għax se jissostitwixxu lill-persunal interim.

Minn 21 FTE b'kollox, hemm sa 7 eliġibbli għall-finanzjament bi drittijiet (2 TAs AD, 3 CAs FG IV, u 2 AST/SCs TA bħala appoġġ segretarjali għall-kapijiet taż-żewġ dipartimenti tar-REMIT).

Filwaqt li l-ħafna mill-ammont tax-xogħol addizzjonali għall-korpi tal-UE se jsir fl-ACER, ix-xogħol tad-DĠ ENER se jiżdied għax is-settur tal-idroġenu se jiżviluppa progressivament f'suq pan-Ewropew, u se tiżdied il-kumplessità tan-network u tas-suq tal-gass naturali minħabba provvista dejjem akbar ta' gassijiet oħra għajr il-gassijiet fossili. Stima konservattiva hi li hemm bżonn 1 FTE addizzjonali biex tkun żgurata l-implimentazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet msaħħa tal-protezzjoni tal-konsumaturi. Fuq l-aspett tal-ingrossa, bħalissa hemm 8 FTEs jaħdmu fuq is-swieq fil-gassijiet (inkluż fuq l-ippjanar tan-network u l-kwalità tal-gass). Iż-żieda tar-regoli relatati mal-idroġenu u l-kumplessità dejjem akbar tas-settur tal-gass naturali jeħtieġu l-forza tax-xogħol immultiplikata b'fattur ta' 1,5, jiġifieri 4 FTEs addizzjonali, mifruxa mas-snin li ġejjin skont l-iżvilupp tas-settur tal-idroġenu u s-sehem mis-suq dejjem akbar ta' gassijiet oħra għajr il-gassijiet fossili.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Attwalment, ma hemmx regoli fil-livell tal-UE li jirregolaw in-networks jew is-swieq iddedikati għall-idroġenu. Fid-dawl tal-isforzi attwali fil-livell tal-UE u dawk nazzjonali biex jiġi promoss l-użu tal-idroġenu rinnovabbli bħala sostituzzjoni għall-fjuwils fossili, l-Istati Membri jkollhom inċentiva biex jadottaw ir-regoli dwar it-trasport tal-infrastruttura ddedikata għall-idroġenu fil-livell nazzjonali. Dan joħloq ir-riskju ta' xenarju regolatorju frammentat madwar l-UE, li jista' jxekkel l-integrazzjoni tan-networks u s-swieq nazzjonali tal-idroġenu, u b'hekk iwaqqaf jew jiskoraġġixxi l-kummerċ transfruntier tal-idroġenu.

Jekk ir-regoli dwar l-infrastruttura tal-idroġenu jiġu armonizzati fi stadju aktar tard (jiġifieri wara li tkun daħlet fis-seħħ il-leġiżlazzjoni nazzjonali), jiżdiedu l-piżijiet amministrattivi tal-

Istati Membri, u jiżdiedu l-kostijiet regolatorji u l-inċertezza lill-kumpaniji, l-aktar rigward l-investimenti fit-tul fil-produzzjoni tal-idroġenu u l-infrastruttura tat-trasport.

Il-ħolqien ta' qafas regolatorju fil-livell tal-UE dwar in-networks u s-swieq dedikati tal-idroġenu jrawwem l-integrazzjoni u l-interkonnessjoni tas-swieq u n-networks nazzjonali tal-idroġenu. Ir-regoli fil-livell tal-UE dwar l-ippjanar, il-finanzjament u l-operazzjoni ta' dawn in-networks dedikati tal-idroġenu joħolqu prevedibbiltà fit-tul lill-investituri potenzjali f'din it-tip ta' infrastruttura fit-tul, b'mod partikolari għal interkonnessjonijiet transfruntieri (li inkella jaf ikunu soġġetti għal liġijiet nazzjonali potenzjalment diverġenti).

Fil-każ tal-bijometan, mingħajr inizjattiva fil-livell tal-UE, huwa probabbli li sal-2030 tkun għadha teżisti frammentazzjoni regolatorja fir-rigward tal-aċċess għas-swieq tal-operaturi, l-obbligi tal-konnessjoni u l-miżuri ta' koordinazzjoni bejn it-TSO u d-DSO. Bl-istess mod, mingħajr ftit armonizzazzjoni fil-livell tal-UE, il-produtturi tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju se jkunu qed jiffaċċjaw konnessjonijiet u kostijiet ta' injezzjoni differenti ħafna madwar l-UE, li se jirriżultaw f'kundizzjonijiet mhux ekwivalenti.

Mingħajr aktar leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE, l-Istati Membri jkomplu japplikaw standards tal-kwalità tal-gass u regoli differenti dwar il-livelli tat-taħlit tal-idroġenu, u dan bir-riskju ta' restrizzjonijiet fuq il-flussi transfruntieri u ta' segmentazzjoni tas-suq. L-istandards tal-kwalità tal-gass ikomplu jiġu definiti l-aktar bil-parametri tal-kwalità tal-gass naturali, li jillimita l-integrazzjoni tal-gassijiet rinnovabbli fin-network.

Dawn l-aspetti kollha aktarx inaqqsu l-kummerċ transfruntier tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju li jistgħu jiġu kkumpensati b'aktar importazzjonijiet tal-gass naturali. L-użu tat-terminals u l-importazzjonijiet tal-LNG jista' jibqa' ristrett għall-gass naturali, minkejja li ma jkun meħtieġ l-ebda adattament tat-terminals tal-LNG f'każ li l-bijometan kompetittiv jew il-metan sintetiku minn sorsi mhux tal-UE jkunu disponibbli.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-esperjenza tal-proposti leġiżlattivi preċedenti wriet li l-ħtiġijiet tal-persunal tal-ACER faċilment jiġu sottovalutati. Dan hu speċjalment il-każ jekk il-leġiżlazzjoni tkun tinkludi dispożizzjonijiet tal-awtonomizzazzjoni biex jiġu adottati regoli tekniċi aktar dettaljati bħall-kodiċijiet u l-linji gwida tan-network skont ir-Regolament tal-Elettriku (UE) 2019/943. Biex tkun evitata r-repetizzjoni tal-esperjenza tat-tielet pakkett tas-suq intern tal-2009, meta s-sottovalutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal tikkawża nuqqas ta' persunal strutturali (li jiġi solvut b'mod komprensiv biss bil-baġit tal-UE għall-2022), il-ħtiġijiet tal-persunal għal din il-proposta huma stmati għal diversi snin futuri u jqisu l-aktar żviluppi futuri probabbli bħall-użu tas-setgħat.

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Din l-inizjattiva hija inkluża fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2021 (COM(2020) 690 final) bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" u se tikkontribwixxi għall-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990 kif stabbilit bir-Regolament dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima u meta mqabbla mal-objettiv tal-UE li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050.

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

L-FTEs huma meħtieġa għal kompiti ġodda iżda l-kompiti eżistenti mhux se jonqsu fil-futur prevedibbli: se jiġi żviluppat settur tal-idroġenu b'mod parallel għall-użu kontinwu tas-sistema tal-gass naturali, b'din tal-aħħar issir saħansitra aktar kumplessa minħabba l-użu dejjem akbar ta' sorsi oħra ta' metan għajr il-gass fossili. Għalhekk, ir-riallokazzjoni ma ssolvix il-ħtiġijiet ta' persunal addizzjonali.

Sa fejn legalment possibbli, l-FTEs addizzjonali se jiġu ffinanzjati bl-iskema tat-tariffi eżistenti għall-kompiti tal-ACER skont ir-REMIT.

## 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

**X durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[46]

**X Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni permezz ta'

– ☐ aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

**X Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

**X** lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71;

☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

| |
|---|
| |

[46] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Skont ir-regolament finanzjarju tagħha, l-ACER għandha tipprovdi, fil-kuntest tad-Dokument ta' Programmazzjoni tagħha, Programm ta' Ħidma annwali li jinkludi d-dettalji dwar ir-riżorsi, kemm finanzjarji kif ukoll umani, għal kull waħda mill-attivitajiet imwettqa.

L-ACER tirrapporta kull xahar lid-DĠ ENER dwar l-eżekuzzjoni baġitarja, inkluż l-impenji, u l-pagamenti skont it-titolu, u r-rati tal-postijiet tax-xogħol vakanti skont it-tip ta' persunal.

Barra minn hekk, id-DĠ ENER huwa direttament irrappreżentat fil-korpi ta' governanza tal-ACER. Permezz tar-rappreżentanti tiegħu fil-Bord Amministrattiv, id-DĠ ENER se jiġi infurmat dwar l-użu tal-baġit u l-pjan ta' stabbiliment f'kull waħda mil-laqgħat tiegħu matul is-sena.

Fl-aħħar nett, f'konformità wkoll mar-regoli finanzjarji, l-ACER hija soġġetta għar-rekwiżiti annwali għar-rapportar dwar l-attivitajiet u l-użu tar-riżorsi permezz tal-Bord Amministrattiv u r-Rapport Annwali tal-Attività tagħha.

Il-kompiti direttament implimentati mid-DĠ ENER se jsegwu ċ-ċiklu annwali tal-ippjanar u l-monitoraġġ, kif implimentat fil-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi, inkluż ir-rapportar tar-riżultati permezz tar-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ ENER.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Peress li l-ACER se jkollha tiżviluppa għarfien espert ġdid, l-aktar mod kosteffettiv għaldaqstant huwa li talloka l-kompiti l-ġodda skont din il-proposta lil aġenzija eżistenti li diġà taħdem fuq kompiti simili.

Id-DĠ ENER stabbilixxa strateġija ta' kontroll għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet tiegħu mal-ACER, bħala parti mill-Qafas ta' Kontroll Intern għall-2017 tal-Kummissjoni. L-ACER irrevediet u adottat il-Qafas ta' Kontroll Intern proprju tagħha f'Diċembru 2018.

#### *2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskji ewlenin huma stimi żbaljati fir-rigward tal-ammont ta' xogħol maħluq b'din il-proposta, minħabba li għandha l-għan li tipprovdi qafas regolatorju ta' faċilitazzjoni *ex ante*, mhux *ex post* wara l-istabbiliment tal-approċċi nazzjonali u l-inklużjoni ta' atturi ġodda u fjuwils ġodda (l-idroġenu u "gassijiet alternattivi" oħra) fis-settur tal-enerġija. Dan ir-riskju jeħtieġ li jiġi aċċettat, peress li kif muri mill-esperjenza, jekk il-ħtiġijiet tar-riżorsi addizzjonali ma jiġux inklużi fil-proposta inizjali, ikun diffiċli ħafna li din is-sitwazzjoni tiġi rrimedjata aktar tard.

Il-fatt li l-proposta tinkludi diversi kompiti ġodda jtaffi dan ir-riskju, peress li filwaqt li l-ammont ta' xogħol li jeżiġu wħud mill-kompiti futuri jista' jiġi sottovalutat, oħrajn jistgħu jiġu sopravalutati, u dan jipprovdi ambitu għal riallokazzjoni futura possibbli.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

L-allokazzjoni ta' kompiti addizzjonali għall-mandat eżistenti tal-ACER mhux mistenni jiġġenera kontrolli addizzjonali speċifiċi fl-ACER, u għalhekk il-proporzjon tal-kostijiet tal-kontroll fuq il-valur tal-fondi ġestiti jibqa' mhux mimsus.

Bl-istess mod, il-kompiti assenjati għad-DĠ ENER mhux se jirriżultaw f'kontrolli jew tibdil addizzjonali fil-proporzjon tal-kostijiet tal-kontroll.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

L-ACER tapplika l-prinċipji kontra l-frodi tal-aġenziji deċentralizzati tal-UE, f'konformità mal-approċċ tal-Kummissjoni.

F'Marzu 2019, l-ACER adottat Strateġija Kontra l-Frodi, li tħassar id-Deċiżjoni 13/2014 tal-Bord Amministrattiv tal-ACER. L-istrateġija l-ġdida, mifruxa fuq perjodu ta' tliet snin, hija bbażata fuq l-elementi li ġejjin: valutazzjoni tar-riskju annwali, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, ir-regoli interni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta, il-politika u l-proċedura għall-ġestjoni ta' funzjonijiet sensittivi, u miżuri relatati mal-etika u l-integrità.

Id-DĠ ENER adotta wkoll Strateġija Kontra l-Frodi (AFS) riveduta fl-2020. L-AFS tal-ENER hija bbażata fuq l-Istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-Frodi u twettqet valutazzjoni tar-riskju speċifika internament biex tidentifika l-oqsma l-aktar vulnerabbli għall-frodi, il-kontrolli diġà fis-seħħ u l-azzjonijiet meħtieġa biex tittejjeb il-kapaċità tad-DĠ ENER li tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi l-frodi.

Kemm ir-Regolament tal-ACER kif ukoll id-dispożizzjonijiet kuntrattwali applikabbli għall-akkwist pubbliku jiżguraw li l-awditi u l-verifiki fuq il-post jistgħu jitwettqu mis-servizz tal-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, permezz tad-dispożizzjonijiet standard irrakkomandati mill-OLAF.

# 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

## 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./mhux diff[47]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[48] | mill-pajjiżi kandidati[49] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 02 | 02 10 06 u 02 03 02 | Diff./ | IVA/~~LE~~ | ~~IVA~~/LE | ~~IVA~~/LE | ~~IVA~~/LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni |
|---|---|---|---|

[47] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[48] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[49] Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

| finanzjarju pluriennali | Numru | Diff./mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | [XX.YY.YY.YY] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

### 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

#### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 2 | Investimenti Strateġiċi Ewropej — Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) |
|---|---|---|

| ACER | | | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 1: | Impenji | (1) | 0.690 | 0.994 | 1.380 | 1.614 | 1.918 | **6.596** |
| | Pagamenti | (2) | 0.690 | 0.994 | 1.380 | 1.614 | 1.918 | **6.596** |
| Titolu 2: | Impenji | (1a) | | | | | | |
| | Pagamenti | (2 a) | | | | | | |
| Titolu 3: | Impenji | (3 a) | | | | | | |
| | Pagamenti | (3b) | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-ACER** | Impenji | =1+1a +3a | 0.690 | 0.994 | 1.380 | 1.614 | 1.918 | **6.596** |
| | Pagamenti | =2+2a +3b | 0.690 | 0.994 | 1.380 | 1.614 | 1.918 | **6.596** |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: ENER | | | | | | | |
| • Riżorsi Umani | | 0.152 | 0.304 | 0.304 | 0.456 | 0.760 | **1.976** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | |
| **TOTAL TAD-DĠ ENER** | Approprjazzjonijiet | | | | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | 0.152 | 0.304 | 0.304 | 0.456 | 0.760 | **1.976** |

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 0.842 | 1.298 | 1.684 | 2.070 | 2.678 | **8.572** |
| | Pagamenti | 0.842 | 1.298 | 1.684 | 2.070 | 2.678 | **8.572** |

*3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-ACER*

– **X** Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[50] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[51]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **KOST TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

[50] L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu fornuti (eż: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, in-numru ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

[51] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…"

*3.2.3. L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-ACER*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AD) | 0,456 | 0,760 | 0,912 | 1,064 | 1,216 | 4.408 |
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AST) | | | | | | |
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AST/SC) | 0.152 | 0.152 | 0.304 | 0.304 | 0.456 | 1.368 |
| Persunal bil-kuntratt | 0.082 | 0.082 | 0.164 | 0.246 | 0.246 | 0.820 |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | | | |
| **TOTAL** | 0.690 | 0.994 | 1.380 | 1.614 | 1.918 | **6.596** |

Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

| | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AD) | 3 | 6 | 7 | 8 | 10 | **10** |
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AST) | | | | | | |
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AST/SC) | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | **5** |
| Persunal kuntrattwali (FG IV) | 1 | 2 | 3 | 3 | 6 | **6** |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | | | |
| **TOTAL** | **5** | **10** | **13** | **15** | **21** | **21** |

Li huma ffinanzjati mill-kontribuzzjoni tal-UE[52]:

| | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AD) | 3 | 5 | 6 | 7 | 8 | **8** |
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AST) | | | | | | |
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AST/SC) | 1 | 1 | 2 | 2 | 3 | **3** |
| Persunal kuntrattwali (FG IV) | 1 | 1 | 2 | 3 | 3 | **3** |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | | | |
| **TOTAL** | **5** | **7** | **10** | **12** | **14** | **14** |

Id-data tar-reklutaġġ ippjanata għall-FTEs hija l-1 ta' Jannar tas-sena rispettiva.

52 Kull sena, f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2152, l-ACER se tidentifika dawk il-kostijiet, inkluż il-kostijiet tal-persunal, li huma eliġibbli għall-finanzjament b'tariffa, u se tippreżenta r-riżultati fl-abbozz tad-dokument ta' programmazzjoni tagħha. F'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2019/942, il-Kummissjoni tipprovdi opinjoni dwar l-abbozz tad-dokument ta' programmazzjoni tal-ACER, inkluż il-proposti tal-Aġenzija li fir-rigward ta' liem kostijiet jitqiesu bħala eliġibbli għal finanzjament permezz ta' drittijiet u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom biex b'hekk jitnaqqas il-piż fuq il-baġit tal-UE.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani għad-DĠ ewlieni

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.
- **X** Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*Stima li trid tingħata f'ammonti sħaħ (jew l-iktar l-iktar għal pożizzjoni deċimali waħda)*

| | | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| • **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | |
| 20 01 02 01 u 20 01 02 02 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 1 | 2 | 2 | 3 | 5 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | |
| | | | | | | |
| • **Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)**[53] | | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-Delegazzjonijiet) | | | | | | |
| Linja/i baġitarja/i (speċifika) [54] | - fil-Kwartieri Ġenerali[55] | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | |
| **01 01 01 02** (AC, END, INT – Riċerka indiretta) | | | | | | |
| 10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | |
| **TOTAL** | | 1 | 2 | 2 | 3 | 5 |

Dawn huma kompiti ġodda, li għalihom għad ma hemmx persunal assenjat fi ħdan id-DĠ ENER. Ir-riżorsi umani meħtieġa jistgħu jiġu koperti mill-persunal li jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma'

[53] AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni fid-Delegazzjonijiet.

[54] Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

[55] Prinċipalment għall-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Marittimu u tas-Sajd u l-Akkwakultura Ewropew (EMFAF).

kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– **X** Il-proposta/l-inizjattiva se teħtieġ riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

– L-inizjattivi "Lesti għall-mira ta' 55 %" ma ġewx ikkunsidrati fil-kalkolu tal-intestaturi tal-QFP. Peress li din l-inizjattiva speċifika hi ġdida, se tkun teħtieġ ir-riprogrammazzjoni kemm għal-linja tal-kontribuzzjoni għall-ACER kif ukoll għal-linja li se tappoġġa x-xogħol addizzjonali fi ħdan id-DĠ ENER. Sal-punt li l-impatt baġitarju tar-riżorsi umani addizzjonali għall-ACER ma jkunx jista' jintlaħaq mit-tariffi jew mill-kontribuzzjoni attwali tal-UE, dan se jiġi kopert b'riallokazzjoni minn linji baġitarji oħra ġestiti mid-DĠ ENER fir-rigward tal-FTEs addizzjonali mhux iffinanzjati bi drittijiet, b'mod partikolari mil-linja baġitarja tal-Programm tal-Enerġija tas-CEF (02 03 02), iżda mingħajr ma jinħoloq preċedent għall-użu tal-fondi tas-CEF.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[56].

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

56 Ara l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2093/2020 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul ieħor

  – ☐ indika jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[57] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għal dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

| |
|---|
| |

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

| |
|---|
| |

57 Rigward ir-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20% fil-kostijiet tal-ġbir.

# ANNESS
# tad-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

Isem il-proposta/l-inizjattiva:

Direttiva tal-Gass


**1. L-GĦADD U L-KOST TAR-RIŻORSI UMANI MEQJUSA NEĊESSARJI**

**2. IL-KOST TA' NEFQA AMMINISTRATTIVA OĦRA**

**3. KOSTIJIET AMMINISTRATTIVI TOTALI**

**4. IL-METODI TAL-KALKOLU UŻATI GĦALL-ISTIMI TAL-KOSTIJIET**

**4.1 RIŻORSI UMANI**

**4.2 NEFQA AMMINISTRATTIVA OĦRA**


*Dan l-anness irid jinhemeż mad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva meta titnieda l-konsultazzjoni bejn is-servizzi.*

*It-tabelli tad-data jintużaw bħala sors għat-tabelli inklużi fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva. Dawn huma strettament għall-użu intern fil-Kummissjoni.*

## 1. Il-kost tar-riżorsi umani meqjusa neċessarji

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | | 2023 | | 2024 | | 2025 | | 2026 | | 2027 | | 2028 | | 2029 | | 2030 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | FTE | Approprjazzjonijiet | FTE | Approprjazzjonijiet | FTE | Approprjazzjonijiet | FTE | Approprjazzjonijiet | FTE | Approprjazzjonijiet | FTE | Approprjazzjonijiet | FTE | Approprjazzjonijiet | FTE | Approprjazzjonij |
| • Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju) | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 20 01 02 01 - Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' rappreżentanza | AD | 1 | 0.152 | 2 | 0.304 | 2 | 0.304 | 3 | 0.456 | 5 | 0.760 | | | | | | |
| | AST | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 20 01 02 03 - Delegazzjonijiet tal-Unjoni | AD | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | AST | | | | | | | | | | | | | | | | |
| • Persunal estern[58] | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 20 02 01 u 20 02 02 – Persunal estern – Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' rappreżentanza | AC | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | END | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | INT | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 20 02 03 – | AC | | | | | | | | | | | | | | | | |

[58] AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

| | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Persunal estern - Delegazzjonijiet tal-Unjoni | AL | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | END | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | INT | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | JPD | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra relatati mar-riżorsi umani (*speċifika*) | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Subtotal tal-HR – INTESTATURA 7** | | 1 | 0.152 | 2 | 0.304 | 2 | 0.304 | 3 | 0.456 | 5 | 0.760 | | | | | | |

Dawn huma kompiti ġodda, li għalihom għad ma hemmx persunal assenjat fi ħdan id-DĠ ENER. Ir-riżorsi umani meħtieġa jistgħu jiġu koperti mill-persunal li jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

| **arra mill-INTESTATURA 7**<br>l-qafas finanzjarju pluriennali | | **2023** | | **2024** | | **2025** | | **2026** | | **2027** | | **2028** | | **2029** | | **20** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | FTE | Approprjazzjonijiet | FTE | Approprjazzjonijiet | FTE | Approprjazzjonijiet | FTE | Approprjazzjonijiet | FTE | Approprjazzjonijiet | FTE | Approprjazzjonijiet | FTE | Approprjazzjonijiet | FTE | App |
| **zzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 1 01 Riċerka Indiretta[59]<br>1 11 Riċerka Diretta<br>(speċifika) | AD | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | AST | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **unal estern[60]** | | | | | | | | | | | | | | | | | |

59 Agħżel il-linja baġitarja rilevanti, jew speċifika oħra jekk ikun meħtieġ; f'każ li jkunu kkonċernati aktar linji baġitarji, il-persunal għandu jkun differenzjat minn kull linja baġitarja kkonċernata

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| al estern rjazzjonijiet zjonali li qabel linji “BA”). | - fil-Kwartieri Ġenerali | AC | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | END | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | INT | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | - fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni | AC | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | AL | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | END | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | INT | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | JPD | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 1 02 Riċerka Indiretta<br>1 12 Riċerka Diretta<br>(speċifika)[61] | | AC | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | END | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | INT | | | | | | | | | | | | | | | | |
| ağitarji oħra relatati mal-HR *ka*) | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **otal tal-HR – Barra mill-INTESTATURA 7** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **al tal-HR (l-Intestaturi kollha tal-QFP)** | | | 1 | 0.152 | 2 | 0.304 | 2 | 0.304 | 3 | 0.456 | 5 | 0.760 | | | | | | |

Dawn huma kompiti ġodda, li għalihom għad ma hemmx persunal assenjat fi ħdan id-DĠ ENER. Ir-riżorsi umani meħtieġa jistgħu jiġu koperti mill-persunal li jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

60 AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f’Delegazzjonijiet.

61 Agħżel il-linja baġitarja rilevanti, jew speċifika oħra jekk ikun meħtieġ; f’każ li jkunu kkonċernati aktar linji baġitarji, il-persunal għandu jkun differenzjat minn kull linja baġitarja kkonċernata

## 2. Il-kost ta' nefqa amministrattiva oħra

X Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi
☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **INTESTATURA 7**<br>tal-qafas finanzjarju pluriennali | Sena N[62] | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | Sena N+4 | Sena N+5 | Sena N+7 | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fil-kwartieri ġenerali jew fit-territorju tal-UE:** | | | | | | | | |
| 20 02 06 01 - Spejjeż tal-missjonijiet u tar-rappreżentanzi | | | | | | | | |
| 20 02 06 02 - Kostijiet tal-konferenzi u tal-laqgħat | | | | | | | | |
| 20 02 06 03 - Kumitati[63] | | | | | | | | |
| 20 02 06 04 Studji u konsultazzjonijiet | | | | | | | | |
| 20 04 – Nefqa tal-IT (korporattiva)[64] | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra mhux relatati mal-HR (*speċifika meta jkun neċessarju*) | | | | | | | | |
| **Fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni** | | | | | | | | |
| 20 02 07 01 - Spejjeż tal-missjonijiet, tal-konferenzi u tar-rappreżentanzi | | | | | | | | |

62 Is-Sena N hija s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara

63 Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li jappartjeni għalih.

64 Hemm bżonn l-opinjoni tad-DĠ DIGIT, it-Tim tal-Investimenti fl-IT (ara l-Linji Gwida dwar il-Finanzjament tal-IT, C(2020) 6126 final tal-10.9.2020, il-paġna 7)

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 20 02 07 02 - Taħriġ ulterjuri tal-persunal | | | | | | | | |
| 20 03 05 – Infrastruttura u loġistika | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħrajn mhux relatati mal-HR (*speċifika meta jkun neċessarju*) | | | | | | | | |
| **Subtotal ta' Oħrajn - INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | | | | | | | | |

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Barra mill-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Sena N[65] | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | Sena N+4 | Sena N+5 | Sena N+7 | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva (ma tinkludix il-persunal estern) minn approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li qabel kienu l-linji "BA"): | | | | | | | | |
| - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | | |
| - fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' tmexxija għar-riċerka | | | | | | | | |
| Nefqa politika tal-IT fuq programmi operazzjonali[66] | | | | | | | | |

65 Is-Sena N hija s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara

66 L-opinjoni tad-DĠ DIGIT – Tim tal-Investimenti fl-IT hija meħtieġa (ara l-Linji Gwida dwar il-Finanzjament tal-IT, C(2020)6126 final tal-10.9.2020, paġna 7)

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nefqa korporattiva tal-IT fuq programmi operazzjonali[67] | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħrajn mhux relatati mal-HR (*speċifika meta jkun neċessarju*) | | | | | | | | |
| **Subtotal ta' Oħrajn – Barra mill-INTESTATURA 7**<br>tal-qafas finanzjarju pluriennali | | | | | | | | |
| **Total ta' Nefqa amministrattiva oħra (l-Intestaturi kollha tal-QFP)** | | | | | | | | |

[67] Din il-partita tinkludi sistemi amministrattivi lokali u kontribuzzjonijiet għall-kofinanzjament ta' sistemi korporattivi tal-IT (ara l-Linji Gwida dwar il-Finanzjament tal-IT, C(2020) 6126 final tal-10.9.2020)

## 3. Kostijiet amministrattivi totali (l-Intestaturi kollha tal-QFP)

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Sommarju | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 | 2029 | 2030 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Intestatura 7 - Riżorsi Umani | 0.152 | 0.304 | 0.304 | 0.456 | 0.760 | | | |
| Intestatura 7 – Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | |
| **Subtotal ta’ Intestatura 7** | 0.152 | 0.304 | 0.304 | 0.456 | 0.760 | | | |
| Barra mill-Intestatura 7 – Riżorsi Umani | | | | | | | | |
| Barra mill-Intestatura 7 – Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | |
| **Subtotal ta’ Intestaturi Oħra** | | | | | | | | |
| **TOTAL INTESTATURA 7 u Barra mill-INTESTATURA 7** | 0.152 | 0.304 | 0.304 | 0.456 | 0.760 | | | |

Dawn huma kompiti ġodda għalkollox. L-approprjazzjonijiet amministrattivi meħtieġa jistgħu jiġu koperti mill-baġit li jista’ jiġi riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

**4.**

## 4. Il-metodi tal-kalkolu użati għall-istimi tal-kostijiet

### 4.1 Riżorsi umani

*Din il-parti tistabbilixxi l-metodu tal-kalkolu li ntuża sabiex jiġu stmati r-riżorsi umani meqjusa neċessarji (suppożizzjonijiet tal-ammont ta' xogħol, inkluż il-karigi speċifiċi (il-profili tax-xogħol tas-Sysper 2), il-kategoriji tal-persunal u l-kostijiet medji korrispondenti)*

| **INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali |
|---|
| Nota: Il-kostijiet medji għal kull kategorija tal-persunal fil-Kwartieri Ġenerali jinsabu fuq BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/pre/legalbasis/Pages/pre-040-020_preparation.aspx |
| • Uffiċjali u persunal temporanju<br>Mill-pożizzjonijiet ta' AD 1 sa 5 biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tar-Regolament:<br>- Sorveljanza u koordinazzjoni mal-ACER<br>- L-iżvilupp ta' qafas regolatorju għall-iżvilupp ibbażat fuq is-suq tas-settur tal-idroġenu u n-networks tal-idroġenu<br>- L-iżvilupp tal-qafas legali meħtieġ għat-titjib tal-kundizzjonijiet għall-kummerċ transfruntier tal-gass, filwaqt li jitqies ir-rwol dejjem akbar tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, u aktar drittijiet għall-konsumaturi<br>- L-iżgurar li l-entitajiet pan-Ewropej tal-operaturi ta' network jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE<br><br>Il-kostijiet medji jiġu min-nota Ares(2020)7207955. |
| • Persunal estern |

| **Barra mill-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali |
|---|
| • Pożizzjonijiet iffinanzjati biss mill-baġit tar-riċerka |
| • Persunal estern |

### 4.2 Nefqa amministrattiva oħra

*Agħti dettalji fuq il-metodu tal-kalkolu użat għal kull linja baġitarja*

*u partikolarment is-suppożizzjonijiet sottostanti (eż. l-għadd ta' laqgħat kull sena, il-kostijiet medji, eċċ.)*

| **INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali |
|---|
| |

| |
|---|
| |

| **Barra mill-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali |
|---|
| |